

# BULLETTIN *ta'* L-ARĊIDJOĊESI *u* LITURĠIJA *tal-* KELMA

**Nru. 89**
**Sajf 1996**

MEK

# BULETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI U LITURĠIJA TAL-KELMA

Nru. 89 Sajf 1996

## WERREJ

Messaġġ tal-Papa għal Jum il-Komunikazzjoni Soċjali 1996 ............ 269
Ittra tal-Papa lis-Saċerdoti għal Ħamis ix-Xirka 1996 ............ 272
Ittra tal-Papa dwar il-Qrar ............ 282
Qaddisin ġodda fil-Kalendarju liturġiku ............ 286
Sesswalità Umana: Verità u Tifsir ............ 287
Messaġġ ta' l-Isqfijiet dwar għoti ta' Organi ............ 350
Pastorali tar-Randan 1996 ............ 352
Messaġġi ta' l-Arċisqof ............ 356
Dokumenti u Ċirkolarijiet tal-Kurja (335-337) ............ 371
Rapport tat-Tribunal Ekklesjastiku ............ 378
L-Għanijiet tal-Caritas Malta ............ 384
Arti u Liturġija f'Malta ............ 398
Eżempju ta' Omeliji ............ 437

BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI
U LITURĠIJA TAL-KELMA

Nru. 89 Sajf 1996

# Messaġġ tal-Papa għal Jum il-Komunikazzjoni Soċjali 1996

Għeżież ħuti,

Din is-sena s-suġġett ta' Jum il-Komunikazzjoni Soċjali hu l-*Media*, l-arjopagu għall-promozzjoni tal-mara fis-soċjetà; nammettu li l-*mass media* għandhom ħidma speċjali mhux biss biex iġibu 'l quddiem il-ġustizzja u l-ugwaljanza għan-nisa, imma wkoll biex jagħtu importanza lid-doni li huma b'mod speċifiku d-doni tan-nisa u li f'okkażjoni oħra sejjaħtilhom il-"ġenju" tal-mara (ara *Mulieris dignitatem,* 30; *Ittra lin-nisa,* 10).

Is-sena l-oħra, fl-Ittra lin-nisa ridt nibda djalogu, b'mod partikulari magħhom stess, dwar x'jiġifieri tkun mara fid-dinja ta' llum (ara n 1). Semmejt ukoll "it-tfixkil f'ħafna postijiet tad-dinja li ma jħallix in-nisa jkollhom post sħiħ fil-ħajja soċjali, politika u ekonomika" (n. 4). Dan hu djalogu li dawk il-persuni li jaħdmu fil-*mass media,* jistgħu, anzi huma fid-dmir li jġibu 'l quddiem u jwettquh. Il-ħaddiema tal-komunikazzjoni soċjali, li spiss huma avukati ta' dawk li ħadd ma jismagħhom u ta' dawk li huma mwarrbin – u għalhekk ħaqqhom kull tifħir – qegħdin f'qagħda, li ħadd ieħor ma għandu, li jqanqlu l-kuxjenza pubblika biex tagħti każ ta' żewġ problemi serji dwar il-qagħda tal-mara fid-dinja ta' llum.

L-ewwelnett, kif ktibt fl-Ittra lin-nisa, il-maternità qed tiġi kastigata flok tiġi premjata , ukoll jekk il-ġens kollu tal-bnedmin qed ikompli jeżisti minħabba dawk in-nisa li għażlu jiżżewġu u jkunu ommijiet (ara n 4). Hi żgur inġustizzja jekk ma' dawn in-nisa jkun hemm għemil ta' diskriminazzjoni sew ekonomika u sew soċjali, għax għażlu l-vokazzjoni fundamentali tagħhom. Fl-istess waqt semmejt il-ħtieġa li, kemm jista' jkun malajr, in-nisa jkollhom effettivament dinjità daqs ta' l-irġiel f'kull qasam: l-istess paga għall-istess xogħol, ħarsien għall-ommijiet jaħdmu, ġustizzja fejn jidħlu avanzamenti fil-karriera, ugwaljanza tal-miżżewġin dwar id-*drittijiet tal-familja* u għarfien sħiħ f'dak kollu li hu parti mid-drittijiet u d-dmirijiet taċ-ċittadini fi stat demokratiku (ara n 4).

Imbagħad, il-progress fl-emanċipazzjoni vera tan-nisa hi kwistjoni ta' ġustizzja li m'għandhiex tkompli tiġi traskurata; hi kwistjoni tal-ġid tas-soċjetà. B'xorti tajba, dejjem aktar qed tingħaraf il-ħtieġa li l-mara jkollha sehem akbar fil-ħidma ħa jinħallu l-problemi serji tas-soċjetà u tal-ġejjieni tagħha. "Fl-oqsma kollha numru akbar ta' nisa preżenti fis-soċjetà jkun ta' siwi kbir għax jgħinu biex joħorġu beraħ il-konradizzjonijiet li hemm f'soċjetà organizzata biss fuq-kriterji ta' effiċjenza u produttività, u twassal biex is-sistemi jiġu mfassla mill-ġdid b'mod li jgħin il-proċessi ta' umaninazzjoni li juru "iċ-ċivilta ta' l-imħabba" (ibid n. 4).

Iċ-"ċivilta ta' l-imħabba", b'mod definittiv, tikkonsisti f'affermazzjoni radikali tal-valur tal-ħajja u tal-valur ta' l-imħabba. In-nisa b'mod partikulari huma kwalifikati u privileġġjati dwar dawn iż-żewġ valuri. Dwar il-ħajja, għalkemm m'humiex waħedhom responsabbli li jxandru l-valur tagħha fiha nfisha, għandhom fiha ħidma li ma jistax jagħmilha ebda ħaddieħor minħabba r-rabta intima li torbothom mal-misteru ta' l-għoti tal-ħajja. Dwar l-imħabba mbagħad huma jafu jwasslu f'kull aspett ta' l-eżistenza, f'dawk ukoll li fihom iridu jittieħdu deċiżjonijiet ta' importanza liema bħalha, dik il-kwalità essenzjali tal-ġenju tal-mara li twassalhom biex jiġġudikaw oġġettivament, waqt li jtaffu l-ġudizzju tagħhom bil-ħila li għandhom ħa jifhmu fil-fond il-ħtiġijiet proprji ta' kull relazzjoni bejn il-persuni.

Il-*mass media* (l-istampa, iċ-ċinema, ir-radju, it-televiżjoni, l-industrija mużikali, l-istazzjonijiet ta' informazzjoni) huma l-arjopagu ta' llum fejn jaslu u jiġu mxerrda l-informazzjonijiet kollha biex jaslu għand udjenza universali, fejn isir bdil ta' fehmiet, fejn tissawwar l-imġiba u fejn bil-fatti qed titħejja kultura ġdida. Għalhekk għandhom influwenza kbira biex iwasslu lis-soċjetà ħa tagħraf u tapprezza l-kwalitajiet speċifiċi tan-nisa.

Spiss, b'sogħba kbira, il-mara qed tiġi sfruttata mill-*mass media* flok mogħtija ġieħ. Kemm-il darba naraw il-mara trattata mhux bħala persuna b'dinjità li qatt ma tista' tiġi mċaħħda minnha, imma bħala xi ħaġa tajba biss biex tissodisfa l-pjaċir u s-setgħa ta' l-oħrajn? Kemm-il darba rajna mbaxxija u saħansitra mwaqqa' għaċ-ċajt il-ħidma tal-mara bħala miżżewġa u omm? Kemm-il darba il-ħidma tan-nisa fuq ix-xogħol jew f'xi professjoni ġiet impinġija bħala karikatura tar-raġel, b'ċaħda tal-kwalitajiet speċifiċi ta' l-intwizzjoni tal-mara, tal-mogħdrija u ta' għarfien tagħha, li huma kontribut essenzjali għaċ-"ċivilta ta' l-imħabba"?

In-nisa jistgħu jagħmlu ħafna biex jgħinu ħa jkun hemm trattament aħjar tal-mara mill-*mass media,* bili jġibu 'l quddiem, permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, programmi edukattivi, billi jgħallmu lill-oħrajn, speċjalment lill-qrabathom, jużaw b'mod kritiku l-*mass media,* billi juru lill-kumpaniji tal-produzzjoni, lill-edituri, lill-istazzjonijiet tar-radju u tat-

televiżjoni, lil dawk li jagħmlu r-riklami, kif jaħsbuha dwar programmi u pubblikazzjonijiet li jinsultaw id-dinjità tal-mara jew ibaxxu s-sehem tagħha fis-soċjetà. Barra dan, in-nisa jistgħu u għandhom iħejju ruħhom biex jiksbu pożizzjonijiet ta' responsabbiltà u ta' kreattività fid-dinja tal-komunikazzjoni soċjali, mhux biex jippikaw jew biex jagħmlu bħalma jagħmlu l-irġiel, imma billi juru l-ġenju personali tagħhom, fix-xogħol proprju tagħhom u fil-ħidma professjonali tagħhom.

Il-*mass media* jagħmlu tajjeb jekk joħorġu għad-dawl l-għemil erojku tan-nisa fi-sosċjetà, dak ukoll tal-Qaddisin nisa tat-tradizzjoni Nisranija, bħala eżempji għall-ġenerazzjonijiet ġodda u għal dawk tal-ġejjieni. U f'din il-ħaġa lanqas għandna ninsew il-ħafna nisa konsagrati, li ssagrifikaw kollox biex imorru wara Ġesù u jiddedikaw ruħhom għat-talb u għall-qadi tal-foqra, tal-morda, ta' l-analfabeti, taż-żgħażagħ, ta' l-anzjani, tal-ħandikappati; hemm minnhom li qed jaħdmu fil-*mass media* biex iħabbru l-Bxara t-Tajba lill-foqra (ara Lq 4, 18).

"Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej" (Lq 1, 46). Il-Verġni Marija, hija u tagħraf "il-ħwejjeġ kbar" li s-Setgħani għamel magħha, lissnet dawn il-kelmiet bi tweġiba għat-tislima ta' qaribtha Eliżabetta. Id-dehra tal-mara li qed iwasslulna l-*mass media* jmissha turi l-għarfien li d-don ta' kull mara hu tħabbira tal-kobor tal-Mulej, għajn ta' ħajja u ta' mħabba, ta' tjieba u ta' grazzja, għajn ta' dinjità u ta' ugwaljanza bejn ir-raġel u l-mara, u tal-ġenju speċifiku tagħha.

Jien nitlob b li t-tletin Jum Dinji tal-Komunikazzjoni soċjali jqawwi qalb dawk kollha li qed jaħdmu fil-*mass media,* b'mod speċjali lil ulied il-Knisja, biex iġibu 'l quddiem titjib veru fir-rispett għad-dinjità u għad-drittijiet tal-mara, billi juru dehra vera kollha rispett għall-ħidma tal-mara fi ħdan is-soċjetà hekk li tidher sewwa *l-verità sħiħa fuq in-nisa* (Ittra lin-nisa, n. 12).

Mill-Vatikan, 24 ta' Jannar 1996

*IOANNES PAULUS PP II*

# ITTRA TAL-PAPA ĠWANNI PAWLU II LIS-SAĊERDOTI GĦALL-ĦAMIS IX-XIRKA 1996

## FIL-ĦAMSIN ANNIVERSARJU TAS-SAĊERDOZJU TIEGĦU

Għeżież ħuti fis-saċerdozju,

### Il-vokazzjoni waħdanija ta' Kristu Saċerdot

*"Inqisu s-sejħa tagħna"* (ara 1 Kor 1,26). Is-saċerdozju hu sejħa, sejħa partikulari: "Ħadd ma għandu jieħu b'idejh għalih innifsu dan il-ġieħ, imma biss min hu *msejjaħ minn Alla"* (Lhud 5,4). L-Ittra lil-Lhud issemmi s-saċerdozju tat-Testment il-Qadim biex tgħinna nifhmu l-misteru ta' Kristu Saċerdot. "Kristu ma tax lilu nnifsu l-ġieħ li jkun il-qassis il-kbir, imma dan tahulu Alla li qallu: ... *Int qassis għal dejjem skond l-ordni ta' Melkisedek"* (5,5-6).

1. Kristu, l-Iben ta' l-istess natura tal-Missier, sar saċerdot tal-Patt il-Ġdid, skond l-ordni ta' Melkisedek: mela hu wkoll *ġie msejjaħ għas-saċerdozju.* Hu l-Missier li "sejjaħ" lil Ibnu, li nissel b'att ta' mħabba eterna, biex "jidħol fid-dinja" (ara Lhud 10,5) u jsir bniedem. Hu ried li l-Iben il-waħdieni tiegħu jsir bniedem biex ikun "qassis għal dejjem", il-qassis waħdieni tal-Patt ġdid u etern. Is-sejħa ta' l-Iben għas-saċerdozju turi kemm hu profond il-*misteru Trinitarju.* Għax l-Iben biss, il-Kelma tal-Missier, li fih u bih inħoloq kollox, jista' bla heda joffri l-ħolqien b'sagrifiċċju lill-Missier. Hekk hu jwettaq li kull ma hu maħluq ġie mingħand il-Missier u għandu jsir offerta ta' tifħir lill-Ħallieq. Hekk il-misteru tas-saċerdozju *għandu l-bidu tiegħu fit-Trinità Qaddisa,* u fl-istess waqt, hu *konsegwenza ta' l-Inkarnazzjoni.* Meta sar bniedem, l-Iben il-waħdieni u etern tal-Missier, imwieled minn mara, daħal fl-ordni maħluq u b'hekk sar saċerdot, is-saċerdot waħdieni u etern.

Il-kittieb ta' l-Ittra lil-Lhud jinsisti li s-saċerdozju ta' Kristu *hu marbut mas-sagrifiċċju tas-Salib:* "Kristu ġie bħala l-qassis il-kbir tal-ġid li ġa ġie. Hu daħal minn tinda aqwa u aktar perfetta li m'hijiex maħduma

b'idejn il-bnedmin, jiġifieri m'hijiex ħolqien ta' din l-art; hu daħal darba għal dejjem fis-Santwarju ... bis-saħħa ta' demmu stess u hekk kiseb fidwa għal dejjem" (Lhud 9,11-12). Is-saċerdozju ta' Kristu għandu l-għeruq tiegħu fl-għemil tal-*fidwa*. Kristu hu *s-saċerdot tas-sagrifiċċju tiegħu stess:* "bl-Ispirtu ta' dejjem offra lilu nnifsu vittma safja lil Alla" (Lhud 9,14). Is-saċerdozju tal-Patt il-Ġdid, li għalih aħna msejħin fil-Knisja, hu għalhekk *sehem minn dan is-saċerdozju waħdieni ta' Kristu.*

## Saċerdozju Komuni u Saċerdozju Ministerjali

2. Il-Konċilju Vatikan II *jitkellem dwar "is-sejħa"* bl-iktar mod wiesgħa. Jitkellem dwar is-sejħa tal-bniedem, is-sejħa tan-nisrani u s-sejħa għażżwieġ u għall-ħajja tal-familja. F'dan il-kuntest, is-saċerdozju hu wieħed minn ħafna vokazzjonijiet, triq waħda minn ħafna biex wieħed ikun jista' jimxi wara Kristu, li fl-Evanġelju spiss itenni l-istedina: "Imxi warajja".

Fil-Kostituzzjoni dommatika dwar il-Knisja, *Lumen Gentium*, il-Konċilju jgħallem li l-imgħammdin kollha jieħdu sehem mis-saċerdozju ta' Kristu. Iżda fl-istess waqt il-Konċilju *jagħmel għażla ċara* bejn is-saċerdozju tal-Poplu ta' Alla, komuni għall-insara kollha, u s-saċerdozju ġerarkiku jew ministerjali. Dwar dan tajjeb li wieħed iġib b'mod sħiħ il-paragrafu, mimli tagħlim, tal-Kostituzzjoni: "Kristu l-Mulej, il-Qassis il-kbir meħud minn fost il-bnedmin (ara Lhud 5,1-5), għamel mill-poplu ġdid tiegħu 'saltna, qassisin għal Alla Missieru' (Apok 1,6; ara 5,9-10). L-imgħammdin, bit-twelid ġdid tagħhom u bl-unzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu, huma kkonsagrati biex ikunu dar spiritwali u saċerdozju qaddis. Hekk, permezz tal-ħidma kollha tal-bniedem nisrani, jistgħu joffru sagrifiċċji spiritwali u jħabbru s-setgħa ta' Dak li sejħilhom mid-dlam għad-dawl tiegħu ta' l-għaġeb (ara 1 Piet 2,4-10). Għalhekk, id-dixxipli kollha ta' Kristu, waqt li jżommu sħaħ fit-talb u fit-tifħir lil Alla (ara Atti 2,42-47), għandhom joffru ġisimhom b'sagrifiċċju ħaj, qaddis, li jogħġob lil Alla (ara Rum 12,1). Kullimkien fid-dinja jagħtu xhieda ta' Kristu u jagħtu tweġiba lil kull min jitlobhom il-għala tat-tama li għandhom (ara 1 Piet 3,15). *Is-saċerdozju komuni tal-fidili u s-saċerdozju ministerjali jew ġerarkiku, għalkemm huma differenti fl-essenza u mhux biss fil-grad, madankollu huma maħsuba għal xulxin. Kull wieħed bil-mod tiegħu* għandhom sehem mis-saċerdozju waħdieni ta' Kristu. Is-saċerdot ministerjali, bis-setgħa qaddisa li għandu, jsawwar u jmexxi l-poplu saċerdotali. Fil-persuna ta' Kristu, iġedded is-sagrifiċċju ewkaristiku u joffrih lil Alla f'isem il-poplu kollu. Min-naħa tagħhom, il-fidili jingħaqdu fl-offerta ta' l-Ewkaristija, bis-saħħa tas-saċerdozju regali tagħhom. Huma jeżerċitaw ukoll is-saċerdozju tagħhom meta jirċievu s-sagramenti, bit-

talb u bir-radd il-ħajr, bix-xhieda ta' ħajja qaddisa, biċ-ċaħdiet tagħhom u b'għemejjel ta' mħabba" (*Lumen gentium*, 10).

*Is-saċerdozju ministerjali hu għall-qadi tas-saċerdozju komuni tal-fidili.* Dan għaliex meta saċerdot jiċċelebra l-Ewkaristija u jamministra s-sagramenti, ikun qed jgħin lill-fidili jagħarfu s-sehem proprju tagħhom fis-saċerdozju ta' Kristu.

## Is-sejħa personali għas-saċerdozju

3. Hu għalhekk ċar li, fil-kuntest usa' tal-vokazzjoni nisranija, il-vokazzjoni saċerdotali hi sejħa speċifika. U dan nistgħu narawh mill-esperjenza personali tagħna bħala saċerdoti: irċevejna l-Magħmudija u l-Konfermazzjoni; ħadna sehem fil-katekeżi, fiċ–ċelebrazzjonijiet liturġiċi u b'mod speċjali fl-Ewkaristija. Il-vokazzjoni tagħna għas-saċerdozju dehret l-ewwel *fi ħdan il-ħajja nisranija tagħna.*

Iżda kull vokazzjoni għas-saċerdozju *għandha l-istorja individwali tagħha,* marbuta ma' mumenti speċifiċi tal-ħajja ta' kull wieħed minna. Meta Kristu sejjaħ lill-Appostli, lil kull wieħed minnhom qallu: "Imxi warajja" (Mt 4,19; 9,9; Mk 1,17; 2,14; Lq 5,27; Ġw 1,43; 21,19). Għal elfejn sena baqa' jagħmel din l-istess stedina lil ħafna rġiel, l-aktar żgħażagħ. Xi kull tant isejħilhom b'mod li ma tistennihx, anke jekk is-sejħa ma tiġix għall-għarrieda għal kollox. Is-sejħa ta' Kristu biex wieħed jimxi warajh ġeneralment *tiġi wara tħejjija fit-tul.* Is-sejħa li ġa tkun tinsab f'moħħ iż-żagħżugħ, anke jekk aktar tard tkun imdallma minn nuqqas ta' deċiżjoni jew minn ħajra għal triqat oħra li jista' jkollu, meta terġa' tinħass ma tkunx sorpriża. Għalhekk mhix ħaġa ta' l-għaġeb li din is-sejħa tegħleb sejħat oħra, u ż-żagħżugħ ikun jista' jibda miexi fit-triq li Kristu jurih: iħalli l-familja u jibda t-tħejjija speċifika tiegħu għas-saċerdozju.

Hemm *tipoloġija tal-vokazzjoni* li issa rrid infisser fil-qosor. Insibu l-ewwel ħjiel ta' din it-tipoloġija fit-Testment il-Ġdid. Bil-kliem: "Imxi warajja", Kristu jsejjaħ nies ta' kull sura: hemm *sajjieda* bħal Pietru u wlied Żebedew (ara Mt 4,19.22), iżda hemm ukoll Levi, *pubblikan,* li minn dak in-nhar 'il quddiem jissejjaħ Mattew. F'Israel il-professjoni ta' min jiġbor it-taxxi kienet meqjusa bħala professjoni ta' dnub u mistkerrħa. U madankollu Kristu sejjaħ pubblikan biex jingħaqad ma' l-Appostli (ara Mt 9,9). Aktar ma tistennihiex kienet *is-sejħa ta' Sawlu ta' Tarsu* (Atti 9,1-19), persekutur magħruf u jbeżżà' ta' l-insara, li kien jobgħod isem Ġesù. Iżda dan il-Fariżew ġie msejjaħ fit-triq ta' Damasku: il-Mulej ried jagħmlu "għodda maħtura", li kellu jbati ħafna għal isem Kristu (ara Atti 9,15-16).

Kull wieħed minna s-saċerdoti għandu jara lilu nnifsu fit-tipoloġija oriġinali tal-vokazzjoni li nsibu fl-Evanġelji. Fl-istess waqt, kull wieħed minna jaf li l-istorja tal-vokazzjoni tiegħu, it-triq li minnha jmexxih il-

Mulej tul ħajtu, hi f'ċertu sens unika. Għeżież ħuti fis-saċerdozju, għandna spiss nieqfu naħsbu u nitolbu fuq il-misteru tal-vokazzjoni tagħna, b'qalbna mimlija bi stgħaġib u ħajr lil Alla għal dan id-don kbir tiegħu.

## Il-vokazzjoni saċerdotali ta' l-Appostli

4. Ix-xbieha tal-vokazzjoni li waslilna l-Evanġelju hi marbuta b'mod partikulari *mal-figura tas-sajjied*. Ġesù sejjaħ għal warajh xi sajjieda tal-Galilija, fosthom lil Xmun Pietru, u fisser x'kienet il-missjoni appostolika billi tkellem dwar is-sengħa tagħhom. Wara l-qabda mirakoluża ta' ħut, meta Pietru nxteħet f'riġlejn il-Mulej u qallu: "Tbiegħed minni, Mulej, għax jiena raġel midneb", Kristu wieġbu: "Tibżax, minn issa 'l quddiem tkun taqbad in-nies" (Lq 5,8.10).

Pietru u l-Appostli l-oħra għexu flimkien ma' Ġesù u marru miegħu kull fejn ħaditu l-missjoni tiegħu. Semgħu kliemu, stgħaġbu b'għemilu, u stgħaġbu wisq aktar bil-mirakli li għamel. Kienu jafu li Ġesù kien il-Messija, mibgħut minn Alla biex juri lil Israel u lill-ġens kollu tal-bnedmin it-triq tas-salvazzjoni. Iżda l-fidi tagħhom kellha tgħaddi mill-ġrajja misterjuża tas-salvazzjoni, li hu ħabbar kemm-il darba: "Bin il-bniedem għandu jkun mogħti f'idejn il-bnedmin, u joqtluh, u fit-tielet jum iqum" (Mt 17,22-23). Dan kollu seħħ fil-ġranet tal-Mewt u l-Qawmien għall-ħajja, fil-ġranet li l-liturġija ssejjaħ *It-Tlett ijiem imqaddsa ta' l-Għid.*

Kien proprju tul il-ġrajja ta' l-Għid li Kristu wera lill-Appostli li *l-vokazzjoni tagħhom kienet dik li jkunu saċerdoti bħalu u fih.* Dan ġara fiċ-Ċenaklu lejlet il-mewt fuq is-Salib, meta ħa l-ħobż u mbagħad il-kalċi bl-inbid u qal fuqhom il-kliem tal-konsagrazzjoni. Il-ħobż u l-inbid saru l-Ġisem u d-Demm tiegħu, mogħtijin b'sagrifiċċju għall-ġens kollu tal-bnedmin. U Ġesù temm kliemu billi ordna lill-Appostli: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi" (1 Kor 11,25). B'dawn il-kelmiet *fdalhom is-sagrifiċċju tiegħu stess* u, permezz tagħhom, wasslu lill-Knisja għal kull żmien. Meta Kristu fada lill-Appostli t-tifkira tas-sagrifiċċju tiegħu, hu seħibhom fis-saċerdozju tiegħu. Għaliex hemm *rabta* kbira *bejn l-offerta u s-saċerdot,* rabta li ma tista' tinħall qatt: dak li joffri s-sagrifiċċju ta' Kristu għandu jkollu sehem mis-saċerdozju ta' Kristu. Għalhekk il-vokazzjoni għas-saċerdozju hi vokazzjoni għall-offerta *in persona Christi* tas-sagrifiċċju tiegħu stess, bil-qawwa tas-sehem li għandu fis-saċerdozju tiegħu. Mill-Appostli aħna writna il-ministeru saċerdotali.

## Is-saċerdot jilħaq il-milja tiegħu bi tweġiba attenta u dejjem ġdida

5. *"L-Imgħallem hawn, u qiegħed isejjaħlek"* (ara Ġw 11,28). Dawn il-kelmiet nistgħu naqrawhom b'riferenza għall-vokazzjoni saċerdotali.

*Is-sejħa ta' Alla hi fil-bidu tal-mixja* li kull persuna trid tagħmel fil-ħajja: hi l-aspett primarju u fundamentali tal-vokazzjoni iżda mhux l-uniku aspett. L-ordinazzjoni saċerdotali hi biss il-bidu tal-mixja li tibqa' sejra salmewt, mixja li hi "vokazzjonali" f'kull pass tagħha. Il-Mulej isejjaħ lis-saċerdoti għal għadd ta' ħidmiet u ministeri li joħorġu minn din il-vokazzjoni. Iżda hemm livell aktar profond wkoll. Barra d-dmirijiet li juru x'inhu l-ministeru saċerdotali, dejjem hemm realtà moħbija fihom tal-fatt li "int saċerdot". Il-qagħdiet u ċ-ċirkostanzi tal-ħajja jsejħu bla heda lis-saċerdot biex *iwettaq l-għażla tiegħu tal-bidu, biex dejjem iwieġeb mill-ġdid għas-sejħa ta' Alla.* Il-ħajja saċerdotali tagħna, bħal kull sura vera ta' ħajja nisranija, hi tweġiba, waħda wara l-oħra, għas-sejħat ta' Alla.

F'din il-ħaġa tfisser ħafna l-parabbola tal-qaddejja li qed jistennew lil sidhom jiġi lura. Jekk sidhom ittardja, iridu jibqgħu mqajmin, biex isibhom jishru meta jiġi (ara Lq 12,15-40). Ma tistax l-għassa evanġelika *tkun mod ieħor li jfisser it-tweġiba għall-vokazzjoni?* Dan għaliex il-vokazzjoni wieħed irid jgħixha b'sens qawwi ta' responsabbiltà. Kristu jinsisti ħafna fuq dan: "Henjin dawk il-qaddejja li meta jiġi sidhom isibhom jishru ... U kieku kellu jiġi fil-ħin tat-tieni sahra, jew tat-tielet, u jsibhom xorta waħda fuq dmirhom, henjin huma" (Lq 12, 37-38).

Is-saċerdoti fil-Knisja Latina jaċċettaw *l-impenn li jgħixu fiċ-ċelibat.* Jekk il-vokazzjoni hi għassa, żgur li aspett sinifikattiv tagħha hu l-fedeltà lejn dan l-impenn tul il-ħajja kollha. Iżda ċ-ċelibat hu biss dimensjoni waħda tal-vokazzjoni – il-vokazzjoni li wieħed irid jgħixha tul ħajtu kollha, bħala impenn sħiħ fil-ħafna ħidmiet differenti li joħorġu mis-saċerdozju.

*Il-vokazzjoni m'hijiex xi ħaġa statika:* għandha dinamiżmu fiha nfisha. Għeżież ħuti fis-saċerdozju, aħna nwettqu u ntemmu l-vokazzjoni tagħna daqskemm ngħixu fedelment *il-"misteru" tal-patt ta' Alla mal-bnedmin,* u b'mod partikulari il-"misteru" ta' l-Ewkaristija. Intemmuh daqskemm aktar *inħobbu* intensament is-*saċerdozju* u l-ministeru saċerdotali li aħna msejħin naqdu. Imbagħad insibu li nkunu lħaqna *l-milja tagħna* filli aħna saċerdoti. B'hekk nikkonfermaw l-awtentiċità tal-vokazzjoni tagħna, skond il-pjan waħdieni u etern ta' Alla għal kull wieħed minna. Dan il-pjan ta' Alla jseħħ daqskemm aħna *ngħarfuh u naċċettawh* bħala pjan u programm għal ħajjitna.

## Is-saċerdozju bħala "Officium Laudis"

6. *Gloria Dei vivens homo.* Dan il-kliem ta' San Irinew (*Adv. Haer.* IV, 20, 7) jorbot flimkien *l-glorja ta' Alla u r-realizzazzjoni tal-bniedem.* "Mhux lilna, Mulej, mhux lilna, iżda lil ismek sebbaħ" (Salm 115, 1); aħna

u ntennu ta' spiss dawn il-kelmiet tas-salmista, naslu biex nifhmu li l-fatt li "nirrealizzaw" lilna nfusna fil-ħajja għandu riferenza u għan li huma traxxendenti. Dawn it-tnejn insibuhom fil-kliem "il-glorja ta' Alla": aħna msejħin biex nagħmlu ħajjitna *officium laudis.*

*Il-vokazzjoni saċerdotali hi sejħa speċjali għal dan l-"officium laudis".* Meta s-saċerdot jiċċelebra l-Ewkaristija, meta jagħti l-maħfra ta' Alla fis-sagrament tal-Penitenza jew jamministra s-sagramenti l-oħra, hu dejjem qed ifaħħar 'l Alla. Is-saċerdot għalhekk għandu jħobb *l-glorja ta' Alla ħaj* u jħabbar, flimkien mal-komunità ta' dawk li jemmnu, l-glorja ta' Alla li tiddi fil-ħolqien u fil-fidwa. Is-saċerdot hu msejjaħ biex jingħaqad b'mod speċjali ma' Kristu, il-Kelma ta' dejjem, il-Bniedem veru, il-Feddej tad-dinja: fil-Fidwa, fil-fatt, tidher il-milja tal-glorja li l-ġens kollu tal-bnedmin u l-ħolqien kollu jagħtu lill-Missier f'Ġesù Kristu.

*Officium laudis* m'huwiex biss il-kliem tas-Salterju, l-innijiet liturġiċi, l-għana tal-poplu ta' Alla li jitla' quddiem il-Ħallieq bl-ilsna kollha ta' l-art; l-*officium laudis* hu fuq kollox l-għarfien dejjem sejjer ta' dak li hu veru, tajjeb u sabiħ, li d-dinja tirċievi bħala don mingħand il-Ħallieq. Flimkien ma' dan, hemm l-għarfien tas-sens ta' l-eżistenza tal-bniedem. Il-misteru tal-Fidwa temm għal kollox u wera dan is-sens, u hekk qarreb il-ħajja umana lejn il-ħajja ta' Alla. Il-Fidwa, li seħħet darba għal dejjem fil-Misteru ta' l-Għid permezz tal-Passjoni, tal-Mewt u tal-Qawmien għall-ħajja ta' Kristu, turi mhux biss il-qdusija traxxendentali ta' Alla, imma wkoll, kif jgħallem il-Konċilju Vatikan II, turi "l-bniedem lill-bniedem innifsu" (*Gaudium et Spes,* 22).

Il-glorja ta' Alla tinsab miktuba fl-ordni tal-ħolqien u fl-ordni tal-fidwa: is-saċerdot hu msejjaħ biex jgħix dan il-misteru fil-milja kollha tiegħu biex ikollu sehem fl-*officium laudis* kbir li bla heda jseħħ fl-univers kollu. Hu biss bl-*għajxien fil-fond tal-verità tal-fidwa* tad-dinja u tal-umanità, li hu jista' jersaq qrib it-tbatijiet u l-problemi ta' l-individwi u tal-familji, u bla biża' jħabbat wiċċu mar-realtà tal-ħażen u tad-dnub, b'dik il-qawwa spiritwali meħtieġa biex jegħlibhom.

## Is-saċerdot jissieħeb mal-fidili lejn il-milja tal-ħajja f'Alla

7. *Glorja Dei vivens homo.* Is-saċerdot, li hu msejjaħ biex jagħti glorja lil Alla, hu fl-istess waqt immarkat sewwa mill-verità li tinsab fit-tieni parti tal-frażi ta' San Irinew: *vivens homo. L-imħabba għall-glorja ta' Alla ma tbigħedx lis-saċerdot mill-ħajja* u minn dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ħajja; għall-kuntrarju, il-vokazzjoni tiegħu twasslu biex jiskopri s-sens sħiħ tagħha.

X'ifissru l-kelmiet *vivens homo*? Ifissru *l-bniedem fil-milja tal-verità tiegħu:* il-bniedem maħluq minn Alla fuq ix-xbieha u s-sura tiegħu; il-bniedem li lilu Alla fdalu l-art biex jaħkimha; il-bniedem imżejjen b'varjetà liema bħalha ta' natura u ta' grazzja; il-bniedem meħlus mill-jasar tad-dnub u mgħolli għad-dinjità ta' iben adottiv ta' Alla.

Dan hu l-bniedem u din hi l-umanità li s-saċerdot għandu quddiemu huwa u jiċċelebra il-misteri qaddisa: mit-tarbija għadha titwieled li l-ġenituri tagħha iġibuha għall-Magħmudija, sat-tfal u ż-żgħażagħ li magħhom jiltaqa' fil-klassijiet tal-katekiżmu jew tar-reliġjon. Imbagħad hemm iż-żgħażagħ li fil-mument l-aktar delikat ta' ħajjithom jagħżlu triqthom, il-vokazzjoni tagħhom, u jaħsbu biex iwaqqfu familji ġodda jew biex jikkonsagraw ruħhom għas-Saltna ta' Alla billi jidħlu fis-Seminarju jew f'xi Istitut ta' Ħajja konsagrata. *Is-saċerdot irid ikun qrib ħafna taż-żgħażagħ.* F'dan il-mument ta' ħajjithom spiss ifittxuh biex jgħinhom bil-pariri tiegħu, bit-talb tiegħu, biex imexxihom bil-għaqal lejn il-vokazzjoni tagħhom.

B'dan il-mod is-saċerdot jara kemm *il-vokazzjoni tiegħu hi miftuħa u dedikata għan-nies.* Huwa u jiltaqa' maż-żgħażagħ, ikun qed jiltaqa' ma' dawk li għada se jkunu missirijiet u ommijiet ta' familja, mal-professjonisti ta' għada, jew ma' nies li b'mod jew ieħor se jagħtu ħilithom għall-bini tas-soċjetà ta' għada. *Kull waħda minn dawn il-vokazzjonijiet hi qrib ħafna l-qalb tas-saċerdot* u f'kull waħda jara t-triq partikulari li minnha Alla jgħaddi lin-nies biex iwassalhom lejh.

*B'hekk is-saċerdot ikollu sehem fil-ħafna għażliet tal-ħajja,* fil-ferħ u n-niket, fid-dispjaċiri u t-tamiet. F'kull qagħda, dmiru hu li juri 'l Alla lill-bniedem bħala l-għan aħħari ta' l-eżistenza personali tiegħu. Is-saċerdot isir dak li lilu n-nies jafdaw l-ħwejjeġ l-aktar għeżież tagħhom, is-sigrieti tagħhom, sigrieti li xi drabi jnisslu uġigħ kbir. Isir dak li l-morda, l-anzjani, il-moribondi jkunu jistennew, għax jafu li hu biss, bħala sieħeb fis-saċerdozju ta' Kristu, jista' jgħinhom fl-aħħar vjaġġ tagħhom li se jwassalhom għand Alla. Bħala xhud ta' Kristu, is-saċerdot hu *l-messaġġier ta' l-ogħla vokazzjoni tal-bniedem, dik għall-ħajja ta' dejjem f'Alla.* U huwa u jissieħeb ma' ħutu, ikun iħejji lilu nnifsu: l-eżerċizzju tal-ministeru tiegħu jgħinu jidħol fil-fond tal-vokazzjoni tiegħu biex jagħti glorja lil Alla ħa jkollu sehem mill-ħajja ta' dejjem. Hekk hu jimxi 'l quddiem lejn il-jum li fih Kristu jgħidlu: "Sewwa, qaddej tajjeb u fidil ... idħol fil-hena ta' Sidek" (Mt 25,21).

## Il-Ġublew Saċerdotali: żmien ta' hena u radd il-ħajr

8. *"Qisu is-sejħa tagħkom"* (1 Kor 1,26). L-eżortazzjoni ta' Pawlu lill-insara ta' Korintu għandha tifsira speċjali għalina s-saċerdoti. Għandna "nqisu" spiss il-vokazzjoni tagħna, u nagħarfu mill-ġdid it-tifsir u l-kobor tagħha, li hu dejjem 'il fuq minna. Ħamis ix-Xirka hu okkażjoni speċjali għal dan, għax hu l-jum tat-tifkira ta' l-istituzzjoni ta' l-Ewkaristija u tas-sagrament tas-Saċerdozju. Okkażjonijiet oħra adatti huma *l-anniversarju ta' l-ordinazzjoni,* u b'mod speċjali l-*ġublewijiet saċerdotali.*

Għeżież ħuti saċerdoti, jiena u naqsam dawn il-ħsibijiet magħkom, qed niftakar fil-ħamsin anniversarju ta' l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħi, li jaħbat din is-sena. Qed naħseb fi sħabi tas-Seminarju li bħali mxew fit-triq tas-saċerdozju fiż-żmien traġiku tat-Tieni Gwerra dinjija. Dak iż-żmien, is-seminarji kienu magħluqin, u s-seminaristi kienu mxerrdin 'l hawn u 'l hemm. Xi wħud minnhom mietu waqt il-ġlied tal-gwerra. Is-saċerdozju, għalina li rċevejnieh f'dawk iċ-ċirkostanzi, kellu valur speċjali. Nibqa' ngħożż it-tifkira ta' dak il-mument meta, ħamsin sena ilu, il-ġemgħa talbet *Veni Creator Spiritus* għalina djakni żgħażagħ, mixħutin minn tulna f'nofs il-knisja, qabel ma rċevejna l-ordinazzjoni bit-tqegħid ta' idejn l-isqof. Inroddu ħajr lill-Ispirtu għal dawk il-grazzji kollha li ssawbu fuqna u li mmarkawlna ħajjitna kollha. U nkomplu nitolbu: *Imple superna gratia, quae tu creasti pectora.*

Nixtieq nistedinkom, għeżież ħuti fis-saċerdozju, biex tissieħbu miegħi fit-*Te Deum* ta' radd il-ħajr għad-don tal-vokazzjoni tiegħi. Il-*ġublewijiet,* kif tafu, huma mumenti importanti fil-ħajja tas-saċerdot: huma sinjali tul it-triq tal-vokazzjoni tagħna. Skond it-tradizzjoni biblika, il-ġublew hu *żmien ta' hena u radd il-ħajr.* Il-bidwi jrodd ħajr lill-Ħallieq għall-ħsad; fl-okkażjoni tal-ġublewijiet tagħna rridu nroddu ħajr lir-Ragħaj ta' dejjem għall-frott kollu tal-ħajja saċerdotali tagħna, għas-servizz li tajna lill-Knisja u lill-umanità, kullimkien fid-dinja, f'kundizzjonijiet ta' kull sura u f'qagħdiet ta' ħidma li lejhom mexxietna u fihom riditna nkunu l-Provvidenza ta' Alla. Nafu li aħna "qaddejja li ma niswew għal xejn" (Lq 17,10), iżda nroddu ħajr lill-Mulej li ried jagħmilna ministri tiegħu.

Inroddu ħajr ukoll lin-nies: dawk speċjalment li għenuna biex naslu għas-saċerdozju, u lil dawk li l-Provvidenza ta' Alla qegħdithom fit-triq tal-vokazzjoni tagħna. Inroddu ħajr lilhom kollha, u nibdew mill-ġenituri tagħna, li b'ħafna modi kienu don ta' Alla għalina: kemm tagħlim u kemm eżempji tajba u ta' siwi tawna!

U aħna u nroddu ħajr, irridu *wkoll nitolbu maħfra lil Alla* u lil ħutna għan-negliġenzi tagħna u għan-nuqqasijiet tagħna, frott tad-dgħufija

tagħna. Il-ġublew, skond l-Iskrittura m'huwiex biss radd ta' ħajr għall-ħsad: jitlob ukoll *it-tneħħija tad-djun*. Ħa nitolbu mela lil Alla ħanin jaħfrilna d-djun tagħna li nġemgħu tul ħajjitna kollha, aħna u naqdu l-ministeru saċerdotali tagħna.

"Qisu is-sejħa tagħkom", iwissina l-Appostlu. Imqanqlin minn kliemu, se "nqisu" t-triq li minnha għaddejna sa llum, triq li rat is-sejħa tagħna imwettqħa, imsaħħha u kkonsolidatha. "Inqisuha" biex naraw u nagħarfu b'mod aktar ċar l-ħidma kollha mħabba ta' Alla f'ħajjitna. U fl-istess waqt ma ninsewx lil ħutna fis-saċerdozju li ma komplewx mexjin fit-triq li qabdu. Inħalluhom f'idejn l-imħabba tal-Missier, u niżguraw lil kull wieħed minnhom mit-talb tagħna.

U hekk dawn il-"kunsiderazzjonijiet" tagħna, mingħajr ma nintebħu jinbidlu f'talba. Hu b'dan il-ħsieb, għeżież ħuti fis-saċerdozju, li nistedinkom tissieħbu miegħi f'dan ir-radd il-ħajr għad-don tal-vokazzjoni u tas-saċerdozju.

## Grazzi, O Alla, għad-don tas-saċerdozju

9. *"Te Deum laudamus,*
*Te Dominum confitemur..."*
Infaħħruk u nroddulek ħajr, o Alla;
l-art kollha tqimek.
Aħna, ministri tiegħek,
b'leħen il-profeti,
u l-kori ta' l-Appostli,
inxandruk bħala Missier u Sid il-Ħajja,
ta' kull sura ta' ħajja li tiġi minn għandek biss.
Ngħarfu, o Trinità Qaddisa,
li fik twieldet u bdiet il-vokazzjoni tagħna;
Int, il-Missier, sa minn dejjem ħsibt fina,
ridtna u ħabbejtna;
Int l-Iben, għażiltna u sejjaħtilna
biex ikollna sehem mis-saċerdozju waħdieni u ta' dejjem tiegħek;
Int, Spirtu Qaddis, imlejtna bid-doni tiegħek
u kkonsagrajtna bid-dilka qaddisa tiegħek.
Int, Sid iż-żmien u l-istorja
qegħidtna fuq l-għatba
tat-tielet elf sena nisranija,
biex inkunu xhieda tas-salvazzjoni
li int ksibt għall-umanità kollha.
Aħna, il-Knisja li xxandar

il-glorja tiegħek, nitolbuk:
tħalli qatt li jkun hemm nuqqas ta' saċerdoti qaddisin
li jaqdu l-Evanġelju;
ħalli jidwi b'mod solenni f'kull Katidral
f'kull rokna tad-dinja
l-innu: *Veni Creator Spiritus.*
Spirtu Ħallieq, ejja,
ejja ħa tqajjem ġenerazzjonijiet ġodda
ta' żgħażagħ
lesti biex jaħdmu fl-għalqa tad-dwieli tal-Mulej,
ħa jxerrdu s-Saltna ta' Alla
sat-truf kollha ta' l-art.

U int, Marija, Omm Kristu,
li ħdejn is-Salib aċċettajtna
bħala wlied maħbuba ma' l-Appostlu Ġwanni,
kompli ħares il-vokazzjoni tagħna.
Lilek nafdaw is-snin tal-ministeru
li l-Provvidenza għad tagħtina li ngħixu.
Kun qrib tagħna biex tmexxina
mill-mogħdijiet tad-dinja,
biex niltaqgħu ma' l-irġiel u n-nisa
li Ibnek feda b'demmu.
Għinna nagħmlu għal kollox ir-rieda ta' Ġesù,
li minnek twieled għas-salvazzjoni tal-umanità.
Kristu, int it-tama tagħna!
*In te, Domine, speravi,*
*non confundar in aeternum.*

Mill-Vatikan, fis-17 ta' Marzu,
fir-raba' Ħadd tar-Randan, tas-sena 1996,
it-tmintax-il sena tal-Pontifikat tiegħi.

*Ioannes Paulus pp. II*

# Ittra tal-Papa lill-Kardinal William W. Baum

## Penitenzier Maġġur

### GĦAL DAWK LI ĦADU SEHEM FIL-KORS TA' KULL SENA DWAR IL-"FORO INTERNO"

1. Issa li wasal biex jintemm il-kors dwar il-"foro interno" li l-Penitenzjerija Appostolika ssoltu torganizza kull sena għas-saċerdoti ġodda, li jixtiequ jħejju ruħhom sewwa għall-ministeru li jrid jafdalhom il-Mulej li jaħfer id-dnubiet, nixtieq, permezz tiegħek, inwassal lil dawk kollha li ħadu sehem fil-kors, messaġġ speċjali biex nurihom il-pjaċir tiegħi u fl-istess waqt ngħidilhom kif jaqdu dan l-impenn tagħhom għall-qadi ta' ħuthom.

Drabi oħra kelli okkażjoni nitkellem dwar is-Sagrament tal-Penitenza skond il-ħafna aspetti tiegħu, u wrejt x'inhi l-ħidma tal-konfessur fid-dawl tad-duttrina, ta' l-axxetika u tal-psikoloġija ħa jaqdi b'mod kemm jista' jkun perfett dan id-dmir hekk għoli tiegħu.

2. Illum irrid nikkunsidra b'mod espliċitu iva, iżda mhux b'mod sħiħ għal kollox, dawk l-aspetti tas-sagrament li jolqtu *lil dak li se jirċievi l-benefiċċju tar-rit tas-Sagrament tal-Penitenza:* dan fil-qrar, jista' u għandu jġedded, isaħħaħ u jmexxi lejn il-qdusija l-ħajja nisranija tiegħu, jiġifieri l-ħajja ta' l-imħabba sopranaturali, għal Alla, il-Missier tagħna, u għal ħutna l-bnedmin kollha, imħabba li tinkiseb u sseħħ fil-Knisja.

Fis-Sagrament tal-Penitenza, sagrament tal-qrar u tar-rikonċiljazzjoni, tiġġedded bħala ġrajja personali ta' kull ruħ il-ġrajja tal-pubblikan li ħareġ mit-Tempju ġustifikat: *Iżda l-pubblikan bil-wieqfa 'l bogħod anqas biss ried jerfa' għajnejh lejn is-sema, imma beda jħabbat fuq sidru u jgħid: "Alla, ħenn għalija, għax jien midneb!" Ngħidilkom jien li dan, u mhux l-ieħor, niżel id-dar ġustifikat. Għax kull min jitkabbar, jiċċekken, u kull min jiċċekken, jitkabbar* (Lq 18, 13-14).

Ma tkunx tbaxxi lilek innifsek meta tagħraf ix-xejn tiegħek quddiem Alla, imma tkun qed tgħix il-verità tal-qagħda tiegħek, u hekk tikseb il-kobor tassew tal-ġustizzja u tal-grazzja wara l-waqgħa fid-dnub, frott tal-malizzja u d-dgħufija tiegħek: tintrefa għall-hena aktar għoli ta' l-ispirtu u jkollok relazzjoni ħajja ma' Alla ħanin u fidil. Il-verità li wieħed jgħixha b'dan il-mod, hi l-verità waħdanija fil-qagħda tal-bniedem li tagħmlu tassew ħieles: dan tixhidulna l-Kelma ta' Alla (Ġw 8, 31-34) li, b'riferenza għall-qagħda morali tagħna, turina d-dawl li l-Verb ta' dejjem ġab lill-

bniedem fil-"kairos" tal-milja taż-żminijiet.

3. Il-verità, li tiġi mingħand il-Verb u twassalna għandu, tfissrilna għaliex il-qrara sagramentali għandha tiġi mhux minn xi sempliċi ċaqliq psikoloġiku u tkun imsieħba miegħu, bħallikieku s-sagrament kien xi sura ta' terapija u kura psikoloġika, imma *l-qrara Sagramentali trid tiġi minn sogħba mibnija fuq raġunijiet sopranaturali.* Għaliex id-dnub jikser l-imħabba għal Alla, li hu l-ogħla ġid, hu r-raġuni tat-tbatijiet li ġarrab il-Feddej tagħna, u lilna jtelfilna l-ġid ta' dejjem.

Fid-dawl ta' dan kollu jidher ċar li l-qrara trid tkun *sħiħa,* imsieħba ma' *fehma* soda u sinċiera ta' tpattija fil-ġejjieni għall-ħsara li tkun saret bid-dnub, u fl-aħħarnett b'*fiduċja* li din it-tpattija se sseħħ.

Hi ħaġa ċara li, mingħajr l-umiltà, l-akkuża tad-dnubiet tkun sempliċi lista li ma tiswa xejn, jew tkun, u dan agħar, stqarrija b'egħbusija ta' ras liema bħalha tad-dritt li terġa' tidneb, stqarrija li m'hijiex ħaġ'oħra ħlief in-*Non serviam* li minħabba fiha waqgħu l-anġli li rvellaw kontra Alla u li minħabba fiha intilef l-ewwel bniedem u n-nisel kollu tiegħu.

L-umiltà hi l-istess ħaġa bħall-mibegħda għall-ħażen: *Jien nagħrafhom ħtijieti; id-dnub tiegħi dejjem quddiemi. Kontrik biss jiena dnibt, u dak li hu ħażin f'għajnejk għamilt. Hekk jingħaraf is-sewwa tal-kelma tiegħek, u bla tebgħa jidher il-ħaqq tiegħek* (Salm 50/51, 5-6).

4. Il-qrara trid tkun sħiħa, jiġifieri wieħed irid iqerr *id-dnubiet mejta kollha li jkun għamel,* kif jgħid ċar u tond il-Konċilju ta' Trento fis-sessjoni XIV, kap V: juri li din il-ħtieġa m'hijiex sempliċi preskrizzjoni dixxiplinari tal-Knisja, imma esiġenza mitluba mil-liġi ta' Alla, għax hekk ried il-Mulej meta waqqaf is-sagrament tal-Penitenza: *Mill-istituzzjoni tas-sagrament tal-Penitenza... il-Knisja kollha dejjem fehmet li l-Mulej ried ukoll qrara sħiħa tad-dnubiet u li din hi meħtieġ mil-liġi ta' Alla għal dawk kollha li jidinbu wara l-Magħmudija... għax Ġesù Kristu Sidna, meta tela' s-sema, ħalla s-saċerdoti vigarji tiegħu, mexxejja u mħallfin li għandhom iridu jitwasslu d-dnubiet mejta kollha li fihom jaqgħu l-fidili Nsara... (Denziger -Schonmetzer 1679).*

Il-kanoni 7 u 8 ta' l-istess sessjoni dan kollu jfissruh f'sura ġuridika eżatta: Kan. 7: *Min jgħid li fis-sagrament tal-Penitenza għall-maħfra tad-dnubiet m'hijiex meħtieġa mil-liġi ta' Alla l-qrara ta' kull dnub mejjet u tad-dnubiet mejta kollha li wieħed jiftakar li għamel, wara stħarriġ xieraq u attent – id-dnubiet mejta kollha, dawk ukoll li huma moħbija u dawk ukoll li huma kontra l-aħħar żewġ kmandamenti, flimkien maċ-ċirkostanzi li jistgħu jbiddlu n-natura tad-dnub; u min jgħid li l-qrara tiswa biss għat-tagħlim u għall-faraġ tal-penitent u li fl-imgħoddi kienet issir biss biex tingħata penitenza kanonika; u min jgħid li dawk li jridu li wieħed iqerr id-dnubiet kollha, ma jkunx qed iħalli xejn biex jinħafer mill-ħniena ta'*

*Alla; u fl-aħħarnett min jgħid li mhux permess tqerr id-dnubiet venjali, ikun misħut (anathema sit). (Denziger-Schonmetzer,* 1708).

Kan. 8: *Min jgħid li l-qrar tad-dnubiet mejta, kif trid l-Knisja, hi ħaġa impossibbli u għalhekk din it-tradizzjoni tal-bnedmin għandha titneħħa; jew min jgħid li l-Insara kollha u kull Nisrani, irġiel u nisa, ma għandhomx skond il-Kostituzzjonijiet tal-Konċilju Lateran IV, iqerru darba fis-sena, u jiġu mħajrin għal dan fi żmien ir-Randan, anathema sit. (Denzinger-Schonmetzer,* 1708).

5. Minħabba li l-valuri morali b'mod żbaljat ġew ridotti għal dak li qed jissejjaħ "l-opzjoni fundamentali"; minħabba li, b'mod żbaljat ukoll, il-liġi morali titlob biss il-ħarsien tal-liġi ta' l-imħabba, li xi wħud spiss qed jifhmuha bħallikieku għandhom jitħallew barra d-dnubiet l-oħra kollha; u minħabba t-tifsira arbitrarja (u forsi din hi raġuni l-aktar imxerrda ta' din l-imġiba) li qed tingħata lill-"ħelsien ta' wlied Alla", li fl-aħħar mill-aħħar hi tifsira nieqsa ħafna għax meqjusa biss bħala relazzjoni privata ma' Alla u għalhekk twarrab fil-ġenb kull medjazzjoni tal-Knisja; illum mhux ftit Insara qed jersqu jqerru *mingħajr ma jistqarru d-dnubiet mejta kollha li jkunu għamlu,* skond kif ried ifakkar il-Konċilju Tridentin, u jeħduha kontra s-saċerdot huwa u jaqdi dmiru biex ikun hemm qrara sħiħa, bħallikieku qiegħed jindaħal iżżejjed fis-santwarju tal-kuxjenza tagħhom. Nixtieq u nitlob li dawn l-Insara, ftit imdawwlin, jikkonvinċu ruħhom, ukoll bil-qawwa ta' dan it-tagħlim ta' issa, li r-regola li titlob qrara sħiħa u speċifika tad-dnubiet mejta kollha, skond l-għadd tagħhom, sakemm jiftakruhom wara stħarriġ xieraq tal-memorja, mhuwiex xi toqol li bih qed jiġu mgħobbijin bla ebda raġuni ta' xejn, imma hu mezz ta' ħelsien u ta' hena fil-qalb.

Imbagħad hi ħaġa għal kollox ċara fiha nfisha li l-istqarrija tad-dnubiet irid ikollha magħha *fehma li ma tidnibx aktar fil-ġejjieni.* Jekk tonqos din il-fehma, ma jkun hemm ebda ndiema; l-indiema hi dwar il-ħażen morali bħala ħażen fih innifsu, u għalhekk jekk wieħed jieħu qagħda li ma tkunx kontra l-ħażen morali kollu kemm hu li jista' jkun hemm, ifisser li ma għandux indiema. U kif l-indiema trid qabel xejn tiġi mis-sogħba għall-offiża magħmula lil Alla, hekk il-fehma *li ma tidnibx qatt u qatt iżjed trid tkun mibnija fuq il-grazzja ta' Alla,* li l-Mulej qatt ma jċaħħad minnha lil min jagħmel kull ma jista' ħa jagħmel dak li hu sewwa.

Jekk irridu nafdaw fuq il-ħila tagħna biss, jew jekk irridu nafdaw l-aktar fuq il-ħila tagħna, li mhux se nidinbu aktar, bħallikieku nipprtendu li ħilitna hi biżżejjed għalina, qisu dan xi sura ta' stojċiżmu nisrani jew ta' pelagjaniżmu ġdid, inkunu qed neħduha kontra l-verità dwar il-bniedem li semmejna fil-bidu, qisna qed ngħidu lill-Mulej, ftit jew wisq konxjament, li ma għandniex bżonnu. Jaqbel għalhekk niftakru li ħaġa hi

l-fehma sinċiera li ma tidnibx aktar u ħaġ'oħra *l-ġudizzju dwar x'jista' jiġri fil-ġejjieni:* dan għaliex, minkejja s-sinċerità kollha tal-fehma li ma tidnibx qatt u qatt iżjed, l-esperjenza ta' l-imgħoddi u l-għarfien tad-dgħufija tiegħek iwassluk biex tibża' li terġa' taqa' fid-dnub; iżda dan ma jġibx fix-xejn is-sinċerità tal-fehma meta, flimkien mal-biża', hemm ukoll ir-rieda, imwettqa mit-talb, li tagħmel kull ma tista' biex ma tidnibx.

6. U hawn nerġgħu niġu għal dik il-*fiduċja* li trid tkun imsieħba mal-mibegħda għad-dnub, ma' l-istqarrija umli tiegħu, u mal-fehma li ma tidnibx qatt u qatt iżjed. *Il-fiduċja hi t-tħaddim li wieħed jista' u huwa fid-dmir li jagħmel tat-tama sopranaturali:* biha nistennew, mit-tjieba ta' Alla, skond il-wegħdiet tiegħu, u f'ġieħ il-merti ta' Ġesù Kristu l-Feddej tagħna, il-ħajja ta' dejjem u l-grazzji li neħtieġu biex niksbuha. Hi għemil ukoll ta' l-istima li għandu jkollna tagħna nfusna bħala ħlejjaq ta' Alla, li żejjen in-natura tagħna stess b'ġieħ aqwa minn dak tal-ħlejjaq materjali kollha, mhux biss, imma għolliena wkoll għall-grazzja u fdiena fil-ħniena tiegħu: dan iġiegħlna ninpenjaw ruħna, b'ħilitna kollha, għax imbagħad in-nuqqas ta' fiduċja jkun biss xettiċiżmu u kesħa li tipparalizzak.

Jgħodd ħafna hawn it-tagħlim ta' l-Evanġelju dwar it-tmiem traġiku ta' Ġuda u t-tpattija ta' San Pietru, li salvatu. Ġuda sogħob bih: dwar dan l-Evanġelju hu ċar ħafna: *Imbagħad Ġuda, it-traditur, meta ra li Ġesù kien ikkundannat, nidem, u mar bit-tletin biċċa tal-fidda għand il-qassisin il-kbar u x-xjuħ biex jagħtihom lura u qalilhom: "Dan kien dnub li għamilt meta tajtkom f'idejkom demm bla ħtija"* (Mt 27, 3-4). Iżda Ġuda ma rabatx din is-sogħba tiegħu mal-kliem li qallu Ġesù, proprju x'ħin kien qiegħed jagħmel id-dnub tiegħu: *"Ħabib"* (Mt 26, 48); naqas mill-fiduċja u mar tgħallaq. Pietru dineb ukoll, bi dnub kbir kważi daqs id-dnub ta' Ġuda, u dineb tlett darbiet, iżda ma naqsitux il-fiduċja u wara li, fi żmien il-Għid, għamel tpattija għal dnubietu, bi tliet stqarrijiet ta' mħabba, ġie mwettaq minn Kristu fil-ministeru li fdalu. San Ġwann, b'mod tassew ta' l-għaġeb, jgħidilna għax seħħ dan, u jurina l-qawwa u d-dgħufija tat-tamiet tagħna: *Aħna għarafna l-imħabba li Alla għandu għalina u emminniha. Alla hu mħabba u min jgħammar fl-imħabba jgħammar f'Alla u Alla fih* (I Ġw 4, 16).

7. Jlena u nkellem lil dawk li ħadu sehem fil-kors, għandi quddiemi s-saċerdoti kollha tad-dinja. Il-ħsibijiet li għadni kemm semmejt iddedikajthom lill-*ministeru* tas-saċerdoti kollha biex mhux biss joffru ġenerożament ruħhom ħa jqarru lill-Insara, imma wkoll biex fl-omelija liturġika, fil-katekeżi, fid-direzzjoni spiritwali, u f'kull sura ta' qadi għall-verità, inħejjihom ħa jipprofittaw minn dan id-don kbir tal-ħniena ta' Alla, li hu s-sagrament tal-Penitenza, b'diżpożizzjonijiet mill-aħjar: Din il-grazzja nitolbuha għalina wkoll, li, bħal aħwa fost l-aħwa, biex

nitqaddsu, irridu nindmu minn dnubietna, billi nersqu għall-qrar bħala midinbin.

Jiena u nafda fl-interċessjoni tal-Verġni, Omm Alla u Ommna, il-ministeru ta' dawn is-saċerdoti li ħadu sehem f'dan il-kors bl-impenn kollu tagħhom, nitlob il-barka ta' Alla fuqhom, u bħala rahan, nagħtihom barka appostolika speċjali.

Mill-Vatikan, 22 ta' Marzu 1996

*IOANNES PAULUS PP II.*

# Kongregazzjoni għall-Kult Divin u għad-dixxiplina tas-Sagramenti

Ittra tal-President tal-Kongregazzjoni, il-Kardinal Antonju M. Javier lill-Konferenzi Episkopali kollha tavża li fil-Kalendarju Liturġku tal-Knisja Latina għandhom jiżdiedu dawn it-tifkiriet *ad libitum* tal-Qaddisin li ġejjin f'April.

23 ta' April – San Adalbertu, Isqof u Martri.

2 ta' Awissu – San Pietru Ġiljan Eymard, Presbiteru.

9 ta' Settembru – San Pietru Claver, Presbiteru.

Aktar tard jiġu pubblikati l-formularji tal-Quddiesa u tal-Liturġija tas-Sigħat għal dawk il-Qaddisin ġodda fil-Kalendarju liturġiku tagħna.

## Kunsill Pontifiċju għall-Familja

# Sesswalità umana: verità u tifsir

## Elementi edukattivi fil-familja

## Daħla

### Il-qagħda u l-problema

1. Fost il-ħafna problemi li magħhom jiltaqgħu l-ġenituri llum, ukoll jekk inqisu l-ħafna ambjenti kulturali tan-nies, żgur hemm il-problema ta' kif se jħejju b'mod xieraq it-tfal tagħhom għall-ħajja ta' adulti u, b'mod partikulari, kif l-iktar se jħollu l-problema ta' l-edukazzjoni dwar it-tifsir veru tas-sesswalità. Huma ħafna r-raġunijiet ta' din id-diffikultà li, fl-aħħar mill-aħħar, m'hijiex xi diffikultà ġdida għal kollox.

Fl-imgħoddi, meta fil-familji ma kenitx tingħata edukazzjoni sesswali espliċita, il-kultura ġenerali, mibnija fuq rispett sħiħ għall-valuri fundamentali, kienet tħarishom oġġettivament u tgħożżhom. In-nuqqas ta' eżempji tradizzjonali fil-kotra l-kbira tas-soċjetajiet ta' llum, kemm fil-pajjiżi żviluppati u kemm fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw, ħalla lit-tfal neqsin minn indikazzjonijiet veri u pożittivi, waqt li l-ġenituri sabu ruħhom mhux kapaċi jagħtu tweġib xieraq lil uliedhom. Din il-qagħda ġdida saret agħar għax iddallmet il-verità dwar il-bniedem, ħaġa li qegħdin narawha sseħħ, waqt li hemm pressjoni kbira biex jidher bla siwi l-valur tas-sess.

B'hekk għandna kultura fejn is-soċjetà u l-*mass media* spiss qed iwasslulna informazzjoni li ma tqisx il-persuna, informazzjoni taċ-ċajt u pessimista, spiss nieqsa wkoll minn kull rispett għall-formazzjoni tat-tfal u taż-żgħażagħ, għax influwenzata minn fehma mgħawġa u individwalistika tal-libertà, f'qagħda nieqsa minn valuri mibnija fuq il-ħajja, l-imħabba u l-familja. L-iskola mbagħad, li wriet dispożizzjoni li tagħti edukazzjoni sesswali, spiss hadet il-post tal-familja u kemm-il darba, l-edukazzjoni li tat kienet biss informazzjoni dwar is-sess u xejn aktar. Xi kull tant wasalna għat-tħassir tal-kuxjenzi. L-istess ġenituri minħabba diffikultajiet u nuqqas ta' preparazzjoni, ħafna drabi ċċaħdu mid-dmir tagħhom f'din il-ħaġa jew ħallewha f'idejn ħadd-ieħor.

F'qagħda bħal din, ħafna ġenituri qed iduru lejn il-Knisja jitolbuha tiggwidahom u tagħmlilhom suġġerimenti dwar l-edukazzjoni ta' wliedhom, l-aktar meta għadhom tfal u adoloxxenti. B'mod partikulari l-

ġenituri xi kull tant juru d-diffikultajiet tagħhom dwar it-tagħlim mogħti fl-iskola u li t-tfal iġibu d-dar. Il-Kunsill Pontifiċju tal-Familja kellu spiss talbiet persistenti biex jagħti direttivi ħa jgħinu lill-ġenituri f'dan il-qasam edukattiv hekk delikat.

2. Id-Dikasteru tagħna, huwa u jagħraf id-dimensjoni familjari ta' l-edukazzjoni għall-imħabba u għall-għajxien veru tas-sesswalità proprja, ried għalhekk jagħti xi direttivi ta' karattru pastorali ħa jmexxu l-ġenituri, billi jagħmel użu mill-għerf li joħroġ mill-Kelma ta' Alla u mill-valuri li jdawwlu t-tagħlim tal-Knisja, hija u tagħraf l-"esperjenza tal-bniedem" li għandha biss il-komunità ta' dawk li jemmnu.

Irridu mela l-ewwelnett norbtu din l-għajnuna mat-tagħlim fundamentali dwar il-verità u t-tifsir tas-sess, fid-dawl ta' antropoloġija vera u għonja. Aħna u nxandru din il-verità, nafu li "kull min iħobb il-verità" (Ġw 18, 27) jisma' l-Kelma ta' Dak li hu l-verità fih innifsu (ara Gw 14, 6).

Dawn id-direttivi m'humiex xi trattat tat-teoloġija morali, lanqas ġabra fil-qosor ta' psikoloġija, imma jridu jqisu b'mod xieraq dak li nkiseb mix-xjenza, dik li hi l-qagħda soċjo-kulturali tal-familja, u dak li jipproponu l-valuri ta' l-Evanġelju, li huma dejjem għajn ħajja għal kull żmien u dejjem jistgħu jiġu nkarnati bil-fatti.

3. Hemm veritajiet ċerti fuq li ċerti f'dan il-qasam, li jwettqu l-Knisja, u mexxewna fil-kitba ta' dan id-dokument.

L-imħabba li titmantna u turi ruħha fil-laqgħa tar-raġel u l-mara hi don ta' Alla, għalhekk hi qawwa pożittiva li trid twassal għall-kobor sħiħ tagħhom bħala persuni; hi wkoll riżerva għażiża għall-għoti sħiħ tagħhom infushom li l-bnedmin kollha huma msejħin jagħmlu ħalli hekk jilħqu l-kobor sħiħ tagħhom u l-hena tagħhom, fi pjan ta' ħajja li juri l-vokazzjoni ta' kull wieħed. Il-bniedem hu msejjaħ għall-imħabba għax hu spirtu nkarnat, jiġifieri ruħ u ġisem fl-għaqda tal-persuna. L-imħabba umana tħaddan il-ġisem ukoll u l-ġisem ukoll ifisser l-imħabba spiritwali ([1]). Is-sesswalità għalhekk m'hijiex biss xi ħaġa bioloġika, imma hi aktar parti minn dak li hu l-aktar intimu fil-persuna. Is-sesswalità bħala għoti fiżiku għandha l-verità tagħha u tilħaq it-tifsir sħiħ tagħha meta tfisser l-għoti personali tar-raġel u tal-mara lil xulxin sal-mewt. Iżda din l-imħabba, l-istess bħall-ħajja kollha kemm hi tal-persuna, għandha quddiemha d-dgħufija ġejja mid-dnub tan-nisel u f'ħafna qagħdiet soċjo-kulturali qed iġġarrab kundizzjonamenti negattivi li xi drabi jbegħdu mit-triq it-tajba u joħolqu ħafna trawmi.

Iżda l-fidwa li kisbilna l-Mulej għamlet possibbli, u raġuni ta' ferħ ukoll, il-prattika pożittiva tal-kastità, kemm minn dawk imsejħin għaż-żwieġ – sew qabel iż-żwieġ fiż-żmien tat-tħejjija għalih u sew fil-ħajja taż-żwieġ – kif ukoll minn dawk li għandhom id-don tas-sejħa speċjali għall-ħajja konsagrata.

4. Fid-dawl tal-fidwa u fil-formazzjoni ta' l-adoloxxenti u taż-żgħażagħ, il-virtù tal-kastità tinsab fil-virtù tar-rażan (temperanza) – waħda mill-virtujiet kardinali – li fil-magħmudija l-grazzja għollietha u għamlitha tassew għażiża; m'għandniex inqisuha bħala xi qagħda li trażżanna; anzi; għall-kuntrarju, għandna nqisuha bħala xi ħaġa tassew ċara u trasparenti u fl-istess waqt, ħarsien ta' don li ngħata, don għażiż u għani, id-don ta' l-imħabba, li jidher fl-għoti li kull wieħed jagħmel tiegħu nnifsu biex isseħħ il-vokazzjoni proprja tiegħu. Il-kastità hi għalhekk "enerġija spiritwali li tagħraf tħares l-imħabba mill-perikli ta' l-egoiżmu u ta' l-aggressjoni u twassalha għall-kobor sħiħ tagħha" (2). *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* jiddeskrivi l-kastità u b'xi mod jgħid dak li hi b'dan il-kliem: "Il-kastità tfisser l-integrazzjoni sħiħa tas-sesswalità fil-persuna umana biex hekk ikun hemm għaqda sħiħa bejn ir-ruħ u l-ġisem fil-bniedem innifsu. Is-sesswalità li biha l-bniedem jagħmel sehem mid-dinja korporali u bijoloġika, issir personali u tassew umana, jiġifieri tixrak lill-bniedem, meta tiġi integrata f'relazzjoni ta' persuna ma' persuna oħra, fl-għoti ta' xulxin għal żmien bla tmiem tar-raġel u l-mara" (3).

5. Il-formazzjoni għall-kastità fil-qasam ta' l-edukazzjoni taż-żgħażagħ, biex tikseb il-kobor sħiħ tagħha u tasal biex iż-żagħżugħ jagħti lilu nnifsu kollu kemm hu, titlob l-ewwelnett is-sehem tal-ġenituri biex tingħata formazzjoni wkoll fil-virtujiet l-oħra, bħalma huma r-rażan, il-qawwa, l-għaqal: ma jistax ikun hemm kastità jekk ma jkunx hemm ħila għaċ-ċaħda, għas-sagrifiċċju, għall-istennija.

Il-ġenituri, huma u jagħtu l-ħajja, jissieħbu ma' Alla fis-setgħa tiegħu ta' Ħallieq, u jirċievu d-don ta' responsabbiltà ġdida, mhux biss dik li jmantnu u jaħsbu għall-ħtiġijiet materjali u kultura ta' wliedhom, imma wkoll, u wisq aktar, dik li jwasslulhom il-verità li jgħixu fil-fidi, u jedukawhom għall-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu. Dan hu l-ewwel dmir tagħhom fi ħdan il-"knisja tad-dar". (4).

Il-Knisja dejjem għallmet li l-ġenituri huma fid-dmir u għandhom id-dritt li jkunu l-ewwel edukaturi u l-edukaturi ewlenin ta' wliedhom.

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, huwa u jfakkar dak li jgħallem il-Konċilju Vatikan II, jgħid: "Iż-żgħażagħ iridu jiġu mgħallmin f'ħin waqtu

u b'mod adatt, jekk jista' jkun fi ħdan il-familji tagħhom, dwar id-dinjità u l-imħabba fiż-żwieġ, dwar il-funzjoni tagħha, kif turi ruħha." ([5]).

6. L-isfidi li jiġu mill-mentalità u mill-ambjenti ta' llum ma għandhom qatt jaqtgħu qalb il-ġenituri. Min-naħa, jeħtieġ niftakru li l-Insara, sa mill-ewwel żminijiet tax-xandir ta' l-Evanġelju, sabu ruħhom iħabbtu wiċċhom ma' sfidi bħal dawk li ġejjin mill-edoniżmu materjalista ta' llum. Barra dan "iċ-ċiviltà tagħna, li madankollu turi tant aspetti pożittivi fl-oqsma kemm materjali u kemm kulturali, għandha twassalna biex naraw li għal ħafna raġunijiet hi waħda marida u qed toħloq tibdiliet kbar fil-bniedem. Għax qed jiġri dan? Għax is-soċjetà tagħna nqatgħet mill-verità sħiħa dwar il-bniedem, mill-verità dwar dak li r-raġel u l-mara huma bħala persuni. Għalhekk m'hijiex kapaċi tifhem b'mod xieraq, x'inhu tassew id-don u l-għoti ta' persuni fiż-żwieġ, l-imħabba responsabbli għall-qadi tal-paternità u tal-maternità, il-veru kobor tat-tnissil u ta' l-edukazzjoni" ([6]).

7. Għalhekk ma jistax ikun li ngħaddu mingħajr il-ħidma edukattiva tal-ġenituri, li "bl-għoti tal-ħajja jissieħbu fil-ħidma kreattiva ta' Alla u ... bit-trobbija ta' wliedhom jissieħbu wkoll fis-sura paterna u materna ta' Alla... Fi Kristu kull edukazzjoni fi ħdan il-familja u barra minnha, issir parti mill-pedagoġija ta' Alla għas-salvazzjoni, pedagoġija li hi għall-individwi u għall-familji, u tilħaq il-qofol sħiħ tagħha fil-misteru ta' l-Għid tal-mewt u tal-qawmien tal-Mulej" ([7]).

Il-ġenituri huma u jaqdu d-dmir tagħhom, ma għandhomx jaqtgħu qalbhom, imma għandhom jittamaw fl-għajnuna ta' Alla l-Ħallieq u fi Kristu l-Feddej, huma u jiftakru li l-Knisja qed titlob għalihom bil-kliem li l-Papa San Klement I għamel lill-Mulej għal dawk kollha li jħaddmu f'ismu l-awtorità tagħhom: "Agħtihom, Mulej, is-saħħa, is-sliem, il-ftehim, l-imħabba biex ikunu jistgħu jaqdu bla tfixkil is-setgħa li fdajtilhom. Int, Mulej, sultan taż-żminijiet, mis-sema tagħti lil ulied il-bnedmin glorja, ġieħ u setgħa fuq il-ħwejjeġ ta' l-art. Mexxi, Mulej, l-fehmiet tagħhom billi jfittxu l-ġid, billi jfittxu dak li jogħġob lilek, biex waqt li jħaddmu bit-tjieba, bis-sliem u l-ħlewwa, s-setgħa li tajthom, jiksbu l-ħniena tiegħek" ([8]).

Madankollu, il-ġenituri għax taw il-ħajja u laqgħuha b'imħabba, stagħnew b'qawwa edukattiva liema bħalha, qawwa li ebda ħaddieħor ma għandu; huma jafu lil uliedhom kif ebda ħadd ieħor ma jafhom fi-singularità proprja tagħhom, li ma hemmx oħra bħalha u, mill-esperjenza tagħhom, għandhom is-sigrieti u l-mezzi kollha ta' l-imħabba vera.

# Noti

1. Ara Ġwann Pawlu II, Eżosrtazzjoni appostolika *Familiaris Consortio,* 22 ta' Novembru, 1981, n. 21.
2. *Ibid.* n. 33.
3. Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, n. 2337.
4. Ara Kost. domm. *Lumen gentium* n.11; *Apostolicam actuositatem* n. 11.
5. Katekiżmu tal-Knisja Kattolika n. 1632; ara *Gaudium et spes,* n. 49.
6. Ġwanni Pawlu II, Ittra lill-familja, 2 ta' Frar 1994, n. 20.
7. *Ibid.* n. 16.
8. *Epistula ad Corinthios,* 61, 1-2; Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, n. 1900.

# I

# Imsejħin għall-imħabba vera

8. *Il-bniedem,* maħluq xbieha ta' Alla, hu msejjaħ għall-imħabba. Din il-verità ġiet rivelata lilna fis-sħuħija kollha tagħha fit-Testment il-Ġdid, flimkien mal-misteru tat-Trinità Qaddisa. "Alla hu mħabba (IĠw 4, 8) u jgħix fih innifsu fil-misteru ta' l-għaqda fl-imħabba tat-Tliet Persuni. Alla ħalaq il-bniedem xbieha tiegħu... nissel fih is-sejħa, u għalhekk ukoll il-ħila u d-dmir fil-kuxjenza, għall-imħabba u għall-għaqda. L-imħabba hi għalhekk is-sejħa ewlenija u naturali ta' kull bniedem" (9). Mela t-tifsir sħiħ tal-libertà tal-bniedem u s-setgħa li l-bniedem għandu fuqu nnifsu jiġu minn din il-libertà, u jwasslu għall-għoti tiegħu nnifsu f'għaqda u ħbiberija ma' Alla u ma' l-oħrajn (10).

## L-imħabba umana bħala don tiegħek innifsek

9. Il-persuna għalhekk hi kapaċi tħobb bi mħabba superjuri: mhux bl-imħabba tal-konkupixxenza li tara biss il-ħwejjeġ li bihom tissodisfa x-xewqat tagħha, imma bl-imħabba ta' ħbiberija u ta' għoti tiegħek innifsek, b'mod li tasal biex tagħraf u tħobb il-persuni għalihom infushom. Hi mħabba li kapaċi tkun ġeneruża bħall-imħabba ta' Alla, u trid il-ġid ta' l-ieħor, għax tagħraf li jisthoqqlu li jkun maħbub. Hi mħabba li ġġib l-għaqda bejn il-persuni, għax kull wieħed iqis il-ġid ta' l-ieħor bħala l-ġid proprju tiegħu. Hi don tiegħek innifsek lil min iħobbok u li fih ssib, u li fih issehh it-tjieba proprja tiegħek fl-għaqda tal-persuni, u titgħallem x'siwi kbir hu li tkun maħbub u li tħobb.

Kull bniedem hu msejjaħ għall-imħabba tal-ħbiberija u tad-don tiegħu nnifsu u hekk jinħeles mill-ħajra ta' l-egoiżmu bl-imħabba għall-ieħor, l-ewwelnett mill-ġenituri jew minn dawk flokhom u fl-aħħar mill-aħħar, minn Alla stess, li minnu tiġi kull imħabba vera, u li fl-imħabba tiegħu biss il-bniedem jara kemm hu tassew maħbub. Hawn jinsab l-għerq tal-qawwa edukattiva tal-kristjaneżmu: "*Il-bniedem hu maħbub minn Alla.* Din hi bxara sempliċi ħafna imma li tħawwadna, bxara li n-nies jafuha lill-Knisja" (11). Ġesù wera lill-bniedem l-identità vera tiegħu. "Kristu, li hu Adam il-ġdid, proprju meta rrivela l-misteru tal-Missier u ta' l-imħabba tiegħu, irrivela wkoll b'mod sħiħ il-bniedem lill-bniedem u wrieh is-sejħa għolja tiegħu" (12).

L-imħabba rivelata minn Kristu, li San Pawl ifaħħar fl-Ewwel Ittra lill-Korintin... hi mħabba *li titlob ħafna,* imma hu proprju f'dan jinsab il-

ġmiel u s-sbuħija tagħha: għax titlob ħafna, hi tibni l-veru ġid tal-bniedem u tħallih jixtered fuq l-oħrajn" ([13]). Hi għalhekk imħabba li tirrispetta l-persuna u tibniha, għaliex "l-imħabba hi vera meta *toħloq il-ġid tal-persuni u tal-komunitajiet,* toħloq il-ġid u *tagħtih* lill-oħrajn ([14]).

## L-imħabba u s-sesswalità umana

10. Il-bniedem hu msejjaħ għall-imħabba u għad-don tiegħu nnifsu fl-għaqda tiegħu f'ġisem u ruħ. Il-femminilità (jiġifieri li tkun mara) u l-maskulinità (jiġifieri li tkun raġel) huma doni li jikkomplimentaw lil xulxin, u bihom is-sesswalità umana hi parti integranti tal-kapaċità għall-imħabba bil-fatti li Alla nissel fir-raġel u l-mara. "Is-sesswalità hi parti fundamentali tal-personalità, tal-mod kif din tkun, ta' kif turi ruħha, ta' kif tikkomunika ma' l-oħrajn, ta' kif tħoss, ta' kif tfisser u tgħix l-imħabba umana" ([15]). Din il-kapaċità ta' mħabba bħala don tiegħek innifsek hi għalhekk "inkarnata" fil-*karattru ta' għerusija tal-ġisem,* li fih tinsab il-maskulinità u l-femminilità tal-persuna. "Il-ġisem tal-bniedem, bis-sess tiegħu, bil-maskulinità u l-femminilità tiegħu, fil-misteru stess tal-ħolqien, hu mhux biss għajn ta' tkattir u ta' tnissil, bħalma naraw fl-ordni naturali kollu, imma għandu wkoll "sa mill-bidu" l-kwalità ta' "għerusija", jiġifieri għandu l-ħila li jfisser l-imħabba, proprju dik l-imħabba li biha l-bniedem – persuna jsir don u – permezz ta' dan id-don – iseħħ it-tifsir stess ta' l-essri u l-eżistenza tiegħu" ([16]). Kull sura ta' mħabba għandha dejjem din il-karatteristika maskili u femminili.

11. *Is-sesswalità umana mela hi Ġid,* parti minn dak id-don li Alla rah "tajjeb ħafna", meta ħalaq il-persuna umana fis-sura u xbieha tiegħu, u "raġel u mara ħalaqhom" (Gen 1, 27). F'din is-sura ta' relazzjoni ma' l-oħrajn u ta' ftuħ għalihom, is-sesswalità għandha bħala għan intrinsiku tagħha l-imħabba, u, biex inkunu aktar eżatti, l-imħabba li tagħti u tilqa', li tagħti u tirċievi. Ir-relazzjoni bejn raġel u mara hi essenzjalment relazzjoni ta' mħabba. "Is-sesswalità, immexxija u mgħollija u ntegrata mill-imħabba, tikseb kwalità tassew umana" ([17]). Meta mħabba bħal din isseħħ fiż-żwieġ, id-don tiegħek innifsek permezz tal-ġisem, ifisser li hu don komplementari u sħiħ; l-imħabba tal-miżżewġin imbagħad issir qawwa li tagħni u tagħti kobor lill-persuni u, fl-istess waqt, tgħin biex tmantni ċ-ċiviltà ta' l-imħabba; iżda meta jonqos is-sens u t-tifsir ta' don mis-sesswalità tidħol iċ-ċiviltà tal-"ħaġa" u mhux tal-"persuna", ċiviltà fejn il-persuna tintuża biss bħal xi ħaġa, tkun xi tkun. Fiċ-ċiviltà tal-gost, il-mara tista' ssir għar-raġel biss xi ħaġa, u l-ulied xkiel għall-ġenituri" ([18]).

12. Fil-qofol tal-kuxjenza Nisranija tal-ġenituri u ta' l-ulied għandna

nqegħdu din il-verità kbira, dan il-fatt fundamentali: *id-don ta' Alla*. Hu don li Alla tana, huwa u jagħtina li ngħixu u neżistu bħala raġel u mara, b'eżistenza li ma jkunx hemm oħra bħalha u mimlija b'ħafna possibiltajiet ta' progress spiritwali u morali: *il-ħajja tal-bniedem hi don li ngħata biex jiġi mogħti* ([19]). Id-don juri, biex ngħidu hekk, karatteristika partikulari ta' eżistenza personali, anzi ta' l-istess essenza tal-persuna. Meta Alla (Jahweh) jgħid: "Mhux sewwa li l-bniedem jibqa' waħdu" (Ġen 2, 18), ikun qiegħed jgħid li l-bniedem "waħdu" ma jwassalx din l-essenza għall-milja kollha tagħha; iwassalha għall-milja kollha tagħha biss jekk jeżisti "ma' ħaddieħor" – u aktar fil-fond u b'mod aktar sħiħ – jekk jeżisti " għal ħaddieħor" ([20]). Fil-ftuħ għal ħaddieħor u fid-don tiegħek innifsek lill-ieħor, isseħħ dik l-imħabba tal-miżżewġin, li fis-sura ta' għotja sħiħa hi proprja ta' dan l-istat. Huwa fid-don tiegħek innifsek, imwettaq minn grazzja speċjali, li tikseb tifsir il-ħajja konsagrata, "li hi l-aqwa mod biex wieħed aktar malajr joffri lil Alla qalb kolha kemm hi għalih" ([21]), għall-qadi aktar sħiħ tiegħu fil-Knisja. Madankollu, f'kull qagħda u stat ta' ħajja dan id-don tagħmlu aktar ta' l-għaġeb il-grazzja redentriċi, li biha "nissieħbu fin-natura ta' Alla" (2Piet 1, 4) u nissejħu biex ngħixu flimkien l-għaqda sopranaturali ta' mħabba ma' Alla u ma' l-aħwa. Il-ġenituri Nsara, ukoll f'qagħdiet l-aktar delikati, ma jistgħux jinsew li bħala pedament tal-ġrajja personali u domestika tagħhom hemm id-don ta' Alla.

13. "Bħala spirtu nkarnat, jiġifieri ruħ li turi dak li hi permezz tal-ġisem u ġisem li għandu l-ħajja mir-ruħ li ma tmut qatt, il-bniedem hu msejjaħ għall-imħabba kif inhu kollu kemm hu, fir-ruħ u l-ġisem. L-imħabba tħaddan il-ġisem tal-bniedem ukoll, u l-ġisem għandu sehem fl-imħabba tar-ruħ" ([22]). It-tifsir ta' l-istess sesswalità bejn il-persuni għandna narawh fid-dawl tar-Rivelazzjoni Nisranija. "Is-sesswalità turi l-karattru tar-raġel u tal-mara mhux biss fuq livell fiżiku, imma wkoll fuq livell psikoloġiku u spiritwali u tħalli marka fuq kull espressjoni tagħhom. Din is-sesswalità, li hi marbuta mal-fatt li r-raġel u l-mara huma komplementari għal xulxin, twieġeb perfettament għall-pjan skond is-sejħa li għandu kull wieħed" ([23]).

## L-imħabba tal-miżżewġin

14. Meta l-imħabba wieħed jgħixha fiż-żwieġ, tħaddan u tmur aktar lil hemm mill-ħbiberija, u sseħħ bejn raġel u mara li jagħtu lilhom infushom lil xulxin kollhom kemm huma, kif huma raġel u mara, u hekk iwaqqfu b'dan il-patt bejn miżżewġin dik l-għaqda ta' persuni li Alla ried u li fiha titnissel, titwieled u tiżviluppa ħajja umana. F'din l-imħabba tal-miżżewġin,

u fiha biss, jinsab id-don sesswali, li "jseħħ b'mod jixraq biss lill-bniedem meta hu parti integranti ta' l-imħabba li biha raġel u mara jingħataw lil xulxin għal dejjem sal-mewt" ([24]). Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika dan ifakkru bil-kliem li ġej: "Is-sesswalità qiegħda għall-imħabba tar-raġel u l-mara fiż-żwieġ. Fiż-żwieġ l-intimità korporali tal-miżżewġin issir sinjal u rahan ta' għaqda spiritwali. Ir-rabta taż-żwieġ bejn l-imgħammdin hi mqaddsa permezz tas-sagrament" ([25]).

## L-imħabba miftuħa għall-ħajja

15. Sinjal li juri l-verità ta' l-imħabba fiż-żwieġ hu l-ftuħ għall-ħajja. "L-imħabba fil-verità sħiħa tagħha hi fuq kollox don; l-imħabba tal-miżżewġin twassalhom għal dak 'l-għarfien' ta' xulxin li jagħmilhom 'ġisem wieħed' – iżda ma tiqafx hemm: twassalhom biex jagħtu l-aqwa don, li bih jissieħbu ma' Alla ħa jagħtu l-ħajja lil bniedem ġdid. B'hekk il-miżżewġin huma u jagħtu lilhom infushom lil xulxin, ma jagħtux biss lilhom infushom, imma jagħtu wkoll xi ħaġa aktar minnhom għax jagħtu l-ulied, li huma xhieda ħajja ta' mħabbithom u sinjal li jibqa' ta' l-għaqda ta' bejniethom fiż-żwieġ, u dehra ħajja ta' l-istat tagħhom ta' missier u omm, stat li qatt ma jista' jiġi nieqes" ([26]). Meta jitilqu minn din l-għaqda ta' mħabba u ta' ħajja l-miżżewġin jiksbu dak l-għana uman u spiritwali u dak l-ambjent pożittiv li jeħtieġu biex joffru lil uliedhom l-għajnuna ta' edukazzjoni għall-imħabba u għall-kastità.

## Noti

9. *Familiaris Consortio,* n. 11.
10. Ara Ġwann Pawlu II, Ittra Appostolika *Mulieris dignitatem,* 15 ta' Awissu, 1988, n. 7 u 18.
11. Ġwann Pawlu II, Eżort. app. *Christifideles laici,* 30 Diċembru, 1988, n. 34.
12. *Guadium et spes* n. 22.
13. Ittra lill-familji, n. 14.
14. *Ibid.*
15. Kongregazzjoni għall-Edukazzjoni Kattolika, "Orjentamenti edukattivi dwar l-imħabba umana", 1 ta' Novembru, 1983, n. 4.
16. Ġwann Pawlu II, Udjenza ġenerali tat-18 ta' Jannar, 1980.
17. "Orjentamenti edukattivi dwar l-imhabba umana" n. 6.
18. Ittra lill-familji, n. 11.
19. Ġwann Pawlu II, enċikl. *Evangelium vitae,* 25 ta' Marzu, 1995, n. 92.
20. Ġwann Pawlu II, Udjenza ġenerali tad-9 ta' Jannar, 1980.
21. Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, n. 2349.
22. *Familiaris consortio,* n. 11.
23. "Orjentamenti edukattivi dwar l-imhabba umana", n. 4.
24. *Familiaris consortio,* n. 11.
25. Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, n. 2360.
26. *Familiaris consortio,* n. 14.

# II

# Imħabba vera u kastità

16. L-imħabba ta' min hu verġni u ta' min hu miżżewweġ, kif se ngħidu aktar 'il quddiem, huma żewġ suriet li fihom tilħaq il-kobor sħiħ tagħha l-vokazzjoni tal-persuna għall-imħabba: it-tnejn, biex jiżviluppaw, jeħtieġu mpenn f'ħajja ta' kastità, kull waħda minnhom skond il-qagħda proprja tagħha. Is-sesswalità – kif jgħid sewwa l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika – issir personali u tassew umana, jiġifieri tixraq lill-bniedem, meta tiġi ntegrata f'relazzjoni ta' persuna ma' persuna oħra fl-għoti lil xulxin għal żmien bla tmiem tar-raġel u l-mara ([27]). Hi ħaġa ċara li l-imħabba, meta titlob l-għoti bil-qalb tiegħek innifsek, tikber għax għandha l-għajnuna tad-dixxiplina ta' dawk is-sentimenti, ta' dawk il-passjonijiet u ta' dawk l-affetti, li twassalna biex nikkontrollaw lilna nfusna. Ħadd ma jista' jagħti dak li ma għandux; jekk persuna m'hijiex sid tagħha nfisha – permezz tal-virtujiet u, b'mod konkret, per-mezz tal-kastità – tkun tonqosha dik is-setgħa fuqha nfisha li tagħmilha kapaċi tingħata bħala don. *Il-kastità hi dik l-enerġija spiritwali li teħles l-imħabba milli tkun egoista u aggressiva.* Daqskemm fil-bniedem tiddgħajjef il-kastità, daqshekk ieħor l-imħabba bil-mod il-mod issir egoista, jiġifieri ssir soddisfazzjon tax-xewqa għall-gost u mhux don tiegħek innifsek.

### Il-kastità bħala don tiegħek innifsek

17. Il-kastità hi affermazzjoni ferrieħa ta' min jaf jgħix id-don tiegħu nnifsu, ħieles minn kull jasar egoistiku. Dan jissoponi li l-persuna tkun tgħallmet tintebaħ bl-oħrajn, tkun tgħallmet li jkollha relazzjonijiet magħhom hija u tirrispetta d-dinjità tagħhom, diversi kemm huma diversi minn xulxin. Persuna li tħaddan il-kastità ma taħsibx biss fiha nfisha u lanqas ma għandha relazzjonijiet egoistiċi ma' l-oħrajn. Il-kastità tagħti armonija lill-personalità, twassalha għall-kobor sħiħa tagħha u timlieha bi sliem fil-qalb. Dan is-safa tal-ġisem u tal-moħħ jgħin għall-iżvilupp tar-rispett tiegħek innifsek u fl-istess waqt jagħtik il-ħila li tirrispetta lill-oħrajn, għax iwasslek biex tara fl-oħrajn persuni li jistħoqqilhom kull ġieħ, billi tagħraf li huma maħluqin xbieha ta' Alla, u bil-grazzja, huma wlied Alla, maħluqin mill-ġdid minn Kristu li sejħilhom "mid-dlam għad-dawl tiegħu ta' l-għaġeb" (I Piet 2, 9).

## Il-kontroll tiegħek innifsek

18. Il-kastità titlob li wieħed ikun imħarreġ fil-kontroll tiegħu nnifsu: din hi edukazzjoni tal-libertà tal-bniedem. L-alternattiva hi ċara: jew il-bniedem jikkontrolla l-passjonijiet tiegħu u jgawdi s-sliem, jew inkella jħalli ruħu jitjassar mill-passjonijiet tiegħu u jsir infeliċi ([28]). Kull persuna taf b'esperjenza li l-kastità trid iċ-ċaħda ta' ċerti ħsibijiet, ta' ċertu kliem, ta' ċertu għemil ħażin, kif San Pawl ħa ħsieb jiċċaralna u jfakkarna (ara Rum 1, 18; 8, 12-14; IKor 6, 9-11; 2Kor 7, 1; Gal 5, 16-23; Ef 4, 17-24; 5, 3-13; Kol 3, 5-8; I Tess 4, 1-18; ITim 1, 8-11; 4, 12). Għal dan meħtieġa *ħila u qagħda ta' kontroll tiegħek innifsek* li huma sinjali tal-libertà fir-ruħ, ta' responsabbiltà għalik innifsek u lejn l-oħrajn u fl-istess waqt, huma xhieda ta' kuxjenza ta' fidi; dan il-kontroll fuqek innifsek jitolbok tevita kull okkażjoni li tqanqlek u tħajrek għad-dnub u jitolbok ukoll li tagħraf tegħleb il-ġibdiet istintivi tan-natura tiegħek.

19. Meta l-familja toffrilek għajnuna edukattiva ta' siwi u tħeġġek għal għemil f'kull virtù, l-edukazzjoni għall-kastità teħfief u tkun nieqsa minn *dawk il-konflitti fik innifsek,* ukoll jekk f'ċerti mumenti ż-żgħażagħ jistgħu jintebħu b'xi mumenti tassew delikati. Għal xi wħud f'xi ambjenti fejn il-kastità hi mġarba u skreditata, ħajja ta' kastità tista' titlob minnhom taqbida iebsa, meta ma tkunx ukoll erojka. Iżda, hu x'inhu, bil-grazzja ta' Kristu, li toħroġ mill-imħabba tiegħu ta' għerusija għall-Knisja, kulħadd jista' jgħix ħajja ta' kastità, ukoll jekk jinsab f'qagħdiet xejn favorevoli.

Il-fatt stess li aħna lkoll imsejħin għall-qdusija, kif fakkarna l-Konċilju Vatikan II, jgħinna nifhmu aktar malajr li sew fiċ-ċelibat u sew fiż-żwieġ jista' jkun hemm, *anzi fil-fatt* hemm għal kulħadd, issa mod u issa ieħor, mumenti qsar, u fit-tul ukoll, ta' qagħdiet li fihom ikun meħtieġ fuq li meħtieġ għemil erojku ta' virtù ([29]). Il-ħajja taż-żwieġ għalhekk titlob ukoll mixja ħienja, imma esiġenti, ta' qdusija.

## Il-kastità fiż-żwieġ

20. "Il-miżżewġin huma msejħin biex jgħixu l-kastità fiż-żwieġ tagħhom, u l-oħrajn biex iħarsuha bil-kontinenza" ([30]). Il-ġenituri jafu sewwa li dak li hu l-aktar meħtieġ minn qabel biex jedukaw lil uliedhom f'imħabba safja u fi qdusija tal-ħajja, hu li huma stess *jgħixu fil-kastità ż-żwieġ tagħhom.* Dan jitlob li huma jkunu jafu li fl-imħabba tagħhom hemm l-imħabba ta' Alla, u għalhekk l-istess għoti sesswali tagħhom lil xulxin iridu jgħixuh fir-rispett ta' Alla u tal-pjan tiegħu ta' mħabba, b'fedeltà sħiħa, b'ġieħ u ġenerożità lejn xulxin u lejn il-ħajja, li tista' toħroġ minn dan l-għemil tagħhom ta' mħabba.

Hekk biss iż-żwieġ jista' jkun espressjoni ta' *mħabba* ([31]); għalhekk in-Nisarni fiż-żwieġ hu msejjaħ biex jgħix dan id-don tiegħu nnifsu fi ħdan

ir-relazzjoni personali tiegħu għal Alla, u għalhekk b'dik il-fedeltà u dik il-fekondità ġeneruża li tagħżel l-imħabba ta' Alla minn kull imħabba oħra ([32]).

Hekk biss iż-żwieġ jista' jwieġeb għall-imħabba ta' Alla u jagħmel ir-rieda tiegħu, li aħna nsiru nafuha bl-għajnuna tal-kmandamenti. M'hemmx vera mħabba li, fil-kobor sħiħ tagħha, ma tkunx ukoll imħabba ta' Alla. Tħobb il-Mulej tfisser twieġeb pożittivament għall-kmandamenti tiegħu: "Min iħobbni, iħares il-kmandamenti tiegħi" (Ġw 14, 15) ([33]).

21. Ir-raġel u l-mara, biex jgħixu l-kastità tagħhom, jeħtieġu dejjem li *jkunu mdawwlin mill-Ispirtu s-Santu.* Fil-qofol ta' l-ispiritwalità tal-miżżewġin hemm... il-kastità mhux biss bħala virtù morali (imsawwra mill-imħabba) imma wkoll bħala virtù marbuta mad-doni ta' l-Ispirtu s-Santu – l-ewwelnett *mad-don ta' rispett għal dak li jiġi mingħand Alla – id-donum pietatis*

Hekk l-ordni tal-ħajja flimkien fiż-żwieġ, li jħalli "l-manifestazzjoni affettivi" jiżviluppaw ruħhom b'mod xieraq u b'tifsir, hu frott mhux biss *tal-virtù,* li fiha l-miżżewġin *qed jitħarrġu,* imma wkoll frott tad-*doni* ta' l-Ispirtu s-Santu *li miegħu huma mseħbin fil-ħidma.* ([34])

Min-naħa l-oħra l-ġenituri, persważi li l-ħajja tagħhom ta' kastità u l-isforż li jagħmlu biex kuljum jagħtu xhieda ta' qdusija, huma l-kundizzjoni meħtieġa minn qabel għall-ħidma edukattiva tagħhom; għandhom iqisu wkoll kull theddida għall-virtù u għall-kastità ta' wliedhom bħala *offiża magħmula lill-ħajja tagħhom ta' fidi u theddida li tista' tfaqqar l-għaqda tagħhom ta' ħajja u ta' grazzja* (ara Ef 6, 12). ([35])

## L-edukazzjoni għall-kastità

22. L-edukazzjoni ta' l-ulied fil-kastità għandha tliet għaniet: a) li jinżamm fil-familji *ambjent pożittiv ta' mħabba, ta' virtù u ta' rispett għad-doni ta' Alla,* speċjalment għad-don tal-ħajja; b) li l-ulied ikollhom għajnuna biex jifhmu *s-siwi tas-sess u tal-kastità* billi bl-eżempju u t-talb tagħhom idawwlu 'l uliedhom li qed jikbru; ċ) li jgħinu lil uliedhom jifhmu u jagħrfu *l-vokazzjoni proprja tagħhom għaż-żwieġ jew għall-verġinità konsagrata minħabba s-Saltna tas-Smewwiet* , fi qbil sħiħ u b'rispett għall-imklinazzjonijiet u l-kwalitajiet tagħhom, u għad-doni ta' l-Ispirtu s-Santu.

23. F'dan id-dmir jista' jkollhom l-għajnuna ta' edukaturi oħra, iżda dan id-dmir ma jistax jitħalla f'idejn ħaddiehor kollu kemm hu, jekk mhux għal raġunijiet serji ta' nuqqas ta' ħila fiżika jew morali. Fuq din il-ħaġa l-Maġisteru tal-Knisja tkellem ċar ([36]) dwar il-proċess edukattiv kollu ta' l-ulied: "Din il-ħidma edukattiva tagħhom (tal-ġenituri) hi hekk importanti

li jekk tiġi nieqsa bil-ħniena ssib x'jista' jkun hemm flokha. Infatti huma l-ġenituri li jridu joħolqu fi ħdan il-familja dak l-ambjent li jieħu ħajja mill-imħabba u mit-tjieba lejn Alla u għal Alla u għall-bnedmin, li jgħin għall-edukazzjoni sħiħa ta' l-ulied b'mod ġenrali u soċjali. Il-familja hi għalhekk l-ewwel skola tal-virtujiet soċjali li s-soċjetajiet kollha jeħtieġu" ([37]). L-edukazzjoni hi dmir tal-ġenituri għax din il-ħidma ta' edukazzjoni tkompli t-tnissil, u hi l-*għoti ta' l-umanità tagħhom lil uliedhom* ([38]), li għaliha mpenjaw ruħhom solennement fl-istess ċelebrazzjoni taż-żwieġ tagħhom". Il-ġenituri huma *l-ewwel edukaturi u l-edukaturi ewlenin* ta' wliedhom ([39]), u f'dan il-qasam ukoll għandhom *kompetenza fondamentali* għax huma *edukaturi, għax ġenituri.*

Huma jaqsmu din il-missjoni edukattiva ma' persuni u istituzzjonijiet oħra, bħalma huma l-Knisja u l-Istat, iżda dan dejjem irid iseħħ skond l-applikazzjoni tajba tal-*prinċipju tas-sussidjarjetà.* Dan juri li hi ħaġa leġittima, anzi meħtieġa l-għajnuna li tingħata lill-ġenituri, iżda din l-għajnuna hi fiha nfisha limitata mid-dritt tal-ġenituri u mill-kapaċitajiet li fil-fatt ikollhom. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà hu għalhekk għall-qadi ta' l-imħabba tal-ġenituri, huwa u jiltaqa' mal-ġid tal-familja li tkun. Il-ġenituri waħedhom ma jistgħux jissodisfaw kull ma hu meħtieġ fil-proċess kollu tat-trobbija tat-tfal, speċjalment fejn tidħol l-iskola u l-qasam tas-soċjalizzazzjoni. Is-sussidjarjetà tagħti dak li hu nieqes fl-imħabba tal-missier u ta' l-omm, u hekk twettaq il-karattru fundamentali tagħha; għalhekk l-oħrajn kollha li huma mseħbin fil-proċess ta' l-edukazzjoni jistgħu jaqdu r-responsabbiltajiet tagħhom *f'isem il-ġenituri u bil-kunsens tagħhom* u sa ċertu punt, *bl-awtorizzazzjoni tagħhom.*

24. B'mod partikulari l-edukazzjoni fis-sesswalità u fl-imħabba vera, miftuħa għall-għoti tiegħek innifsek, trid tħabbat wiċċha llum ma' kultura pożittivistika, kif fakkar il-Papa fl-*Ittra lill-familji:* "L-iżvilupp taċ-ċiviltà ta' llum hu marbut mal-progress xjentifiku u teknoloġiku, u dan spiss qed jinkiseb biss fuq naħa waħda, u hekk jidher kollu kemm hu pożittivistiku. Il-pożittiviżmu kif nafu jwassal għall-anjostiċiżmu fit-teorija u għall-utlilitariżmu fil-prattika u fil-morali... L-*utilitariżmu* hu ċiviltà ta' produzzjoni u ta' konsum, ċiviltà ta' "għodda" u mhux ta' "persuni", ċiviltà li fiha l-persuni jintużaw spiss bħala għodda. Biex inkunu konvinti minn dan – iżid jgħid il-Papa – biżżejjed naraw x'inhuma *ċerti programmi ta' edukazzjoni sesswali* li daħlu fl-iskejjel minkejja li ħafna ġenituri ma qablux magħhom u pprotestaw kontrihom" ([40]).

F'qagħda bħal din, jeħtieġ li l-ġenituri, imwettqin bit-tagħlim tal-Knisja u bl-għajnuna tagħha, jieħdu f'idejhom dan id-dmir tagħhom, u, jekk hu meħtieġ jew jaqbel, jingħaqdu flimkien biex iġibu 'l quddiem ħidma ta'

edukazzjoni, mibnija fuq il-valuri veri tal-persuna u ta' l-imħabba nisranija, u jfittxu qagħda li tissupera l-utilitariżmu morali. Il-ġenituri, jekk iridu li l-edukazzjoni tkun twieġeb għal dak li oġġettivament titlob l-imħabba vera, għandhom iħaddnu din l-imħabba bir-responsabiltà tagħhom stess bla ma ħadd jindaħlilhom.

25. It-tagħlim tal-Knisja jfakkar ukoll li, fit-tħejjija għaż-żwieġ, il-familja trid tkun dejjem il-protagonista ewlenija f'din il-ħidma edukattiva ([41]). Żgur li "t-tibdil kollu li sar fis-soċjetajiet kważi kollha, illum jitlob li mhux il-familja biss imma wkoll is-soċjetà u l-Knisja jagħtu sehemhom fit-tħejjija xierqa taż-żgħażagħ għar-responsabbiltajiet tagħhom ta' għada" ([42]). Proprju minħabba f'hekk jikseb importanza aqwa d-dmir ta' edukazzjoni tal-familja sa mill-ewwel snin. "*It-tħejjija mill-bogħod* tibda mit-tfulija permezz ta' dik l-edukazzjoni għaqlija li tingħata fi ħdan il-familja liż-żgħar biex jaslu ħalli huma stess jagħrfu lilhom infushom bħala bnedmin imżejna b'psikoloġija komplessa ta' għana liema bħalu u bil-personalità proprja tagħhom bit-tajjeb u l-ħażin kollu tagħha" ([43]).

## Noti

27. Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, n. 2327.
28. *Ibid.* 2329.
29. Ara Ġwann Pawlu II, Diskors li għamel lil dawk li ħadu sehem f'seminarju dwar "Tnissil responsabbli", organizzat mill-Università Kattolika tal-Qalb ta' Ġesù u l-Istitut Ġwann Pawlu II, 17.
30. Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, n. 2349.
31. Ara n. 54.
32. Ara Pawlu VI, enċiklika *Humanae Viae,* 28 ta' Lulju 1968, nn. 8-9.
33. Hu dejjem qerq jekk dan ma tagħmlux, jgħid San Ġwann ta' Avila. Xi wħud huma hekk imdallmin li "jemmnu li jekk il-qalb tqanqalhom biex jagħmlu xi ħidma, għandhom dejjem jagħmluha, ukoll jekk tkun kontra l-kmandamenti ta' Alla; jgħidu li tant iħobbuh lil Alla li, ukoll jekk jiksru l-kmandamenti tiegħu, ma jitilfux imħabbtu. Dawn jinsew li l-Iben ta' Alla b'fommu stess xandar il-kuntrarju: *Min iżomm il-kmandamenti tiegħi u jħarishom, dak hu li jħobbni (Ġw 14, 21). Jekk xi ħadd iħobbni, iħares il-kmandamenti tiegħi (Ġw 14, 23), u min ma jħobbnix ma jħarisx kliemi.* B'dan il-mod l-Iben ta' Alla juri ċar ħafna li min ma jħarisx kliemu, la għandu l-ħbiberija tiegħu u lanqas imħabbtu. Kif jgħid Santu Wistin: "Ħadd ma jista' jħobb lis-sultan jekk jistmerr il-kmandamenti tiegħu" (*Audi filia,* c. 50).
34. Udjenza ġenerali tal-Papa Ġwann Pawlu II, 14 ta' Novembru 1984.
35. Ara *Evangelium vitae,* n. 97.
36. Ara *Familiaris consortio,* nn. 36-37.
37. Ara Konċilju Vatikan II, *Gravissimum educationis,* n. 3.
38. Ara Ittra lill-familji, n. 16.
39. *Ibid.,* n. 16.
40. *Ibid.,* n. 13.
41. Ara *Familiaris consortio,* n. 66.
42. *Ibid.*
43. *Ibid.*

# III

# Orizzonti Vokazzjonali

26. Il-familja għandha *ħidma deċiżiva* x'tagħmel ħa jitkattru u jiżviluppaw il-vokazzjonijiet kollha, kif għallem il-Konċilju Vatikan II: "Miż-żwieġ toħroġ il-familja, li fiha jitwieldu ċ-ċittadini ġodda tas-soċjetà tal-bnedmin, li bil-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu fil-Magħmudija jintrefgħu għad-dinjità ta' wlied Alla, biex tul iż-żminijiet jibqa' sħiħ il-poplu tiegħu. F'dik li nistgħu nsejħulha l-knisja tad-dar il-ġenituri għandhom ikunu għal uliedhom, bil-kelma u bl-eżempju, l-ewwel ħabbara tal-fidi, u jgħinu biex tiġi 'l quddiem il-vokazzjoni proprju ta' kull wieħed minn uliedhom, u, b'mod speċjali, il-vokazzjoni qaddisa" ([44]). U huma proprju l-vokazzjonijiet is-sinjal ta' pastorali familjari adatta: fejn hemm pastorali tal-familja mdawwla u effikaċi, kif hi ħaġa naturali li l-ħajja tiġi milqugħa bil-ferħ, hekk ukoll aktar faċilment jinstema' fiha tassew bil-qalb leħen il-Mulej" ([45]).

Kemm jekk hi vokazzjoni għaż-żwieġ u kemm jekk hi vokazzjoni għall-verġinità u għaċ-ċelibat, hi dejjem vokazzjoni għall-qdusija. Infatti d-dokument tal-Konċilju Vatikan II *Lumen gentium* ifisser b'dan il-mod it-tagħlim tiegħu *dwar is-sejħa tal-bnedmin kollha għall-qdusija*: "Il-fidili kollha ta' kull stat u ta' kull kondizzjoni, imwettqin b'tant u tant mezzi ta' salvazzjoni, huma msejħin mill-Mulej, kull wieħed mit-triq proprja tiegħu, għal dik il-perfezzjoni ta' qdusija, li biha hu perfett il-Missier tas-smewwiet" ([46]).

## Il-vokazzjoni għaż-żwieġ

27. Il-formazzjoni għall-imħabba vera hi l-aħjar tħejjija għall-vokazzjoni għaż-żwieġ. Fil-familja t-tfal u ż-żgħażagħ jistgħu jitgħallmu jgħixu s-sesswalità umana f'ambjent ta' ħajja Nisranija liema bħalha. It-tfal u ż-żgħażagħ jaslu biex bil-mod il-mod isiru jafu li ż-żwieġ nisrani ma jistax jitqies bħala r-riżultat ta' xi konvenjenza jew ta' sempliċi ġibda sesswali. Iż-żwieġ, għax hu vokazzjoni, ma jistax ma jitlobx għażla maħsuba sewwa, impenn bejn tnejn quddiem Alla, u talba dejjem sejra għall-għajnuna tiegħu.

## Imsejħin għall-imħabba fiż-żwieġ

28. Il-ġenituri Nsara, impenjati fid-dmir tagħhom li jedukaw lil uliedhom għall-imħabba, jistgħu l-ewwelnett jinqdew bl-imħabba tagħhom għal

xulxin fiż-żwieġ. Kif tfakkar l-enċiklika *Humanae vitae,* din l-imħabba "turi n-natura vera u n-nobiltà tagħha meta tqies l-ogħla għajn tagħha, li hu Alla, li hu Mħabba (Ġw 4, 8), "il-Missier li minnu tieħu isimha kull familja fis-sema u fl-art" (Ef 3, 15). Iż-żwieġ għalhekk ma jsirx b'kumbinazzjoni u lanqas ma hu frott ta' xi evoluzzjoni ta' qawwiet fin-natura li ma nafux bihom; iż-żwieġ hu istituzzjoni mwaqqfa mill-għerf tal-Ħallieq biex fil-ġens kollu tal-bnedmin iseħħ il-pjan tiegħu ta' mħabba. Il-miżżewġin permezz ta' l-għoti personali tagħhom lil xulxin, għoti li hu proprju u kollu kemm hu tagħhom biss, ifittxu l-għaqda ta' l-esseri tagħhom bl-għan tal-perfezzjonament ta' xulxin, biex jissieħbu ma' Alla fit-tnissil u l-edukazzjoni ta' ħajjiet ġodda. Għall-imgħammdin imbagħad iż-żwieġ hu mlibbes bid-dinjità ta' sinjal sagramentali tal-grazzja, għaliex juri l-għaqda ta' Kristu u l-Knisja" ([47]).

Fl-*Ittra lill-familji* il-Papa jfisser li "l-familja... hi komunità ta' persuni li s-sura ta' kif jeżistu u jgħixu flimkien, hi sura ta' xirka, *communio personarum"* ([48]), u jfakkar ukoll fit-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II meta jgħid li din ix-xirka turi "sura ta' xbieha ta' l-għaqda tat-Tliet Persuni fit-Trinità Qaddisa u ta' l-għaqda ta' wlied Alla fil-verità u l-imħabba" ([49]). Dan il-kliem hekk għani u mimli tifsir, l-ewwelnett iwettaq dak li hu l-qofol ta' l-identità ta' kull raġel u ta' kull mara. Din l-identità hi l-*ħila li jgħixu fil-verità u fl-imħabba,* hi l-ħtieġa tal-verità u ta' l-imħabba bħala dimensjoni essenzjali tal-ħajja tal-persuna. Il-ħtieġa tal-bniedem għall-verità u l-imħabba tiftħu kemm għal Alla u kemm għall-ħlejjaq: tiftħu lejn bnedmin oħra, lejn ħajja f'"xirka", u b'mod partikulari lejn iż-żwieġ u l-familja" ([50]).

29. L-imħabba fiż-żwieġ, skond dak li tgħid il-*Humanae vitae* għandha *erba' karatteristiċi:* hi mħabba *umana,* sensibbli u spiritwali, hi mħabba *sħiħa, fidila u għammiela.* ([51]) Dawn il-karatteristiċi huma mibnijin fuq il-fatt li "r-raġel u l-mara huma hekk marbutin ma' xulxin li – kif naqraw fil-Ktieb tal-Ġenesi – jsiru 'ġisem wieħed' (Ġen 2, 24). Raġel u mara fil-kostituzzjoni fiżika tagħhom, dawn iż-żewġ persuni, għalkemm fiżikament m'humiex l-istess, *għandhom indaqs il-ħila li jgħixu 'fil-verità u l-imħabba'.* Din il-ħila, li hi l-karatteristika tal-bniedem bħala persuna, għandha dimensjoni kemm spiritwali u kemm korporali, fl-istess waqt... Il-familja li toħroġ minn din l-għaqda tikseb fiha nfisha s-saħħa mill-patt bejn il-miżżewġin, li Kristu għolla għad-dinjità ta' sagrament. Il-familja tikseb il-karattru tagħha ta' komunità, il-karatteristika tagħha ta' "xirka" minn din ir-rabta fundamentali tal-miżżewġin, li titkompla f'uliedhom. *Intom lesti tilqgħu bl-imħabba l-ulied li Alla jogħġbu jagħtikom u trabbuhom skond il-liġi ta' Kristu u tal-Knisja tiegħu?* jistaqsi ċ-ċelebrant waqt ir-rit

taż-żwieġ. It-tweġiba li jagħtu l-għarajjes turi kemm hi għolja l-verità ta' l-imħabba li torbothom flimkien" ([52]). Bl-istess formula taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ l-għarajjes jimpenjaw ruħhom u jwegħdu "li jżommu ruħhom fidili lejn xulxin" ([53]), proprju għax il-fedeltà tal-miżżewġin lejn xulxin toħroġ mix-xirka tal-persuni li tissaħħaħ bil-pjan tal-Ħallieq fl-imħabba tat-Trinità Qaddisa u tas-sagrament li jfisser l-għaqda fidila ta' Kristu u l-Knisja.

30. Iż-żwieġ Nisrani hu *sagrament:* bih is-sesswalità tiġi ntegrata f'mixja ta' qdusija, b'rabta mwettqa minn għaqda li ma tinħall qatt. "Id-don tas-sagrament hu fl-istess ħin sejħa u kmandament għall-miżżewġin Insara biex jibqgħu dejjem fidili lejn xulxin, ikunu x'ikunu l-provi u d-diffikultajiet li magħhom jiltaqgħu, huma u jagħmlu, bil-ġenerożità kollha, ir-rieda qaddisa tal-Mulej. 'Dak li għaqqad Alla m'għandux jifirdu l-bniedem'" ([54]).

## *Il-ġenituri għandhom quddiemhom tħassib li hu proprju ta' llum*

31. Illum, fis-soċjetajiet Insara wkoll, il-ġenituri għandhom għax ikunu mħassbin dwar is-sħuħija fil-ġejjieni taż-żwiġijiet ta' wliedhom, iżda għandhom ikunu ottimisti, minkejja li qed jitkattru d-divorzji u qed tikber il-kriżi tal-familji, billi jimpenjaw ruħhom li jagħtu lil uliedhom formazzjoni Nisranija soda, li tagħmilhom kapaċi jegħlbu l-ħafna diffikultajiet li magħhom jiltaqgħu. Fil-fatt, l-imħabba għall-kastità li għaliha l-ġenituri għandhom jedukaw lil uliedhom, tgħin biex ir-raġel u l-mara juru rispett lejn xulxin, u tagħtihom il-ħila għall-mogħdrija, għall-ħlewwa, għas-sabar, għall-ġenerożità u, fuq kollox, għall-ispirtu ta' sagrifiċċju, li mingħajru ebda mħabba ma tista' żżomm. Hekk l-ulied jaslu għaż-żwieġ imżejnin b'dak l-għerf tassew, li dwaru San Pawl jitkellem; skond dan l-għerf il-miżżewġin iridu kontinwament jiksbu l-imħabba ta' xulxin, u jieħdu ħsieb xulxin b'sabar u mħabba (ara IKor 7, 3-8; Ef 5, 21-23).

32. Permezz ta' *din il-formazzjoni minn żmien ħafna qabel għall-kastità fi ħdan il-familja,* l-adolexxenti u ż-żgħażagħ jitgħallmu jgħixu s-sesswalità f'dimensjoni personali, u jirrifjutaw kull xorta ta' firda tas-sesswalità mill-imħabba, meqjusa bħala don tiegħek innifsek, u kull xorta ta' firda ta' l-imħabba taż-żwieġ mill-familja.

Ir-rispett tal-ġenituri għall-ħajja u għall-misteru tat-tnissil iwassal biex it-tifel u ż-żagħżugħ ma jiksbu qatt il-fehma qarrieqa li ż-żewġ dimensjonijiet ta' l-att taż-żwieġ, id-dimensjoni unittiva (li biha l-miżżewġin

jingħaqdu flimkien f'ġisem wieħed) u d-dimensjoni prokreattiva (li biha jagħtu twelid lill-ħajja ġdida) ma jistgħu qatt jiġu mifrudin minn xulxin kapriċċożament; minn dan wieħed jara li l-familja qatt ma tista' tiġi mifruda mill-vokazzjoni għaż-żwieġ. Edukazzjoni nisranija għall-kastità fil-familja ma tistax ma ssemmix il-gravità morali tal-firda tad-dimensjoni unitiva taż-żwieġ mid-dimensjoni prokreattiva: din il-firda bejn iż-żewġ dimensjonijiet taż-żwieġ l-aktar li sseħħ bil-kontraċezzjoni u bit-tnissil artifiċjali: bil-kontraċezzjoni wieħed ifittex il-pjaċir sesswali waqt li juża mezzi biex mill-att taż-żwieġ ma jkunx hemm tnissil; bit-tnissil artifiċjali wieħed ifittex it-tnissil iżda minflok ifittxu permezz ta' l-att taż-żwieġ, ifittxu permezz ta' teknika. Dan imur kontra l-verità ta' l-imħabba u ta' l-għaqda sħiħa fiż-żwieġ. Għalhekk il-formazzjoni taż-żgħażagħ fil-kastità ssir tħejjija għall-paternità u għall-maternità responsabbli, li jirrigwardaw direttament il-mument li fih ir-raġel u l-mara jingħaqdu flimkien "f'ġisem wieħed" u jistgħu jsiru ġenituri. Dan hu mument ta' siwi speċjali kemm għar-relazzjonijiet personali ta' bejniethom u kemm għall-qadi tagħhom lill-ħajja: jistgħu jsiru ġenituri – missier u omm – billi jagħtu l-ħajja lil bniedem ġdid. *Iż-żewġ dimensjonijiet ta' l-għaqda fiż-żwieġ* – id-dimensjoni unittiva u d-dimensjoni prokreattiva – *ma jistgħux jiġu mifrudin minn xulxin artifiċjalment* mingħajr ma ssir ħsara lill-ogħla verità ta' l-att taż-żwieġ" ([55]).

Jeħtieġ ukoll li ż-żgħażagħ ikunu jafu bil-konsegwenzi dejjem aktar gravi tal-firda tas-sesswalità mit-tnissil li sseħħ bl-isterilizzazzjoni u l-abort, u l-konsegwenzi dejjem aktar gravi meta wieħed ifittex lis-sesswalità mingħajr l-imħabba fiż-żwieġ, qabel iż-żwieġ jew barra minnu.

Minn din l-edukazzjoni, li għandha postha fil-pjan ta' Alla, fl-istess struttura tas-sesswalità u fin-natura taż-żwieġ u tal-familja, jiddependi l-ordni morali u l-armonija tal-miżżewġin fil-familja, u għalhekk il-ġid veru tas-soċjetà wkoll.

33. Il-ġenituri li jħarsu d-dritt u d-dmir tagħhom biex jiffurmaw lil uliedhom fil-kastità, jistgħu jkunu żgur li qed jgħinuhom biex huma wkoll ikollhom familji sodi u magħqudin meta jasal il-waqt, u hekk ikunu jantiċipaw, sa fejn jista' jkun, l-hena tas-sema. "Kif nista' qatt infisser l-hena taż-żwieġ li l-Knisja torbot, twettaq l-offerta, tissiġilla l-barka, iħabbru l-anġli u jwettaq il-Missier?... iż-żewġ miżżewġin huma aħwa, it-tnejn qaddejja flimkien... ebda firda bejniethom fl-ispirtu u fil-ġisem, għax huma verament tnejn f'ġisem wieħed... Kristu jifraħ, jara u jisma' dan kollu, u jagħtihom is-sliem tiegħu, għax fejn hemm Kristu ma jistax ikun hemm il-ħażin". ([56]).

## Il-vokazzjoni għall-verġinità u ċ-ċelibat

34. Ir-Rivelazzjoni Nisranija turina żewġ vokazzjonijiet għall-imħabba: *iż-żwieġ u l-verġinità*. Ta' spiss f'xi soċjetajiet ta' llum hemm kriżi mhux biss fiż-żwieġ u l-familja imma wkoll fil-vokazzjonijiet għas-saċerdozju u għall-ħajja reliġjuża. Dawn iż-żewġ qagħdiet ma jistgħux jiġu mifrudin minn xulxin. "Kull fejn ma hemmx rispett għaż-żwieġ, ma jistax ikun hemm rispett għall-verġinità konsagrata u għaċ-ċelibat; kull fejn is-sesswalità tal-bniedem ma titqiesx bħala valur kbir mogħti mill-Ħallieq, iċ-ċaħda għas-Saltna ta' Alla titlef kull qawwa tagħha" ([57]).

Meta titfarrak il-familja, jonqsu l-vokazzjonijiet, iżda fejn il-ġenituri jilqgħu l-ħajja bil-ġenerożità kollha, aktar faċli li l-ulied ukoll ikunu ġenerużi, meta jiġu biex joffru ħajjithom lil Alla. "Jeħtieġ li l-familji jerġgħu jibdew juru *mħabba ġeneruża għall-ħajja* u jaqduha, l-ewwelnett billi jilqgħu b'sens ta' responsabbiltà, flimkien ma' fiduċja ħienja, l-ulied li l-Mulej jogħġbu jagħtihom u jwasslu għat-tmiem din il-laqgħa tagħhom, mhux biss "*b'ħidma edukattiva* dejjem sejra, imma wkoll *b'impenn li jħossuh bħala dmir,* li jgħinu l-aktar l-adolexxenti u liż-żgħażagħ biex *jagħrfu d-dimensjoni vokazzjonali ta' kull ħajja* fi ħdan il-pjan ta' Alla. Il-ħajja tal-bniedem tilħaq il-milja tagħha meta ssir *don tiegħek innifsek,* don li jista' jitfisser *fiż-żwieġ, fil-verġinità konsagrata,* f'dedikazzjoni favur il-proxxmu bħala ideal, *fl-għażla tas-saċerdozju ministerjali.* Il-ġenituri jkunu tassew jaqdu l-ħajja ta' wliedhom, jekk jgħinuhom *jagħmlu l-eżistenza tagħhom don,* huma u jirrispettawlhom l-għażliet maturi tagħhom u jġibu 'l quddiem bil-ferħ kull vokazzjoni, ukoll dik reliġjuża u dik saċerdotali" ([58]).

Għalhekk il-Papa Ġwanni Pawlu II meta tkellem fuq l-edukazzjoni sesswali fil-*Familiaris consortio* qal; "Il-ġenituri Nsara, meta jintebħu b'xi sinjali ta' vokazzjoni minn Alla, għandhom, bl-attenzjoni kollha u b'kura speċjali, jagħtu edukazzjoni għall-verġinità, li tkun titlob bħala l-aqwa sura ta' għoti sħiħ tal-bniedem innifsu, sura ta' għoti li juri t-tifsir sħiħ tas-sesswalità tal-bniedem" ([59]).

## Il-ġenituri u l-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi

35. Il-ġenituri għalhekk għandhom jifirħu jekk jaraw f'wieħed minn uliedhom is-sinjal tas-sejħa ta' Alla għall-vokazzjoni ogħla tal-verġinità jew taċ-ċelibat għall-imħabba tas-Saltna tas-Smewwiet. Jeħtiġilhom imbagħad jadattaw l-edukazzjoni fl-imħabba safja għall-ħtiġijiet ta' dawn l-ulied, huma u jqawwulhom qalbhom fil-mixi tagħhom sal-waqt tad-dħul fis-Seminarju jew fid-dar tal-formazzjoni, jew biex iwasslu għall-kobor sħiħ tagħha dik il-vokazzjoni speċifika għall-għoti tiegħek innifsek kollok kemm int. Għandhom jirrispettaw u japprezzaw il-libertà ta' kull

wieħed minn uliedhom, u jqawwu l-qalb ta' kull wieħed fil-vokazzjoni personali tiegħu, mingħajr ma jippruvaw jimponu fuqhom xi vokazzjoni determinata.

Il-Konċilju Vatikan II ifakkar b'mod ċar dan id-dmir speċjali u ta' ġieħ li għandhom l-ġenituri, imwettqin fil-ħidma tagħhom mill-għalliema u mis-saċerdoti: "Il-ġenituri, huma u jieħdu ħsieb l-edukazzjoni Nisranija ta' wliedhom, għandhom jieħdu ħsieb u jħarsu fi qluhom il-vokazzjoni reliġjuża" ([60]). "Id-dmir tat-tkattir tal-vokazzjonijiet saċerdotali hu dmir tal-komunità Nisranija kollha...; għal dan, l-ogħla kontribut joffruh kemm il-familji li, jekk huma animati minn spirtu ta' fidi u mħabba u tjieba, huma qishom l-ewwel seminarju u kemm il-parroċċa li fil-ħajja liema bħalha tagħha, l-istess adoloxxenti jidħlu jagħmlu sehem" ([61]). "Meta mbagħad niġu għall-ġenituri u għall-għalliema, u, b'mod ġenerali għal dawk kollha li b'xi mod jew ieħor huma fid-dmir li jedukaw lit-tfal u liż-żgħażagħ, għandhom jgħallmuhom b'mod li huma u jgħarfu l-ħerqa tal-Mulej għall-merħla tiegħu, u huma u jżommu quddiemhom il-ħtiġijiet tal-Knisja, ikunu lesti jwieġbu għas-sejħa tal-Mulej, huma u jgħidulu mal-profeta: "Hawn jien, ibgħat lili" (Is 5, 8) ([62]).

Dan l-ambjent familjari meħtieġ biex il-vokazzjonijiet reliġjużi u saċerdotali jilħqu l-kobor sħiħ tagħhom, għandu jfakkarna fil-qagħda serja ta' tant familji, f'xi pajjiżi, li huma foqra mill-ħajja, għaliex, għax riedu, iċċaħdu mill-ulied jew ikkuntentaw b'iben wieħed, familji fejn hu diffiċli ħafna li jinbtu vokazzjonijiet u fejn ukoll hu diffiċli ħafna li tingħata edukazzjoni soċjali sħiħa.

36. Barra dan, familja tassew Nisranija ssir kapaċi turi s-siwi taċ-ċelibat Nisrani u tal-kastità wkoll, lill-ulied mhux miżżewġin jew ma jistgħux jiżżewġu għal raġunijiet li ma jiddependux mir-rieda tagħhom. Jekk ikollhom formazzjoni tajba sa minn ċkunithom u f'żogħżithom, ikunu jistgħu jaċċettaw il-qagħda proprja tagħhom aktar malajr. Anzi jistgħu jkunu jafu sewwa x'inhi r-rieda ta' Alla għalihom f'qagħda bħal din, u hekk isibu sens ta' vokazzjoni u ta' paċi fil-ħajja proprja tagħhom ([63]). Lil dawn il-persuni, speċjalment jekk huma mġarrbin minn xi diżabiltà fiżika, jeħtieġ li wieħed jurihom x'possibiltajiet kbar hemm quddiemhom biex jilħqu l-kobor sħiħ tagħhom u jagħtu kotra ta' frott spiritwali, possibiltajiet li huma wkoll għal min, imwettaq mill-fidi u mill-imħabba ta' Alla, jimpenja ruħu biex jgħin lil ħutu aktar foqra u b'aktar ħtiġijiet minnu.

## Noti

44. *Lumen gentium*, n. 11.

45. Ara Ġwann Pawlu II, Diskors fit-tnax-il Assemblea Ġenerali tal-Konferenza Episkopali Taljana, 15 ta' Mejju, 1979.

46. *Lumen gentium,* n. 11.
47. *Humanae vitae,* n. 8.
49. Ittra lill-familji, nn. 6-7.
49. *Gaudium et spes,* n. 24.
50. Ittra lill-familji, n. 8.
51. Ara *Humanae vitae,* n. 9.
52. Ittra lill-familji, n. 8.
53. Ritwal Ruman, Ordni għaċ-Ċelebrazzjoni taż-Żwieġ, n. 60.
54. *Familiaris consortio,* n. 20 b'ċitazzjoni minn Mt 19, 6.
55. Ittra lill-familji, n. 12; ara *Humanae vitae,* n. 12; Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, n. 2366.
56. Ara Tertullian, *Ad uxorem* II, VIII, 6-8; *Familiaris consortio,* n. 11.
57. *Familiaris consortio,* n. 16.
58. Ġwann Pawlu II, Diskors lil dawk li ħadu sehem fil-Konvenju "Familji għall-qadi tal-ħajja", imniedi mill-Kummissjoni Episkopali tal-Konferenza Episkopali Taljana, 28 ta' April, 1990.
59. *Familiaris consortio* n. 17.
60. Konċilju Vatikan II, *Perfectae caritatis,* n. 24.
61. Konċilju Vatikan II, *Optatam totius,* n. 2.
62. Konċilju Vatikan II, *Presbyterorum Ordinis,* n. 11.
63. Ara *Familiaris consortio,* n. 16.

# IV

# Il-missier u l-omm bħala edukaturi

37. Alla, huwa u jagħti lill-miżżewġin il-privileġġ u r-responsabbiltà kbira li jkunu ġenituri, jagħtihom ukoll il-grazzja biex jaqdu sewwa din il-missjoni proprja tagħhom. Il-ġenituri, meta jaqdu d-dmir li jedukaw lil uliedhom, huma mdawwlin "minn żewġ veritajiet fundamentali, l-ewwel li l-bniedem hu msejjaħ biex jgħix fil-verità u l-imħabba, u t-tieni li kull bniedem jilħaq il-kobor sħiħ tiegħu permezz ta' l-għoti bil-qalb tiegħu nnifsu" ([64]). Bħala miżżewġin, ġenituri u ministri tal-grazzja sagramentali taż-żwieġ, il-ġenituri huma minn jum għall-ieħor imwettqin minn setgħa spiritwali speċjali minn Kristu, li jħobb u jmantni l-Knisja, l-Għarusa tiegħu.

Għax miżżewġin, u għalhekk "ġisem wieħed" bir-rabta taż-żwieġ, jaqsmu bejniethom id-dmir li jedukaw lil uliedhom f'kollaborazzjoni ħielsa u bil-qalb, imsaħħa minn djalogu qawwi u sħiħ, li għandu l-bidu proprju tiegħu fis-sagrament taż-żwieġ, li kkonsagrahom ħa jagħtu edukazzjoni verament Nisranija lill-uliedhom. Dan ifisser li s-sagrament taż-żwieġ isejjaħ lill-ġenituri biex jissieħbu fl-istess awtorità u fl-istess imħabba ta' Alla l-Missier u ta' Kristu r-Ragħaj, kif ukoll fl-imħabba tal-Knisja Omm, li tagħnihom bl-għerf, bil-għaqal, u bil-qawwa, u b'kull don ieħor ta' l-Ispirtu s-Santu, ħa jgħinu lil uliedhom jikbru bħala bnedmin u bħala Nsara ([65]).

38. Għall-formazzjoni għall-kastità, fil-"paternità-maternità" hemm ukoll *il-ġenituri adottivi* u wkoll *il-ġenitur li baqa' waħdu.* Id-dmir ta' dan il-ġenitur mhux ħafif għax tonqos l-għajnuna tal-ġenitur tas-sess l-ieħor. Iżda Alla jwettaq il-ġenituri waħedhom b'imħabba speċjali, huwa u jsejħilhom biex jidħlu għal dan id-dmir bl-istess ġenerożità u bl-istess sensibbiltà li bihom iħobbu u jieħdu ħsieb l-ulied proprji tagħhom fl-aspetti l-oħra kollha tal-ħajja tal-familja.

39. Hemm persuni oħra li, f'ċerti każi, huma msejħin biex jieħdu post il-ġenituri: dawk li b'mod permanenti jitgħabbew bid-dmir ta' ġenituri, bħalma jiġri fil-każ ta' tfal iltiema jew abbandunati. Fuqhom jaqa' d-dmir li jagħtu formazzjoni lit-tfal u liż-żgħażagħ b'mod sħiħ u b'imħabba wkoll, u mingħand Alla jirċievu l-grazzja biex id-dmir tagħhom jagħmluh skond l-istess prinċipji li jmexxu lill-ġenituri Nsara.

40. Il-ġenituri qatt m'għandhom iħossu li huma waħedhom fil-qadi ta' dan l-impenn. Il-Knisja twettaqhom, u tqawwilhom qalbhom, b'fiduċja kbira fihom għax temmen li huma kapaċi jaqdu dan id-dmir aħjar minn kull ħaddieħor.

Bl-istess mod tfarraġ dawk l-irġiel u dawk in-nisa li spiss, b'sagrifiċċji kbar, jagħtu lit-tfal bla ġenituri sura ta' mħabba bħal dik tal-ġenituri u sens ta' ħajja bħal dik tal-familja. Madankollu kulħadd għandu jidħol għal dan id-dmir bi spirtu ta' talb, miftuħ u ubbidjenti għall-veritajiet tal-fidi u tar-raġuni, imwettaq mit-tagħlim tal-Knisja, lest li dejjem iqis lil dawn it-tfal u lil dawn iż-żgħażagħ bħala persuni, ulied Alla u werrieta tas-Saltna tas-Smewwiet.

## Id-drittijiet u d-dmirijiet tal-ġenituri

41. Qabel ma nidħlu fid-dettalji prattiċi tal-formazzjoni taż-żgħażagħ fil-kastità, hu importanti ħafna li naraw li l-ġenituri jkunu jafu sewwa x'inhuma d-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom, b'mod speċjali, quddiem l-Istat u quddiem l-iskola, li qed ifittxu li jieħdu f'idejhom l-inizjattiva fil-qasam ta' l-edukazzjoni sesswali.

Fil-*Familiaris consortio* il-Papa Ġwann Pawlu II qal: "Id-dritt u d-dmir tal-ġenituri fl-edukazzjoni għandu jitqies *essenzjali* għax hu marbut mat-tnissil tal-ħajja tal-bniedem; għandu jitqies ukoll *oriġinali u ewlieni,* imqabbel mad-dmir li għandhom l-oħrajn li jagħtu edukazzjoni; dan għax l-imħabba tal-ġenituri għal uliedhom ma hemmx oħra bħalha. Hu dritt u dmir tal-ġenituri l-edukazzjoni ta' wliedhom *għax ma jistax jagħmilha ħaddieħor u lanqas tista' titħalla f'idejn ħaddieħor;* għalhekk il-ġenituri la jistgħu jiċċaħdu għal kollox minn dan id-dritt-dmir tagħhom u lanqas ħadd ieħor ma jista' jeħodulhom bilfors" ([66]), ħlief fil-każ, ġa msemmi, ta' impossibiltà fiżika jew psikika.

42. Din id-duttrina hi mibnija fuq it-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II ([67]) u hi mħabbra wkoll fid-*Dokument tad-Drittijiet tal-Familja.* "Għax taw il-ħajja lil uliedhom, il-ġenituri għandhom id-dritt li jedukawhom, dritt li hu tagħhom sa mill-bidu, dritt ewlieni li ma jistgħux jgħadduh lil ħaddieħor;... huma għandhom id-dritt jedukaw lil uliedhom skond il-konvinzjonijiet reliġjużi u morali tagħhom, huma u jqisu t-tradizzjonijiet kulturali tal-familja, li huma favur il-ġid u d-dinjità tat-tifel; għandhom jirċievu wkoll mis-soċjetà l-għajnuna u l-assistenza meħtieġa biex jaqdu kif jixraq dan id-dmir edukattiv tagħhom ([68]).

43. Il-Papa jinsisti fuq il-fatt li dan b'mod partikulari għandu x'jaqsam mas-sesswalità: "L-edukazzjoni sesswali, li hi dritt u dmir ewlieni tal-

ġenituri, għandha dejjem tingħata taħt il-ħarsien tal-ġenituri, jew fid-dar jew f'ċentri ta' edukazzjoni, magħżulin u kkontrollati minnhom. F'din il-ħaġa wkoll, il-Knisja tinsisti fuq il-liġi tas-sussidjarjetà, li l-iskola hi fid-dmir tħares, meta tgħin fl-edukazzjoni sesswali, billi din l-edukazzjoni tagħtiha bl-istess spirtu li jagħtuha l-ġenituri. ([69])

Il-Papa jżid jgħid: "Minħabba r-rabtiet kbar li hemm bejn in-natura sesswali tal-persuna u l-valuri morali tagħha, il-ħidma edukattiva tal-ġenituri trid twassal lit-tfal biex jagħrfu u jistmaw il-liġi morali bħala garanzija meħtieġa u ta' siwi ħalli b'mod responsabbli jikbru bħala persuni f'dak li għandu x'jaqsam mas-sesswalità tagħhom bħala bnedmin" ([70]). Ħadd ma jista' jagħti edukazzjoni morali f'dan il-qasam aħjar milli jistgħu jagħtuha ġenituri li huma mħarrġin tajjeb fiha.

## It-tifsir tad-dmir tal-ġenituri

44. Dan id-dritt jitlob *dmir edukattiv:* jekk il-ġenituri fil-fatt ma jagħtux edukazzjoni xierqa fil-kastità, jonqsu minn dan id-dmir preċiż tagħhom u jkunu wkoll ħatja jekk iħallu tingħata lil uliedhom, barra minn darhom, formazzjoni immorali u mhux xierqa.

45. Dan id-dmir illum qed jiltaqa' ma' diffikultajiet partikulari wkoll, minħabba t-tixrid, permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, tal-pornografija, istigata minn raġunijiet kummerċjali, li qed tħassar is-sensibbiltà ta' l-adolexxenti. Dwar dan, min-naħa tal-ġenituri, huma meħtieġa żewġ attivitajiet ħerqana: edukazzjoni preventiva u kritika ma' wliedhom, u ħidma ta' kundanna kuraġġuża ma' l-awtoritajiet. Il-ġenituri, għal rashom jew f'assoċjazzjoni ma' ġenituri oħra, għandhom id-dritt u d-dmir li jġibu 'il quddiem il-ġid ta' wliedhom u jinsistu ma' l-awtoritajiet biex ikun hemm liġijiet li jipprevjenu u jrażżnu l-isfruttament tas-sensibbiltà tat-tfal u taż-żgħażagħ ([71]).

46. Il-Papa jisħaq fuq l-importanza ta' dan id-dmir tal-ġenituri billi juri x'għandu ikunu d-direttivi u l-għaniet tagħhom: "F'kultura li tqis kważi għal kollox 'bħala xi ħaġa ta' xejn' is-sesswalità tal-bniedem, għaliex tifhimha u tgħixha b'mod li tfaqqarha u ddgħajjifha, għax torbotha biss mal-ġisem u mal-pjaċiri egoistiċi tal-bniedem, is-servizz ta' edukazzjoni li l-ġenituri għandhom jagħtu lil uliedhom irid iwassal għall-edukazzjoni sesswali soda, li tkun kollha kemm hi u verament personali, jiġifieri turi li s-sesswalità hi ġid tal-persuna kollha kemm hi – ġisem, sentimenti u ruħ – u tidher fit-tifsir sħiħ tagħha meta twassal lill-persuna biex tagħti lilha nfisha kollha kemm hi bir-ruħ u l-ġisem fl-imħabba" ([72]).

47. Madankollu ma nistgħux ninsew li dan hu dritt u dmir ta' edukazzjoni li l-ġenituri Nsara fl-imgħoddi ftit għarfuh u ħarsuh, forsi għax il-problema ma kinitx gravi daqskemm hi llum, jew għaliex dan id-dmir-dritt kien qed jiġi xi ftit sostitwit mill-qagħdiet soċjali li kienu jiddominaw fl-imgħoddi, u wkoll minn dak li f'din il-ħaġa kienu qed jagħmlu l-Knisja u l-iskejjel kattoliċi. M'hijiex ħaġa ħafifa għall-ġenituri llum li jidħlu għal dan l-impenn edukattiv, għax illum dan l-impenn qed juri ruħu kumpless ħafna u wsiq aqwa minn kull ma jistgħu jagħmlu l-familji, għaliex fil-kotra l-kbira tal-każijiet mhux possibbli għall-familji llum jaraw x'kienu jagħmlu l-ġenituri tagħhom.

Għalhekk il-Knisja tqis li hu dmir tagħha tagħti kontribut b'dan id-dokument biex il-ġenituri jiksbu mill-ġdid fiduċja fil-ħila tagħhom u jsibu għajnuna ħa jaqdu dan id-dmir tagħhom.

## Noti

64. Ittra lil-familji, n. 16.
65. *Familiaris consortio* n. 38.
66. *Ibid.* n. 36.
67. Ara *Gravissimum educationis,* n. 3.
68. Dokument tad-Drittijiet tal-Familja preżentat mis-Santa Sede, 22 ta' Ottubru, 1983, art. 5.
69. *Familiaris consortio,* n. 37; ara Dokument tad-Drittijiet tal-Familja, art. 5c.
70. *Familiaris consortio,* n. 37.
71. Problema iehor delikat u kompless fl-edukazzjoni ta' l-ulied li ma jistax jiġi trattat kif jixraq f'dan id-dokument, hija dik ta' l-*AIDS,* marda li qed tinxtered permezz ta' l-użu tad-droga u permezz ta' ghemil sesswali. Il-knejjes lokali huma mpenjati sewwa f'hidmiet ta' assistenza u ta' ghajnuna lil min hu milqut minn din il-marda kif ukoll f'hidma ta' prevenzjoni.

Dwar il-prevenzjoni ta' l-*AIDS* jehtieġ ikun maghruf sewwa s-siwi ta' sesswalità ordinata u orjentata lejn il-familja, u jehtieġ ukoll li tiġi korretta l-fehma ta' kampanja ta' informazzjoni dwar "sess żgur" u dwar l-użu ta' mezzi profilatiċi (il-*condom*). Din il-ħaġa li hi kollha kemm hi kontra l-morali, tqarraq u tispiċċa biex thajjar ghall-promiskwità u ghal relazzjonijiet liberi bejn is-sessi, minhabba fehmiet qarrieqa li ma hemmx periklu. Studji oġġettivi u xjentifikament serji juru perċentwali gholja ta' falliment ta' dawn il-mezzi.

72. *Familiaris consortio* n. 37.

# V

# Triqat ta' formazzjoni fi ħdan il-familji

48. L-edukazzjoni fil-familja mela hi l-post *normali u ordinarju* tal-formazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ ħa saħħu fihom u jħaddnu l-virtujiet ta' l-imħabba, tar-rażan, tal-qawwa, u għalhekk ukoll, tal-kastità. Bħala knisja tad-dar il-familja *hi skola ta' umanità ta' għana liema bħalu* (73). Dan jgħodd l-aktar għall-formazzjoni morali u spiritwali, u fuq kollox għall-formazzjoni f'dak li hu fih innifsu delikat ħafna, bħalma hi l-kastità: fiha jinsabu minsuġa aspetti fiżiċi, psikiċi u spiritwali, sinjal ta' libertà, u influwenza ta' eżempji soċjali, mistħija naturali, u ġibdiet qawwija tal-ġisem tal-bniedem; fatturi kollha marbutin ma' l-għarfien, ukoll jekk impliċitu, tad-dinjità tal-persuna umana, imsejħa biex tissieħeb ma' Alla u, fl-istess waqt, imġarrba mid-dgħufija tagħha. F'dar Nisranija l-ġenituri għandhom il-qawwa li jmexxu lil uliedhom lejn il-kobor sħiħ tal-personalità tagħhom skond il-qies ta' Kristu, fi ħdan il-ġisem mistiku tiegħu, li hu l-Knisja (74).

Il-familja għalhekk tistagħna b'dawn is-setgħat, imma teħtieġ ukoll l-għajnuna ta' l-Istat u tas-soċjetà, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà. "Iżda jista' jiġri li familja, meta tagħżel li tgħix b'mod sħiħ il-vokazzjoni tagħha, issib li ma għandhiex l-għajnuna li teħtieġ mill-Istat u għalhekk m'għandhiex riżorsi biżżejjed. Jeħtieġ għalhekk mhux biss li tiġi malajr 'il quddiem politika soċjali tal-familja, imma li jiġu wkoll 'il quddiem dawk is-sistemi soċjali li għandhom bħala għan ewlieni l-familja, biex jgħinuha billi jipprovdulha riżorsi biżżejjed u mezzi ta' għajnuna effiċjenti kemm għall-edukazzjoni ta' l-ulied u kemm għall-kura ta' l-anzjani" (75).

49. Il-ġenituri, huma u jagħrfu dan u huma u jagħrfu wkoll id-diffikultajiet veri li hemm illum għaż-żgħażagħ, l-aktar minħabba fatturi ta' nuqqasijiet kbar soċjali u morali, huma mħeġġin biex *jissograw jitolbu u jipproponu xi ħaġa iżjed.* Ma jistgħux ikunu kuntenti biss li jevitaw dak li hu agħar, jiġifieri li wliedhom ma jkunux drogati jew li ma jagħmlux xi delitt, imma jridu jimpenjaw ruħhom biex jedukawhom fil-valuri veri tal-persuna, imġedda mill-virtujiet tal-fidi, tat-tama u ta' l-imħabba: il-libertà, ir-responsabbiltà, il-paternità u l-maternità, il-qadi, ix-xogħol professjonali, is-solidarjetà, l-onestà, l-arti, l-isport, il-ħsieb ħieni li jafu li huma wlied Alla, u għalhekk aħwa ta' kull bniedem, u l-bqija.

## Il-valur essenzjali tad-dar

50. Ix-xjenzi psikoloġiċi u pedagoġiċi, b'dak li kisbu dan l-aħħar, u l-esperjenza jaqblu li għandha tkun tidher sewwa l-importanza deċiżiva ta' edukazzjoni sensittiva, ħienja u ta' siwi, *f'ambjent fejn issaltan l-imħabba għal xulxin fi ħdan il-familja,* speċjalment fl-ewwel snin tat-trobbija u tat-tfulija, u, forsi wkoll, qabel l-istess tnissil ta' l-ulied, żminijiet li fihom iseħħu d-dinamiżmi emozzjonali l-aktar fil-fond tat-tifel. Importanti ħafna li jkun hemm il-qies fir-relazzjonijiet tal-koppja ma' xulxin, u jaċċettaw u jfittxu 'l xulxin. Importanti wkoll u jiswa ħafna li jkun hemm relazzjonijiet ħienja u tajba bejn ir-raġel u l-mara u li kemm il-missier u kemm l-omm ikunu tassew preżenti f'dawn is-snin li huma importanti ħafna kemm għall-proċess ta' l-identifikazzjoni u kemm għall-valur tar-relazzjonijiet ta' mħabba għat-tfal, li bihom it-tfal iħossu li qegħdin fiż-żgur.

51. Xi nuqqasijiet kbar fil-ġenituri u qagħda żbilanċjata bejniethom (bħal meta jew il-missier jew l-omm jew iż-żewġ ġenituri jżommu ruħhom 'il bogħod mill-ħajja tad-dar, jew bħal meta ma jimpurtahom xejn mill-edukazzjoni ta' wliedhom, jew bħal meta jkunu severi żżejjed) huma fatturi li jistgħu joħolqu fit-tfal taqlib emozzjonali jew affettiv, u jħawwdu sewwa l-adolexxenza tagħhom u, xi drabi, jibqgħu jefettwawhom tul ħajjithom kollha. Jeħtieġ li l-ġenituri jsibu *żmien biex ikunu ma' wliedhom, u żmien ukoll biex jitkellmu magħhom.* It-tfal, li huma don u mpenn fl-istess waqt, huma l-ħidma l-aktar importanti tal-ġenituri, għalkemm ma tantx tidher li tħallilhom qligħ, għaliex it-tfal huma aqwa mix-xogħol, mid-divertiment, mill-qagħda soċjali. Fil-konverżazzjonijiet mat-tfal, li dejjem iridu jiżdiedu aktar ma jikbru t-tfal, wiehed irid jagħraf jismagħhom bl-attenzjoni kollha, jisforza biex jifhimhom, u jipprova jara x'verità jista' jkun hemm f'xi suriet ta' ribelljoni tagħhom. Fl-istess waqt, il-ġenituri jistgħu jgħinuhom isibu t-triq it-tajba, fost it-tamiet u l-qtigħ il-qalb tagħhom, billi jgħallmuhom jaħsbu dwar ir-realtà ta' kull ħaġa u jgħallmuhom ukoll kif jirraġunaw dwar kull ħaġa. Dan ma jfissirx li għandhom jimponulhom kif iġibu ruħhom, imma biss juruhom għal liema raġunijiet sopranaturali u umani għandhom iġibu ruħhom kif jgħidulhom. Jirnexxielhom jagħmlu dan aħjar jekk jafu jsibu żmien għal uliedhom u, b'imħabba, jinżlu għal-livell tagħhom.

## Formazzjoni għal xirka ta' ħajja u ta' mħabba.

52. Il-familja Nisranija tista' toffri ambjent mimli bl-imħabba ta' Alla, fejn ikun hemm għoti sħiħ tassew lil xulxin ([76]). It-tfal li jgħaddu minn esperjenza bħal din, ikunu aktar lesti biex jgħixu skond dawk il-veritajiet morali, meta jaraw il-ġenituri tagħhom stess iħarsuhom. Jiksbu fiduċja

fihom infushom u jitgħallmu dik l-imħabba li tirbaħ kull biża', għax xejn ma jqanqal għall-imħabba aktar mill-għarfien li tkun maħbub. Hekk ir-rabta ta' l-imħabba għal xulxin, li tagħha l-ġenituri jagħtu xhieda lil uliedhom, żgur tħares is-serenità u l-affetti tagħhom. Din ir-rabta ttejjeb il-fehma, ir-rieda, u l-emozzjonijiet, għax twarrab dak kollu li jista' jbaxxi jew itellef is-siwi tad-don tas-sesswalità umana li, f'familja fejn issaltan l-imħabba, *dejjem tiftiehem bħala parti mis-sejħa għall-għoti tiegħek innifsek b'imħabba lil Alla u lill-oħrajn.*

"Il-familja hi l-ewwel skola u skola ewlenija fejn wieħed jitgħallem jgħix fis-soċjetà, għax hi komunità ta' mħabba; il-familja, fl-għoti lil xulxin, issib ir-regola li tmexxiha u tgħinna tikber. L-għoti lil xulxin li jiġi mill-imħabba tal-miżżewġin għal xulxin, hi xempju u regola ta' l-għoti lil xulxin li għandu jkun hemm bejn l-aħwa u bejn dawk kollha, li għalkemm mhux indaqs fiż-żmien, qegħdin jgħixu flimkien fil-familja. L-għaqda u tisħib flimkien kuljum fid-dar, kemm waqt il-ferħ u kemm waqt it-tiġrib, huma l-aqwa u l-aħjar dixxiplina li twassal lil ulied biex jidħlu b'mod responsabbli, b'mod li jagħti frott, fil-qasam aktar wiesgħa tas-soċjetà" (77).

53. Fl-aħħar mill-aħħar l-edukazzjoni għall-imħabba vera, li ma tkunx vera jekk ma ssirx imħabba li trid il-ġid, titlob li l-persuna maħbuba tiġi milqugħa, li l-ġid tagħha jitqies bħallikieku kien il-ġid tiegħek stess: għalhekk din l-imħabba titlob edukazzjoni dwar relazzjonijiet ġusti ma' l-oħrajn. Jeħtieġ li wieħed jgħallem lit-tfal, lill-adolexxenti u liż-żgħażagħ kif ikollhom relazzjonijiet tajba ma' Alla, mal-ġenituri tagħhom, ma' ħuthom bniet u subien, ma' sħabhom tamparhom ta' l-istess sess tagħhom jew tas-sess l-ieħor, mal-kbar.

54. L-anqas għandna ninsew li l-*edukazzjoni għall-imħabba tħaddan kollox:* ma jistax ikun li timxi 'l quddiem, inti u tfittex relazzjonijiet tajba ma' xi persuna, jekk fl-istess waqt ma tkunx tfittex li jkollok relazzjonijiet tajba ma' persuni oħra. Kif ġa għedna, l-edukazzjoni għall-kastità, għax hi edukazzjoni għall-imħabba, hi fl-istess waqt edukazzjoni ta' l-ispirtu, tas-sensibbiltà u tas-sentimenti. L-imġiba ma' persuni oħra tiddependi mhux ftit mill-mod kif wieħed juri s-sentimenti spontanji tiegħu għalihom, mill-mod kif xi sentimenti tieghu jġibhom 'il quddiem u oħrajn jikkontrollahom. Il-kastità bħala virtù qatt ma ghandha titqies biss bħala kapaċità għal xi għemil li jaqbel ma' mġiba minn barra; il-kastità titlob li jitħaddmu u jiġu żviluppati dawk id-dinamiżmi ta' natura u ta' grazzja li huma l-elementi ewlenin u immanenti ta' l-gharfien tal-liġi ta' Alla, bħala garanzija ta' kobor u ta' libertà (78).

55. Għalhekk jeħtieġ ngħidu li l-edukazzjoni għall-kastità ma tistax

tinfired mill-impenn ħa jiġu 'l quddiem il-*virtujiet l-oħra* u b'mod speċjali, *l-imħabba nisranija* li bħala karatteristika tagħha għandha r-rispett, l-altruwiżmu, il-qadi: din hi l-imħabba tassew. Is-sesswalità hi ġid ta' importanza kbira li jrid jiġi mħares skond l-ordni tar-raġuni, imdawwla mill-fidi. Aktar ma hu kbir il-ġid, aktar għandu jiġi mħares fih l-ordni tar-raġuni" ([79]). Minn hawn jiġi li fl-edukazzjoni għall-kastità, "jeħtieġ tikkontrolla lilek innifsek, u dan jissopponi li jkollok virtujiet bħalma huma l-modestja, ir-rażan, ir-rispett għalik innifsek u għall-oħrajn, u ftuħ lejn għajrek" ([80]).

Huma importanti ħafna wkoll dawk il-virtujiet li t-tradizzjoni nisranija dejjem qieset bħala aħwa żgħar tal-kastità (il-modestja, il-qagħda ta' min lest jissagrifika l-kapriċċi tiegħu nnifsu) u li jmantnuhom il-fidi u ħajja ta' talb.

## Id-diċenza u l-modestja

56. Id-diċenza u l-modestja fil-kliem, fl-imġiba u fl-ilbies, huma importanti ħafna biex jinħoloq ambjent adatt ħalli l-kastità tilħaq il-kobor sħiħ tagħha, imma dan irid jiġi minn rispett lejn il-ġisem tiegħek innifsek u mir-rispett għad-dinjità ta' l-oħrajn. Kif ga għedna, il-ġenituri għandhom jgħassu biex ċerti drawwiet, ċerta mġiba u ċerta moda immorali ma jħassrux l-integrità tad-dar, u, b'mod partikulari, l-użu ħażin tal-*mass media* ([81]). Dwar dan, il-Papa wera l-importanza tal-ħtieġa "li jkun hemm kollaborazzjoni sħiħa bejn il-ġenituri, li huma l-ewwel nies li għandhom id-dmir ta' l-edukazzjoni, u r-responsabbli tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali f'kull livell, u ta' l-awtoritajiet pubbliċi, biex il-familji ma jitħallewx waħedhom f'qasam hekk importanti tal-missjoni edukattiva tagħhom... Fil-fatt irridu nammettu li hemm proposti programmi ta' rikreazzjoni xierqa, ta' informazzjoni u ta' edukazzjoni biex ikomplu l-edukazzjoni li tingħata fid-dar u fl-iskola. Iżda dan ma jneħħix il-fatt li f'ċerti nazzjonijiet qed ikun hemm spettakli u pubblikazzjonijiet mimlijin b'kull xorta ta' vjolenza, qishom xi bumbardament ta' messaġġi li jġibu fix-xejn il-prinċipji morali u jwasslu għall-qagħda fejn mhux possibbli li jkun hemm ambjent sejru biex jistgħu jiġu 'l quddiem valuri li tassew jixirqu lill-persuna umana" ([82]).

Il-Papa, dwar it-televiżjoni b'mod partikulari, qal: "Is-sura ta' ħajja – speċjalment fin-nazzjonijiet l-aktar industrijalizzati – spiss qed tħajjar lill-familji biex iwarrbu minn fuqhom ir-responsabbiltà ta' l-edukazzjoni ta' wliedhom, għax qed isibuha ħaġa ħafifa jeħilsu minnhom, billi jħalluhom meħdijin bit-televiżjoni u b'ċerti pubblikazzjonijiet: hekk it-tfal u l-adolexxenti jkollhom okkupati l-ħin kollu u l-ħidma kollha tagħhom. Ħadd ma jista' jiċħad li f'din il-ħaġa wkoll hemm xi ftit tar-raġuni, għaliex

spiss ma hemmx mezzi biżżejjed biex jiġi żviluppat u jintuża tajjeb il-ħin liberu tat-tfal u biex jindirizzawlhom għat-tajjeb l-enerġiji tagħhom" ([83]). Ċirkostanza oħra li qed tinfluwenza din il-qagħda hi l-fatt li ż-żewġ ġenituri jkunu qed jaħdmu, u jaħdmu barra mid-dar. "Ibatu l-konsegwenzi ta' din il-qagħda dawk li l-aktar jeħtieġu għajnuna ħa jiżviluppaw 'il-libertà responsabbli tagħhom'. Minn hawn joħroġ id-dmir – speċjalment għal min jemmen u għall-irġiel u n-nisa li jħobbu l-libertà – li jħarsu t-tfal u l-adolexxenti mill-'aggressjoni' li qed iġarrbu wkoll mill-*mass media*. Ħadd ma għandu jonqos minn dan id-dmir, bl-iskuża komda li hu mpenjat mod ieħor" ([84]). "Il-ġenituri li qed jagħmlu użu mill-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, għandhom jagħmlu użu minnhom bil-għaqal kollu" ([85]).

## Intimità xierqa

57. Ir-rispett ta' l-*intimità* rridu nqisuh f'rabta sħiħa mad-diċenza u mal-modestja, li huma l-ħarsien spontanju tal-persuna li ma tridx turi ruħha u tkun trattata bħala xi ħaġa ta' pjaċir: jekk tifel u żagħżugħ jara li l-intimità tiegħu hi rispettata, jifhem li hu wkoll mistenni li juri l-istess imġiba ma' l-oħrajn.

Hekk jitgħallem iġib 'il quddiem is-sens tiegħu ta' responsabbiltà quddiem Alla, jiżviluppa l-ħajja interjuri tiegħu, u jgawdi l-libertà personali tiegħu: hekk jikseb il-ħila li jħobb aħjar lil Alla u lill-oħrajn.

58. Dan kollu, b'mod ġenerali, jitlob *il-kontroll tiegħek innifsek*, kundizzjoni meħtieġa biex ikollok il-ħila tagħti lilek innifsek bħala don. It-tfal u ż-żgħażagħ għandhom ikunu mħajrin jistmaw u jipprattikaw il-kontroll tagħhom infushom u jżommu ruħhom lura biex jgħixu kif hu xieraq u jagħmlu sagrifiċċji personali bi spirtu ta' mħabba għal Alla, ta' rispett għalihom infushom, u ta' ġenerożità għall-oħrajn, mingħajr ma joħonqu s-sentimenti u l-ħajriet tagħhom u jmexxuhom lejn ħajja ta' virtù.

## Il-ġenituri bħala eżempju għal uliedhom

59. *L-eżempju tajjeb* u l-*leadership tal-ġenituri* hu meħtieġ biex tissaħħaħ il-formazzjoni taż-żgħażagħ fil-kastità. L-omm li għandha stima għall-vokazzjoni tagħha ta' omm u tal-post tagħha fid-dar, tgħin ħafna biex tiżviluppa f'uliedha l-bniet il-kwalitajiet tal-femminilità u tal-maternità, u tagħti lil uliedha subien eżempju ċar, qawwi u nobbli tal-mara ([86]). Il-missier li juri fl-imġiba tiegħu s-sura tad-dinjità tar-raġel li hu, mingħajr ebda sura ta' maskiliżmu, hu eżempju li jiġbed lil uliedu s-subien, u joħloq rispett, ammirazzjoni u sigurtà f'uliedu l-bniet. ([87])

60. Dan jgħodd għall-edukazzjoni fi spirtu ta' sagrifiċċju fil-familji li

qegħdin iġarrbu ħafna l-pressjoni tal-materjaliżmu u tal-konsumiżmu. Hekk biss "l-ulied jikbru ħielsa b'mod xieraq minn irbit żejjed mal-ġid ta' l-art, għax ikunu jgħixu ħajja sempliċi u mrażżna, konvinti li l-bniedem jiswa aktar minħabba dak li hu milli minħabba dak li għandu. F'soċjetà li qiegħda titfarrak minħabba tensjonijiet u ġlied ġejjin minn piki bejniethom ta' nies li qed ifittxu biss l-interessi tagħhom, mehdijin kollhom kemm huma fihom infushom, it-tfal irid jkabbru fihom infushom mhux biss is-sens ta' ġustizzja vera, li waħdu jwassal għar-rispett tad-dinjità ta' kull bniedem bħala persuna, imma wkoll, u wisq aktar, iridu jkabbru fihom is-sens ta' mħabba vera, li twassal għall-qadi ta' l-oħrajn, u l-aktar ta' l-iżjed foqra u ta' dawk li għandhom aktar ħtiġijiet, b'ħerqa tassew sinċiera u bla ebda interess personali" ([88]). "*L-edukazzjoni hi kollha kemm hi parti taċ-ċiviltà ta' l-imħabba,* tiddependi minnha u tgħin bis-sħiħ fil-bini tagħha" ([89]).

## Santwarju ta' ħajja u ta' fidi

61. Ħadd ma jista' ma jkunx jaf li l-aqwa għajnuna li l-ġenituri jistgħu jagħtu lil uliedhom hi l-ġenerożità li biha *jilqgħu l-ħajja,* mingħajr ma jinsew li b'hekk ikunu qed jgħinuhom jiksbu sura aktar sempliċi ta' ħajja. U wkoll, "hu deni inqas iċċaħħad lil uliedek minn xi kumditajiet u vantaġġi materjali, milli ċċaħħadhom li jkollhom ħuthom, subien u bniet, li jistgħu jgħinuhom biex jiżviluppaw l-umanità tagħhom u jaraw iseħħ il-ġmiel tal-ħajja fiż-żminijiet kollha tagħha u bil-varjetajiet kollha li għandha. ([90])

62. Fl-aħħarnett, irridu niftakru li biex tilħaq dawn l-għaniet kollha, il-familja trid qabel xejn tkun *dar ta' fidi u ta' talb* fejn tinħass il-preżenza ta' Alla l-Missier, fejn tinstema' l-kelma ta' Ġesù, fejn tinħass ir-rabta ta' l-imħabba, don ta' l-Ispirtu s-Santu, u fejn l-Omm l-aktar safja ta' Alla ([91]) hi maħbuba u tintalab l-interċessjoni tagħha. Il-ħajja ta' fidi u ta' talb fil-familja għandha bħala oġġett proprju tagħha l-istess *ħajja tal-familja,* li fiċ-ċirkostanzi kollha tagħha dejjem titqies bħala sejħa ta' Alla, bħala tweġiba ta' l-ulied għas-sejħa tal-Missier: ferħ u tbatija, tamiet u niket, twelid u għeluq ta' snin, anniversarji taż-żwieġ tal-ġenituri, vjaġġi, tluq 'il bogħod għal xi żmien, miġjiet lura, għażliet importanti u deċiżivi, il-mewt ta' min hu għażiż – dawn kollha juru li Alla jindaħal b'imħabbtu fil-ġrajja tal-familja; dawn kollha huma l-aħjar mumenti għar-radd il-ħajr lil Alla, għat-talb, għall-fiduċja sħiħa tal-familja kollha fil-Missier ta' kulħadd, li hu fis-Smewwiet" ([92]).

63. F'din l-atmosfera ta' talb ta' għarfien tal-preżenza u tal-paternità ta'

Alla, għandu jingħata t-tagħlim dwar il-veritajiet tal-fidi u tal-morali, biex kulħadd jifhimhom u jgħixhom fil-fond bil-qima kollha, u biex kulħadd jaqra l-Kelma ta' Alla u jgħixha b'imħabba. Hekk il-verità ta' Kristu tibni l-komunità tal-familja fuq is-sisien ta' l-eżempju u tat-tmexxija tal-ġenituri li jinżlu "sal-fond tal-qalb ta' wliedhom u jħallu hemm sinjali li, jiġri x'jiġri, xejn ma hu se jħassarhom" ([93]).

## Noti

73. Ara *Gaudium et spes.* 52.
74. Ara *Familiaris consortio,* nn. 39, 51, 54.
75. Ġwann Pawlu II, enċikl. *Centesimus annus,* 1 ta' Mejju, 1991, n. 45.
76. Ara *Familiaris consortio,* nn 18, 63-64.
77. *Ibid.* n. 37.
78. Ara San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologica,* I-II, 1. 106 a.1.
79. *Ibid.* II-II, q. 153 a. 3.
80. "Orjentamenti edukattivi dwar l-imhabba umana", n. 35.
81. Ara *Familiaris consortio,* n. 76; ara wkoll "Orientamenti edukattivi dwar l-imhabba umana", n. 68; ara Kunsill Pontifiċju ghall-Komunikazzjoni soċjali, Tweġiba pastorali, 7 ta' Mejju 1989.
82. Ġwann Pawlu II, Diskors lil dawk li hadu sehem fil-laqgha msejha mill-Kunsill Pontifiċju ghall-Familja u mill-Kunsill Pontifiċju ghall-Komunikazzjoni soċjali: "Id-drittijiet tal-familja u l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali", 4 ta' Ġunju 1993.
83. Ġwann Pawlu II, Messaġġ ghall-XV-il jum tal-Komunikazzjoni Soċjali, 10 ta' Mejju, 1981.
84. *Ibid.*
85. *Familiaris consortio,* n. 76.
86. Ara *Mulieris dignitatem,* nn. 18-19.
87. Ara *Familiaris consortio,* n. 25.
88. *Ibid.,* n. 37; ara wkoll nn. 47-48.
89. Ittra lill-familji, n. 16.
90. Ġwann Pawlu II, Omelija fil-*Capitol Mall,* Washington, 7 ta' Ottubru 1979.
91. Ara *Familiaris consortio,* n. 59-61; Kongregazzjoni ghad-Duttrina tal-Fidi, Dikjarazzjoni dwar xi kwistjonijiet ta' etika sesswali, *Persona humana,* 29 ta' Diċembru, 1975, n. 12.
92. *Familiaris consortio,* n. 59.
93. *Ibid.* n. 60.

# VI

# Il-mixi 'l quddiem fl-għarfien

64. B'mod partikulari l-ġenituri għandhom id-dmir li juru lil uliedhom *it-triqat tal-ħajja tal-bniedem,* għax il-familja hi "l-aħjar ambjent li fih wieħed jista 'jaqdi d-dmir li jiżgura pass pass edukazzjoni fil-ħajja sesswali. Il-familja għandha qawwa affettiva adatta biex twassal li jiġu milqugħin bla ebda trawma r-realtajiet l-aktar delikati u jiġu ntegrati bla xkiel ta' xejn f'personalità bilanċjata u għanja" (94).

Dan id-dmir ewlieni tal-familja, li għadna kemm fakkarna, jagħti lill-ġenituri d-dritt li wliedhom fl-iskola ma jkunux obbligati jattendu għall-korsijiet ta' tagħlim f'materji li ma jaqblux ma l-konvinzjonijiet reliġjużi morali tagħhom (95). Infatti hu dmir ta' l-iskola li ma tiħux il-post tal-familja, imma aktar għandha "tgħin u ssaħħaħ il-ħidma tal-ġenituri, billi tagħti lit-tfal u liż-żgħażagħ fehma tas-sesswalità bħala valur u bħala ħidma kollha kemm hi tal-persuna, raġel jew mara, maħluqa xbieha ta' Alla" (96).

Dwar dan infakkru dak li għallem il-Papa fil-*Familiaris consortio*: "Il-Knsija dejjem teħodha bil-qawwa kollha kontra dik is-sura ta' tagħlim sesswali, miftum minn kull prinċipju morali, u spiss imxandar, tagħlim li m'huwiex ħlief tħejjija għall-esperjenza tal-pjaċiri tal-ġisem u jwassal – meta wieħed ikun għadu innoċenti – għat-telfien ta' l-hena tal-qalb u għall-bidu tal-mixi fit-triq tal-vizzju" (97).

Irridu għalhekk nissuġġerixxu *erba' prinċipji ġenerali* biex wara naraw liema huma l-passi kollha ta' l-iżvilupp tat-tifel.

### Erba' prinċipji għall-informazzjoni dwar is-sesswalità

65. 1. *Kull tifel hu persuna waħdanija u ma hemmx oħra bħalha, għalhekk għandu jkollu formazzjoni individwalizzata.* Għaliex il-ġenituri jafu, jifhmu u jħobbu kull wieħed minn uliedhom, u kull wieħed ma hemmx ieħor bħalu, huma fl-aħjar qagħda li jiddeċiedu liema jkun iż-żmien f'waqtu biex jagħtu l-informazzjonijiet meħtieġa, skond ma t-tifel ikun qed jikber fiżikament u spiritwalment. Ħadd ma jista' jċaħħad lill-ġenituri koxjenzjużi minn din il-kapaċità tagħhom li jkunu jafu lil uliedhom (98).

66. Il-proċess li bih it-tifel jilħaq il-kobor sħiħ tiegħu bħala persuna, hu differenti għal kull tifel, u għalhekk dawk l-aspetti kollha li l-aktar jolqtu

l-intimità tiegħu, kemm bijoloġiċi u kemm affettivi, irid ikun jafhom permezz ta' *djalogu personalizzat* ([99]). Fid-djalogu, kollu mħabba u fiduċja, ma' kull wieħed minn uliedhom, il-ġenituri jagħtu biċċa minnhom infushom, hekk li jagħtu xhieda ta' l-aspetti tad-dimensjoni affettiva tas-sesswalità li qatt ma tista' tingħata mod ieħor.

67. L-esperjenza turina li dan id-djalogu jkun aħjar jekk il-ġenitur li jagħti t-tagħrif bijoloġiku, affettiv, morali u spiritwali ikun ta' l-istess sess tat-tifel jew taż-żagħżugħ. L-ommijiet, intiżi sewwa mill-ħidma tagħhom bħala ommijiet u mill-emozzjonijiet u l-problemi li huma proprji tas-sess tagħhom, għandhom rabta speċjali ma' wliedhom il-bniet; hekk ukoll il-missirijiet għandhom rabta speċjali ma' wliedhom is-subien. Għandna nirrispettaw din ir-rabta naturali, għalhekk ġenitur li jibqa' waħdu għandu juri sensibbiltà mill-aqwa meta jiġi biex ikellem lil ibnu ta' sess mhux bħal tiegħu, u jista' jagħżel li jħalli f'idejn persuna oħra ta' l-istess sess tat-tifel, u li fiha jkollu fiduċja sħiħa, id-dmir li jwassal lit-tifel il-partikularijiet l-aktar intimi tal-ħajja sesswali. Għal din l-għajnuna ta' natura sussidjarja, il-ġenituri jistgħu jfittxu edukaturi esperti u mħarrġin tajjeb, mill-ambjent ta' l-iskola, tal-parroċa u ta' l-għaqdiet kattoliċi.

68.2 *Id-dimensjoni morali qatt ma għandha tkun nieqsa mit-tagħrif li jingħata.* Il-ġenituri jistgħu jinsistu fuq il-fatt li l-insara huma msejħin biex jgħixu d-don tas-sesswalità jew fiż-żwieġ, jew f'verġinità konsagrata, jew ukoll fiċ-ċelibat, skond il-pjan ta' Alla, li hu mħabba ([100]). Irid ikun hemm insistenza fuq il-valur pożittiv tas-sesswalità, fuq il-kapaċità tagħha li tnissel l-imħabba vera għall-persuni: dan hu l-aspett morali l-aktar radikali u l-aktar importanti tagħha; biss min jaf ikun safi, jista' jħobb fiż-żwieġ jew fil-verġinità.

69. Il-ġenituri, sa minn żmien kmieni ħafna, jistgħu jintebħu bil-bidu ta' ħidma ġenitali istintiva tat-tifel. Ma għandhiex titqies bħala xi sura ta' repressjoni, il-korrezzjoni bil-ħlewwa kollha ta' xi drawwa li aktar tard tista' ssir dnub; u għandha tiġi mgħallma l-modestja, kull meta jkun hemm bżonn, waqt li t-tifel ikun qed jikber bil-mod il-mod. Hu dejjem importanti ħafna l-ġudizzju li jwasslek biex tirrifjuta, għal raġunijiet morali, xi qagħda kontra d-dinjità tal-persuna u kontra l-kastità, meta dan il-ġudizzju hu ġustifikat minn argumenti adatti, tajbin u konvinċenti, kemm għal raġunijiet naturali u kemm għal raġunijiet ta' fidi, u għalhekk ġudizzju pożittiv, b'fehma għolja tad-dinjità tal-persuna. Ħafna twissijiet tal-ġenituri t-tfal jarawhom bħala xi ċanfira jew xi rakkkomandazzjoni biex jiġu evitati ċerti konsegwenzi soċjali jew it-telfien tar-riputazzjoni

man-nies, u mhux bħala sinjali ta' mħabba għall-ġid tagħhom. "Jien inħeġġiġkom biex b'impenn sħiħ tikkoreġu l-vizzji u l-passjonijiet li juru ruħhom f'kull żmien. Għaliex jekk f'kull mument ta' ħajjitna, aħna u nikbru, nistmerru l-valuri ta' kull virtù, nibdew negħrqu ta' spiss, u nissugraw li naslu fil-port bla ebda tagħbija spiritwali" ([101]).

70.3. *It-trawwiem fil-kastità u informazzjonijiet f'waqthom dwar is-sesswalità jridu jsiru fil-kuntest aktar wiesgħa ta' l-edukazzjoni għall-imħabba.* Għalhekk mhux biżżejjed li tingħata informazzjoni oħra dwar is-sess, flimkien ma' prinċipji morali oġġettivi; jeħtieġ ukoll li jkun hemm għajnuna li ma tonqos qatt biex l-ulied jikbru wkoll fil-*ħajja spiritwali,* biex l-iżvilupp bijoloġiku u l-impulsi li t-tfal jibdew iħossu dejjem aktar, ikunu msieħba ma' mħabba akbar għal Alla, il-Ħallieq u l-Feddej, u ma' għarfien akbar tad-dinjità ta' kull persuna umana u ta' ġisimha. Fid-dawl tal-misteru ta' Kristu u l-Knisja, il-ġenituri jistgħu juru x'inhuma l-valuri pożittivi tas-sesswalità umana, bħala parti tal-vokazzjoni naturali tal-persuna għall-imħabba u tal-vokazzjoni ta' kulħadd għall-qdusija.

71. Fil-konversazzjonijiet ma' wliedhom, il-ġenituri għandhom jaraw li qatt ma jonqsu jagħtuhom pariri adatti ħalli jikbru fl-imħabba ta' Alla u ta' għajrhom, u biex jegħlbu d-diffikultajiet li jkollhom: "id-dixxiplina tas-sensi u ta' l-ispirtu, l-għassa u l-għaqal biex tiġi evitata kull okkażjoni ta' dnub, il-ħarsien tal-modestja, ir-rażan fid-divertimenti, okkupazzjoni xierqa tal-ħin, talb, qrar u tqarbin ta' spiss. Iż-żgħażagħ għandhom ifittxu l-aktar li jġibu 'l quddiem *id-devozzjoni tagħhom lejn l-Omm bla tebgħa ta' Alla.* ([102])

72. Il-ġenituri biex jgħallmu lil uliedhom jagħrfu jaraw is-siwi ta' l-ambjenti li jiffrekwentaw b'mod kritiku u awtonomu, u jdarruhom jużaw il-*mass media* mingħajr ma jintrabtu żżejjed magħhom, iridu dejjem jagħtuhom eżempji pożittivi u juruhom kif jużaw b'mod adatt l-enerġiji vitali tagħhom u s-sens tagħhom ta' ħbiberija u ta' solidarjetà fl-oqsma kbar tas-soċjetà u tal-Knisja.

Quddiem tendenzi u qagħdiet mhux flokhom, li biex jingħarfu x'inhuma u x'jiswew hu meħtieġ għaqal kbir u attenzjoni sħiħa, il-ġenituri għandhom ukoll ifittxu l-għajnuna ta' speċjalisti li għandhom formazzjoni xjentifika u morali żgura, ħalli jkunu jafu minn fejn ġejjin, 'l hemm mis-sintomi li jkunu jidhru, u lil dawk li juru dawn it-tendenzi jgħinuhom bis-serjetà u b'mod ċar ħa jegħlbu dawn id-diffikultajiet tagħhom. Il-ħidma pedagoġika għandha aktar tfittex il-kawżi ta' dawn it-tendenzi milli

tipprova trażżanhom direttament ([103]), bl-għajnuna wkoll, jekk ikun meħtieġ, ta' persuni kwalifikati bħalma huma tobba, pedagoġisti, psikoloġi, ta' sentimenti nsara tajba.

73. L-għan tal-ħidma edukattiva tal-ġenituri hu li jikkonvinċu lil uliedhom li l-kastità hi possibbli, hu x'inhu l-istat ta' dak li jkun, u tista' tkun ukoll ta' ferħ għal dak li jkun. Il-ferħ jiġi mill-għarfien tal-kobor li tkun laħqet il-ħajja affettiva f'armonija sħiħa, kobor li, għax hu don ta' Alla, hu don ta' mħabba, u jwassal għall-għoti tiegħek innifsek skond il-vokazzjoni proprja tiegħek. Dan għaliex il-bniedem, li 'fost il-ħlejjaq kollha lilu biss Alla riedu fih innifsu', "ma jistax isib lilu nnifsu kollu kemm hu mingħajr id-don sinċier tiegħu nnifsu" ([104]). "Kristu ta liġijiet li huma komuni għal kulħadd... Ma jgħidlekx li ma għandekx tiżżewweġ, m'humiex kontra li int tiddeverti, iżda jrid li dan tagħmlu b'mod irżin, bla indeċenzi, mingħajr ħtijiet jew dnub. Ma jagħmillekx liġi li tobbligak taħrab fuq il-muntanji jew fid-deżert, imma li tkun bravu, tajjeb, irżin, u safi inti u tgħix f'nofs xi belt" ([105]).

74. Ma tonqosna qatt l-għajnuna ta' Alla jekk kull wieħed minn jfittex l-impenn li jeħtieġ biex iwieġeb għall-grazzja ta' Alla. Il-ġenituri huma u jgħinu, jiffurmaw u jirrispettaw il-kuxjenza ta' wliedhom, għandhom jaraw li dawn jersqu spiss għas-sagramenti u jkunu jafu għax qed jagħmlu dan. U juruhom it-triq għal dan billi huma stess jagħtuhom l-eżempju. Jekk it-tfal u ż-żgħażagħ iħossu l-effett tal-grazzja u tal-ħniena ta' Alla mis-sagramenti, ikunu jistgħu jgħixu sewwa l-kastità tagħhom bħala don ta' Alla, għall-glorja tiegħu, biex iħobbu lilu u l-bnedmin l-oħra. Għajnuna meħtieġa ta' qawwa sopranaturali tingħata bil-qrar ta' spiss, speċjalment jekk wieħed ikollu dejjem l-istess konfessur. It-tmexxija jew direzzjoni spiritwali, ukoll jekk ma tkunx bilfors marbuta mal-ħidma tal-konfessur, hi għajnuna ta' siwi kbir biex iddawwal pass pass il-mixi lejn il-kobor sħiħ ta' l-ulied u biex ikunu mwettqa moralment.

Huwa ta' għajnuna kbira l-qari ta' kotba ta' formazzjoni magħżulin u indikati bħala tajbin kemm biex tingħata formazzjoni aktar wiesgħa u aktar fil-fond, u kemm biex jagħtu eżempji u xhieda li jkunu ta' għajnuna għall-mixi 'l quddiem fil-virtù.

75. Wara li jingħaraf sa fejn trid tasal il-formazzjoni li tingħata, jeħtieġ li jkunu determinati ż–żmien u l-modi kif se tingħata, ibda mit-tfulija.

4. *Il-ġenituri għandhom jagħtu din l-informazzjoni b'mod mill-aktar delikat, iżda b'mod ċar u f'ħin f'waqtu.* Huma jafu sewwa li wliedhom għandhom jiġu trattati bħala persuni, skond il-kundizzjoni personali ta'

l-iżvilupp fisjoloġiku u psikiku tagħhom, waqt li jitqies ukoll l-ambjent kulturali, il-ħajja u l-esperjenza li l-adoloxxenti jkollhom fil-ħajja ta' kuljum. Hu importanti ħafna li l-ġenituri, biex jaraw sewwa dak li għandhom jgħidu lil kull wieħed minn uliedhom, huma stess jitolbu dawl minn Alla, u jitkellmu bejniethom, biex kliemhom la jkun espliċitu żżejjed u lanqas vag iżżejjed. Tagħti ħafna dettalji lit-tfal jista' jkun ta' ħsara flok ta' għajnuna; tħalli għat-tard ħafna l-ewwel informazzjoni li għandha tingħata jkun nuqqas ta' għaqal, għax kull persuna umana hi naturalment kurjuża dwar dan u, kmieni jew tard, tibda tagħmel mistoqsijiet lilha nfisha, l-aktar f'kultura fejn wieħed jista' jara fit-triqat wisq aktar milli għandu jara.

76. B'mod ġenerali, l-ewwel informazzjoni dwar is-sess li għandha tingħata lit-tifel, ma għandhiex tkun dwar is-sesswalità ġenitali, imma dwar it-tqala u t-twelid ta' xi ħuh jew ta' xi oħtu. Il-kurżità naturali tat-tifel titqanqal meta, biex insemmu eżempju, jara f'ommu s-sinjali tat-tqala u jħoss li fid-dar hi mistennija tarbija. Il-ġenituri jistgħu jipprofittaw minn din l-esperjenza ta' ferħ biex jagħtu xi tagħrif sempliċi dwar it-tqala, imma dejjem fid-dawl tal-ħidma ta' l-għaġeb ta' Alla fil-ħolqien, li jrid li l-ħajja ġdida li hu jagħti tkun imħarsa fil-ġisem ta' l-omm ħdejn qalbha.

## Il-mumenti ewlenin ta' l-iżvilupp tat-tifel

77. Hu importanti ħafna li l-ġenituri jħarsu sewwa l-ħtiġijiet ta' wliedhom f'kull mument ta' ħajjithom, huma u jikbru. Huma u jaraw li kull tifel ikollu formazzjoni individwalistika, għandhom jadattaw kull pass ta' l-edukazzjoni ta' wliedhom għall-imħabba skond il-ħtiġijiet partikulari ta' kull wiehed minnhom.

## Is-snin ta' l-innoċenza

78. Mill-ħames snin sal-pubertà (li għandna nqisuha tibda malli jibdew jidhru l-ewwel tibdiliet fil-ġisem tat-tifel jew tat-tifla, tibdiliet li huma l-effett viżibbli tat-tkattir ta' l-ormoni sesswali) aħna għandna ngħidu li t-tifel jew it-tifla qed jgħixu fiż-żmien ta' l-innoċenza, kif il-Papa Ġwann Pawlu II għoġbu jsejjaħlu dan iż-żmien ([106]). Dan iż-żmien ta' hena u kwiet qatt ma għandu jiġi mħarbat b'informazzjoni sesswali mhux meħtieġa. F'dan iż-żmien, li fih l-iżvilupp fiżiku sesswali ma jibdiex juri ruħu, hi ħaġa naturali li l-interessi tat-tfal ikunu dwar aspetti oħra tal-ħajja. Tkun spiċċat is-sesswalità istintiva rudimentali tat-tarbija; it-tfal ta' dak iż-żmien ma juru ebda interess partikulari fil-problemi sesswali u jippreferixxu jkunu ma' tfal oħra ta' l-istess sess tagħhom.

Il-ġenituri, biex ma joħolqux taħwid f'dan il-waqt naturali tal-kobor ta' wliedhom, għandhom ikunu jafu li l-formazzjoni għaqlija għall-imħabba

safja f'dan iż-żmien għandha tkun formazzjoni indiretta li tħejji għall-pubertà, meta mbagħad il-formazzjoni diretta tkun meħtieġa.

79. F'dan il-mument ta' żvilupp, it-tifel iħoss ruħu f'siktu f'ġismu u fil-funzjonijiet ta' ġismu, u jifhem il-ħtieġa tal-modestja fl-ilbies u l-imġiba. Ukoll jekk jagħraf id-differenza fiżika bejn iż-żewġ sessi, it-tifel huwa u jikber f'dan iż-żmien, ġeneralment ftit jimpurtah mill-funzjonijiet ġenitali. L-għarfien tal-ġmiel tal-ħolqien, li jibda juri ruħu f'dan iż-żmien, u l-esperjenzi ta' madwaru li jikseb mid-dar u mill-iskola, għandhom iservu, direttament ukoll, għaż-żmien tal-katekeżi u għat-tħejjija għas-sagramenti, li jseħħu fi ħdan il-komunità ekkleżjali.

80. Iżda dan iż-żmien ta' tfulija mhux nieqes minn tifsir f'relazzjoni ma' l-iżvilupp psiko-sesswali. It-tifel (jew it-tifla) huwa u jikber, mill-eżempju tal-kbar u mill-esperjenza fi ħdan il-familja, jitgħallem x'jiġifieri *tkun mara jew tkun raġel.* Żgur li ma għandniex niskoraġġixxu sinjali ta' tenerezza naturali u ta' sensibbiltà fis-subien u anqas attivitajiet fiżiċi qawwija fi bniet fuq ruħhom ħafna. Iżda min-naħa l-oħra, f'soċjetajiet influwenzati minn xi ideoloġiji, il-ġenituri jridu jżommu ruħhom lura minn oppożizzjoni esaġerata għal dik li qed tissejjaħ "stereotipizzazzjoni ta' l-attivitajiet".

Ma għandniex ma nagħtux każ jew innaqqsu d-differenzi li verament hemm bejn iż-żewġ sessi, u f'ambjent familjari mhux imħassar it-tfal jitgħallmu li hi ħaġa naturali li dawn id-differenzi fis-sess iġibu magħhom ċerti differenzi fil-ħidma normali li l-irġiel u n-nisa jagħmlu fil-familja u fid-dar.

81. Matul dan iż-żmien, il-bniet ġeneralment jibdew jieħdu interess fit-trabi, fil-maternità u fix-xogħol tad-dar, waqt li jaraw fil-maternità tal-Verġni Mqaddsa Marija l-ogħla eżempju għalihom ħa jitħajru u jitheġġu biex jaraw is-siwi tal-femminiltà tagħhom.

82. F'dan iż-żmien l-iżvilupp tat-tifel hu ġeneralment mingħajr taqlib; hu żmien li fih aktar malajr isseħħ relazzjoni tajba mal-missier. F'dan iż-żmien it-tifel irid jitgħallem iqis il-maskulinità tiegħu, il-fatt li hu raġel, bħala don ta' Alla, u jifhem li m'hijiex xi sinjal għalih li r-raġel hu aqwa mill-mara, imma li hi sejħa mingħand Alla biex jidħol għal ċerti ħidmiet u responsabbiltajiet. It-tifel ma għandux jitħalla jkun aggressiv iżżejjed, jew mehdi żżejjed bil-ħila fiżika tiegħu bħala garanzija tas-saħħa tiegħu.

89. Iżda jekk niġu għall-informazzjoni morali u sesswali, jista' jkun

hemm f'dan il-mument ta' tfulija, għad mhux żgħir ta' problemi. Illum, f'xi soċjetajiet hemm tentattivi biex jitħejjew programmi bil-ħsieb li tingħata *informazzjoni sesswali qabel iż-żmien* lit-tfal.

Iżda f'dan il-mument ta' l-iżvilupp tagħhom, it-tfal għad m'humiex f'qagħda li jfihmu għal kollox il-valur tad-dimensjoni affettiva tas-sesswalità. Ma jistgħux jifhmu u jikkontrollaw is-sesswalità f'ambjent adatt ta' prinċipji morali għax ma jistgħux, qabel iż-żmien, jorbtu flimkien informazzjoni sesswali u responsabbiltà morali. Informazzjoni sesswali qabel iż-żmien twassal biex tkisser l-iżvilupp emozzjonali u edukattiv tagħhom u ttelfilhom l-hena naturali tagħhom ta' dan iż-żmien. Il-ġenituri, bil-ħlewwa kollha, imma bil-qawwa wkoll, għandhom iwarrbu kull tentattiv ta' vjolazzjoni ta' l-innoċenza ta' wliedhom, għax dawn it-tentattivi jġibu fix-xejn l-iżvilupp spiritwali, morali u emottiv ta' persuni li qed jikbru u li għandhom dritt għall-ħarsien ta' l-innoċenza tagħhom.

84. Problema oħra tinqala' meta t-tfal jiksbu informazzjoni sesswali mill-*mass media* jew min xi sħabhom li ġew imħassra jew kellhom edukazzjoni sesswali qabel iż-żmien. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-ġenituri jkollhom, bil-għaqal kollu, jagħtu informazzjoni sesswali limitata, biex jikkoreġu xi informazzjoni immorali żbaljata li tkun ingħatat lil uliedhom jew biex jikkontrollaw xi diskorsi oxxeni.

85. Spiss qed ikun hemm vjolenza sesswali fuq it-tfal. Il-ġenituri jridu jħarsu lil uliedhom, l-ewwelnett billi jħarrġuhom kif iżommu ruħhom lura u juru sura ta' mistħija mal-barranin, iżda mingħajr ma jidħlu f'dettalji u partikularitajiet li jistgħu jħawwdu jew ibeżżgħu lit-tfal.

86. Il-ġenituri, kemm fl-ewwel snin tal-ħajja ta' wliedhom kif ukoll fit-tfulija kollha tagħhom, għandhom isaħħu f'uliedhom spirtu ta' kollaborazzjoni, ta' ubbidjenza, ta' ġenerożità u ta' ċaħda, u jgħinuhom ukoll jiżviluppaw il-ħila li jaħsbu fuqhom infushom u jogħlew fihom infushom. Dan għax hi karatteristika ta' dan iż–żmien ta' żvilupp li t-tfal jibdew jitħajru għal ħidmiet intellettwali: bl-użu ta' l-intellett tagħhom it-tfal jaslu biex jiksbu l-ħila li jikkontrollaw dak li jkun qed jiġri madwarhom u, fil-ġejjieni qrib, jikkontrollaw ukoll l-istinti ta' ġisimhom, hekk li jbiddluhom f'attivitajiet ta' l-intellett u tar-raġuni.

Tifel indixxiplinat u mħassar juri ħajra għal ċertu għemil nieqes minn maturità u fil-ġejjieni juru dgħufija morali, għax hu diffiċli ħafna għal xi persuna li tħares il-kastità jekk tkun żviluppat drawwiet egoistiċi u diżordinati u ma tkunx kapaċi turi attenzjoni u rispett għall-oħrajn bl-

imġiba tagħha. Il-ġenituri għandhom juru oġġettivament x'inhu t-tajjeb li jrid jintlaħaq u x'inhu l-ħażin li jrid jiġi evitat, biex hekk joħolqu ambjent morali żgur għall-ħajja kollha.

## Il-pubertà

87. Il-pubertà hi l-ewwel fażi tal-bidu ta' l-adolexxenza, hi l-mument li fih il-ġenituri huma msejħin biex juru attenzjoni partikulari *għall-edukazzjoni nisranija ta' wliedhom,* hi l-mument li fih it-tifel jibda joħlom b'ħafna proġetti ġenerużi, il-mument li fih jibda juri ruħu s-sentiment ta' l-imħabba, jibda ċ-ċaqliq bijoloġiku tas-sesswalità u x-xewqa li jkun ma' l-oħrajn, mument ta' ferħ tassew kbir marbut ma' l-għarfien tal-ħajja li timlieh b'hena bla qjies. Iżda dan iż-żmien hu żmien ukoll ta' mistoqsijiet aktar għoljin, ta' tfittix ħerqan u ta' ħafna qtigħ il-qalb, ta' ċerta nuqqas ta' fiduċja fl-oħrajn, li jistgħu jwassluh biex jingħalaq fih innifsu bi ħsara kbira għalih innifsu; hu xi drabi ż-żmien ta' l-ewwel skonfitti u ta' l-ewwel dispjaċiri ([107]).

88. Il-ġenituri għandhom b'mod partikulari joqogħdu attenti għall-iżvilupp ta' wliedhom u għat-tibdil fiżiku u psikiku li jkun qed iseħħ fihom., tibdil importanti ħafna għall-kobor tal-personalità tagħhom. Mingħajr ma juru biża' u tħassib żejjed fuq li żejjed, ma għandhomx iħallu n-nuqqas ta' kuraġġ jew il-kumditajiet tagħhom iżommuhom milli jindaħlu. Dan loġikament hu mument importanti fl-edukazzjoni dwar il-valur tal-kastità, li tidher ukoll fil-mod kif tingħata informazzjoni dwar is-sesswalità. F'dan il-mument il-mistoqsija edukattiva hi aktar dwar l-aspett ġenitali u għalhekk is-sesswalità trid tiġi preżentata kemm bħala valur u kemm bħala realtà kollha kemm hi; dan ifisser li għandu wkoll jingħata tagħrif dwar dak li għandu x'jaqsam mat-tnissil, maż-żwieġ u mal-familja, ħaġa li trid tinżamm dejjem preżenti f'kull ħidma vera ta' edukazzjoni sesswali ([108]).

89. Il-ġenituri, huma u jaraw it-tibdil li qed iseħħ f'ġisem uliedhom bniet u subien, għandhom jibdew minn dan it-tibdil biex jagħtu *tagħrif dettaljat dwar is-sesswalità,* kull darba li, meta hemm relazzjoni ta' fiduċja u ta' ħbiberija, il-bniet jafdaw f'ommhom u s-subien f'missierhom. Din ir-relazzjoni ta' fiduċja u ta' ħbiberija trid titwaqqaf sa mill-ewwel snin tal-ħajja.

90. Dmir importanti tal-ġenituri hu dak li jissieħbu ma' l-evoluzzjoni fiżjoloġika ta' wliedhom il-bniet, u jgħidulhom jilqgħu bil-ferħ *l-iżvilupp tal-femminiltà tagħhom* korporalment, psikoloġikament u spiritwalment

([109]). Għalhekk hi ħaġa normali li wieħed issa jitkellem dwar iċ-ċikli tal-feritiltà u x'ifissru, iżda ma jkunx għadu meħtieġ tifsir dettaljat dwar l-għaqda sesswali, sakemm dan it-tifsir ma jintalabx.

91. Hu impotanti ħafna li s-subien adolexxenti wkoll ikollhom għajnuna biex jifhmu l-passi ta' l-iżvilupp fiżiku u fiżjoloġiku ta' l-organi ġenitali tagħhom qabel ma jkunu jafuh minn sħabhom waqt il-logħob jew minn persuni li ma għandhomx intenzjonijiet tajba. It-tagħrif dwar il-fatti fiżjoloġiċi tal-pubertà tat-tifel irid jingħata bil-kalma, b'mod pożittiv u b'ċerta riżervatezza, fil-prospettiva taż-żwieġ-familja-paternità. It-tagħlim għalhekk li jingħata lill-adolexxenti, subien u bniet, għandu jkollu wkoll informazzjoni biżżejjed dettaljata dwar il-karatterisitċi korporali u psikoloġiċi tas-sess l-ieħor, li dwarhom tkun qed tikber il-kurżità.
F'dan il-qasam, tista' tkun ta' għajnuna għall-ġenituri l-informazzjoni li jista' jagħti tabib kuxjenzuż, jew ukoll xi psikologu, mingħajr ma din l-informazzjoni tkun maqtugħa mill-fidi u mill-ħidma edukattiva tas-saċerdot.

92. Permezz ta' *djalogu miftuħ u kollu fiduċja,* il-ġenituri mhux biss ikunu jistgħu jmexxu *'l uliedhom il-bniet* meta jsibu quddiem wiċċhom xi taħwid emozzjonali, imma wkoll juruhom is-siwi tal-kastità Nisranija f'relazzjoni mas-sess l-ieħor. L-informazzjoni mogħtija kemm lill-bniet u kemm lis-subien għandha tfittex turi l-ġmiel tal-maternità u l-fatt hekk ta' l-għaġeb tat-tnissil, kif ukoll it-tifsir għoli tal-verġinità. B'dan il-mod ikollhom għajnuna biex jeħduha kontra l-mentalità edonistika hekk imxerrda llum, u b'mod partikolari jkunu mhejjijin, f'dan iż-żmien hekk delikat, biex ma jiksbux *mentalità kontraċettiva* hekk imxerrda llum, mentalità li l-bniet aktar tard iridu jħabbtu wiċċhom magħha fiż-żwieġ.

93. Tul il-pubertà, *l-iżvilupp psikiku u emottiv tat-tifel* jista' jwasslu biex ikollu ħafna fantasiji erotiċi u jwaqqgħu fit-tentazzjoni li jfittex xi esperjenzi sesswali. Il-ġenituri għandhom ikunu qrib uliedhom is-subien, u jikkoreġulhom it-tendenzi li jagħmlu użu mis-sesswalità tagħhom b'mod edonistiku u materjalistiku. Għalhekk għandhom ifakkruhom fid-don li għandhom mingħand Alla, biex jissieħbu miegħu ħalli, tul il-ġrajja kollha tal-bniedem, "isseħħ il-barka mogħtija fil-bidu mill-Ħallieq ta' kollox, fit-tnissil tax-xbieha ta' Alla minn bniedem fi bniedem ieħor" ([110]), u jnisslu fihom l-għarfien li t-tnissil hu frott u sinjal ta' l-imħabba tal-miżżewġin għal xulxin u xhieda ta' l-għoti tagħhom lil xulxin bir-ruħ u l-ġisem. B'dan il-mod is-subien jitgħallmu wkoll jirrispettaw il-mara. Il-

ħidma ta' informazzjoni u ta' istruzzjoni magħmulha mill-ġenituri hi meħtieġa mhux għax l-ulied ma għandhomx mezz ieħor biex ikunu jafu r-realtà sesswali, imma biex isiru jafuha fid-dawl veru tagħha.

94. *B'mod pożittiv u għaqli* l-ġenituri għandhom jagħmlu dak li l-Isqfijiet qalu fil-Konċilju Vatikan II: "Iż-żgħażagħ għandhom ikunu mgħallmin b'mod adatt u f'waqtu, *l-aktar fi ħdan il-familji tagħhom,* dwar id-dinjità ta' l-imħabba fiż-żwieġ, kif taħdem u kif turi ruħha biex, imħejjijin ħa jirrispettaw il-kastità, ikunu jistgħu, fi żmien f'waqtu, jaslu għall-għerusija u għaż-żwieġ" ([111]).

Din l-informazzjoni pożittiva dwar is-sesswalità dejjem trid tkun parti minn pjan ta' formazzjoni tali, li toħloq ambjent nisrani, li fih jingħataw l-informazzjonijiet kollha dwar il-ħajja u l-attività sesswali, dwar l-anatomija u l-*igiene*. Għalhekk id-dmensjonijiet spiritwali u morali jridu jkunu dejjem minn fuq u jkollhom żewġ skopijiet speċjali: il-preżentazzjoni tal-kmandamenti ta' Alla bħala mixja ta' ħajja, u l-formazzjoni ta' kuxjenza verament nisranija.

Ġesù, liż-żagħżugħ li staqsih x'kellu jagħmel biex jidħol fil-ħajja ta' dejjem, wieġbu: "Jekk trid tidħol fil-ħajja, ħares il-kmandamenti" (Mt 19, 17), u wara li semmielu dawk li huma dwar l-imħabba tal-proxxmu, ġabarhom fil-formola pożittiva: "Ħobb l-għajrek bħalek innifsek" (Mt 19, 19). Dan juri li l-kmandamenti huma don ta' Alla, miktubin bis-saba' ta' Alla (ara Ez 31, 18) u sinjal tal-Patt tiegħu. Imwettqin minn Ġesù bl-eżempju tiegħu stess, hu importanti ħafna li l-adolexxenti ma jifirdux il-kmandamenti mir-relazzjoni tagħhom ma' ħajja fiha nfisha għanja u ħielsa minn kull egoiżmu ([112]).

95. Il-formazzjoni tal-kuxjenza trid tibda billi l-adolexxenti jiġu mdawwlin dwar il-pjan ta' mħabba li Alla għandu għal kull persuna, dwar is-siwi pożittiv u ħelliesi tal-liġi morali, u dwar l-għarfien kemm tad-dgħufija li ġieb id-dnub u kemm ukoll tal-mezzi tal-grazzja li jwettqu l-bniedem fil-mixi tiegħu lejn il-ġid u s-salvazzjoni.

"Fl-intimu tal-bniedem-persuna, il-kuxjenza morali" – li hi ċ-ċentru l-aktar sigriet u s-santwarju tal-bniedem, kif jgħid il-Konċilju Vatikan II ([113]) – "tordnalu meta jkun il-waqt, biex iżomm ruħu 'l bogħod mill-ħażen. Meta l-kuxjenza tagħti ġudizzju dwar l-għażliet li l-bniedem jagħmel bil-fatt, tkun tapprova dawk li huma tajbin u tikkundanna dawk li huma ħżiena. Hi xhud ta' l-awtorità tal-verità b'riferenza għal dak li hu fih innifsu Tjieba u li minnu l-persuna umana tinġibed lejn il-kmandamenti u tilqagħhom" ([114]). Dan għaliex "il-kuxjenza hi ġudizzju tar-raġuni li bih il-persuna umana tagħraf il-moralità ta' xi att li tkun se tagħmel jew

qiegħda tagħmel jew ġa għamlet" ([115]). Għalhekk il-formazzjoni tal-kuxjenza titlob li tkun imdawwla dwar il-verità u l-pjan ta' Alla, u ma titqiesx l-istess bħal xi sentiment soġġettiv xejn ċar, jew xi opinjoni personali.

96. Il-ġenituri, huma u jwieġbu għall-*mistoqsijiet ta' wliedhom,* għandhom jagħtuhom raġunijiet tajbin ħafna dwar is-siwi kbir tal-kastità, u juruhom kemm huma dgħajfa intelletwalment u umanament it-teoriji li jħajjru għal imġiba permissiva u edonistika; għandhom iwieġbu b'mod ċar iżda mingħajr ma jagħtu importanza żejda għall-problemi sesswali, u lanqas għall-impressjoni qarrieqa li s-sesswalità hi realtà maħmuġa u ta' mistħija, għaliex hi don kbir ta' Alla, li nissel fil-bniedem il-kapaċità tat-tnissil, billi sieħbu fis-setgħa tiegħu ta' Ħallieq. Anzi kemm l-Iskrittura (ara Għan 8; Hos 2; Ger 3, 1-3; Eżek 23, u l-bqija) u kemm it-tradizzjoni mistika Nisranija ([116]) dejjem ħarsu lejn l-imħabba bħala simbolu u xbieha ta' l-imħabba ta' Alla għall-bnedmin.

97. Għaliex tul il-pubertà t-tifel jew it-tifla jistgħu, b'mod partikulari, jintlaqtu minn *influwenzi emottivi,* il-ġenituri huma fid-dmir li, pemess ta' djalogu u permezz tas-sura ta' ħajjithom, jgħinu lil uliedhom jirbħu l-influwenzi negattivi li jiġuhom minn barra u jwassluhom biex ma jqisux sewwa s-siwi tal-formazzjoni Nisranija fl-imħabba u l-kastità. Xi drabi, l-aktar fis-soċjetajiet li fihom jaħkem il-konsumiżmu, il-ġenituri, mingħajr ma juruh ħafna, għandhom jgħassu fuq ir-relazzjonijiet ta' wliedhom ma' tfal oħra tas-sess l-ieħor. Ukoll jekk aċċettati mis-soċjetà, hemm ċerti drawwiet fid-diskors u fl-imġiba li moralment m'humiex tajbin u juru mod li jġib fix-xejn is-sesswalità billi jagħmluha xi ħaġa ta' konsum. Il-ġenituri mbagħad iridu jgħallmu lil uliedhom is-siwi tal-modestja nisranija, il-moderazzjoni fl-ilbies, il-ħtieġa ta' awtonomija quddiem il-moda, awtonomija li hi l-karatterisitika tar-raġel jew tal-mara li għandhom personalità li laħqet il-kobor sħiħ tagħha. ([117])

### 3. L-adolexxenza fil-pjan tal-ħajja

98. L-adoloxxenza fl-iżvilupp tal-bniedem hi ż-żmien li fih il-bniedem jaħseb x'se jagħmel bih innifsu, u għalhekk jasal biex isib il-vokazzjoni tiegħu: dan iż-żmien illum qed jidher li hu aktar fit-tul milli kien fl-imgħoddi minħabba raġunijiet fiżjoloġiċi u soċjo-kulturali. Il-ġenituri Nsara "jridu jrawwmu 'l uliedhom għall-ħajja, li għaliha jkunu msejħin, biex wieħed jgħixha fil-milja kollha tagħha *skond il-vokazzjoni li tiġih mingħand Alla"* ([118]). Dan hu mpenn ta' importanza kbira li fl-aħħar mill-aħħar hu l-qofol tal-missjoni tagħhom bħala ġenituri. Jekk dan hu dejjem importanti, isir b'mod speċjali importanti f'dan il-mument tal-ħajja ta'

wliedhom: "fil-ħajja ta' kull nisrani *hemm mumenti li jfissru ħafna u huma deċiżivi* biex wieħed jagħraf x'inhi s-sejħa ta' Alla – dawn il-mumenti huma l-*adoloxxenti u ż-żogħżija* ([119]).

99. Hu importanti ħafna wkoll li ż-żgħażagħ ma jkunux waħedhom meta jiġu biex jagħżlu *l-vokazzjoni personali tagħhom;* jiswew ħafna u xi kull tant huma deċiżivi l-pariri tal-ġenituri bl-għajnuna tas-saċerdot jew ta' xi persuni oħra li għandhom formazzjoni xierqa (fil-parroċċi, fl-assoċjazzjonijiet, fil-movimenti ekkleżjali ta' llum, li qed jagħtu kotra ta' frott, u l-bqija), u li jistgħu jgħinuhom isibu t-tifsir vokazzjonali ta' l-eżistenza u l-ħafna suriet tas-sejħa universali għall-qdusija, għaliex kliem Ġesù: "Ejja, imxi warajja", wieħed jista' jisimgħu f'ħafna suriet ta' mixi li minnhom jgħaddu d-dixxipli u x-xhieda tal-Mulej" ([120]).

100. Għall-mijiet ta' snin, il-fehma ta' vokazzjoni kienet dik biss ta' vokazzjoni għas-saċerdozju jew għall-ħajja reliġjuża. Il-Konċilju Vatikan II, huwa u jfakkar it-tagħlim tal-Mulej: "Kunu perfetti bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-Smewwiet" (Mt 5, 48), ġedded is-sejħa universali għall-qdusija ([121]): "din l-istedina qawwija għall-qdusija", kiteb il-Papa Pawlu VI, "nistgħu nqisuha bħala element karatteristiku tal-maġisteru tal-Konċilju kollu kemm hu u, biex ngħidu hekk, l-għan aħħari tiegħu ([122]). Ġwann Pawlu II iżid jgħid li dan kien id-dmir ewlieni mħolli f'idejn l-ulied kollha tal-Knisja mill-Konċilju li sar għat-tiġdid evanġeliku tal-ħajja Nisranija" ([123]). Dan id-dmir m'huwiex sempliċi eżortazzjoni morali, imma hu *mitlub mill-istess misteru tal-Knisja, li ma tista' qatt tigi nieqsa"* ([124]).

Alla jsejjaħ għall-qdusija l-bnedmin kollha u għandu pjan preċiż għal kull wieħed minnhom: *vokazzjoni personali* li kull wieħed irid jagħraf, jilqa' u jġib 'il quddiem. Għall-insara kollha – saċerdoti u lajċi, miżżewġin u m'humiex – jgħodd kliem l-Appostlu tal-ġnus: *"il-magħżulin ta' Alla, qaddisin u maħbubn minnu"* (Kol 3,12).

101. Jeħtieġ għalhekk li fil-katekeżi u fil-formazzjoni mogħtijin fid-dar u barra mid-dar, ma jonqos qatt la t-tagħlim tal-Knisja dwar il-valur għoli tal-verġinità u taċ-ċelibat ([125]) u la t-tifsir vokazzjonali taż-żwieġ li qatt ma għandu jitqies minn Nisrani bħala xi avventura tal-bniedem: "Dan il-misteru… għal Kristu u għall-Knisja huwa kbir" (Ef 5, 32). Jiddependi ħafna mill-ġenituri u mill-ħajja fil-familja li jibnu f'darhom, jekk iż-żgħażagħ tingħatalhom din il-konvinzjoni soda u traxxendenti għall-ġid tal-Knisja u ta' l-umanità ([126]).

102. Il-ġenituri għandhom ifittxu dejjem li *jagħtu eżempju u xhieda*

b'ħajjithom ta' fedeltà lejn Alla u ta' fedeltà lejn xulxin fiż-żwieġ. Iżda l-eżempju tagħhom hu verament deċiżiv fl-adolexxenza, meta ż-żgħażagħ ikunu qed ifittxu *eżempji ta' mġiba li wieħed ikun qed tassew jgħix u eżempji li jiġbduk*. Dan għaliex f'dan iż-żmien il-problemi sesswali jsiru aktar evidenti u għalhekk il-ġenituri jridu wkoll jgħinu liż-żgħażagħ iħobbu l-ġmiel u l-qawwa tal-kastità b'pariri għaqlin, u juruhom is-siwi bla qjjies tagħha u jgħidulhom li biex jgħożżuha jeħtieġu t-talb u s-sagramenti, li jridu jfittxu ta' spiss u jiksbu frott minnhom, speċjalment mill-qrar personali. Barra dan ikunu jistgħu jagħtu lil uliedhom, skond il-ħtieġa, tifsira pożittiva u ħienja ta' ċerti punti tal-morali nisranija li ma jibidlu qatt, bħalma huma l-indissolubiltà taż-żwieġ, ir-relazzjoni bejn l-imħabba u t-tnissil, u wkoll l-immoralità ta' relazzjonijiet sesswali barra ż-żwieġ, l-abort, u l-masturbazzjoni. Dwar dan l-għemil immorali li jmur kontra l-għoti lil xulxin fiż-żwieġ, jaqbel li wieħed jerġa' jiftakar li *ż-żewġ dimensjonijiet ta' l-għaqda taż-żwieġ – id-dimensjoni unittiva u d-dimensjoni prokreattiva – ma jistgħux jiġu mifrudin minn xulxin artifiċjalment mingħajr sa ssir ħsara lill-ogħla verità ta' l-att taż-żwieġ* ([127]). Dwar dan kollu l-ġenituri jsibu għajnuna liema bħalha bl-għarfien fil-fond u meditat tad-dokumenti tal-Knisja dwar dawn il-problemi ([128]).

103. B'mod partikolari, *il-masturbazzjoni* hi diżordni gravi, mhux permessa fiha nfisha, u ma tistax tiġi ġustifikata moralment ukoll jekk "l-immaturità ta' l-adolexxenti, li tista' wkoll tibqa' wara ż-żmien ta' adolexxenza, in-nuqqas ta' qies psikiku u d-drawwa li tkun inkisbet, jistgħu jinfluwenzaw l-imġiba, inaqqsu l-karattru deliberattiv ta' l-att, u jagħmlu li oġġettivament ma jkunux hemm ħtija gravi" ([129]). L-adolexxenti għandu jkollhom għajnuna biex jegħelbu dan id-diżordni, li spiss hu wiri ta' konflitti interni ta' dan iż-żmien tagħhom, u spiss ta' dehra egoistika tas-sesswalità.

104. Problema partikulari tista' turi ruħha waqt il-proċess ta' maturazzjoni-identifikazzjoni tas-sesswalità: hi l-problema ta' *l-omosseswalità*, li madankollu qed tinxtered dejjem aktar fil-kulturi ta' l-ibliet. Jeħtieġ li dan il-fenomenu jiġi ġudikat bil-qies, fid-dawl tad-dokumenti tal-Knisja ([130]). Iż-żgħażagħ jeħtieġ ikollhom għajnuna biex jagħżlu bejn fehma ta' dak li hu normali u fehma ta' dak li m'humiex normali, bejn ħtija soġġettiva u diżordni oġġettiv, u jiġi evitat kull ma jista' joħloq xi ostilità fihom. Min-naħa l-oħra jrid ikun iċċarat sewwa l-orjentament strutturali u komplementari tas-sesswalità, b'riferenza għar-realtà taż-żwieġ, tat-tnissil u tal-kastità Nisranija. "L-omosesswalità hi relazzjoni ta' rġiel jew nisa li jħossu ġibda sesswali, esklussiva u

predominanti għall-persuni ta' l-istess sess tagħhom. Kellna ħafna suriet tul iż-żminijiet u fil-kulturi, u l-oriġini psikika tagħha għadu mhux magħruf biżżejjed" ([131]). Trid issir għażla bejn il-ġibda li tista' tkun fik, u l-għemil omosesswali li hu "intristikament diżordinat fih innifsu" ([132]) u kuntrarju għal-liġi naturali. ([133])

Ħafna drabi, speċjalment meta l-omosesswalità ma tkunx saret drawwa, tista' tkun ta' għajnuna terapija adatta. Hu x'inhu, dawk il-persuni li jinsabu f'qagħda bħal din, għandhom jiġu milqugħin b'rispett, dinjità u delikatezza, u ma tintweriex magħhom ebda sura ta' diskriminazzjoni inġusta. Il-ġenituri min-naħa tagħhom, jekk jintebħu li xi wliedhom, tfal jew adoloxxenti, qed juru din it-tendenza jew xi mġiba omosesswali, għandhom jitolbu l-għajnuna ta' nies esperti u kwalifikati biex jagħtuhom l-għajnuna kollha li jkun hemm bżonn.

Għall-kotra l-kbira ta' persuni omosesswali, din il-qagħda hi prova għalihom. "Għandna nilqgħuhom b'rispett, mogħdrija u attenzjoni kbira. Ma għandux ikun hemm għalihom ebda sinjal ta' diskriminazzjoni mhux ġusta. Dawn il-persuni huma msejħin biex jagħmlu r-rieda ta' Alla f'ħajjithom u, jekk huma nsara, għandhom jagħaqdu mas-salib ta' Kristu d-diffikultajiet li magħhom jiltaqgħu minħabba l-qagħda tagħhom" ([134]). "Il-persuni omosesswali huma msejħin biex iħarsu l-kastità" ([135]).

105. L-għarfien tat-tifsir pożittiv tas-sesswalità b'relazzjoni ma' l-iżvilupp ħieni tal-persuna, u f'relazzjoni mal-vokazzjoni tal-persuna fil-familja, fis-soċjetà u fil-Knisja għandu jkun l-għan li jrid jintlaħaq tul iż-żmien kollu ta' l-iżvilupp ta' l-adolexxenza. Qatt m'għandu jintesa li l-użu diżordinat tas-sess iwassal biex bil-mod il-mod jeqred il-ħila li l-persuna jkollha biex tħobb, għax l-għan tas-sesswalità, flok ikun l-għoti bil-qalb tiegħek innifsek, isir biss pjaċir, u jġib il-persuni l-oħra f'qagħda ta' 'ħaġa', ta' 'għodda', biex bihom tinqeda għall-pjaċir tiegħek: hekk ikun jiddgħajjef il-veru sens ta' l-imħabba tar-raġel u l-mara – imħabba dejjem miftuħa għall-ħajja – u tiddgħajjef ukoll l-istess familja, għax tasal imbagħad biex tmaqdar l-istess ħajja umana li tista' titnissel, għax titqies bħala xi deni li jhedded f'ċerti qagħdiet il-pjaċir personali tiegħek ([136]). Dan għaliex "waħda mir-raġunijiet li jagħtu bidu għall-ismterrija tal-ħajja li se titwieled hi li tqis din il-ħajja bħala xi ħaġa li ma tiswa xejn u li ma hi xejn: l-imħabba vera biss tagħraf tħares il-ħajja" ([137]).

106. Irridu niftakru wkoll li l-adolexxenti fis-soċjetajiet industrijalizzati huma fihom infushom imħassbin u xi kull tant imħawwdin, mhux biss minħabba l-problemi ta' *l-għarfien tagħhom infushom,* ta' l-identità proprja tagħhom u tal-pjan tagħhom għall-ħajja, tad-diffikultajiet tagħhom biex

jintegraw is-sesswalità tagħhom f'personalità li laħqet il-kobor sħiħ tagħha u qabdet triq tajba, imma wkoll minħabba problemi ta' kif se jaċċettaw lilhom infushom u lill-ġisimhom. Dwar dan, ġa qed jitwaqqfu ċentri tas-saħħa speċjalizzati għall-adolexxenti, iżda dawn spiss qed juru li l-għan tagħhom hu kollu kemm hu edonistiku. Ħsieb xieraq tal-ġisem li jwasslek biex tilqa' lilek innifsek bħala don u bħala spirtu inkarnat, imsejjaħ biex tkun miftuħ għal Alla u għas-soċjetà, għandu jkun parti mill-formazzjoni tiegħek f'dan iż-żmien, li hu ż-żmien tal-bini sħiħ tal-personalità tiegħek, iżda żmien ukoll mhux nieqes minn ħafna perikli.

Minħabba dak li qed jiġi suġġerit minn għaqdiet edonistiċi, speċjalment f'soċjetajiet li ma huma neqsin minn xejn, hu importanti ħafna li ż-żgħażagħ ikunu jafu x'inhu l-ideali tas-solidarjetà umana u nisranija, u suriet konkreti ta' impenn f'assoċjazzjonijiet u movimenti ekkleżjali, u fil-volontarjat kattoliku u missjunarju.

107. F'dan iż-żmien ta' l-adolexxenza *l-ħbiberiji* huma importanti ħafna. Skond il-qagħdiet u d-drawwiet soċjali tal-post fejn wieħed ikun jgħix, l-adolexxenza hi żmien li fih iż-żgħażagħ igawdu aktar awtonomija kemm fir-relazzjonijiet tagħhom ma' l-oħrajn u kemm dwar il-ħinijiet tal-ħajja fid-dar. Il-ġenituri, mingħajr ma jċaħħduhom minn awtonomija xierqa, għandhom ikunu jafu jgħidu le lil uliedhom meta dan ikun meħtieġ ([138]) u fl-istess ħin għandhom irawwmu f'uliedhom il-gost għal dak li hu sabiħ, nobbli u veru. Għandhom iħossu wkoll kemm l-adolexxenti jistmaw lilhom infushom, għalkemm din l-istima tagħhom infushom jista' jkollha xi żmien ta' taħwid u ta' sens mhux ċar biżżejjed tad-dinjità personali tagħhom u ta' dak li titlob minnhom.

108. Il-ġenituri, permezz ta' pariri, frott ta' l-imħabba u s-sabar, jgħinu liż-żgħażagħ biex jitbiegħdu *milli jingħalqu żżejjed fihom infushom* u jgħallmuhom – jekk ikun meħtieġ – kif imorru kontra d-drawwiet soċjali li jippruvaw joħonqu l-imħabba vera u l-apprezzament tar-realtà spiritwali. "Kunu meqjusa u għassu. L-għadu tagħkom ix-xitan, qisu ljun jgħajjat, idur ifittex lil min jibla. Iqfulu, sħaħ fil-fidi. Intom tafu li ħutkom, imxerrdin fid-dinja, qegħdin jaqsmu magħkom l-istess tbatijiet tagħkom. Imbagħad, wara li tkunu batejtu għal ftit żmien, Alla li jagħti kull grazzja, li sejħilkom għall-glorja tiegħu ta' dejjem fi Kristu, hu nnifsu jġeddidkom, iwettaqkom, isaħħaħkom u jqegħdkom fis-sod" (I Piet 6, 9-10).

## Lejn iż-żmien ta' l-adulti

109. Dan id-dokument ma għandux il-ħsieb jagħti bidu għal diskors dwar it-tħejjija mill-qrib u minnufih għaż-żwieġ, tħejjija mitluba min

formazzjoni Nisranija li, b'mod partikulari hi ta' min jirrakkomandaha minħabba l-ħtiġijiet taż-żmien ta' llum u li tfakkarna fiha l-Knisja ([139]). iżda rridu dejjem niftakru li l-missjoni tal-ġenituri ma tintemmx malli wliedhom isiru adulti – dan ivarja skond il-kulturi u l-liġijiet ta' kull pajjiż. Hu wkoll mument li jfisser ħafna fil-ħajja taż-żgħażagħ il-mument meta jibdew jaħdmu jew jibdew jiffrekwentaw xi skola superjuri: hu mument li fih iż-żgħażgħ jiġu f'kuntattt – xi kull tant goff ħafna iżda xi drabi jkun ta' ġid ukoll – ma' suriet diversi ta' mġiba u ma' okkażjonijiet li jkunu għalihom tassew ta' sfida.

110. Il-ġenituri, huma u jżommu djalogu mimli fiduċja li kapaċi jqanqal f'uliedhom sens ta' responsabbiltà u ta' rispett għal awtonomija xierqa u meħtieġa, jibqgħu dejjem dawk li lejhom iħarsu wliedhom, kemm minħabba l-pariri u kemm minħabba l-eżempji li jagħtuhom biex il-proċess tad-dħul dejjem aktar tagħhom fis-soċjetà jwassalhom biex jiksbu l-kobor sħiħ tal-personalità tagħhom, integrata fihom infushom u soċjalment. B'mod partikulari, il-ġenituri jridu joqogħdu attenti li wliedhom ma jħallux, imma jsaħħu, ir-relazzjonijiet tagħhom ta' fidi mal-Knisja u ma' l-attivitajiet tagħha, jkunu jafu jagħżlu għalliema tajba. tal-hsieb tal-ħajja għall-ġejjieni tagħhom, biex ikunu jistgħu jimpenjaw ruħhom fl-oqsma kulturali u soċjali bħala Nsara, mingħajr ma jibżgħu juru dan u mingħajr ma jitilfu s-sens tal-vokazzjoni proprja tagħhom.

F'dan iż-żmien li jwassal għall-*gherusija* u għall-għażla ta' dik ir-rabta preferenzjali li tista' twassal għall-formazzjoni ta' familja, il-ħidma tal-ġenituri ma trid tkun xi sempliċi projbizzjoni jew, wisq agħar, impożizzjoni fl-għażla ta' l-għarus jew ta' l-għarusa, iżda aktar għandha tkun għajnuna lil uliedhom biex jaraw liema jkunu l-kundizzjonijiet meħtiega ħa jkun hemm rabta bis-serjetà, onestà u promettenti; għandhom jieqfu magħhom fil-mixja tagħhom lejn xhieda Nisranija ċara u koerenti fir-relazzjonijiet mal-persuna tas-sess l-ieħor.

111. Il-ġenituri jridu wkoll jevitaw dik il-mentalità mxerrda ħafna li twassalhom biex lil uliedhom il-bniet jagħmlulhom ħafna rakkomandazzjonijiet dwar il-virtù u s-siwi tal-verġinità, waqt li ma jagħmlu ebda rakkomandazzjoni lil uliedhom is-subien bħallikieku kollox hu permess lilhom.

Għall-kuxjenza nisranija, u għal dehra xierqa taż-żwieġ u tal-familja, tgħodd hafna r-rakkomandazzjoni ta' San Pawl lill-Filippin: "F'kull ma hu veru, f'kull ma hu xieraq, f'kull ma hu ġust, f'kull ma hu safi, f'kll ma jiġbed l-imħabba, f'kull ma jistħoqqlu l-ġieħ, f'kull ma hu virtù, f'kull ma ħaqqu tifħir, f'dan kollu aħsbu" (Fil 4, 8).

# Noti

94. "Orjentamenti edukattivi dwar l-imhabba umana", n. 48.
95. Ara d-Dokument dwar id-Drittijiet tal-familja, art. 5c.
96. "Orjentamenti edukattivi dwar l-imhabba umana", n. 69.
97. *Familiaris consortio,* n. 37.
98. Ara *Familiaris consortio.*
99. Ara "Orjentamenti edukattivi dwar l-imhabba umana", n. 58.
100. Ara *Familiaris consortio,* n. 16.
101. San Ġwann Griżostmu, *Homiliae in Matthaeum,* 81, 5.
102. *Persona humana,* n. 12.
103. Ara *ibid.;* "Orjentamenti edukattivi dwar l-imhabba umana", n. 90.
104. *Gaudium et spes,* 24.
105. San Ġwann Griżostmu, *Homiliae in Matthaeum,* 7, 7.
106. *Familiaris consortio,* n. 27.
107. Ġwann Pawlu II, Eżortazzjoni appostolika, *Catechesi tradendae,* 16 ta' Ottubru 1979, n. 38.
108. F'hafna kulturi din il-qaghda pożittiva ghandha gheruq fil-fond, u l-pubertà hi ċelebrata permezz ta' "riti ta' moghdija" (mit-tfulija ghall-adoloxxenza), jew b'suriet ta' inizjazzjoni ghall-hajja adulta. Il-kattoliċi, taht it-tmexxija attenta tal-Knisja, jistghu jaċċettaw dak li hu tajjeb f'dawn id-drawwiet u jsaffuhom minn dak li mhux adatt biżżejjed jew hu immorali.
109. Ara *Mulieris dignitatem,* nn. 17s.
110. *Familiaris consortio,* n. 28; ara wkoll *Gaudium et spes.* n. 50.
111. *Gaudium et spes,* n. 49.
112. Ara Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, n. 1777.
115. *Ibid.* n. 1778.
116. Ara Santa Tereża ta' Ġesù, Poeżiji, 5-9; San Ġwann tas-Salib, Poeżiji, 10.
117. Ara "Orjentamenti edukattivi dwar l-imhabba umana", n. 90.
118. *Familiaris consortio,* n. 53.
119. *Christifideles laici,* n. 58.
120. Ġwann Pawlu II, Ittra appostolika liż-żghażagh tad-dinja, *Parati semper,* 31 ta' Marzu 1985, n. 9.
121. Ara *Lumen gentium,* kap. V.
122. Pawlu VI, Motuproprju *Sanctitatis clarior,* 19 ta' Marzu, 1969.
123. Ara b'mod partikulari l-Kap V ta' *Lumen gentium,* n. 39-42, li jitkellem dwar is-sejha universali ghall-qdusija fil-Knisja.
124. *Christifideles laici,* n. 16.
125. Ara Tertulljan, *De exhortatione castitatis,* 10; San Ċiprjan, *De habitu virginum,* 3 u 22; San Atanasju, *De virginitate;* San Ġwann Griżostmu, *De virginitate;* Piju XII, Eżortazzjoni appostolika *Menti nostrae,* 23 ta' Settembru 1950; Ġwanni XXIII, diskors lil dawk li hadu sehem fl-ewwel Kungress Internazzjonali dwar "Il-vokazzjoni ghall-istati ta' perfezzjoni fid-dinja ta' llum", imsejjah mill-Kongregazzjoni tar-Reliġjużi, 16 ta' Diċembru, 1961; *Lumen gentium* n. 42; *Familiaris consortio,* n. 16.
126. Ġwann Pawlu II, Omelija fil-Quddiesa f'Limerick, Irlanda, 1 ta' Ottubru, 1979.
127. Ittra lill-familji, n. 12.
128. Minn barra l-*Gaudium et spes,* 47-52; *Humanae vitae,* u *Familiaris consortio,* hemm ukoll dokumenti importanti tal-Kongregazzjoni ghad-Duttrina tal-Fidi: *Persona humana,* u "Ittra lill-Isqfijiet dwar il-kura pastorali ta' persuni omosesswali", l-1 ta' Ottubru 1986; u tal-Kongregazzjoni ghall-Edukazzjoni Kattolika: "Orjentamenti edukattivi dwar l-imhabba umana"; flimkien mal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika nn. 2331-2400, 2514-2533.
129. *Persona umana* n. 9.
130. Dokumenti tal-Kongregazzjoni ghad-Dutrrina tal-Fidi. *Persona humana* u l-Ittra lill-

Isqfijiet dwar il-kura pastorali ta' persuni omosesswali; ukoll il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 2357-2359.

131. Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, n. 2357.

132. *Persona humana,* n. 8.

133. Ara Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, n. 2357.

134. *Ibid.* n. 2358.

135. *Ibid.* n. 2359.

136. Dan, flimkien ma' l-għarfien tal-qawwa partikulari tal-*libido* – skond ma wera l-istudju tal-psike tal-bniedem – jgħinna nifhmu t-tagħlim tal-Knisja dwar il-gravità ta' kull użu diżordinat tas-sess: "Skond it-tradizzjoni nisranija... u skond kif tifhem ukoll ir-raġuni, l-ordni morali tas-sesswalità għandu għall-ħajja umana valuri tant għoljin li kull qsur ta' dan l-ordni hu gravi oġġettivament" (*Persona humana.* 10). Irridu ninnotaw li l-Knisja tgħallem il-gravità oġġettiva ta' l-att, iżda ma teskludix in-nuqqas ta' ħtija gravi, minħabba rieda mhux perfetta, anzi fl-istess artiklu *Persona humana* turi b'mod ċar li f'din il-ħaġa dan in-nuqqas ta' perfezzjoni hu b'mod partikulari possibbli ħafna.

137. *Evangelium vitae* n. 97.

138. Biżżejjed l-abbużi li jsiru f'ċerti *discos* ma' tfal taħt is-16-il sena.

139. Ara *Familiaris consortio,* n. 66.

# VII

# Direttivi prattiċi

112. Hu mela dmir il-ġenituri, huma u jedukaw lil uliedhom fil-virtujiet, li jieħdu ħsieb jedukawhom għall-imħabba: mill-istess natura tat-tnissil *ewlieni* tal-ħajja umana permezz ta' l-att prokreattiv, joħroġ it-tnissil *sekondarju* li jwassal lil-ġenituri biex jgħinu lil uliedhom jiżviluppaw il-personalità tagħhom.

Għalhekk niġbru fil-qasir kull ma ntqal sa issa u nqegħduh f'mod prattiku billi nirrikmandaw dan li ġej ([140]):

## Rakkomandazzjonijiet lill-ġenituri u lill-edukaturi

113. *Irridu nirrikmandaw lill-ġenituri biex jagħrfu sewwa x'inhi l-ħidma edukattiva proprja tagħhom, iħarsuha u jaqdu dan id-dritt-dmir tagħhom* ([141]). Minn hawn jiġi li kull indħil edukattiv fl-edukazzjoni għall-imħabba minn persuni li huma barranin għall-familja, irid bilfors jiġi aċċettat mill-ġenituri, u jrid jidher mhux bħala xi ħidma flok il-ġenituri, imma bħala għajnuna għall-ħidma tagħhom; dan għax "l-edukazzjoni sesswali, li hi dritt u dmir ewlieni tal-ġenituri, għandha dejjem tingħata taħt il-ħarsien ħerqan tal-ġenituri jew fid-dar jew f'ċentri ta' edukazzjoni, magħżulin u kkontrollati minnhom" ([142]). Il-ġenituri spiss dan jafuh u jagħmlu kull sforz, iżda huma jinsabu żżejjed waħedhom u bla ebda ħarsien, u spiss qed ikunu mġegħlin jaħsbu li qed jiżbaljaw. Jeħtieġu mhux biss li wieħed jifhimhom, imma wkoll li l-gruppi, l-assoċjazzjonijiet u l-istituzzjonijiet jieqfu magħhom u jgħinuhom.

### *Rakkomandazzjonijiet lill-ġenituri*

114. 1. Hu rakkomandat li l-ġenituri *jissieħbu ma' ġenituri oħra* mhux biss biex iħarsu, iżommu u jwettqu l-ħidma proprja tagħhom ta' edukaturi ewlenin ta' wliedhom, speċjalment fil-qasam ta' l-imħabba ([143]), imma wkoll biex jeħduha kontra suriet ta' edukazzjoni sesswali li huma ta' ħsara, u biex jiżguraw li wliedhom ikollhom edukazzjoni skond il-prinċipji Nsara, b'mod li jkun jaqbel ma' l-iżvilupp personali tagħhom.

115. 2. Fil-każ li l-ġenituri jkollhom l-għajnuna ta' oħrajn fl-edukazzjoni ta' wliedhom għall-imħabba, hu rakkomandat li huma *jżommu ruħhom*

*infurmati sewwa dwar dak li qed jiġi mgħallem u kif qed jiġi mgħallem f'din l-edukazzjoni supplimentari li qed tingħata lil uliedhom* ([144]). Ħadd ma għandu d-dritt jobbliga lit-tfal u liż-żgħażagħ biex ma jurux x'inhi l-edukazzjoni li qed tingħatalhom u kif qed tingħatalhom, barra mid-dar.

116. 3. Nafu bid-diffikultà, u spiss bl-impossibiltà tal-ġenituri li *jkollhom sehem sħiħ fl-edukazzjoni supplimentari li tingħata barra mid-dar,* iżda għandhom id-dritt li jkunu jafu xi struttura għandha din l-edukazzjoni u x'tagħlim qed jingħata. Hu x'inhu ma jistgħux jiġu mċaħħdin mid-dritt li jkunu preżenti waqt li qed isiru l-laqgħat ([145]).

117. 4. Hu rakkomandat li l-ġenituri jaraw bl-attenzjoni kollha x'sura ta' edukazzjoni sesswali qed tingħata lil uliedhom barra mid-dar, u *għandhom id-dritt-dmir li joħorġu 'l uliedhom mill-iskola, jekk l-edukazzjoni li qed tingħata ma taqbilx mal-prinċipji proprji tagħhom.* ([146]), iżda din id-deċiżjoni tal-ġenituri m'għandhiex tkun il-kawża ta' xi diskriminazzjoni kontra wliedhom ([147]). Min-naħa l-oħra, il-ġenituri li jwarrbu lil uliedhom minn dan it-tagħlim huma fid-dmir li jagħtuhom formazzjoni adatta skond ma jkun jitlob l-iżvilupp tat-tifel jew taż-żagħżugħ.

## *2. Rakkomandazzjonijiet lill-edukaturi kollha*

118. 1. Kull tifel u ġuvni għandu dritt jgħix is-sesswalità proprja tiegħu skond il-prinċipji Nsara, għalhekk għandu d-dritt jeżerċita l-kastità, *u ebda edukatur – lanqas l-istess ġenituri – ma għandhom jindaħlu f'dan id-dritt* (Mt 18, 4-7) ([148]).

119. 2. Il-ġenituri għandhom juru rispett sħiħ għad-*dritt tat-tifel u taż-żgħażagħ li jkun mgħarraf sewwa u b'mod xieraq* dwar kwistjonijiet morali u sesswali b'mod li jista' jġib 'il quddiem ix-xewqa tiegħu li jkun safi u mwettaq fil-kastità ([149]). Dan id-dritt jiġi aktar kwalifikat mill-grad ta' l-iżvilupp tat-tifel, mill-ħila tiegħu li jintegra l-verità morali ma' l-informazzjoni li jkollu dwar is-sesswalità u mar-rispett għall-innoċenza u t-trankwillità tiegħu.

120. 3. Għandu jkun hemm rispett għad-*dritt tat-tifel jew taż-żagħżugħ li ma joqgħodx għal kull sura ta' istruzzjoni sesswali li tingħata barra mid-dar.* ([150]) Minħabba f'dan, la huma u lanqas il-familji tagħhom ma għandhom jiġu kastigati jew isofru xi diskriminazzjoni.

## Erba' prinċipji ta' ħidma u normi partikulari għalihom

121. Fid-dawl ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, l-edukazzjoni sesswali tista' ssir fil-prattika skond dawn l-erba' prinċipji ta' ħidma:

122. 1. *Is-sesswalità umana hi misteru qaddis li jrid jiġi preżentat skond it-tagħlim duttrinali u morali tal-Knisja, waqt li jitqies dejjem l-effett tad-dnub tan-nisel.* Dan il-prinċipju duttrinali, imdawwal mill-ġieħ u r-realiżmu Nisrani, għandu jmexxi kull mument ta' l-edukazzjoni għall-imħabba. F'dan iż-żmien li fih jispiċċa l-misteru tas-sesswalità umana, il-ġenituri jridu joqogħdu attenti għat-tagħlim u l-għajnuna li joffru oħrajn, biex is-sesswalità umana ma tibdiex titqies bħala ħaġa ta' xejn. B'mod partikulari, iridu jaraw li jkun imħares sewwa r-rispett għoli għad-differenza bejn ir-raġel u l-mara li hi l-mera ta' l-imħabba u l-fekondità ta' Alla nnifsu.

123. Fl-istess waqt, fit-tagħlim tad-duttrina u tal-morali kattolika dwar is-sesswalità rridu nqisu l-effetti, li jibqgħu dejjem, tad-dnub tan-nisel, jiġifieri d-dgħufija tal-bniedem u l-ħtieġa tal-grazzja ta' Alla biex jingħelbu t-tentazzjonijiet u jiġi evitat id-dnub. F'dan, il-kuxjenza ta' kull individwu trid titrawwem b'mod ċar, preċiż, u bi qbil sħiħ mal-valuri spiritwali. Iżda l-morali kattolika ma tiqafx biss tgħallem kif tevita d-dnub, tfittex ukoll tgħallem kif wieħed jikber fil-virtujiet Insara u jiżviluppa l-ħila li joffri lilu nnifsu lil oħrajn skond il-vokazzjoni proprja ta' ħajtu.

124. 2. *Lit-tfal u liż-żgħażagħ għandhom jingħatalhom biss dawk l-informazzjonijiet li jaqblu mal-mument ta' l-iżvilupp individwali tagħhom.* Dan il-prinċipju dwar il-mument adatt issemma' meta ġew imfissra l-passi kollha ta' l-iżvilupp tat-tifel u taż-żagħżugħ. Il-ġenituri u dawk kollha li jgħinuhom, għandhom ikunu jafu sewwa: a) liema huma l-mumenti diversi ta' l-iżvilupp u b'mod partikulari, "iż-żmien ta' l-innoċenza" u tal-pubertà;

b) il-mod ta' kif kull tifel jew żagħżugħ jitgħallem bl-esperjenza tiegħu l-mumenti diversi tal-ħajja;

ċ) il-problemi partikulari marbutin ma' dawn il-mumenti.

125. Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, nistgħu nsemmu l-importanza li ċerti problemi speċifiċi jiġu trattati f'ħin f'waqtu:

a) meta l-adolexxenza tkun marret ħafna 'l quddiem, għandu l-ewwel jingħata tagħrif dwar is-sinjali tal-fertilità, u mbagħad dwar *kif tista' tiġi regolata b'mod naturali din il-fertilità* biss bħala edukazzjoni għall-imħabba, għall-fertilità fiż-żwieġ, għall-pjan ta' Alla dwar it-tnissil u r-rispett għall-ħajja umana.

b) *l-omosesswalità* ma għandhiex tissemma' qabel l-adolexxenza, sakemm ma tinqalax xi problema speċifika u gravi f'qagħda partikulari ([151]). Dan is-suġġett irid jiġi trattat biss b'riferenza għall-kastità, għas-saħħa, u għall-"verità tas-sesswalità umana, f'relazzjoni mal-familja, kif tgħallem il-Knisja" ([152]).

ċ) It-taħsir (perverżjoni) sesswali *hu relattivament ħaġa rari u ma għandux jiġi trattat jekk mhux permezz ta' pariri individwali, li jkunu t-tweġiba tal-ġenituri għall-problemi veri.*

126. 3. Ebda materjal ta' natura speċifika erotika ma għandu jiġi f'idejn it-tfal u ż-żgħażagħ huma ta' liema età huma, kemm individwalment u kemm fi gruppi.

*Dan il-prinċipju ta' diċenza* jrid iħares il-virtù tal-kastità Nisranija; għalhekk meta tkun tingħata informazzjoni sesswali fi ħdan edukazzjoni għall-imħabba, it-tagħlim li jingħata dejjem irid ikun "pożittiv u għaqli" ([153]), "ċar u delikat" ([154]). Dawn l-erba' kelmiet tal-Knisja Kattolika jwarrbu t-tagħlim kollu li *ma jistax jiġi aċċettat f'edukazzjoni sesswali* ([155]).

Barra dan, rappreżentazzjonijiet realistiċi ta' *ħlas* permezz ta' xi film, biex insemmu eżempju, ukoll jekk ma jkunux erotiċi, għandhom jintużaw gradwalment, biex ma joħolqux biża' u qagħdiet negattivi kontra t-tnissil fil-bniet jew f'nisa żgħażagħ.

127. 4. *Ħadd ma għandu jiġi mistieden, wisq inqas obbligat, bl-ebda mod, biex jagħmel xi għemil li oġġettivament hu kontra l-kastità jew li soġġettivament jista' jagħmel ħsara lid-delikatezza ta' dak li jkun jew lis-sentiment tiegħu ta' "privacy".*

*Dan il-prinċipju ta' rispett għat-tifel* iwarrab kull sura mhux xierqa li tinvolvi t-tifel jew liż-żagħżugħ. Dwar dan, fost affarijiet oħra, insemmu dawn il-metodi ta' abbuż fl-edukazzjoni sesswali: a) kull rappreżentazzjoni "drammatizzata", "mimata" jew "reċitata" ta' għemil ġenitali jew erotiku;

b) tpinġija, *charts,* jew mudelli u l-bqija ta' din is-sura;

ċ) kull talba biex tingħata informazzjoni personali dwar kwistjonijiet sesswali ([156]);

d) xandir ta' informazzjoni familjari;

e) eżamijiet, orali jew bil-kitba, fuq kwistjonijiet ġenitali jew erotiċi.

## Il-metodi partikulari

128. Il-ġenituri, u dawk li jgħinuhom, jistgħu jimxu fuq dawn il-prinċipji u dawn in-normi, meta jiġu biex jużaw dawk il-metodi li jidhru adatti fid-dawl ta' l-esperjenza tagħhom u dik ta' l-esperti. Insemmu issa għalhekk dawk il-metodi li huma ta' min jirrikmandahom, u nsemmu

wkoll dawk il-metodi prinċipali li għandhom jiġu evitati, flimkien ma' l-ideoloġiji li jġibuhom 'il quddiem jew jispirawhom.

## a) Metodi ta' min jirrikmandahom

129. Metodu normali u fundamentali, li ġa ssemma' f'dan id-dokument, hu dak ta' *djalogu personali tal-ġenituri ma' wliedhom,* jiġifieri *il-formazzjoni individwali fi ħdan il-familja.* Xejn ma jista' jieħu l-post ta' djalogu miftuħ kollu fiduċja tal-ġenituri ma' wliedhom, djalogu li jirrispetta mhux biss l-iżvilupp pass pass ta' l-ulied, imma jirrispetta wkoll il-persuna żagħżugħa, bħala individwu. Iżda meta l-ġenituri jitolbu l-għajnuna ta' oħrajn, hemm metodi oħra tajbin li huma ta' min jirrikmandahom fid-dawl u l-esperjenza tal-ġenituri, u skond ma jkunu jaqblu ma' l-għaqal nisrani.

130. 1. Il-ġenituri, flimkien jew individwalment, jistgħu *jiltaqgħu ma' oħrajn imħejjijin sewwa għall-edukazzjoni għall-imħabba* biex jipprofittaw mill-esperjenza u l-ħila tagħhom. Dawn imbagħad ikunu jistgħu jagħtuhom tifsir meħtieġ u jipprovdulhom ukoll kotba u riżorsi oħra, approvati mill-awtorità tal-Knisja.

131. 2. Il-ġenituri, li mhux dejjem ikunu preparati biex iwieġbu għall-problemi ta' l-edukazzjoni għall-imħabba li jkollhom quddiemhom, jistgħu, flimkien ma' wliedhom, jieħdu sehem f'laqgħat immexxijin minn persuni esperti li tistħoqqilhom kull fiduċja, bħalma huma – biex insemmi xi eżempji – it-tobba, is-saċerdoti u l-edukaturi. Xi drabi, biex ikun hemm aktar libertà fid-diskussjoni, jaqbel li għal dawn il-laqgħat il-ġenituri jkunu jew ma' wliedhom il-bniet jew ma' wliedhom is-subien biss.

132. 3. F'ċerti ċirkostanzi, il-ġenituri jistgħu *jafdaw parti mill-edukazzjoni għall-imħabba lil xi persuna oħra li fiha jkollhom fiduċja xierqa,* meta jkun hemm xi kwistjonijiet li jitolbu kompetenza speċifika jew kura pastorali għall-każijiet partikolari.

133. 4. *Il-katekeżi dwar il-morali* tista' ssir minn persuni oħra ta' fiduċja, basta tingħata attenzjoni partikulari għall-etika sesswali fi żmien il-pubertà u l-adolexxenza. Il-ġenituri għandhom juru interess fil-katekeżi li tkun qed tingħata lil uliedhom barra mid-dar, u jqisuha bħala għajnuna għall-ħidma edukattiva tagħhom; din il-katekeżi ma għandhiex tindaħal fl-aspetti l-aktar intimi, bijoloġiċi jew affettivi ta' l-informazzjoni sesswali, għax dawn l-aspetti għandhom jiġu trattati fil-formazzjoni individwali fi ħdan il-familja ([157]).

134. 5. *Il-formazzjoni reliġjuża ta' l-istess ġenituri,* b'mod partikulari, it-tħejjija kateketika soda tal-kbar fil-verità ta' l-imħabba, tħejji l-pedament ta' fidi li tilħaq il-kobor sħiħ tagħha u tgħinhom fil-formazzjoni ta' wliedhom ([158]). Din il-katekeżi tal-kbar mhux biss tgħinhom biex jifhmu fil-fond ix-xirka ta' ħajja u mħabba li jġib iż-żwieġ, imma wkoll tgħallimhom kif jikkomunikaw aħjar ma' wliedhom. Imbagħad ukoll, tul il-proċess kollu ta' l-ulied għall-imħabba, il-ġenituri jsibu ġid kbir f'din il-ħidma għax isibu li dan il-ministeru ta' mħabba jgħinhom jagħarfu "d-don li wliedhom qed jagħtuhom bla heda" ([159]). Bil-kollaborazzjoni ta' esperti, jistgħu jsiru korsi ta' formazzjoni speċjali biex jgħinu lill-ġenituri ħa jkunu jistgħu jaqdu aħjar il-ħidma edukattiva tagħhom.

## Metodi u ideoloġiji li għandhom jiġu evitati

135. Illum il-ġenituri jridu joqogħdu attenti għall-mod kif l-edukazzjoni sesswali tista' tingħata lil uliedhom permezz ta' metodi diversi li qed iġibuhom 'il quddiem gruppi li huma f'qagħda u għandhom interessi kuntrarji għall-morali nisranija ([160]). Ma jistax ikun li nsemmu l-metodi kollha li ma għandhomx jiġu aċċettati; insemmu biss dawk il-metodi li huma mxerrdin ħafna u qed jheddu d-drittijiet tal-ġenituri u l-ħajja morali ta' wliedhom.

136. L-ewwelnett il-ġenituri għandhom jirrifultaw *edukazzjoni sesswali sekularizzata u antinatalizja* li twarrab 'l Alla fil-ġenb u tqis it-twelid ta' tarbija bħala theddida: huma organizzazzjonijiet internazzjonali li għandhom bħala għan it-tixrid ta' l-abort, ta' l-isterilizzazzjoni u l-kontraċezzjoni. Dawn l-organizzazzjonijiet iridu jimponu sura qarrieqa ta' ħajja li tmur kontra l-verità tas-sesswalità umana. Dawn l-organizzazzjonijiet li jaħdmu kemm fuq livell nazzjonali u kemm fuq livell provinċjali, ifittxu li jqanqlu fit-tfal u fiż-żgħażagħ biża' mit-"theddida ta' tkattir esaġerat tal-popolazzjoni", ħa jġibu ' l quddiem mentalità kontraċettiva, jiġifieri mentalità kontra l-ħajja u jxandru fehmiet qarrieqa dwar "saħħa riproduttiva" u dwar "drittijiet sesswali u riproduttivi" taż-żgħażagħ ([161]). Barra dan, xi organizzazzjonijiet anti-natalisti, qed iżommu kliniċi li jmorru kontra d-drittijiet tal-ġenituri u jipprovdu l-abort u l-kontraċezzjoni għaż-żgħażagħ, u hekk iġibu 'l quddiem it-taħlit bejn is-sessi u żidiet kbar ta' tqala fost iż-żgħażagħ. "Aħna u nħarsu lejn is-sena 2000, kif ma naħsbux fiż-żgħażagħ? X'qed nipproponulhom? soċjetà ta' "għodod", jew soċjetà ta' "persuni"? Id-dritt li tagħmel bla xkiel kull ma trid sa mill-bidu taż-żgħożija, bla ebda periklu ta' xejn? L-għoti sinċier tiegħek innifsek, il-kontroll ta' l-istinti tiegħek, is-sens ta' responsabbiltà, huma meqjusin bħala fehmiet marbutin ma' żminijiet oħra" ([162]).

137. Qabel l-adolexxenza, in-natura ta' *l-abort* li jsir jew kirurġikament permezz ta' operazzjoni jew kimikament permezz ta' mediċini, jista' jitfisser bil-mod il-mod bi kliem il-morali kattolika, u skond il-qima li għandu jkun hemm għall-ħajja tal-bniedem (163).

Dwar l-isterilizzazzjoni u l-kontraċezzjoni, ma għandux isir diskors qabel l-età ta' l-adolexxenza, u d-diskors għandu jiżviluppa ruħu bi qbil mat-tagħlim tal-Knisja Kattolika (164). Għalhekk għandha tintwera l-importanza tal-valuri morali, spiritwali u sanitarji tal-metodi li jirregolaw il-fertilità b'mod naturali, u fl-istess waqt jissemmew il-perikli u l-aspetti etiċi tal-metodi artifiċjali. B'mod partikulari, kemm f'dak li għandu x'jaqsam mar-rispett għall-pjan ta' Alla dwar iż-żwieġ u kemm dwar dak li għandu x'jaqsam ma' l-għoti sħiħ tal-miżżewġin lil xulxin (165) u l-ftuħ għall-ħajja.

138. F'xi soċjetajiet hemm jaħdmu assoċjazzjonijiet professjonali ta' *edukaturi, kunsillieri u terapisti tas-sess.* Il-ħidma tagħhom hi ġeneralment mibnija fuq teoriji ħżiena, bla ebda valuri xjentifiku, u magħluqin għal antropoloġija vera, ghalhekk ma jagharfux il-valur veru tal-kastità. Il-ġenituri jridu jiżguraw lilhom infushom, bil-għaqal kollu, dwar dawn l-assoċjazzjonijiet, hu x'inhu l-gharfien uffiċċjali li jkunu kisbu: dan l-aktar, meta l-fehmiet taghhom huma kontra t-tagħlim tal-Knisja, li jidhru mhux biss mill-imġiba taghhom, imma wkoll mill-pubblikazzjonijiet li joħorġu u jxerrdu f'hafna pajjiżi.

139. Abbuż iehor iseħħ meta tingħata edukazzjoni sesswali lit-tfal, ukoll permezz ta' xi tpinġija, biex tagħtihom tagħrif bid-dettalji intimi kollha tar-relazzjonijiet ġenitali. Dan illum qed isir ta' spiss għaliex, jgħidulek, dan qed jagħmluh biex tingħata edukazzjoni dwar "sess żgur", l-aktar minhabba t-tixrid ta' l-AIDS. Hawn il-ġenituri għandhom jirrifjutaw ukoll il-promozzjoni ta' dak li qed jissejjaħ "sess żgur" jew "sess aktar żgur" (*safer sex* ), aġir perikoluż u immorali, mibni fuq teoriji qarrieqa li l-*condom* jista' jagħti ħarsien adatt kontra l-*AIDS.* Il-ġenituri għandhom jinsistu fuq il-kontinenza barra miż-żwieġ u l-fedeltà fiż-żwieġ bħala l-edukazzjoni waħdanija, vera u żgura, biex tinżamm bogħod din il-marda.

150. Qagħda oħra mxerrda ħafna, u li tista' tkun ukoll ta' ħsara, hi dik li qed tissejjaħ *"kjarifikazzjoni tal-valuri".* Iż-żgħażagħ huma mħeġġin jirriflettu u jiddeċiedu dwar kwistjonijiet morali, wara li jiċċarawhom, iżda *b'awtonomija sħiħa,* billi jinjoraw ir-realtà oġġettiva tal-liġi morali, u jittraskuraw il-formazzjoni tal-kuxjenza tagħhom skond il-preċetti morali speċifiċi Nsara, imtennija mill-Maġisteru tal-Knisja (166). Liż-żgħażagħ qed tingħatalhom il-fehma li l-liġi morali hi xi ħaġa li joħolquha huma stess,

bħallikieku l-bniedem waħdu hu l-għajn u r-regola tal-morali. Il-metodu tal-kjarifikazzjoni tal-valuri, għall-kuntrarju, ifixkel il-libertà vera u l-awtonomija taż-żgħażagħ fiż-żmien ta' l-iżvilupp tagħhom, meta m'humiex żguri fihom infushom ([167]). Dan il-metodu, fil-prattika, mhux biss jimxi fuq il-fehma tal-maġġoranza, imma wkoll iqiegħed quddiem iż-żgħażagħ qagħdiet mill-aktar komplessi 'il bogħod ħafna minn dawk l-għażliet morali normali li kuljum iridu jagħmlu u li fihom faċli jagħarfu t-tajjeb mill-ħażin. Dan il-metodu ma jistax jiġi aċċettat u qed jersaq sewwa biex jingħaqad mar-relativiżmu morali, u hekk hu ta' inkoraġġiment għall-indifferenza fil-liġi morali u għall-permessiviżmu.

141. Il-ġenituri jridu jkun attenti wkoll għal mod kif it-tagħrif sesswali qed jiġi mdaħħal f'materji oħra li fihom infushom huma ta' siwi (bħala eżempji nsemmu s-saħħa u l-iġiene, l-iżvilupp personali, il-ħajja fil-familja, il-letteratura għat-tfal, l-istudji soċjali u kulturali, u l-bqija). F'dawn il-każi hu aktar diffiċli tikkontrolla t-tagħrif sesswali li jingħata. *Dan il-metodu daħħal f'materji oħra tagħrif sesswali* u b'mod partikulari, qed jiġi użat minn dawk in-nies li jridu jxerrdu tagħrif sesswali bil-ħsieb li jġibu 'l quddiem il-kontroll tat-twelid jew qed jiġi wżat f'pajjiżi fejn il-Gvern ma jirrispettax id-drittijiet tal-ġenituri f'din il-ħaġa. Iżda l-katekeżi wkoll titgħawweġ jekk ir-rabta bejn ir-reliġjon u l-morali (rabta li qatt ma tista' tiġi nieqsa) tintuża bħala skuża biex fit-tagħlim tar-reliġjon jingħataw informazzjonijiet sesswali, bijoloġiċi u affettivi, li l-ġenituri biss, wara deċiżjoni għaqlija, għandhom jagħtuhom fid-dar ([168]).

142. Fl-aħħarnett irridu nżommu quddiemna, bħala orjentament ġenerali, li l-metodi kollha ta' edukazzjoni sesswali għandhom jiġġudikawhom il-ġenituri fid-dawl tal-prinċipji u tar-regoli morali tal-Knisja, li jfissru l-valuri umani fil-ħajja ta' kuljum ([169]). Iridu jitqiesu wkoll l-effetti negattivi li dawn il-metodi jista' jkollhom fuq il-personalità tat-tifel u taż-żagħżugħ.

## L-inkulturazzjoni u l-edukazzjoni għall-imħabba

143. Edukazzjoni vera għall-imħabba trid tqies l-ambjent kulturali li fih jgħixu l-ġenituri flimkien ma' wliedhom. L-inkulturazzjoni, qisha għaqda bejn il-fidi li wieħed iħaddan u l-ħajja li jgħix, hi l-ħolqien ta' armonija bejn il-fidi u l-kultura. "Il-fidi Nisranija, għaliex hi għal kollox 'il fuq mill-ordni kollu tan-natura u tal-kultura", min-naħa taqbel mal-kulturi kollha f'dak kollu li għandhom jaqbel mar-raġuni retta u mar-rieda tajba, u min-naħa l-oħra l-fidi stes, b'mod l-aktar għoli, hi fatt li jagħti dinamika lill-kultura. Hemm prinċipju li jdawwal ir-rapporti kollha li jista' jkun hemm bejn fidi u kultura: dan hu l-fatt li l-grazzja tirrispetta n-natura, tfejjaqha

mill-ġerħat tad-dnub, issaħħaħha u tgħolliha. L-għan speċifiku tal-grazzja hu dak li tgħolli għall-ħajja divina, iżda dan ma jistax iseħħ jekk in-natura ma titfejjaqx u jekk din l-elevazzjoni għall-ordni sopranaturali ma jwassalx lin-natura fis-sura proprja tagħha għall-milja tal-formazzjoni" ([170]). Għalhekk qatt ma tista' tiġi ġustifikata edukazzjoni sesswali espliċita u qabel iż-żmien tat-tfal f'isem il-kultura sekularizzata li qed taħkem illum. Min-naħa l-oħra, il-ġenituri jridu jedukaw lil uliedhom biex jifhmu u jħabtu wiċċhom mal-qawwa ta' din il-kultura, ħa jkunu jistgħu dejjem jimxu fit-triq ta' Kristu.

144. Fil-kulturi tradizzjonali, il-ġenituri qatt ma għandhom jaċċettaw għemil kuntrarju għall-morali nisranija (biex insemmu eżempju: fir-riti marbutin mal-pubertà li xi drabi jwasslu liż-żgħażagħ biex iħaddnu xi drawwiet sesswali jew xi għemil ieħor kontra l-integrità u d-dinjità tal-persuna, bħalma hi l-mutilazzjoni ġenitali tat-tfajliet). Hu għalhekk li l-awtorità tal-Knisja għandha d-dritt tiġġudika jekk drawwiet lokali jaqblux jew le mal-morali Nisranija. It-tradizzjonijiet ta' modestja u ta' mistħija f'materja sesswali, li huma l-karatteristika ta' ħafna soċjetajiet, għandhom għalhekk jiġu rispettati kullimkien. Fl-istess waqt id-dritt taż-żgħażagħ li jkollhom informazzjoni adatta għandu jkun rispettat, kif għandha tkun rispettata wkoll il-ħidma partikulari tal-familja skond il-kultura li tkun ([171]), mingħajr ma tiġi mposta s-sura ta' edukazzjoni tal-punent.

## Noti:

140. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet tħejjew a) fid-dawl tad-dritt li kull persuna għandha li temmen u tgħix il-fidi kattolika: ara Konċilju Vatikan II, Dikjarazzjoni dwar il-libertà reliġjuża, *Dignitatis humanae,* n. 1, 2. 5, 13, 14; Dokument dwar id-Drittijiet tal-Familja, art. 7; b) skond id-drittijiet tal-libertà u tad-dinjità tal-familja: ara Daħla għad-Dokument dwar id-Drittijiet tal-Familja: *Dignitatis humanae,* n. 5; *Familiaris consortio,* n. 26, 42, 46.

141. Ara *Gravissimum educationis,* n. 3; *Familiaris consortio,* n. 36; Dokument dwar id-Drittijiet tal-Familja, art. 5.

142. *Familiaris consortio,* n. 37.

143. Ara Dokument dwar id-Drittijiet tal-Familja, art. 8a u 5c; *Codex Iuris Canonici,* 21 ta' Jannar 1993, can. 215, can. 225§2, can. 799; Ittra lill-familji, n. 16.

144. Din ir-rakkomandazzjoni ttieħdet mid-Dokument dwar id-Drittijiet tal-Familja, art. 5c.d.3., għax id-dritt għall-informazzjoni jitlob li l-ġenituri jgħassu fuqha u jikkontrollawha.

145. Ġej mir-rakkomandazzjoni tad-Dokument għad-Drittijiet tal-Familja art. 5c.d.e. għax hu dritt tal-ġenituri li jgħassu jikkontrollaw l-edukazzjoni għall-imħabba ta' wliedhom.

146. Ġej mir-rakkomandazzjoni tad-Dokument dwar id-Drittijiet tal-Familja għax il-ġenituri għandhom id-dritt ma jħallux lil uliedhom jkollhom ċerta informazzjoni sesswali għax huma liberi li jużaw id-dritt tagħhom li jedukaw lil uliedhom skond il-kuxjenza tagħhom (art. 5a).

147. Ara Dokument dwar id-Drittijiet tal-Familja, art. 7.

148. *ibid.* 4c.

149. Din ir-rakkomandazzjoni ġejja mid-Dikjarazzjoni konċiljari *Gravissimum educationis,* n. 1.

150. Din ir-rakkomandazzjoni hi estensjoni prattika tad-dritt tat-tifel (n. 118 hawn fuq) u tad-dritt li għandhom il-ġenituri (ara n. 117 hawn fuq).

151. Ara "Orjentamenti edukattivi dwar l-imħabba umana", nn. 101-103.

152. "Il-kura pastorali ta' persuni omosesswali", n. 17.

153. *Gravissimum educationis*, n. 1.

154. *Familiaris consortio*, n. 37.

155. Xi eżempji: a) materjali viżwali erotiku; b) preentazzjoni erotika bil-kelma jew bil-kitba (ara "Orjentamenti edukattivi dwar l-imħabba umana", n. 76); ċ) diskors oxxen jew goff; d) umoriżmu vulgari; e) tmaqdir tal-kastità; f) tentattivi biex titnaqqas il-gravità tad-dnub kontra l-virtù tal-kastità.

156. Iżda mhux tagħlim għaqli u adatt dwar il-regolarizzazzjoni naturali tal-fertilità.

157. Ara "Orientamenti edukattivi dwar l-imħabba umana", n. 58.

158. Ara *Ibid.* n. 63.

159. *Familiaris consortio*, n. 21. zo.

160. Ara Ittra lill-familji, n. 13.

161. Ara Kunsill Pontifiċju għall-Familja, *Instrumentum laboris:* L-evoluzzjoni demografika, etika u pastorali, 25 ta' Marzu, 1994, n. 84; "Orjentamenti edukattivi dwar l-imħabba umana", n. 62.

162. Ittra tal-Papa lill-kapijiet ta' l-istati dwar il-Konferenza fil-Kajr, 19 ta' Marzu 1994.

163. Ara *Evangelium vitae*, n. 58-63.

164. Ara "Orjentamenti edukattivi dwar l-imħabba umana", n. 62.

165. *Familiaris consortio*, n. 32.

166. Ara Ġwann Pawlu II, enċiklika *Veritatis splendor*, 6 ta' Awissu, 1993, n. 95-97.

167. *Ibid.* dwar l-awtonomija vera tal-bniedem.

168. Ara "Orjentamenti edukattivi dwar l-imħabba umana", n. 58.

169. Ara *Ibid.* n. 19; *Familiaris consortio*, n. 37.

170. Kummissjoni Teoloġika Internazzjonali, Fidi u Inkulturazzjoni, 3-8 ta' Ottubru 1988; ara *Familiaris consortio*

171. Lera *Familiaris Consortio*, n. 66.

# VIII

# Għeluq

## Għajnuna lill-ġenituri

145. Hemm ħafna suriet li bihom tgħin u tieqaf mal-ġenituri, huma u jaqdu d-dritt-dmir li jedukaw lil uliedhom fis-sesswalità. Din l-għajnuna qatt ma tfisser li lill-ġenituri teħdilhom jew tnaqqsilhom id-dritt-dmir tal-formazzjoni ta' wliedhom, għax dan jibqa' l-ewwel dritt-dmir oriġinali li ma jistax jagħmlu ħaddieħor, lanqas qatt ma jistgħu l-ġenituri jiċċaħdu minnu. ([172]) Għalhekk il-ħidma li l-oħrajn jistgħu jagħmlu biex ikunu ta' għajnuna għall-ġenituri, hi dejjem ħidma a) sussidarja, għaliex il-ħidma formattiva tal-komunità tal-familja hi dejjem ta' min jippreferiha; b) subbordinata għax trid dejjem issir taħt it-tmexxija attenta u l-kontroll tal-ġenituri. Kulħadd irid iħares l-ordni ġust tal-kooperazzjoni u tal-kollaborazzjoni bejn il-ġenituri u dawk li jistgħu jgħinuhom fil-ħidma tagħhom. Hi ħaġa ċara wkoll li l-għajnuna dejjem trid tingħata prinċipalment lill-ġenituri u mhux lil uliedhom.

146. Dawk li jissejħu biex jgħinu lill-ġenituri fl-edukazzjoni ta' wliedhom għall-imħabba, għandhom ikunu dejjem disposti u mħejjija biex jgħallmu bi qbil mad-duttrina morali vera tal-Knisja Kattolika kollha kemm hi. Iridu jkunu wkoll persuni li laħqu l-kobor sħiħ tagħhom, ikollhom fama moralment tajba, ikunu fidili lejn l-istat nisrani ta' ħajja li jkun proprju tagħhom, miżżewġin jew le, lajċi, reliġjużi jew saċerdoti. Iridu jkunu mhux biss preparati fl-irqaqat kollha ta' l-informazzjoni morali u sesswali, imma sensibbli wkoll għad-drittijiet tal-ġenituri u tal-familja, għall-ħidma tagħhom u għall-ħtiġijiet u l-problemi tat-tfal u taż-żgħażagħ ([173]). Hekk fid-dawl tal-prinċipji u tat-tagħlim ta' dan id-dokument, għandu jkollhom "l-istess spirtu li jmexxi 'l ġenituri" ([174]), iżda jekk il-ġenituri jaħsbu li jistgħu jagħtu edukazzjoni għall-imħabba b'mod xieraq, m'humiex obbligati jaċċettaw din l-għajnuna.

## Għejun tajba għal edukazzjoni għall-imħabba

147. Il-Kunsill Pontifiċju tal-Familja jaf sewwa bil-ħtieġa kbira ta' materjal tajjeb, imħejji speċifikament għall-ġenituri skond il-prinċipji mfissrin f'dan id-dokument. Il-ġenituri li huma kompetenti, konvinti minn dawn il-prinċipji, għandhom jimpenjaw ruħhom biex iħejju dan il-materjal. Jistgħu jiġifieri joffru l-esperjenza u l-għerf tagħhom biex jgħinu lill-oħrajn fl-

edukazzjoni ta' l-ulied fil-kastità. Il-ġenituri għandhom jilqgħu ukoll l-għajnuna u s-sorveljanza ta' l-awtoritajiet tal-Knisja, li huma ntiżi minn din il-ħaġa, biex iġibu 'l quddiem materjal adatt u jwarrbu jew jikkoreġu dak li ma jkunx jaqbel mal-prinċipji ta' dan id-dokument dwar duttrina, żmien f'waqtu, dwar dak li jiġi mgħallem u l-metodi ta' dan it-tagħlim ([175]). Dawn il-prinċipji jgħoddu wkoll għall-mezzi moderni kollha ta' komunikazzjoni soċjali. Mod speċjali dan il-Kunsill Pontifiċju jafda fil-ħidma ta' sensibilizzazzjoni u ta' għajnuna lill-ġenituri min-naħa tal-Konferenzi Episkopali li għandhom iħarsu d-drittijiet u l-oqsma proprji tal-familji, jekk ikun hemm bżonn, ukoll quddiem programmi ta' l-Istat fil-qasam edukattiv.

## Solidarjetà mal-ġenituri

148. Huma u jaqdu l-ministeru ta' l-imħabba għal uliedhom, il-ġenituri għandu jkollhom l-għajnuna u l-koperazzjoni tal-membri l-oħra tal-Knisja. Id-drittijiet tal-ġenituri għandhom ikunu magħrufa, imħarsa u miżmuma, mhux biss biex il-formazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ timbena fuq sisien sodi, imma wkoll biex ikun garantit ordni ġust ta' koperazzjoni u kollaborazzjoni biex il-ġenituri u dawk li jistgħu jgħinuhom fil-qadi tad-dmir tagħhom. Hekk ukoll fil-parroċċi, u fis-suriet l-oħra ta' l-appostolat, il-kleru u r-reliġjużi jridu jieqfu mal-ġenituri u jqawwulhom qalbhom fl-isforzi tagħhom biex jifformaw 'l uliedhom. Min-naħa tagħhom, il-ġenituri jridu jiftakru li l-familja m'hijiex il-komunità waħdanija u esklussiva li tagħti formazzjoni. Għalhekk għandhom ifittxu li jkollhom relazzjonijiet kordjali u attivi ma' persuni oħra li jistgħu jgħinuhom, mingħajr ma jinsew id-drittijiet proprji tagħhom li ma jistgħu qatt jiċċaħdu minnhom.

## Tama u fiduċja

149. Quddiem il-ħafna sfidi li hemm illum għall-kastità nisranija, id-doni tan-natura u tal-grazzja mogħtijin lill-ġenituri jibqgħu dejjem is-sisien l-aktar sodi li fuqhom il-Knisja trid tagħti formazzjoni lil uliedha. *Parti kbira tal-formazzjoni mogħtija lill-familji hi formazzjoni indiretta,* għax inkarnata fl-ambjent ta' mħabba u tenerezza maħluq mill-preżenza tal-ġenituri, meta l-imħabba tagħhom hi safja u ġeneruża. Jekk tingħata fiduċja lill-ġenituri f'din il-ħidma ta' edukazzjoni għall-imħabba, iqawwu qalbhom biex jegħelbu l-isfidi u l-problemi ta' żminijietna bil-qawwa ta' mħabbithom.

150. Il-Kunsill Pontifiċju tal-Familja għalhekk iħeġġeġ lill-ġenituri biex, huma u jħossu li għandhom l-għajnuna tad-don ta' Alla, ikollhom fiduċja fid-dmirijiet u d-drittijiet tagħhom dwar l-edukazzjoni ta' wliedhom, li

jridu jġibuha 'l quddiem bl-għerf u l-għaqal kollu. F'dan l-impenn nobbli tagħhom, jalla l-ġenituri jagħarfu jqegħdu l-fiduċja kollha tagħhom f'Alla, permezz tat-talb lill-Ispirtu s-Santu, id-difensur ħieni, li jqassam kull xorta ta' ġid. Ħa jitolbu l-interċessjoni setgħana u l-ħarsien ta' Marija Immakulata, l-Omm Verġni ta' l-imħabba sabiħa, u mudell ta' safa u ta' fedeltà. Ħa jitolbu lil San Ġużepp, l-għarus ġust u safi ta' Marija, u jimxu fuq l-eżempju tiegħu ta' fedeltà u ta' safa mill-qalb ([176]); ħa jafdaw dejjem il-ġenituri fl-imħabba li juru lil uliedhom, imħabba li "tħarrab il-biża", li kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti" (IKor 13, 7). Din l-imħabba hi u għandha tkun diretta lejn l-eternità, lejn l-hena ta' dejjem imwegħda mill-Mulej Ġesù lil dawk kollha li jimxu warajh. "Henjin dawk li huma safja f'qalbhom, għax jaraw lil Alla" (Mt 5, 8).

Mill-Vatikan, 8 ta' Diċembru, 1995.

Alfonso Kard. Lopez Trujillo
President Kunsill Pontofiċju
tal-familja

†L-Eċċ. T. Mons. Elio Sgreccia
Segretarju

## Noti

172. Ara *Familiaris consortio,* n. 36 u 40; Ittra lill-familji, n. 16.
173. Dawk kollha li jgħinu lill-ġenituri jistgħu jagħmlu użu mill-prinċipji indikati għall-għalliema fl-"Orjentamenti edukattivi għall-imħabba umana", 79-89.
174. *Familiaris consortio,* n. 37.
175. Ara nn. 65-76; 122-144.
176. Ara Ġwann Pawlu II, Eżortazzjoni appostolika *Redemptoris custos,* n. 31.

# Naghtu l-ħajja mill-ġdid

*Messaġġ pastorali ta' l-Isqfijiet Maltin dwar l-għoti ta' l-organi*

Fid-djoċesijiet tagħna ta' Malta u Għawdex issir iċ-Ċelebrazzjoni ta' Jum il-Ħajja.

Ħafna drabi, meta nitkellmu dwar il-ħajja aħna jkollna nuru t-tħassib tagħna minħabba t-theddid, il-ħsara jew il-qerda tal-ħajja kaġun ta' azzjonijiet bħalma huma s-sewqan perikoluż, l-abort u l-ewtanasja.

Illum hu pjaċir tagħna li nitkellmu fuq azzjoni pożittiva favur il-ħajja li bdiet isseħħ f'pajjiżna f'dawn l-aħħar ġimgħat, jiġifieri l-kampanja dwar l-għoti ta' organi għal trapjanti.

Aħna l-Isqfijiet, irridu nieħdu l-okkażjoni biex nuru l-apprezzament tagħna għal dawk il-Maltin u l-Għawdxin kollha li b'sens ta' mħabba tassew Nisranija taw lil ħaddieħor l-organi tagħhom, jew ta' l-għeżież tagħhom, kultant f'sitwazzjonijiet traġiċi.

L-istess apprezzament nixtiequ nuruh ukoll lil dawk l-eluf ta' persuni li wegħdu li f'mewthom huma lesti jagħmlu l-istess att ta' ġenerożità.

Inroddu ħajr ukoll lill-Mass Media li għenu u qed ikomplu jgħinu ħafna biex il-poplu tagħna jifhem is-sbuħija ta' għotjiet nobbli bħal dawn.

Il-ħajja hija rigal li jagħtihulna Alla. Dan jitlob minna d-dmir li l-ħajja napprezzawha, nirrispettawha u nieħdu ħsiebha. Irridu nieħdu ħsieb ħajjitna stess u ngħinu, kemm nistgħu, il-ħajja ta' ħaddieħor.

It-trapjant huwa wieħed mill-mezzi li qed jiġu offerti lilna mill-mediċina u li jgħinuna naqdu dan id-dmir dejjem aħjar billi naghtu organi minn ġisimna lil persuna oħra li tkun teħtieġ trapjant minħabba raġunijiet ta' mard.

Id-donazzjoni ta' organi minn ġisimna lil persuna oħra hija xhieda konkreta u nobbli ta' mħabba, ġenerożità u solidarjetà.

Ġesù nnifsu qalilna: "M'hemmx imħabba akbar minn dik li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu."

Meta f'ħajjitna niddeċiedu li nagħtu jew nuru x-xewqa li wara mewtna aħna lesti li jittieħdu xi organi minn ġisimna biex jingħataw għat-trapjant lil persuna oħra li hija fil-bżonn, aħna nkunu qed nagħtu l-ħajja lil ħaddieħor.

Ġesù stqarr li "kull ma tagħmlu ma' wieħed minn dawn huti tkunu qed tagħmluh miegħi." In-Nisrani jingħaraf minn kemm huwa ġeneruż u solidali ma' għajru.

Il-mewt tista' tiġi għal għarrieda u b'mod traġiku. Din l-esperjenza ta' tbatija u niket tista' tinbidel f'esperjenza ta' ġenerożità u mħabba għall-oħrajn.

Hawn min qed jistaqsi: "X'jiġri fil-qawmien mill-imwiet minn dik il-persuna li f'ħajjitha jew wara mewtha tkun tat organi minn ġisimha għat-trapjant lil persuni oħra?"

San Pawl jgħallimna li fil-qawmien mill-imwiet dak "li jinżera' ġisem naturali, iqum ġisem spiritwali" (I Kor 15.44). Wara mewtna Alla jwassalna għal dik il-perfezzjoni li ħalaqna għaliha. Id-donazzjoni ta' organi minn ġisimna, li wara mewtna jispiċċa u jsir trab, la tfixkel u lanqas tikkomplika l-qawmien tagħna mill-imwiet.

L-imħabba u l-ġenerożità li nkunu wrejna fil-prattika, inkluż permezz tad-donazzjoni ta' l-organi minn ġisimna, tkompli żżid u mhux tnaqqas is-sbuħija tal-ġisem spiritwali li nqumu bih wara mewtna.

† Ġużeppi Mercieca
Arċisqof ta' Malta

† Nikol Cauchi
Isqof ta' Għawdex

ITTRA PASTORALI MILL-E.T. MONS. ĠUŻEPPI MERCIECA,
ARĊISQOF TA' MALTA
U MILL-E.T. MONS. NIKOL CAUCHI,
ISQOF TA' GĦAWDEX
RANDAN 1996

# IS-SENS VERU TAL-ĦAJJA

Maħbubin uliedna,Il-ħajja tagħna hija maqsuma f'diversi żminijiet li lkoll għandhom l-importanza tagħ-hom.Iż-żmien tar-Randan huwa wieħed miż-żminijiet li huma prezzjużi ħafna għan-nisrani. Huwa żmien li jgħinna nifhmu dejjem aħjar min aħna. Huwa żmien li jgħinna nemmnu li l-ħajja tal-bniedem fiha sens, jekk il-bniedem jgħixha sewwa.Dan iż-żmien hu żmien li joffrilna l-qawwa li nwarrbu minna nfusna kull ma jnaqqas jew ikasbar il-kobor tagħna bħala bnedmin maħluqin xbieha ta' Alla. Hu żmien li jimliena bil-kuraġġ biex nerġgħu ninbnew fi bnedmin ġodda u nkunu bennejja ta' dinja ġdida.Din il-qawwa u dan il-kuraġġ mhumiex ġejjin minna nfusna. Aħna bnedmin dgħajfa. Dawn ġejjin minn Alla. Kien Alla nnifsu li wegħidna li ebda bniedem ma jonqsuh din il-qawwa u dan il-kuraġġ jekk nemmnu fih u nirrikorru lejh fil-ħtiġiet tagħna kollha. Ir-Randan huwa wkoll żmien li fih aħna nirriflettu fuqna nfusna. Huwa żmien li fih aħna nistaqsu liema huwa s-sens tal-ħajja tagħna u jekk aħniex mexjin bla ebda direzzjoni: mexjin, iva, iżda ma nafux fejn se naslu.

Alla ħalaqna għalih

Meta f'dan iż-żmien qawwi tar-Randan aħna nġibu quddiem għajnejna, aktar spiss mis-soltu, dak li Alla għamel għalina, nifhmu aħjar li aħna kreaturi li nappartienu lil Alla. Barra li ħalaqna, Alla, permezz ta' Ibnu li ngħata għalina, reġa' għamilna wlied adottivi tiegħu, wegħidna sehem mill-istess ħajja Trinitarja tiegħu u fdiena mill-jasar tax-xitan.

Aħna lkoll ta' Alla u għalhekk ilkoll irridu nagħmlu r-rieda tiegħu. Ir-rieda ta' Alla hi li nħobbuh u narawh fil-proxxmu tagħna. Jeħtieġ nimxu bl-ikbar imħabba ma' kulħadd fuq din l-art, biex imbagħad Alla jagħtina l-milja ta' ferħ bla tmiem meta narawh wiċċ imb'wiċċ fis-Sema.

Dan hu l-pjan li Alla fassal għal dejjem għall-bniedem. Hu għalhekk li aħna qed ngħixu u naħdmu fuq din l-art. Hu biss meta aħna ngħixu skond dan il-pjan ta' Alla li ħajjitna ssib il-veru sens tagħha. Il-ħajja tal-bniedem ikollha sens biss meta tiltaqa' ma' Alla.

Ħajjitna jkollha sens sakemm aħna nwettqu b'fedeltà r-rieda ta' Alla, li hi rieda ta' mħabba. Inkunu nqarrqu lilna nfusna jekk naħsbu li lil ħajjitna nistgħu nagħtuha xi sens ieħor differenti li jkun maqtugħ minn Alla.

Ħadd u xejn m'għandu jieħu post Alla f'ħajjitna. In-nisrani jaf li Alla biss hu s-sid tiegħu. Dan hu t-twemmin li jagħti sens veru lil ħajjitna.

Biex il-ħajja tal-bniedem ikollha sens, trid tkun tassew u b'mod awtentiku ħajja umana. Dan iseħħ meta l-ħajja tal-bniedem tkun magħġuna mal-verità tal-pjan ta' Alla għall-bniedem u mibnija f'rabta ma' Alla. Jekk inwarrbu lil Alla minn ħajjitna nkunu nwarrbu lilna nfusna mill-eternità ta' mħabba li Alla ħalaqna għaliha. Jekk naqtgħu lil Alla minn ħajjitna nkunu naqtgħu lilna nfusna mill-veru sens tal-ħajja.

Il-bniedem mingħajr Alla hu bniedem fi kriżi. Hu bniedem aljenat u mifxul fih innifsu għax ma jħossx is-sens veru tal-ħajja.

Hu proprju l-periklu ta' din il-kriżi, periklu li qed jinħass dejjem iżjed fostna, li qanqal lilna, l-Isqfijiet, biex naqsmu magħkom dawn ir-riflessjonijiet fuq il-verità li l-ħajja tal-bniedem ikun fiha sens biss jekk il-bniedem jgħixha sewwa.

## Il-ħakma tal-flus

Problema serja hija dik li ħafna drabi l-flus qed isiru kollox f'ħajjitna. Għall-flus hawn min qed jagħmel kull ma jiġih f'rasu, bħallikieku kollox jgħodd u xejn mhu xejn. Flok ta' għajnuna għal ħajjitna, il-flus spiss qed isiru s-sid tagħna; sid kiefer li saħansitra jwassal lil dak li jkun biex jgħakkes u jagħsar lill-proxxmu batut.

Waħda mill-pjagi hija dik ta' l-usura — is-sistema fejn min hu b'saħħtu fil-flus jagħti lil min ikun dahru mal-ħajt self b'imgħax goff u li jaqtagħlu nifsu. Il-vittmi ta' l-usura, li huma bnedmin li jbatu ħafna fis-skiet, jeżistu f'pajjiżna wkoll.

Il-kilba għall-flus tant żdiedet li hawn min qed jasal li biex jikber fil-flus jaqa' fil-korruzzjoni.

Il-flus tant qed jitilgħu għal rasna, li fostna qed jikber u jixtered ukoll il-vizzju tal-logħob tal-flus bir-riskju li dan il-vizzju, li qed jirvina lil ħafna familji u wkoll żgħażagħ u tfal, isir kultura.

Dawn huma biss xi eżempji tal-ħsara li l-flus jistgħu jikkaġunaw fostna jekk nitilfu s-sens veru tal-ħajja u ma nqegħdux kollox f'postu.

## Il-familja u s-sens ta' sagrifiċċju

Hawn fostna min qed iħoss li għandu d-dritt li jwarrab il-pjan li Alla ħejja għall-bniedem u għal ħajtu, u jgħix kif irid hu.

Hawn min ma jridx jisma' b'sagrifiċċju u tbatija. Hawn min lil Kristu qed

iħossu skomdu f'ħajtu għax Kristu, biex nagħmlu t-tajjeb, ġieli jitlob minna s-sagrifiċċju u t-tbatija.

Eżempju ta' dan niltaqgħu miegħu fl-imġiba ta' x'uħud dwar iż-żwieġ. Iż-żwieġ hu mfassal minn Alla nnifsu u ħadd m'għandu d-dritt jibdlu minn kif għamlu l-Mulej. Madankollu, hawn min jaħseb li l-miżżewġin jistgħu jinjoraw il-pjan ta' Alla u jfasslu l-ħajja tal-familja skond kif iħossu. Saħansitra hawn min qed jissuġġerixxi li jekk fiż-żwieġ ifeġġu d-diffikultajiet kulħadd għandu jkun liberu li jinsa l-wegħda ta' fedeltà dejjiema u jitlaq għal rasu.

Din il-mentalità hija kontra l-pjan ta' Alla għall-miżżewġin u tiżvojta l-ħajja miżżewġa mis-sens veru tagħha. Hija mentalità li tagħmel ħafna deni. Hija mentalità li jeħtieġ li nirreżistuha.

Bil-mewt ta' Ibnu l-Waħdieni, Alla wriena li biex naslu għandu, irridu nirbħu l-egoiżmu tagħna permezz tas-sagrifiċċju u t-tbatija. Ġesù Kristu ma ġiex fid-dinja biex ineħħi s-sagrifiċċju u t-tbatija. San Pawl jgħidilna li t-tbatija tagħna fuq din l-art irridu ngħaqqduha mat-tbatija ta' Kristu.

Is-sagrifiċċju u t-tbatija jiksbu s-sens veru u s-siwi sħiħ tagħhom meta nħarsu lejhom fid-dawl tat-tbatija u l-mewt ta' Ġesù. Min is-sagrifiċċju u t-tbatija ma jarahomx f'dan id-dawl, jibża' minnhom u aktarx li lanqas ikollu l-kuraġġ jimpenja ruħu għal ħajtu kollha.

Biex is-sagrifiċċji u t-tbatija li niltaqgħu magħhom fil-ħajja ma jġarrbuniex u ma jfarrkuniex, jeħtieġ li f'kull żmien, speċjalment fiż-żmien tal-prova, induru lejn Alla, nitolbuh isaħħaħ fina r-rigal tal-fidi li tana u jqawwina permezz tas-Sagramenti, l-iktar dawk tar-Rikonċiljazzjoni u ta' l-Ewkaristija.

## Is-Sagrifiċċju Ewkaristiku

Il-qofol tat-tisħiħ spiritwali tagħna rridu nfittxuh fl-Ewkaristija, fejn bħala individwi u bħala komunità niltaqgħu mal-Mulej u fejn il-familja għandha ssib l-enerġija meħtieġa biex tirbaħ id-diffikultajiet li jiġu fuqha.

Ċelebrazzjoni Ewkaristika importanti ħafna fil-ħajja tan-nisrani hija dik ta' Jum il-Mulej — ta' nhar ta' Ħadd.

Dan hu l-jum proprju tal-ġemgħa liturġika, meta l-insara jinġabru bħala l-familja ta' Alla biex jisimgħu l-Kelma ta' Alla, jiftakru fil-Passjoni u l-Qawmien ta' Ġesù mill-Imwiet u jieħdu sehem fl-Ewkaristija.

Aħna, l-Isqfijiet, irridu nħeġġukom biex il-Ħadd ikun tassew għalina lkoll jum li fih nin-ġabru flimkien biex inroddu ħajr 'l Alla għat-twelid ġdid li tana permezz tal-Qawmien ta' Kristu mill-Imwiet.

Iċ-ċelebrazzjoni ta' Jum il-Mulej hija l-festa tal-bniedem ma' Alla tiegħu; il-festa ta' l-ulied mal-Missier. Hija stedina biex nirbħu fuq il-ħsara u d-deni ta' l-imgħoddi u niġġeddu fir-rabta tagħna mal-Mulej, fir-relazzjonijiet ta' bejnietna bħala bnedmin, u fl-għożża tal-ħolqien kollu. Hija festa ta' l-

insara miġburin u magħqudin flimkien għall-Ikla tal-Mulej, li tagħtina l-kuraġġ li nibdew ngħixu mill-ġdid l-imħabba ta' Kristu.

Huwa Alla stess li jistedinna għal din il-festa li hi ċ-ċelebrazzjoni ewkaristika.

Huwa Kristu li jagħti sens lil ħajjitna. Huwa Kristu li jagħtina ħajja ġdida f'għaqda ma' Alla l-Missier u mal-proxxmu kollu.

Nagħtukom il-barka pastorali tagħna b'rahan ta' kull ġid mis-sema.

L-Erbgħa ta' Rmied, 21 ta' Frar 1996.

† ĠUŻEPPI MERCIECA
Arċisqof ta' Malta

† NIKOL G. CAUCHI
Isqof ta' Għawdex

# Sisien sodi għal għajxien veru bħala familja

## Messaġġ ta' l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca f'laqgħa mal-miżżewġin il-ġodda

Nirringrazzjakom talli lqajtu l-istedina biex fil-bidu tal-ħajja miżżewġa tagħkom niltaqgħu flimkien quddiem il-Mulej.

Ninsabu quddiem il-Mulej biex inroddlu ħajr għall-grazzja kbira li takom biex immaturajtu fl-imħabba tagħkom u wasaltu biex tingħaqdu flimkien fl-għaqda dejjiema taż-żwieġ nisrani.

Nirringrazzjaw ukoll lill-Mulej għaliex Alla huwa garanzija kbira għalikom biex din l-imħabba tagħkom għal xulxin tibqa' dejjem fl-għożża tagħkom u tgħinkom taqdu l-missjoni kbira li Alla qed jafda f'idejkom bħala miżżewġin Insara.

Alla jitlob mingħandkom li l-ħajja tagħkom ta' miżżewġin tixhed l-imħabba li Ġesù nnifsu għandu għalina lkoll.

### Offerta lil Alla

Dan l-impenn tagħkom, f'din iċ-ċelebrazzjoni se tqegħduh quddiem il-Mulej f'għaqda sħiħa ma' l-offerta ta' Ġesù nnifsu.

Offerta bħal din lil Alla togħġbu u jaċċettaha żgur.

Din l-offerta tagħkom, li se tiġi mbierka minn Alla nnifsu, turi li intom qed timpenjaw ruħkom li d-dawl tal-ħajja miżżewġa tagħkom ikun Alla nnifsu.

Hija offerta li turi l-għażla determinata tagħkom li tgħixu flimkien ħajja miżżewġa skond ir-rieda ta' Alla.

Meta aħna nimxu skond ir-rieda ta' Alla nkunu qed nassiguraw li f'qalbna jkollna l-paċi u s-sliem.

Dan ma jfissirx li l-ħajja miżżewġa se tkun ħielsa mid-diffikultajiet, il-problemi u t-tbatija. Ġesù nnifsu, fil-ħajja tiegħu f'din id-dinja, għadda minn dak kollu li ngħaddu aħna fil-ħajja tagħna. Madankollu, Ġesù uriena, b'ħajtu stess, li meta l-bniedem ikun f'għaqda ma' Alla jsib is-sens veru tal-ħajja, inkluż fi żminijiet ta' prova u sagrifiċċju.

Alla, li fada f'idejkom il-missjoni li tibnu familja nisranija, jgħinkom żgur.

Xiehda ta' dan insibha f'pajjiżna stess fin-numru kbir u sabiħ ta' familji li, minkejja kollox, qed iħabriku biex jgħixu ħajja miżżewġa kif irid Alla.

Dawn il-familji jsibu s-saħħa morali tagħhom fit-talb flimkien u għal xulxin, id f'id mal-prattika tas-Sagramenti.

Dan jgħinhom jilqgħu l-grazzja ta' Alla li tgħinhom jinbnew dejjem iżjed fl-imħabba u l-għaqda ta' bejniethom billi jkunu lesti li jifhmu, jagħdru u jaħfru lil xulxin, jekk hemm bżonn kuljum u akkost ta' kull sagrifiċċju.

Dan jgħin ukoll lill-miżżewġin biex ma jitqarrqux u ma jiġrux wara l-frugħa ta' mudelli ta' żwieġ li jipproponu ż-żminijiet permissivi ta' llum, fosthom iż-żwiġijiet rabta ċoff bi prova.

## L-importanza ta' l-attenzjoni lill-ulied

L-għaqda tal-miżżewġin ma' Alla u l-imħabba tal-miżżewġin lejn xulxin huma ordinati lejn it-tnissil u l-edukazzjoni ta' l-ulied li Alla jogħġbu jibagħtilhom.

Fil-familja nisranija l-ulied jiġu quddiemnett.

Li l-koppji jfittxu li jkollhom dar sabiħa, komda u mgħammra hija ħaġa tajba. M'hemm xejn ħażin f'ħaġa bħal din, sakemm inżommu l-bilanċ u ma nintilfux fl-esaġerazzjoni. Anzi, id-dar hi meħtieġa ħafna biex il-familji jikbru fl-imħabba u l-għaqda tagħhom u l-ulied isibu l-kenn u l-għożża li jixirqilhom.

Madankollu, fit-tħabrik tagħhom għad-dar u għat-tgħammir tad-dar, kif ukoll quddiem it-tentazzjoni li jfittxu li jkomplu jgħixu l-istess stil ta' ħajja li jkunu draw bih qabel iż-żwieġ jew li jkunu jgħixu sħabhom, il-koppji jridu joqogħdu attenti ħafna.

It-tfal iħobbhom kulħadd. Fil-bidu taż-żwieġ kulħadd ikun jixtieqhom u jistennihom. Iżda jekk wieħed ma joqgħodx attent, bil-mod il-mod jista' jasal biex wieħed jibda jħares lejn it-tarbija ġdida fil-familja bħala piż u problema, minflok bħala rigal ta' Alla u valur imprezzabbli li jiżboq kull ġid materjali li jista' jikseb il-bniedem.

## Ħtieġa ta' għajnuna minn kulħadd

Biex dan ma jiġrix jeħtieġ, l-ewwelnett, li l-miżżewġin jgħinu lilhom infushom. Jeħtieġ ukoll, speċjalment fil-każ tal-miżżewġin il-ġodda, li huma jsibu l-għajnuna ta' kulħadd – tal-qraba u l-ħbieb tagħhom, tal-Knisja u ta' l-Istat.

Hu proprju għalhekk li l-Knisja qed tisħaq dejjem iżjed fuq il-pastorali tal-familja – quddiemnett fuq it-tħejjija minn kmieni, tajba u soda għaż-żwieġ biex, fost ħwejjeġ oħra, il-koppji jagħrfu jagħmlu għażliet tajba waqt li jibnew fis-sens ta' sagrifiċċju.

Hu proprju għalhekk ukoll li l-Knisja tirsisti biex l-għajnuna u l-appoġġ ta' l-Istat jagħti lill-familja jkunu b'saħħithom biżżejjed ħalli l-miżżewġin ma jaqtgħux qalbhom quddiem il-miġja ta' l-ulied, u biex il-ħin tagħhom għal uliedhom ma jkunx fjakk u forsi biss meta t-tfal ikunu reqdin.

Il-ħsara li jsofru l-ulied meta jkunu neqsin mill-preżenza fiżika u l-attenzjoni adatta tal-ġenituri, speċjalment fl-ewwel snin tat-trobbija tagħhom, tibqa' mat-tfal tul ħajjithom kollha.

B'dan id-deni ssofri wkoll is-soċjetà. Għaldaqstant, is-soċjetà għandha kull interess u kull dmir li lill-familja, li hija ċ-ċellula fundamentali tagħha, tgħinha timxi fis-sod.

F'dan il-kontest, il-Knisja ma tistax ma tifraħx kull meta tara l-Istat jagħmel ħiltu biex jgħin lill-familja tgħix il-ħajja vera tagħha bħala familja.

Soċjetà għaqlija li tħares fil-bogħod tfittex li tara x'għandhom bżonn il-familji ta' llum u ta' għada, biex tgħinhom mill-aħjar li tista'.

## L-akkwist tad-dar tal-familja

Uġigħ ta' ras li qed iħabbtu wiċċhom miegħu ħafna mill-miżżewġin il-ġodda u ż-żgħażagħ li jridu jiżżewġu, huwa dak dwar l-akkwist tad-dar fejn se joqogħdu.

Fi żmien ta' kompetizzjoni qawwija fil-prezzijiet ta' l-artijiet u tad-djar, il-miżżewġin il-ġodda jeħtieġu l-għajnuna soċjali kollha li l-Istat ikun f'qagħda li jagħtihom.

Il-miżuri soċjali li jieħu l-Istat iridu jkunu jgħinu biżżejjed lill-miżżewġin biex fil-bini jew fix-xiri tad-dar xierqa għalihom huma ma jitgħabbewx b'piżijiet li għal ħafna snin iħarbtulhom il-possibiltà li jgħixu tassew bħala familja.

L-istat irid jaħseb ukoll għall-miżuri meħtieġa biex il-koppji li jkunu jixtiequ jikru post fejn joqogħdu jkunu jistgħu jagħmlu dan bi ħlas ta' kera li ma jkunx ta' piż kbir wisq għalihom, waqt li fl-istess ħin issir ġustizzja mas-sid tad-dar.

Is-soċjetà tagħna, kif nistgħu naraw mill-miżuri li ttieħdu matul iż-żmien u t-tisħiħ kontinwu tagħhom, hija sensibbli ħafna għall-bżonn li lill-familja tagħtiha l-għajnuna u l-appoġġ kollu li tista'.

Dan hu apprezzat ħafna. Fl-istess ħin, irridu nżommu quddiem għajnejna li ma nistgħux ngħidu li m'hemm xejn iżjed x'isir. Pajjiż li jifhem il-valur kbir tal-familja magħquda u b'saħħitha m'għandu jehda qatt fit-tħabrik tiegħu biex il-familja jagħtiha l-ogħla prijorità.

Nitolbu 'l Alla biex ikompli jagħti l-għajnuna tiegħu lill-familji kollha tagħna u lilna lkoll biex nagħrfu nħabirku dejjem iżjed ħalli l-familja Maltija tkun verament familja kif iridha Alla.

*KonKattidral ta' San Ġwann*
*13 ta' Jannar 1996*

Nota: Il-laqgħa ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca mal-miżżewġin il-ġodda tas-sena 1995 ġiet organizzata mill-Moviment ta' Kana bħala parti mill-Festa tal-Familja u fl-okkażjoni ta' għeluq l-40 sena mit-twaqqif ta' l-istess Moviment. Mons. Mercieca mexxa Quddiesa Konċelebrata. Wara huwa tkellem mal-miżżewġin il-ġodda u ppreżentalhom tifkira.

# Sehem il-Media għal soċjetà b'saħħitha

**Messaġġ ta' Mons Arċisqof G Mercieca, fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Franġisk de Sales Patrun tal-Ġurnalisti**

Waħda mill-aħbarijiet sbieħ li kellna fix-xena Kattolika fil-qasam tal-komunikazzjoni soċjali fil-ftuħ tas-sena 1996, kien il-bidu b'suċċess ta' servizz tas-*Santa Sede* permezz ta' l-*Internet.*

Dan l-iżvilupp, minnu nnifsu juri kemm il-Knisja Kattolika mhux biss tapprezza u tifraħ bl-avvanzi teknoloġiċi kbar li qed isiru fil-qasam tal-komunikazzjoni soċjali, imma hi stess trid tużahom kemm tista' fil-ħidma tagħha għat-tixrid tal-Baxara t-Tajba.

fil-fatt, meta wżati tajjeb, il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali jistgħu jagħtu kontribut enormi biex fost il-bnedmin jissaħħu u jixterdu l-imħabba, il-fratellanza, is-solidarjetà u dak kollu li jgħinhom jgħixu d-dinjità tagħhom fil-milja tagħha.

Imma kemm nistgħu ngħidu li l-mezzi ta' komunikazzjoni huma dejjem użati tajjeb?

Kif naqraw fl-Istruzzjoni Pastorali *Aetatis Novae,* il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali jistgħu jintużaw għat-tixrid ta' l-Evanġelju, u jistgħu jservu wkoll biex ineħħuh minn qlub il-bnedmin.

L-istess sistema ta' l-*Internet* saret malajr eżempju qawwi ta' kemm dan hu minnu.

Infatti, mal-minjiera ta' servizzi li jgħinu lill-bniedem jimxi 'l quddiem fir-riċerki u l-formazzjoni tiegħu, fuq l-*Internet* feġġew ukoll servizzi pornografiċi u oħrajn li qed iħassbu bis-sħiħ lil kulmin jgħożż tassew l-ogħla ġid tal-bniedem.

Kif għandna nġibu rwieħna quddiem dawn ir-realtajiet, li l-bieb għalihom l-istess bħal fil-każ tat-televiżjoni, qed jinfetaħ beraħ ukoll għat-tfal permezz tal-*computer* u l-*modem* tad-dar tal-familja tagħhom?

## L-attenzjoni tal-Knisja

Il-Knisja tinteressa ruħha ħafna fid-direzzjoni li jkunu qed jieħdu l-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali, għaliex kif jgħid il-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Ittra lill-Familji (1994) mad-dover li jinformaw dawn il-mezzi għandhom ukoll id-dmir li jifformaw l-udjenzi vasti tagħhom.

Filwaqt li tagħraf l-impatt tant mifrux u qawwi tal-*media,* il-Knisja

tkompli tfakkar lil dawk kollha li qed jagħtu kontribut fil-qasam tal-komunikazzjoni soċjali, dwar il-perikli li jinbtu mill-manipulazzjoni tal-verità.

Tabilħaqq, x'valur, x'verità jista' jkun hemm f'*films* wirjiet u programmi tar-radju jew tat-televiżjoni li jkunu dominati mill-pornografija, mill-vjolenza u mill-konfużjoni u t-taħwid?

Kif nistgħu ngħidu li dawn iservu l-verità dwar il-veru ġid u d-dinjità tal-bniedem?

Mistoqsijiet bħal dawn huma inevitabbli għal dawk li jaħdmu fil-qasam tal-komunikazzjoni u dawk li għandhom ir-responsabbiltà li jmexxu 'l quddiem il-prodotti tal-*media.*

## Impenn fl-edukazzjoni

Il-pern ta' l-ilqugħ irid ikun, quddiemnett, fl-edukazzjoni tat-tfal, li min-natura tagħhom huma l-ewwel u l-iktar persuni li jistgħu jintlaqtu ħażin.

It-tfal jeħtieġu min jiggwidahom, kontinwament, fl-għarfien tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali. Huma jeħtieġu għajnuna mfassla u mħaddma b'mod li takkompanjahom fl-iżvilupp tal-maturità tagħhom. B'hekk, fit-tfal tkun tista' tiġi mrawma u żviluppata dixxiplina personali li tgħinhom jagħrfu t-tajjeb mill-ħażin u li tibqa' magħhom tul ħajjithom kollha.

Qatt mhu kmieni wisq biex ninkuraġġixxu lit-tfal fl-għażla ta' dak li għandu valur minn dak li m'għandux. Qatt mhu kmieni wisq biex inħeġġu u ngħinu lit-tfal jiżviluppaw fihom il-ħerqa u l-ħila li jiżnu u jagħrblu sew dak li jaqraw, jisimgħu u jaraw. Qatt mhu kmieni wisq biex inrawmu fit-tfal sens ta' responsabbiltà personali mibni fuq moralità soda.

Il-mixja twila u dejjiema ta' edukazzjoni u formazzjoni fil-lingwaġġ u l-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni, trid tinbeda sa minn meta t-tfal ikunu għadhom żgħar u li trid isseħħ, id f'id bejn il-ġenituri u l-edukaturi.

Il-Knisja Kattolika, inkluż f'pajjiżna, qed tagħmel ħafna xogħol f'dan il-qasam. Il-programmi ta' edukazzjoni mnedija, żviluppati u mħaddma mis-Segretarjat Komunikazzjoni Soċjali ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, huma konferma ħajja ta' dan.

Dan huwa kontribut li jixraq li jkun imsaħħaħ dejjem iżjed, kemm fil-Knisja nfisha u wkoll b'mod ġenerali. Dan jista' jsir, fost ħwejjeġ oħra, billi nifirxu dejjem iżjed is-servizzi ta' taħdidiet, diskussjonijiet, korsijiet speċjali fl-iskejjel u fil-komunità u sessjonijiet ta' studju bl-għajnuna ta' nies preparati tajjeb f'dan il-qasam.

L-istess mezzi tal-komunikazzjoni soċjali – dawk fosthom li fil-lealtà tagħhom lejn il-bniedem u d-dinjità tiegħu kif inhu xieraq iqegħdu t-tagħlim qabel l-interessi tal-flus – jistgħu jgħinu ħafna biex jissaħħu dawn

is-sisien ta' edukazzjoni u formazzjoni.

**Ir-responsabbiltà tal-Mass Media**

Flimkien ma' l-edukazzjoni u l-formazzjoni tat-tfal hemm ukoll ir-responsabbiltà ta' kif jimxu l-*Media* nfushom, li jridu jkunu gwidati minn prinċipji etiċi sodi.

Il-*Mass Media* jibqgħu fid-dover li jaqdu lill-verità fid-dimensjoni fundamentali tagħha. Huma ma jistgħux iċedu għat-tentazzjoni li jimmanipulaw il-messaġġ u b'hekk jiffalsifikaw il-verità dwar il-bniedem.

Dawn it-tentazzjonijiet il-*Mass Media* jeħtieġ li jirreżistuhom. Altrimenti, ikunu qed jerfgħu fuq spallejhom il-piż tqil tad-deni kollu li jista' jseħħ kaġun ta' l-għażliet żbaljati tagħhom.

Meta jkunu wżati tajjeb il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali jistgħu jgħinu ħafna biex jissaħħu l-għaqda u l-ftehim tal-bnedmin bejniethom. Mill-banda l-oħra, dawn il-mezzi jiżbaljaw ħafna jekk, f'isem il-pluraliżmu, li meta mħaddem tajjeb għandu l-valur tiegħu, isiru strumenti għat-tixrid ta' mudelli qarrieqa tal-ħajja tal-bniedem u tal-familja.

Hu dmir il-*Mass Media* li jħarsu u jagħti sehemhom għall-progress sħiħ tal-bniedem.

Il-*Mass Media* għandhom ikunu skola fejn it-tfal u l-kbar ikunu jistgħu jinbnew f'karattri sodi li jgħożżu tassew il-fraternità, l-għaqda, is-sliem u l-verità.

Meta l-*Mass Media* jintużaw għal inbix, spekulazzjoni u atteġġamenti ta' piki li la jgħallmu u lanqas jifformaw, ma jsirx ġid.

**Il-prijoritajiet fil-ħajja**

Ftit taż-żmien ilu, jiena kelli għal darb'oħra diskussjoni siewja ħafna mal-mexxeja ta' l-unjons tal-ħaddiema, ta' l-assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem u korpi kostitwiti oħrajn.

Dawn il-laqgħat jiena napprezzahom ħafna. Huma jgħinuni biex nifhem dejjem aħjar il-polz tal-ħajja fil-pajjiż.

Fl-aħħar laqgħa tagħna, id-diskors kien l-iżjed fuq il-konsumeriżmu u l-effetti tiegħu fuq it-tfal, iż-żgħażagħ u l-familji.

Ħassejna, fost ħwejjeġ oħra, il-bżonn ta' edukazzjoni dejjem akbar dwar x'għandu jiġi l-ewwel fil-ħajja tal-bniedem u kif il-bniedem jista' jgħix ħajtu b'mod ordinat.

Ħassejna wkoll il-bżonn ta' formazzjoni dejjem aħjar, speċjalment taż-żgħar u taż-żgħażagħ, dwar il-valur tal-flus u s-sens ta' responsabbiltà.

Tkellimna wkoll dwar il-ħtieġa li ż-żgħażagħ – li ġenituri ta' għada – jiġu protetti minn stili ta' ħajja u mudelli ta' għajxien li jistgħu jiddisorjentawhom u jħarbtulhom il-valuri tagħhom.

Il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali jistgħu jagħtu kontribut enormi biex

inkomplu niżviluppaw fostna diskussjoni kostruttiva dwar dawn l-isfidi u fuq l-azzjoni pożittiva meħtieġa dwarhom, speċjalment f'sens ta' edukazzjoni u formazzjoni.

Il-*Mass Media,* jekk jintużaw tajjeb, jistgħu jkunu ta' għajnuna kbira biex nibnu soċjetà b'saħħitha, jiġifieri soċjetà li tagħraf u tħaddan verament dak li hu ta' l-ogħla ġid għall-bniedem skond ir-rieda ta' Alla.

Nota: Il-Quddiesa għall-Ġurnalisti fl-okkażjoni tal-festa ta' San Franġisk de Sales, Patrun tagħhom tiġi organizzata kull sena mid-Direzzjoni tal-ġurnal LEHEN IS-SEWWA.

# Il-Kultura tal-Volontarjat

**Messaġġ ta' Mons Arċisqof Ġużeppi Mercieca fl-okkażjoni tal-Festa tal-Kandlora 1996**

Illum, fil-KonKattidral ta' San Ġwann, hawn miġburin flimkien il-Kappillani u r-rappreżentanti tal-Kunsilli Pastorali Parrokkjali tagħna, li qed joffru kull xorta ta' għajnuna b'riżq dawk kollha, kbar u żgħar, li huma fil-bżonn ta' l-għajnuna tal-proxxmu.

Huma qegħdin jagħtu din l-għajnuna minn qalbhom u b'ferħ.

Aħna, il-Maltin, magħrufin ħafna għall-ġenerożità kbira tagħna lejn ħutna inqas ixxurtjati. Għandna tassew għaliex nirringrazzjaw 'l Alla li żejjinna b'dan ir-rigal hekk sabiħ tal-ġenerożità. Dan aktar u aktar meta nafu li t-tfal u ż-żgħażagħ qed jiddakkru ħafna minn dan l-ambjent ta' ġenerożità li jaraw fina 'l kbar. Huma bosta u bosta t-tfal u ż-żgħażagħ li jixorbu mill-eżempju tajjeb li nagħtuhom.

Insemmi, fost oħrajn, l-eżempju mill-isbaħ li qed jagħtu l-membri ta' l-għaqdiet u l-movimenti reliġjużi, kif ukoll individwi lajċi li joffru s-servizzi tagħhom f'oqsma bħalma huma dawk tat-tagħlim tal-katekiżmu u l-formazzjoni taż-żgħażagħ u l-miżżewġin.

## Il-Knisja trodd ħajr

Il-Knisja tirringrazzja lil kulħadd. Hija tapprezza dawn l-għotjiet ta' mħabba, li jixhdu li aħna lkoll ulied Missier wieħed li hu fis-Smewwiet u li jrid li aħna nħobbu u ngħinu lil xulxin bħalma jħobbna u jgħinna Hu.

Din ix-xena sabiħa tal-lejla tfakkarna fil-ġenerożità li missirijietna wrew ma' San Pawl, meta l-ġifen li kienu fuqu hu u dawk li kienu miegħu tfarrak fuq xtutna. Barra li laqgħuhom u ħadu ħsiebhom, meta ġew biex jitilqu minn Malta tawhom dak kollu meħtieġ għall-vjaġġ li kienu se jibdew.

Il-ġenerożità tal-Maltin tant laqtet lil San Luqa li nsibuha mniżżla fil-Kotba Mqaddsa: "Meta ħlisna mill-għarqa, sirna nafu li l-gżira kien jisimha Malta. In-nies tagħha ġiebu ruħhom magħna bi ħlewwa liema bħalha" (Atti 28, 1-2).

Is-sens ta' ġenerożità nistgħu ngħidu li qiegħed f'demm il-poplu tagħna, tant li kull meta tinqala' l-ħtieġa l-Maltin u l-Għawdxin dlonk jiftħu qlubhom u idejhom għall-proxxmu fil-bżonn, ikun min ikun, f'pajjiżna stess jew f'pajjiżi oħra.

## Imħabba, faraġ u kuraġġ

Il-poplu tagħna qatt ma jonqos li jagħti l-għajnuna materjali u ta' flus lil min ikun fil-bżonn. Din hija ħaġa tajba. Il-Knisja tapprezzaha u tinkuraġġiha, għax hija espressjoni tal-karità Nisranija. Mill-banda l-oħra, il-karità Nisranija ma tiqafx hawn. F'xi ċirkustanzi partikolari hija titlob minna wisq iżjed minn hekk.

Il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix. Il-bniedem ġieli jkun jeħtieġ għajnuna li ma tkunx tista' tiġi sodisfatta b'oġġetti materjali jew bi flus.

Jiġuni quddiem għajnejja dawk li jkunu għatxana għal kelma ta' mħabba, ta' faraġ u ta' kuraġġ.

Jiġuni quddiem għajnejja l-morda, l-anzjani, ir-romol, il-persuni b'diżabbiltà, il-vittmi tad-droga u l-familji tagħhom, il-vittmi tas-serq, il-ġenituri mhux miżżewwġin, il-familji mfarrka u kulmin hu mġarrab.

Dawn huma bnedmin bil-għatx għall-imħabba u l-għożża. Huma membri tal-komunitajiet parrokkjali tagħna ħerqana għall-ġenerożità ta' min hu lest jagħtihom ftit minn ħinu u jaqsam magħhom id-doni li tah il-Mulej, mingħajr ma jfittex xejn għalih innifsu.

Għall-grazzja ta' Alla, din is-sura ta' ġenerożità teżisti wkoll f'pajjiżna. Huma ħafna dawk li qed jgħinu lill-proxxmu mhux għall-qligħ tal-flus jew bit-tir li jiksbu xi ħaġa wara l-mewt ta' dak li jkun, imma għax huma mqanqlin verament mill-imħabba Nisranija.

## Servizz volontarju imprezzabbli

Dawn il-persuni ta' qalb nobbli jaraw u jħobbu lil Kristu fil-bniedem batut. Huma qed jaqdu dmirhom ta' Nsara kif imiss. Qed jagħtu servizz volontarju imprezzabbli, li l-Knisja u s-soċjetà għandhom bżonnu ħafna.

Dan il-volontarjat hu mifrux sew fil-parroċċi tagħna. Insibuh ukoll f'għadd ta' istituzzjonijiet tal-Knisja u ta' l-Istat, u f'inizjattivi oħra privati. Huma ħafna dawk li qed joffru mill-ħin u mill-esperjenzi tagħhom lill-aħwa fil-bżonn, akkost ta' sagrifiċċji personali.

Is-servizz ta' dawn il-voluntieri jappoġġja u jsaħħaħ ix-xogħol ta' dawk li jaħdmu f'dawn l-istituzzjonijiet.

Dan il-volontarjat Nisrani jgħin ħafna biex l-ambjent li jkunu jgħixu fih il-morda, l-anzjani jew residenti oħra, ikun umanizzat kemm jista' jkun.

## Kontribut minn kulħadd

Fost il-voluntieri fil-parroċċi u fl-istituzzjonijiet, insibu persuni li rtiraw mill-ħajja normali tax-xogħol u li għadhom f'qagħda li jagħtu sehem fil-ħajja pastorali, soċjali u komunitarja.

Nieħdu gost ninnotaw li l-għadd ta' voluntieri bħal dawn kull ma jmur qed jiżdied. Il-preżenza tagħhom turi l-importanza u l-kobor li għandha l-ħajja tal-bniedem fl-istaġuni kollha tagħha.

Ninnotaw b'ferħ ukoll li fost il-voluntieri niltaqgħu ukoll ma' żgħażagħ – ġieli għarajjes jew miżżewġin – li ħafna drabi jkunu qed jagħtu s-servizz tagħhom b'sagrifiċċju kbir.

Il-ġenerożità ta' dawn iż-żgħażagħ b'qalb kbira tispikka iżjed meta wieħed jiftakar li l-istil ta' ħajja li qed jiżviluppa f'pajjiżna iktar jimbotta lil dak li jkun lejn ħidma għall-qligħ tal-flus milli lejn il-volontarjat.

Huma qed ikunu ta' eżempju tajjeb. Qed juru li l-imħabba ġeneruża tal-proxxmu għandha prijorità f'ħajjithom.

## Dover tal-Knisja u l-Istat

Il-Knisja u l-Istat għandhom id-dover li dan is-sens ta' volontarjat ġeneruż jinkuraġġuh.

Li wieħed juri xi forma ta' gratitudni lejn il-volontarjat, hija ħaġa sabiħa u dover. Madankollu, ikun ta' ħsara jekk tidħol xi drawwa fejn il-volontarjat nibdluh f'servizz bi ħlas.

Il-volontarjat għandna nħarsu lejh u nibnuh bħala kultura.

Il-kultura tal-volontarjat tgħin lis-soċjetà tinbena dejjem aħjar fil-valuri ta' l-imħabba ta' xulxin, ta' l-għaqda u tal-fraternità. Hija kultura li tgħin lill-bniedem jagħraf aħjar li fil-ħajja hemm xi ħaġa aqwa mill-flus. Din il-ħaġa hija l-Vanġelu tal-Karità.

*Kon Kattidral ta' San Ġwann*
*5 ta' Frar 1996*

**Nota:** Iċ-Ċelebrazzjoni tal-Kandlora ssir fl-okkażjoni tal-Festa tal-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju.

Fiċ-ċelebrazzjoni ta' llum (5 ta' Frar 1996, fil-KonKattidral ta' San Ġwann, fis-6.30pm), il-Kappillani u r-rappreżentanti tal-Kunsilli Pastorali Parrokkjali jippreżentaw lil Monsinjur Arċisqof il-ġbir li sar għall-karità fil-Quddies kollu tas-Sibt filgħaxija u l-Ħadd, 20 u 21 ta' Jannar 1996, fil-knejjes kollha ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta.

F'din il-ġabra tradizzjonali, il-membri tal-Knisja jagħtu l-għajnuna tagħhom b'riżq id-Djar għat-tfal u ż-żgħażagħ bla dar jew familja li tieħu ħsiebhom, għal persuni li qed isegwu programm tal-*Caritas* biex jeħilsu mid-droga, għad-Dar tal-Provvidenza u għas-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika.

Fl-istess jiem ta' l-20 u l-21 ta' Jannar, fil-knejjes kollha tqiegħdu kaxxi fejn min kien jixtieq seta' jqiegħed xi oġġetti ta' ikel jew affarijiet oħra utli biex jitqassmu fost id-djar għat-Tfal, għaż-Żgħażagħ u Persuni bi bżonnijiet speċjali, skond kif ġie indikat lil kull parroċċa.

Parti simbolika minn dawn l-offerti ġew offerti lil Monsinjur Arċisqof, flimkien mal-flus li nġabru.

# Messaġġ ta' l-Arċisqof Ġ. Mercieca f'quddiesa fit-Tarzna sena wara t-traġedja ta' Frar 1995

Inġbarna għal din il-Quddiesa biex niftakru fid-disa' ħaddiema li sena ilu tiflu ħajjithom f'dan il-post tax-xogħol.

Ili-quddiesa qed noffruha b'suffraġju tagħhom, kif ukoll tal-ħaddiema kollha li matul is-snin kienu vittmi ta' diżgrazzji waqt li kienu qed jaħdmu biex jaqilgħu l-għajxien tagħhom u tal-familja tagħhom.

Il-Mulej, li hu xmara ta' mħabba u ħniena, u li jaf kemm f'ħajjithom fittxew li jkunu qribu, żgur li jilqagħhom u jħaddanhom miegħu bl-akbar ħlewwa.

F'din l-okkażjoni qed nitolbu wkoll lill-Mulej biex ikompli jfarraġ u jagħti l-għajnuna tiegħu lill-familji kollha tal-ħaddiema kollha li sfaw vittmi ta' traġedji fuq il-post tax-xogħol.

F'okkażjoni bħal din, jerġa' jiġi quddiem għajnejna l-bżonn li fil-postijiet tax-xogħol tagħna, speċjalment f'dawk fejn il-periklu huwa akbar, bħal fil-każ tat-Tarzna, nieħdu l-miżuri kollha possibbli biex il-ħajja u s-saħħa tal-ħaddiema jiġu mħarsa dejjem aħjar.

Il-bniedem, ħajtu u saħħtu huma imprezzabbli. M'hawn xejn fid-dinja li jiswa iżjed minnhom. Għaldaqstant, irridu nagħmlu kull ma nistgħu biex napprezzawhom, nieħdu ħsiebhom u nħarsuhom.

Il-ħajja u s-saħħa rridu nqegħduhom fl-ewwel post. il-ħaddiema għandhom jiġu provduti bl-aħjar faċilitajiet u mezzi possibbli għall-ħarsien ta' ħajjithom u saħħithom. Il-ħaddiema nfushom, imbagħad, għandhom jagħmlu użu sħiħ minnn dawn il-faċilitajiet u l-mezzi.

Wieħed jinnota li kultant tant nidraw il-periklu li nkunu ngħixu jew naħdmu fih, li nibdew nirriskjaw u ma nieħdux il-miżuri kollha li nkunu nistgħu nieħdu għall-ħarsien ta' ħajjitna u saħħitna. Dan jiġri f'diversi oqsma tal-ħajja. Jiġri fuq ix-xogħol, imma jiġri wkoll f'oqsma oħrajn bħalma huwa dak tas-sewqan.

Riskji bħal dawn għandna nevitawhom. Għandna nfakkru lil xulxin, bla heda, fil-bżonn li ħajjitna u saħħitna nħarsuhom bl-akbar ħeġġa u mpenn. Għandna wkoll ngħinu lil xulxin f'dan il-ħarsien.

Din hija forma oħra ta' solidarjetà bejnietna, speċjalment f'ambjenti bħalma huma dawk tax-xogħol. Il-ħaddiem li meta jara lil sieħbu f'riskju jew f'periklu jiftaħlu għajnejh u jgħinu jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa, ikun qed juri sens ħaj ta' fraternità u solidarjetà.

It-traġedji fuq il-post tax-xogħol, hekk iebsin fihom infushom, iqanqluna u jimbuttawna biex dan is-sens ta' fraternità u solidarjetà fost il-ħaddiema nsaħħuħ.

Il-fidi tagħna Nisranija titlob minna li nsaħħu kemm nistgħu fina nfusna u fostna l-valuri tal-fraternità, tas-solidarjetà u ta' l-għaqda.

# ITTRA TA' L-ARĊISQOF LIS-SAĊERDOTI F'ĦAMIS IX-XIRKA

Illum huwa għalina jum ta' grazzja kbira. Il-Mulej qed jiġborna lkoll miegħu madwar il-mejda tas-sagrifiċju biex itennilna li jħobbna bla qies. Tana, darba għal dejjem, sehem mis-sagrifiċċju waħdieni Tiegħu.

## Grazzi Mulej. Grazzi lilkom ilkoll.

Napprezza ħafna l-ħidma pastorali li qed twettqu, intom ilkoll, saċerdoti u membri ta' ħajja kkonsagrata; ħidma fis-skiet f'ħinijiet li ħadd ma jobsorhom li ġġib magħha bosta tbatijiet.

Din il-ħidma pastorali tidher u qed tinħass fil-ħajja ekkleżjali li għandna Malta fejn insibu parroċċi, għaqdiet, movimenti, gruppi ħajjin b'ħafna membri li qed jieħdu b'serjetà l-missjoni tagħhom ta' mgħammdin. Dawn kollha huma animati bil-ħidma pastorali tagħkom.

Nifraħ magħkom għall-ġid li tagħmlu U magħkom ferħanin, inroddu ħajr 'l Alla!

Nixtieq naqsam magħkom ukoll preokkupazzjoni: dik li l-ħidma pastorali kultant tnessina mmorru aħna stess fl-għajn li rridu nixorbu minnha. Il-Mulej huwa dan il-għajn ta' mħabba u qawwa. Tajjeb li nirriflettu fuq it-tixbiha tad-dielja li ġab Ġesù fl-aħħar ikla u għal darba oħra nisimgħuh jgħidilna:

"Jiena d-dielja, intom il-friegħi.<br>
Min jibqa' fija u jiena fih, dan<br>
jagħmel ħafna frott; għax mingħajri<br>
ma tistgħu tagħmlu xejn."

Inħoss li sirna nagħtu anqas ħin għall-mumenti tat-talb, jiġifieri l-mumenti ta' l-intimità tagħna ma' Alla. Għandna nibqgħu ninqdew tajjeb bil-mezzi li l-Knisja ipprovditilna:

il-brevjar – it-talba tagħna mal-Knisja<br>
il-meditazzjoni –it-talba li tispiralna l-motivazzjoni tagħna<br>
il-viżta – it-talba li tpoġġina quddiemu li qed naħdmu għalih u miegħu<br>
ir-rużarju – it-talba li tpoġġina taħt il-protezzjoni ta' Ommna Marija<br>
l-irtir – il-mument li jagħtina ċans nirriflettu bil-kwiet fuq l-andament ta' ħajjitna

Il-ħidma tagħna trid tkun magħġuna ħaġa waħda mal-ħajja spiritwali għax inkella jiġrilna li jkun jistħoqqilna ċ-ċanfira ħelwa li qalgħet Marta li kienet "taħseb wisq u tinkwieta fuq ħafna ħwejjeġ; imma ħaġa waħda hi meħtieġa. U Marija għażlet l-aħjar sehem li ma jitteħdilhiex."

Tajjeb niskopru li l-Bxara t-Tajba li nippriedkaw lill-oħrajn, hija għalina wkoll, anzi trid tkun l-ewwel għalina biex aħna nagħmlu esperjenza tagħha, u hekk inkunu nistgħu nagħtu xhieda tagħha quddiem il-poplu li l-Mulej afdalna f'idejna, bħal ma kienu l-profeti għall-poplu Lhudi.

Aħna stess irridu niskopru l-valuri evanġeliċi, u hawn nagħmel appell lir-reliġjużi ħalli, bil-ħajja tagħhom, jispirawna b'dawn il-valuri għax kull kariżma hija valur evanġeliku mqiegħed fil-prattika.

Il-poplu tagħna, li qed ikun dejjem aktar aljenat b'ħajja materjali, għandu bżonn u jrid li meta jiltaqa' mas-saċerdot isib fih il-bniedem ta' Alla.

Ejjew mela nagħmlu tagħna l-ġrajja ta' meta Ġesù qabel ma feda l-missjoni pastorali f'idejn Pietru talbu direttament "tħobbni int?"

Ejjew ma' Pietru, illum fl-okkażjoni sabiħa ta' Ħamis ix-Xirka, fit-twaqqif tas-saċerdozju, ntennu mill-qalb "Mulej, int taf li nħobbok".

Grazzi Mulej,
li llum qed terġa' tfakkarna
f'kemm tħobbna u fl-imħabba
kbira li biha qed tistennina li nħobbuk

# Għaliex il-Kurja kellha tissospendi l-kuntatti dwar "IL-MAZZ F'IDEJK'

B'riferenza għal dak li kiteb is-Sur Tony Mallia, Kap Eżekuttiv tal-P.B.S. Ltd. f'taqsima ta' l-Istampa dwar il-programm "Il-Mazz F'Idejk" li xxandar fuq TVM nhar it-Tlieta, 13 ta' Frar 1996, il-fatti ta' kif żviluppat il-kwistjoni fejn tirrigwarda l-Kurja ta' l-Arċisqof u t-Tribunal Ekkleżjastiku, kienu dawn:

F'Novembru 1995, Dr. Georg Sapiano wera x-xewqa li jikseb għajnuna biex iħejji programm fuq il-Ftehim Knisja-Stat dwar iż-Żwieġ u l-operat tat-Tribunal Ekkleżjastiku. Huwa talab li jintervist lil Mons. Joseph Bajada, Imħallef tat-Tribunal Ekkleżjastiku u bdew kuntatti dwar dan.

F'mument minnhom, Dr. Sapiano talab u ngħata l-permess li jiffilmja ċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni taċ-ċertifikati ta' diploma lil dawk li temmew b'suċċess il-Kors ta' Diploma fl-Istudji dwar Kawżi ta' Żwieġ Kanoniku, Ġurisprudenza u Proċedura. Huwa ma wera ebda xewqa u ma għamel ebda talba biex jiġi ntervistat Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca.

Dakinhar taċ-ċerimonja, li saret fl-4 ta' Diċembru 1995 fil-Palazz ta' l-Arċisqof, Valletta, hekk kif Mons. Arċisqof ħareġ mis-sala mal-mistednin, *crew* tal-PBS immexxi mis-Sur Gordon Pisani, mingħajr ebda avviż u b'abbuż sħiħ tal-ftehim li kien sar ma' Dr. Sapiano, mar fuq Mons. Arċisqof b'mikrofonu f'idu.

Lil Mons. Arċisqof is-Sur Pisani ma qallux min kien. Lanqas ma qallu li l-mistoqsijiet li ried jagħmillu kienu għall-programm li kien qed jippjana Dr. Sapiano. Fil-fatt, Mons. Arċisqof għall-ewwel ħaseb li s-Sur Pisani kien *reporter* ta' wieħed mir-radjijiet li xtaq jintervistah fuq dak li huwa kien għadu kemm qal fiċ-ċerimonja, kif ġieli jsir f'okkażjonijiet bħal dawn.

In-nuqqas ta' etika kien gravi. Il-mistoqsijiet tas-Sur Pisani ma kellhom x'jaqsmu xejn maċ-ċerimonja. Il-manjieri tiegħu fil-konfront ta' Mons. Arċisqof kienu juru arroganza.

L-għada ta' dan l-inċident deplorevoli, is-Sur Charles Buttigieg, l-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-Kurja ta' l-Arċisqof, ikkuntattja lis-Sur Tony Mallia, Kap Eżekuttiv tal-*PBS Ltd.* Huwa wrieħ id-diżapprovazzjoni tiegħu għall-abbuż li kien sar mir-rieda tajba ta' l-awtoritajiet tal-Knisja u għan-nuqqas ta' rispett li kien intwera lejn Mons. Arċisqof.

Is-Sur Buttigieg fisser lis-Sur Mallia li minkejja kollox, l-intenzjoni ta' l-awtoritajiet tal-Kurja kienet se tibqa' li jkun hemm l-aħjar koperazzjoni possibbli. Madankollu, fid-dawl ta' dak li kien ġara kien meħtieġ li jiġi

ċċarat x'se jsir mill-PBS fir-rigward ta' l-inċidenti.

Dakinhar stess Dr. Sapianò kkuntattja lis-Sur Buttigieg u qallu li għalkemm "b'li għandi nista noqgħod", jekk Mons. Arċisqof jippreferi intervista oħra "lest niltaqa' u nitkellem". Id-diskors żviluppa dwar intervista li fiha lill-Mons. Arċisqof jerġgħu jsirulu l-istess mistoqsijiet li kien għamillu s-Sur Pisani. Sar qbil li din l-intervista ssir fil-21 ta' Diċembru 1995, fl-istess jum meta *crew* tal-PBS kellu jirrekordja l-messaġġ tal-Milied ta' Mons. Arċisqof.

Fit-12 ta' Diċembru 1995 Dr. Sapiano ttelefona lis-Sur Buttigieg li l-*crew* tiegħu ma setax jagħmel l-intervista fil-21 ta' Diċembru u li m'għandhomx żmien biex jiffissaw appuntament għal jum ieħor peress li kienu diġà qed jeditjaw il-programm u dan ried joħroġ fis-6 ta' Frar 1996. Dr. Sapiano issuġġerixxa "live link up" ma' Mons. Arċisqof dakinhar stess tal-programm. Mistoqsi jekk il-punti jibqgħux l-istess, Dr. Sapiano qal li dawn jistgħu jinbidlu skond kif jiżviluppa l-programm.

Din il-proposta ta' Dr. Sapiano ma ġietx aċċettata. Il-PRO tal-Kurja għarrfu li n-naħa tal-Kurja tibqa' ma' l-offerta li l-intervista tiġi rrekordjata mill-ġdid kif kien diġà ġie miftiehem. Dr. Sapiano wera ruħu lest li jirranġa (aktar tard ikkonferma li rranġa) biex l-intervista tiġi rrekordjata fil-21 ta' Diċembru, però ried jiftaħha iżjed milli kien miftiehem oriġinarjament u ma jħallihiex biss fuq il-mistoqsijiet li kienu saru mis-Sur Pisani.

Dr. Sapiano ġie mgħarraf li fiċ-ċirkustanzi u ladarba hu ma kienx lest li jimxi skond ma kien ġie miftiehem oriġinarjament, in-naħa tal-Kurja jkollha tieqaf hemmhekk.

Parti mill-filmat meħud mill-*crew* tal-PBS fl-4 ta' Diċembru xxandar minn TVM fil-programm ta' "Il-Mazz F'Idejk", fid-9 ta' Jannar. Parti oħra mill-istess filmat (l-ewwel biċċa tiegħu) ixxandret fil-programm tat-13 ta' Frar.

Fi programm li xxandar fuq Radju Malta Wieħed il-bieraħ, 16 ta' Frar 1996, Mons. Arċisqof, bi tweġiba għal mistoqsija ta' semmiegħ dwar il-każ, qal li dan kien inċident infeliċi li issa kien għadda u għalhekk magħluq. Kienet l-ittra tas-Sur Tony Mallia li dehret f'gazzetta ta' llum li qanqlet il-bżonn li jiġu spjegati l-fatti kollha kif ġraw.

# Policy u regolamenti tal-Knisja dwar it-tmexxija ta' djar żgħar għal persuni b'diżabiltà

Ġew stabbiliti l-*policy* u r-regolamenti dwar it-tmexxija tad-Djar Żgħar għal Persuni b'Diżabiltà li jkunu proprjetà ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta.

"Il-Knisja f'Malta", tgħid il-*policy,* "biex tkompli tkun ta' servizz lill-persuni b'diżabiltà u l-familji tagħhom, tiftaħ għal dawn il-persuni djar residenzjali żgħar fi ħdan il-komunitajiet parrokkjali. Dan is-servizz il-Knisja qed tidħol għalih għaliex jinħass dan il-bżonn waqt li tifhem li l-aħjar ambjent għal dawn il-persuni huwa l-ambjent tal-familja."

Il-*policy* tgħid ukoll li f'dawn id-djar ikun possibbli u prattikabbli li jinħoloq fihom ambjent ta' familja li fih persuna b'diżabiltà tkun tista' tiżviluppa aħjar il-personalità u l-kapaċitajiet tagħha. Barra minn hekk, fl-istess djar, il-persuni b'diżabiltà u l-familjari tagħhom jingħataw kull għajnuna spiritwali, soċjali u personali.

Il-*policy* u r-regolamenti jittrattaw, fost ħwejjeġ oħra, il-proċedura għad-dħul u l-ħruġ mid-djar, il-ħlas mir-residenti, is-saħħa fiżika u mentali tar-residenti, ir-relazzjoni li għandu jkun hemm mal-*Caritas Malta,* il-funzjoni tal-Kumitat Ċentrali li l-Kunsill tal-*Caritas* għandu jwaqqaf għad-Djar għal Persuni b'Diżabiltà, id-doveri tad-Direttur u ta' l-Amministratur ta' l-istess djar, u l-amministrazzjoni finanzjarja.

Il-*policy* tgħid li fid-dħul tar-residenti, meta kollox jitqies indaqs, għandha tingħata prijorità lill-persuni b'diżabiltà mill-istess parroċċa. Tgħid ukoll li f'dawn id-djar, hija dejjem mixtieqa u apprezzata l-ħidma tal-volontarjat, kemm bħala grupp kif ukoll bħala individwi.

Ġie stabbilit ukoll Kodiċi ta' Etika għal dawk li jaħdmu f'dawn id-djar, ir-residenti u l-volontieri li jgħinu fid-djar.

Ċirkolari Numru 335

# Jum il-Ħajja

Nhar il-Ħadd, 28 ta' Jannar, fl-Arċidjoċesi tagħna se jiġi ċċelebrat "Jum il-Ħajja."

F'dan il-"Jum" irridu nroddu ħajr lil Alla għar-rigal li tana tal-ħajja. Irridu wkoll nitolbuh jgħinna biex napprezzaw u nirrispettaw dan ir-rigal, u biex aħna l-Insara nkunu minn ta' l-ewwel biex inħarsu, niddefendu u nġibu 'l quddiem il-ħajja tal-bnedmin fid-diversi aspetti tagħha.

Fil-quddies kollu tas-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd, 27 u 28 ta' Jannar:

1) Għandu jinqara l-Messaġġ Pastorali ta' l-Isqfijiet għal dan il-Jum, li qed jintbagħat ma' din iċ-Ċirkolari (ara pag. 350);

2) Fit-Talba tal-Fidili, għandha tiżdied din l-invokazzjoni: "Irroddulek ħajr, Mulej, għad-don tal-ħajja li tajtna; nitolbuk tgħinna biex dejjen nirrispettaw u nħarsu u nġibu 'l quddiem fina u fl-oħrajn dan ir-rigal, mill-bidu tat-tnissil tal-ħajja sat-tmiem naturali tagħha."

Peress li fl-istess jum tal-Ħadd, 28 ta' Jannar, se jinżamm il-Jum Dinji tal-Morda bil-Lebbra, fil-Quddiesa kollu msemmi hawn fuq għandha tiżdied ukoll din l-Invokazzjoni fit-Talba tal-Fidili:

"Mulej, żomm taħt il-ħarsa ta' mħabba tiegħek lil ħutna fid-dinja kollha morda bil-lebbra, kif ukoll lil dawk kollha, tobba u nfermieri, lajċi u reliġjużi, li b'tant imħabba jaħdmu fosthom għall-fejqan tagħhom jew biex itaffulhom it-tbatijiet tagħhom."

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 24 ta' Jannar 1996.

Alfred Muscat
*Kanċillier*

Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

Ċirkolari numru 336

# Jum l-għaqdiet u movimenti 1996

Fit-Tieni Ħadd tar-Randan, se jiġi ċċelebrat Jum l-Għaqdiet u Movimenti Kattoliċi.

It-tema prinċipali ta' din is-sena hija l-Vokazzjoni tal-Lajċi li taf il-bidu tagħha fis-sagrament tal-Magħmudija.

Monsinjur Arċisqof se jqaddes nhar il-Ħadd, 3 ta' Marzu, għall-membri kollha ta' l-Għaqdiet u Movimenti fl-Awditorju tad-Dar Ċentrali tal-M.U.S.E.U.M., il-Blata l-Bajda fid-9.30 am. Dakinhar l-Arċisqof mistenni jagħti messaġġ lil-Lajċi u l-aktar lill-membri fl-Għaqdiet u Movimenti. Il-lajċi se janimaw, bil-mod partikulari tal-Movimenti diversi, din l-Ewkaristija li fiha se jġeddu l-Wegħdiet tal-Magħmudija li minnha jibda kull appostolat Nisrani.

Il-lajċi, b'mod speċjali dawk impenjati fil-Parroċċi u l-Għaqdiet u Movimenti, mistiedna biex jattendu.

Nhar il-Ħamis, 29 ta' Frar, fil-knejjes kollha fejn tinżamm l-Ewkaristija għandha ssir adorazzjoni bi tħejjija għal dan il-jum.

Fit-Talba tal-Fidili fil-Quddies kollu tas-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd 2 u 3 ta' Marzu, għandha tiżdied din l-invokazzjoni: "Qajjem fostna, Mulej, lajċi mimlijin ħeġġa u mħabba lejn il-Knisja biex ikunu tabilħaqq il-melħ ta' l-art u d-dawl tad-dinja f'kull settur tal-Ħajja".

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 21 ta' Frar 1996.

Alfred Muscat
*Kanċillier*

Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

Ċirkolari Numru 337

# Ġimgħa ta' sagrifiċċju 1996

Bħal snin oħra, is-Segretarjat Assistenza Soċjali ta l-Azzjoni Kattolika se jorganizza "Ġimgħa ta' Sagrifiċċju" min-nhar il-Ġimgħa tad-Duluri, 29 ta' Marzu, sal-Ġimgħa l-Kbira, 5 ta' April.

Bil-flus li niffrankaw bis-sagrifiċċju tagħna għandna ngħinu lil ħutna fil-bżonn. Is-Segretarjat jgħinna naqdu dan id-dmir ta' mħabba u solidarjetà Nisranija ma' ħutna billi jaċċetta dawn l-offerti, frott tas-sagrifiċċju tagħna, biex jużahom fid-diversi ħidmiet ta' karità li l-istess Segretarjat jagħmel matul is-sena ma' min tassew jeħtieġ l-għajnuna.

Għal dan l-iskop, f'kull knisja fl-Arċidjoċesi, għandhom jitqegħdu kaxxi bil-kitba "Ġimgħa ta' Sagrifiċċju", matul din il-ġimgħa kollha, biex nitfgħu fihom l-offerti tagħna.

# Jum il-Ħelsien 1996

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Marzu 1996, tiġi ċelebrata t-tifkira ta' "Jum il-Ħelsien".

Monsinjur Arċisqof irid li dakinhar:

1) Fit-Talba tal-Fidili, fil-Quddies kollu, tiżdied l-invokazzjoni: "Agħti, Mulej, is-sliem lil art twelidna u lilna lkoll il-barka tiegħek, li hi rahan ta' ġid spiritwali u materjal."

2) Wara kull Quddiesa jitkanta l-Innu Malti.

3) Jinxtegħlu l-frontispizji u s-Slaleb tal-knejjes minn inżul ix-xemx sal-11.00pm.

4) Fil-knejjes li għandhom l-arblu, tittajjar il-bandiera Maltija.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili, Floriana, illum 18 ta' Marzu 1996.

Alfred Muscat
*Kanċillier*

Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

# Kunsill ġdid tal-Kappillani

Il-Kappillan Anton Cassar (Parroċa ta' Kristu Re, Raħal Ġdid) ġie magħżul bħala President tal-Kunsill tal-Kulleġġ tal-Kappillani.

Il-Viċi President huwa l-Kappillan Pawl Camilleri.

Bħala Segretarju ntagħżel l-Arċipriet Daniel Farrugia waqt li bħala Assistent Segretarju sar il-Kappillan Lawrenz Zammit.

Il-kaxxier huwa l-Arċipriet Frans Abdilla.

Bħala membri tal-Kunsill intagħżlu l-Kappillani Kan. Evan Caruana, Patri Pawl Gatt O.P. u Dun Anton Cassar (Parroċċa ta' Wied il-Għajn).

# Il-Kunsill tal-Kappillani dwar żmien ir-Randan

Iż-żmien tar-Randan hu żmien adatt biex in-Nisrani jirrifletti fuq ħajtu u d-direzzjoni li din qed tieħu.

Mar-Randan hi marbuta l-idea ta' sagrifiċċju. F'din is-sena internazzjonali ddedikata lit-tfal, il-Kulleġġ tal-Kappillani qed jipproponi lill-ġenituri biex jikkultivaw is-sens ta' sagrifiċċju f'uliedhom, li jgħinuhom matul il-kumplament ta' ħajjithom.

F'soċjetà fejn ħafna mit-tfal tagħna qed jitwieldu u jitrabbew fi stil ta' ħajja li ma jonqoshom xejn minn dak li hu materjali, ikun tajjeb li l-ġenituri jnisslu f'uliedhom ċerti valuri li jibnuhom bħala bnedmin sħaħ.

Iċ-ċaħda taż-żgħar u tal-kbar tgħin biex il-bniedem jimmatura aktar u ma jibżax jaffronta sitwazzjonijiet ta' tbatija li żgur li jinqalgħu fil-ħajja.

Bħala għajnuna konkreta tal-proxxmu fi żmien ir-Randan, il-Kulleġġ tal-Kappillani, fost ħwejjeġ oħrajn, jixtieq jipproponi l-għoti tad-demm u l-impenn għall-għoti ta' l-organi umani wara l-mewt, speċjalment wara l-appell li sar dan l-aħħar mill-Isqfijiet fl-okkażjoni ta' Jum il-Ħajja.

Fl-aħħarnett, il-Kappillani jħeġġu biex tibqa' tinżamm u tissaħħaħ id-drawwa f'pajjiżna tas-smiegħ tal-Kelma ta' Alla b'mod speċjali fl-Eżerċizzi li jsiru fil-knejjes u l-postijiet tax-xogħol, kif ukoll fil-prattika, li issa qabdet sew, ta' Irtiri għal diversi kategoriji ta' persuni.

# Rapport dwar ix-xogħol tat-Tribunal Ekkleżjastiku għas-Sena 1995

## 1. Talbiet imressqa

Matul din is-sena l-għadd tal-kawżi preżentati fil-Kanċellerija tat-Tribunal laħaq in-numru ta' 69, li juri tnaqqis sostanzjali mis-sena l-oħra meta l-kawżi ġodda kienu 89. Dak li huwa sinjifikanti, kif jingħad aktar quddiem huwa l-fatt li ġew konklużi u arkivjati 71 każ. Mis-69 każ ippreżentati hemm 55 talba għal dikjarazzjoni ta' nullità taż-żwieġ, 1 każ ta' żwieġ li mhux ikkunsmat u 12-il każ ta' Rogatorji magħmula minn tribunali esteri.

## 2. Kawżi Proċessati

Kif jirriżulta mill-istatistika li se tintbagħat lit-Tribunal Appostoliku tar-Rota Rumana, bħalma jsir kull sena, il-*break down* tal-każijiet sa l-aħħar tas-sena 1995 huwa mqassam b'dan il-mod: ġew mibdija 55 każ ta' nullità taż-żwieġ u ġew konklużi 54. Ingħataw 42 sentenza li minnhom kien hemm 25-il deċiżjoni affermattiva u 17 negattivi.

In-numru tal-każijiet l-oħra arkivjati jinqasam b'dan il-mod: 1 każ fejn mietet waħda mill-partijiet; 1każ fejn il-partijiet irrinunzjaw għall-kawża wara rikonċiljazzjoni; 10 tilfu l-interess fil-kawża.

Kien hemm ukoll 3 każijiet ta' żwieġ mhux ikkunsmat fejn ingħatat risposta affermattiva. Ġew konklużi wkoll u arkivjati 13-il każ ta' Rogatorji mit-Tribunali esteri.

## 3. Capita eżaminati

Bħalma jsir is-soltu tajjeb li nagħtu idea ta' l-eżami li sar fid-diversi *"capita"* u d-deċiżjoni li ta t-Tribunal. Evidentement f'kawża waħda jistgħu jiġu eżaminati aktar minn *"caput"* wieħed:

| "caput" | affermattivi | negattivi |
|---|---|---|
| (a) *Simulatio totalis* (simulazzjoni totali) | 4 | 4 |
| (b) *Exclusio boni fidei* (esklużjoni tal-fedeltà) | 2 | 3 |
| (ċ) *Exclusio boni sacramenti* (esklużjoni ta' l-indissolubiltà) | — | — |

| | | |
|---|---|---|
| (d) *Exclusio boni prolis* | 4 | 3 |
| (e) *Exclusio consortii vitae*<br>(esklużjoni ta' l-għaqda intima tal-ħajja u mħabba) | — | — |
| (f) *conditio* (kunsens kundizzjonat) | 1 | 1 |
| (g) *Vis et Metus* (forża u biża) | 3 | 1 |
| (h) Ignorantia<br>(injuranza dwar dak li hu essenzjali fiż-żwieġ) | — | — |
| (i) *Error personae/Error qualitatis personae*<br>(żball dwar il-persuna jew xi kwalità essenzjali tal-persuna) | — | — |
| (j) *Dolus* (frodi) | — | — |
| (k) *Defectus Discretionis iudicii*<br>(Difett ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju) | 9 | 15 |
| (l) *Inhabilitas assumendi onera conjugalia*<br>(inabiltà biex wieħed jieħu fuqu d-dmirijiet taż-żwieġ u jwettaqhom minħabba raġunijiet ta' natura psikika) | 10 | 34 |
| (m) *Impotentia* (impotenza) | — | — |
| (n) Proċess dokumentali | 1 | — |

## 4. Tribunal Reġjonali

It-Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza, fil-bidu tas-sena 1995, kellu 12-il każ ta' nullità ta' żwieġ li kienu għadhom ma waslux għad-deċiżjoni finali.

Matul is-sena 1995 daħlu 33 każ ġdid. Tletin ġew mit-Tribunal Ekkleżjastiku ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, 1 minn Għawdex u 2 minn Ġibiltà; għalhekk matul is-sena 1995, it-Tribunal Reġjonali kellu 45 każ li kienu fi stat ta' proċess.

Matul l-istess sena, it-Tribunal Reġjonali wasal għal deċiżjoni finali dwar 30 każ:

20 pożittivi fit-Tribunal ta' l-Ewwel Istanza, ġew ratifikati b'Digriet minn dan it-Tribunal Reġjonali;

10 negattivi fit-Tribunal ta' l-Ewwel Istanza, fit-Tribunal ta' l-Appell:

6 baqgħu negattivi fit-Tieni Istanza,

4 saru pożittivi fit-Tieni Istanza u għadddew għat-Tribunal tar-Rota Rumana.

Għaxra minn dawn it-30 każ kellhom żewġ motivi ta' nullità (*capita*) u għalhekk it-Tribunal Reġjonali kellu jikkonsidra 40 motiv f'dawn it-30 każ.

Fl-aħħar tas-sena 1995, it-Tribunal Reġjonali kellu 15-il każ ta' nullità taż-żwieġ li kienu għadhom ma waslux għad-deċiżjoni finali. Każ wieħed minn dawn, daħal fl-aħħar tas-sena 1994 – it-Tribunal Reġjonali ma wasalx għad-deċiżjoni finali dwar dan il-każ għax għadu jistenna r-Rapport tal-Psikjatra. L-14-il każ l-oħra daħlu f'dan it-Tribunal Reġjonali matul is-sena 1995.

## 5. Konsiderazzjonijiet

Mill-istatistika tat-Tribunal ta' l-Ewwel Istanza għal din is-sena, u mill-iskemi annessi ma' dan ir-rapport, jistgħu joħorġu dawn il-konsiderazzjonijiet importanti:

(i) Ma' dan ir-rapport qed jiġu annessi diversi skemi li juru l-iżvilupp tax-xogħol tat-Tribunal Ekkleżjastiku matul dawn l-aħħar sitt snin li għaddew. Kif jidher fl-iskema, A, in-numru tal-każijiet żdied b'ammont sostanzjali fis-snin 1991-1992, filwaqt li s-sentenzi mogħtija kienu ħafna inqas mis-snin ta' qabel. Ir-raġuni ta' dan hi li f'dawn is-snin kienu qed isiru d-diskussjonijiet mar-rappreżentanti tal-Gvern dwar ir-Riforma tal-Liġi taż-Żwieġ.

(ii) Din is-sena l-għadd ta' sentenzi affermattivi kien jissupera dak tan-negattivi (ara skema B). Dan juri li ma tista' bl-ebda mod tiġbed konklużjonijiet dwar kemm it-Tribunal Ekkleżjastiku ta' Malta huwa riġidu f'paragun ma' xi tribunali oħra. Kull każ jiġi eżaminat fuq il-mertu

tiegħu u f'sena jista' jkollok każijiet ta' żwiġijiet invalidi ħafna aktar minn dawk ġudikati validi, u bil-maqlub.

(iii) Mill-iskema Ċ, li qed tingħata dwar il-każijiet fuq il-bażi ta' difett ta' diskrezzjoni u/jew inkapaċità li wieħed jassumi r-responsabbiltajiet taż-żwieġ, jidher li għalkemm dawn kienu l-aktar żewġ *capita* li fuqhom ġew ippreżentati kawżi, fil-maġġøranza tagħhom ingħataw deċiżjoni negattiva, u dan għaliex il-provi li jinġiebu jwasslu biss għal diffikultajiet fil-ħajja miżżewġa u mhux għal inkapaċità. Dan xi drabi jġibna f'kuntrast ma' dak li qed jiġri f'xi wħud mit-tribunali ekkleżjastiċi f'pajjiżi oħra. F'dan ir-rigward tajjeb niċċaraw li t-Tribunal tagħna jsegwi fedelment l-interpretazzjoni li t-Tribunal Apostoliku tar-Rota Rumana u tat-Tribunal Suprem tas-Senjatura Apostolika jagħtu lill-Kanoni 1095, u li dan ġie wkoll ikkonfermat uffiċjalment mill-Uffiċċjali għolja ta' dawn it-Tribunali meta żaru Malta. Nafu wkoll li s-Senjatura Apostolika mhux l-ewwel darba, anki pubblikament, ġibdet l-attenzjoni ta' xi Isqfijiet għall-interpretazzjoni żbaljata li qed tingħata lil dan il-kanoni, tant li f'ċerti każijiet ipparagunat deċiżjonijiet ta' xi wħud minn dawn it-tribunali, mad-divorzju. Għaldaqstant hija inġusta l-kritika kontinwa u forsi orkestrata, li ssir fil-*Media* minn xi wħud, li ħafna drabi jkollhom interess personali.

6. Matul din is-sena beda jseħħ il-Ftehim bejn is-*Santa Sede* u l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta dwar ir-rikonoxximent taż-Żwieġ Kanoniku u d-deċiżjonijiet ta' l-Awtoritajiet u t-Tribunali Ekkleżjastiċi fuq l-istss żwiġijiet. Saru diskussjonijiet informali dwar it-twettiq ta' dan il-Ftehim ma' l-Awtoritajiet tal-Qrati Ċivili u sa l-aħħar tas-sena kienu tressqu diversi każijiet quddiem il-Qorti Superjuri ta' l-Appell u lkoll ġew aċċettati u rikonoxxuti fit-termini tal-Ftehim. L-unika diffikultà li nqalgħet kienet dwar każ minn tribunal esteru Amerikan fejn l-interessat ma rnexxilux iġib kopja tas-sentenza ta' l-ewwel istanza u għalhekk ma setax iressaq il-każ tiegħu quddiem il-Qorti Ċivili ta' l-Appell skond it-termini tal-Ftehim.

Sa l-aħħar tas-sena kien għadu ma ġie ppreżentat fil-Kanċellerija ta' dan it-Tribunal ebda każ ta' żwieġ ċelebrat wara l-15 ta' Mejju 1995, id-data meta ġie fis-seħħ il-Ftehim. Għalhekk, għadha ma ġietx imqegħda fil-prattika dik il-parti tal-Ftehim li tirrigwarda s-soprasessjoni u l-kompetenza tat-Tribunal Ekkleżjastiku.

7. Problema partikolari li t-Tribunal Ekkleżjastiku għadu jħabbat wiċċu magħha hija dik li għad m'għandux il-*personell* kollu mixtieq u meħtieġ biex il-kawżi jkunu jistgħu jaslu għal deċiżjoni b'ħeffa akbar. L-eqqel tal-

problema qiegħed fl-għadd ta' psikjatri u psikoloġi. Jiġri wkoll li, minħabba l-pressjoni tax-xogħol, xi esperti, b'mod speċjali l-psikjatri, ġieli jdumu wisq biex jippreżentaw bil-miktub ir-rapport tagħhom. F'każ minnhom il-problema kienet tali li t-Tribunal kellu jibdel il-psikjatra lajk li kien inħatar biex iħejji rapport, għaliex instab li wara sentejn huwa ma kien għamel xejn ħlief li rtira l-*file* mill-Kanċellerija tat-Tribunal. Mill-banda l-oħra, it-Tribunal irnexxielu jikseb is-servizz ta' psikologa li qed taqdi l-funzjoni tagħha b'ħila professjonali. Hija qed tkun ta' għajnuna valida għall-uniku psikologu *full time* li għandu t-Tribunal, jiġifier Patri Leonard Chircop O.P. It-Tribunal irodd ħajr lil Patri Chircop għax-xogħol bla heda tiegħu. Sadattant, huwa ttamat li matul l-1996 jirritorna Malta, hekk kif itemm l-istudji tiegħu, il-psikologu Dun Pawl Galea. Dan jgħin biex ix-xogħol f'dan il-qasam jitħaffef xi ftit.

F'Ottubru li għadda ġew mibgħuta Ruma żewġ saċerdoti oħra biex jistudjaw il-Liġi Kanonika. Fi żmien sentejn nisperaw li jkunu jistgħu jibdew jaħdmu attivament fit-Tribunal. Il-bżonn ta' aktar Imħallfin qed jinħass speċjalment għax tnejn mill-Imħallfin tat-Tribunal Reġjonali ta' l-Appell issa qed joqorbu d-disgħin sena. Dawn għadhom qed jagħtu l-kontribut validu tagħhom u ma għandniex kliem biex nirringrazzjawhom.

Ma nistax ma nsemmix lil Dun Charles J. Scicluna, li minn Settembru li għadda mar-Ruma fejn qed jagħti s-servizz tiegħu fit-Tribunal Suprem tas-Senjatura Apostolika. Nirringrazzjaw ħafna lil Dun Charles tax-xogħol kollu li wettaq bħala Difensur taż-żwieġ matul is-snin li għaddew.

8. Matul din i-sena ntemm ukoll b'suċċess it-tieni kors li t-Tribunal jorganizza dwar il-proċedura kanonika u l-kawżi taż-żwieġ. Ħadu sehem fih 33 persuna u 27 għaddew mill-eżami u ħadu d-diploma. Ħdax minn dawn, li huma avukati, talbu u ġew aċċettati biex jiġu nseriti fl-*Album Advocatorum et Procuratorum*, li issa jgħodd 51 avukat. Kien hemm ukoll tliet qassisin, żewġ imħallfin ċivili u xi avukati oħra li ħadu d-diploma iżda ma setgħux japplikaw biex ikunu nseriti fl-*Album* minħabba n-natura tax-xogħol tagħhom. Ta' min jgħid ukoll li l-avukati l-oħra li kienu jservu fit-Tribunal Ekkleżjastiku u li mhumiex inseriti fl-*Album* jistgħu jitolbu l-permess, għal kull każ, lil Monsinjur Arċisqof biex jippatroċinaw klijenti tagħhom. Dan il-permess jingħata jekk jitwettqu l-kundizzjonijiet tal-Kanoni 1483. Din is-sena l-kors dwar il-Proċedura Kanonika, ma sarx, però hu ppjanat li jerġa' jsir kors ieħor f'Ottubru ta' l-1996 u jkompli jsir fis-snin alternattivi.

9. Ir-Rivista *"FORUM"* baqgħet toħroġ regolarment. L-abbonamenti, speċjalment fil-kamp internazzjonali żdiedu. Dan probabilment ġara għax

qed ikun fiha artikli miktuba minn awturi ta' fama internazzjonali. Ta' min jgħid ukoll li għandna diversi *exchanges* ma' rivisti serji fil-kamp kanoniku. Is-servizz li qed jingħata lill-Knisja Universali qed ikun apprezzat.

10. Fl-aħħarnett, tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh il-qagħda finanzjarja tat-Tribunal. L-ispiża biex jitmexxew it-Tribunali tagħna matul is-sena 1995 kienet ta' ftit aktar minn Lm68,000. Id-dħul kollu tat-Tribunal mill-kawżi konklużi u d-depożiti fuq kważi ġodda matul l-istess sena kien jammonta għal Lm8,773. Il-kontribuzzjoni mitluba hija biss parti żgħira mill-ispejjeż reali li jintefqu fil-kors tal-kawża. Matul is-sena li għaddiet, mill-54 każ konkluż, 16 ħallsu l-kont kollu, 17 ħallsu biss parti minnu, waqt li l-bqija ma ħallsu xejn. Kienu diversi dawk li, bħas-soltu, ma ħallsu xejn minkejja l-fatt li setgħu jagħmlu dan mingħajr ebda diffikultà minnaħa tagħhom.

11. Huwa dmir tiegħi li nirringrazzja mill-qalb lill-Imħallfin u lill-membri kollha tat-Tribunali li qed jagħtu s-servizz tagħhom b'sens kbir pastorali u responsabbiltà. Dan jidher l-aktar f'dawk li huma ta' età avvanzata, fosthom ħafna reliġjużi, li jagħtuna eżempju bid-dedikazzjoni tagħhom. Nirrigrazzja lill-Provinċjali ta' l-għajnuna li qed jagħtuna u ntiolbuhom li jkomplu jsostnu billi jibagħtu studenti jispeċjalizzaw fil-Liġi Kanonika biex ikollhom il-possibiltà li jieħdu post l-anzjani.

Nirringrazzja lir-Rettur tas-Seminarju li, speċjalment matul ix-xhur tas-Sajf, jibgħatilna seminaristi biex jieħdu taħriġ u fl-istess ħin jgħinu fil-Kanċellerija tat-Tribunal. Is-seminaristi li kellhom din l-esperjenza kollha stqarrew li kienet waħda valida ħafna u li kienet żgur tiswielhom għall-formazzjoni tagħhom.

Nirringrazzja mbagħad lil dawk kollha, speċjalment il-kappillani u l-operaturi l-oħra pastorali, li b'xi mod jew ieħor qed jagħtu s-sehem tagħhom f'dan il-qasam pastorali moħbi iżda li huwa ta' importanza kbira fit-tmexxija tal-komunità ekkleżjali u ta' utilità kbira għall-ħajja tal-Knisja f'pajjiżna.

Valletta 29 ta' Jannar 1996

**Monsinjur Arthur Said Pullicino**
**Vigarju Ġudizzjali.**

*Caritas Malta – Segretarjat Ħidma Soċjali u ta' Karità*
*Rapport għas-sena 1995*

# L-Għanijiet tal-Caritas Malta

Il-missjoni tal-*Caritas* hi li ġġedded dejjem l-għażla preferenzjali tal-fqar u tagħti xhieda ta' din l-għażla fi ħdan il-komunità Nisranija b'azzjoni konkreta ta' imħabba u qadi, ta' ġustizzja u solidarjetà ma' kull persuna fid-diffikultà.

Minkejja li qed ngħixu f'soċjetà fejn hawn il-ġid u fejn għadna nuru ħniena ma' xulxin, għad hawn mijiet ta' nies li jħossuhom fit-trufijiet tas-soċjetà – għaliex iħossuha bi tqila biex jgħixu ħajja denja ta' bnedmin. Dawn il-persuni, dawn il-familji huma l-mira tal-ħidma tagħna għaliex il-*Caritas* hija fuq in-naħa tal-bniedem fil-bżonn. Meta nsiru nafu li dawn ħutna fil-bżonn, inħossu li għandna nħobbuhom u meta nħobbuhom immeddu idejna biex naqduhom. Dan ix-xogħol isir fis-skiet, b'kunfidenzjalità kbira u mingħajr ħlas.

Permezz ta' *staff* permanenti ta' 36 persuna (inkluż l-i*staff* taċ-Ċentri ta' Riabilitazzjoni mid-Droga) mħarrġa fl-oqsma soċjali, u 'l fuq minn 500 voluntier, il-*Caritas* bħala Aġenzija Soċjali tagħti s-servizz tagħha f'dawn l-oqsma li se nsemmi wieħed wieħed:

## 1. Kummissjoni djakonija (KD)

1.1 Permezz tal-KD, il-*Caritas* tikkordina l-ħidma soċjali ta' karità fil-livell parrokkjali favur il-familji u individwi bi ħtiġijiet speċjali.

Biex jintlaħaq dan il-għan, il-persuna responsabbli għad-Diakonija fil-Caritas flimkien ma' voluntieri mħarrġa u mpenjati f'dan is-settur iżuru l-Kummissjoni Diakonija fil-parroċċi biex jgħinu fid-dinamika tal-grupp, joffru taħriġ biex titwettaq ħidma effettiva u jingħata servizz lill-bniedem batut, joffru informazzjoni, riżorsi, u appoġġ fejn hu meħtieġ.

Matul l-1995, l-i*staff* żar 51 kappillan, biex joffru għajnuna aħjar lill-KD fejn din qed taħdem,u joffri s-servizzi tal-KD fejn din ma teżistix. Fil-fatt, bdiet KD fiz-Zona Santa Marija f'Birkirkara u ssaħħew il-KD tal-Birgu, Ħaż-Żabbar u San Ġiljan.

## 1.2 KD fis-Seminarju

Fiż-żmien tas-Sajf, is-settur Diakonija kellu l-għajnuna ta' seminarista li ħa sehem fil-laqgħat li jkollhom regolament il-voluntieri. Riżultat ta' dan kien li meta s-seminarista rritorna s-Seminarju f'Ottubru 1995, bl-

approvazzjoni tas-superjuri tiegħu, huwa ta' bidu għall-KD fost is-seminaristi sħabu fejn qed isseħħ il-formazzjoni b'għan għad-Djakonija. Dan il-grupp iżur ukoll lis-saċerdoti anzjani fid-Dar tal-Kleru. Din il-ħidma hija tħejjija valida ħafna għal meta dawn is-seminaristi jsibu ruħhom fil-parroċċi wara l-Ordinazzjoni Saċerdotali.

### 1.3 Tħejjija għad-Djakonat Permanenti f'Malta

Grupp ta' 14-il persuna jkollhom laqgħat ta' formazzjoni kull xahar bħala tħejjija għal meta d-Djakonat Permanenti jiġi mwaqqaf f'Malta, jekk tkun ir-rieda ta' Alla. Dawn il-persuni ġew imħeġġa biex jekk ma jkunux huma li jmexxu l-KD fil-parroċċa tagħhom, għallinqas jiffurmaw parti minnha bħala membri. B'hekk ikunu diġà qed iwettqu l-ministeru tal-qadi f'forma mhux istitwita.

### 1.4 Osservatorju tal-Faqar

Bil-ħsieb li l-Knisja Matlija tkun tista' tagħmel l-għażla preferenzjali tal-fqar fl-1993, il-*Caritas* Malta flimkien ma' *DISCERN*– l-istitut għar-Riċerka dwar is-Sinjali taż-Żminijiet daħlet għall-proġett ta' OSSERVATORJU TAL-FAQAR, li jwassal il-Knisja tkun aktar sensittiva għall-Maltin li jinsabu f'diffikultà.

Wara li akkwistajna stampa dwar il-faqar f'Malta kif jarawh il-kappillani kollha ta' Mata u Għawdex, f'April 1995, Mons Victor Grech, Dun Benny Tonna u Dun Anġ Seychell indirizzaw lill-Kappillani dwar ir-rapport li ħareġ mill-istħarriġ li kien sar fosthom mill-*Caritas.* Inħasset il-ħtieġa li titwaqqaf Kummissjoni b'rappreżentazzjoni mill-*Caritas,* il-Kulleġġ tal-Kappillani u d-*Discern.*

Issuktajna bit-tieni fażi tal-Proġett, jiġifieri li jiġu intervistati 66 organizzazzjoni (9 governattivi, 24 jappartjenu għall-Knisja, u 33 privati), li jaħdmu fil-qasam soċjali biex jidentifikaw is-suriet ta' faqar ġdid li jafu bih. It-Tieni Rapport ġie ppreżentat f'Diċembru 1995 u qiegħed fil-fażi ta' l-istampar.

It-Tielet Fażi tal-Proġett għandha tinbeda fi Frar 1996 meta 800 familja minn 8 parroċċi (100 minn kull parroċċa) jiġu intervistati minn voluntiera mħarrġa. Din il-fażi qed isseħħ bil-għajnuna ta' dawk il-kappillani li offrew biex jagħżlu zona mill-parroċċa rispettiva tagħhom, u jagħżlu voluntieri li jistgħu jżuru lill-familji u jistħarrġu fosthom il-faqar f'Malta.

### 1.5 Proġett ma' familji fid-diffikultà f'Bormla

Wara li l-*istaff* tad-Diakonia żar lill-Arċipriet ta' Bormla, dan l-aħħar wera x-xewqa li l-*Caritas* tagħti servizz lill-familji bi ħtiġijiet speċjali tal-parroċċa tiegħu.

Bil-għajnuna tal-persuna responsabbli fil-*Caritas* għall-Qasam tal-Familji bi Ħtiġijiet Speċjali, ġew organizzati sensiela ta' laqgħat darba fil-ġimgħa għan-nisa. It-taħriġ mogħti lil dan il-grupp kien ibbażat fuq il-valuri komunitarji adattati għall-familja. Kienet esperjenza pożittiva ħafna li se tissokta matul l-1996 u nittamaw li tilħaq aktar ommijiet fil-bżonn ta' l-għajnuna.

## 1.6 Ġimgħa ta' Sensibilizzazzjoni Kontra l-Abbuż tad-Droga fil-Kalkara

Okkażjoni oħra ta' ħidma flimkien bejn żewġ setturi tal-*Caritas* kienet il-Ġimgħa ta' Sensibilizzazzjoni kontra l-Abbuż tad-Droga (*Drug Awareness Week*) li ġiet organizzata, fuq talba tal-Kappillan stess, b'koordinament bejn il-KD u l-Grupp tal-*Caritas* għall-Prevenżjoni u Azzjoni Kontra l-Abbuż tad-Droga.

## 1.7 Il-mira tas-settur Diakonia fl-1996 hi:

(1) li jsaħħaħ il-KD fil-parroċċi fejn tiffunzjona tajjeb;

(2) li jsegwi l-KD fil-parroċċi fejn mhix qed taħdem kif suppost;

(3) li joffri s-servizz tal-KD lill-parroċċi fejn mhemmx u ma jeżistux servizzi simili, u jsaħħaħ il-kordinament mas-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika f'dan il-qasam;

(4) li joħloq aktar għajnuna għall-ġenituri weħidhom, romol, u persuni b'diżabiltà.

(5) li ssir aktar sensibilizzazzjoni fost il-komunità nisranija dwar il-bniedem fil-bżonn.

## 2. Familji bi ħtiġijiet speċjali

Il-gruppi li jaqgħu taħt dan il-qasam huma dawn:

## 2.1 Aftercare

Dan il-grupp saħħaħ il-ħidma tiegħu fit-*THURSDAY CLUB* għall-persuni li jużaw is-Servizzi tas-Saħħa Mentali.

Matul l-1995, dan il-grupp kellu żjara minn Ms. Edith Morgan flimkien ma' rappreżentanta mill-Kunsill ta' l-Ewropa, kif ukoll ta' Mr. Rick Ouvrey – konsulent Belġjan għas-Saħħa Mentali f'Malta, u tas-Sur Alfred Theuma, *Manager* ta' *Monte Carmeli.*

Il-Grupp kompla jagħti l-appoġġ tiegħu biex titwaqqaf, f'Ottubru 1995, il-Federazzjoni għas-Saħħa Mentali li l-Viċi-Presidenta tagħha hija waħda mill-voluntieri li qed tirrappreżenta lill-*Caritas.*

Il-grupp ħa sehem f'diversi *seminars* u taħriġ ieħor organizzati fuq

livell nazzjonali kif ukoll fi ħdan il-*Caritas*. Dan dejjem biex jingħata servizz aħjar. Ħa sehem ukoll f'attivitajiet li saru fuq livell nazzjonali, u b'hekk wessa' l-kuntatti ma' organizzazzjonijiet oħra li jaħdmu fil-qasam tas-Saħħa Mentali.

## 2.2 Familji bi tfal b'diżabiltà

Servizz ta' appoġġ lill-familji li għandhom tfal b'diżabiltà jingħata minn grupp ta' voluntieri permezz ta' terapija li trid tingħata kontinwament lil dawn it-tfal li jsofru minn ħsara fil-moħħ (*brain-injured*).

Matul is-sena '95, membru mill-grupp akkompanjat familja fil-*BIBIC,* Dar fl-Ingilterra mwaqqfa apposta biex tgħin lit-tfal li jkollhom id-diżabiltà msemmija hawn fuq. Voluntiera oħra studenta ħadmet il-fażi tagħha tax-xogħol fis-sajf ma' familja oħra bl-istess problema.

## 2.3 Ħbieb flimkien

Mill-ittri u talbiet li nirċievu, nindunaw kemm hawn żgħażagħ, li jħossuhom weħidhom u mingħajr ħbieb. Il-grupp Ħbieb Flimkien twaqqaf bħala appoġġ u biex joffri taħriġ lil dawn iż-żgħażagħ biex ikabbru l-istima tagħhom infushom, u jagħrfu jagħmlu u jżommu l-ħbieb. Iż-żgħażagħ li jattendu jorganizzaw ħarġiet flimkien u attivitajiet oħra li permezz tagħhom jitgħallmu jissoċċjalizzaw aħjar bejniethom u ma' oħrajn.

## 2.4 Housing

Permezz ta' dan il-Qasam, il-*Caritas* hija rappreżentata fuq il-*Housing Advocacy Board.* Laqgħat isiru kull xahar fejn jiġu ppreżentati l-każijiet li tkun taf bihom il-*Caritas* ta' persuni li ma jkollhomx dar jew dar adegwata. Bħalissa 12-il familja qegħdin fil-proċess biex jingħataw għajnuna permezz tal-*Caritas.*

## 3. Helpage – (Anzjani)

Dan il-qasam, affiljat mal-*HelpAge International,* huwa mifrux fuq diversi servizzi. Matul din is-sena 1995, tkompliet il-ħidma biex titjieb il-kwalità tal-ħajja ta' l-anzjani. Dan seħħ billi seħħew u ġew żviluppati s-servizzi volontarji li ġejjin:

3.1 Iċ-Ċentri għall-Anzjani (*Social Clubs* )

L-għan ta' dawn iċ-Ċentri hu biex jgħin lill-anzjani jibnu relazzjoni ta' ħbiberija bejniethom. Iċ-Ċentri joffru wkoll formazzjoni spiritwali, kulturali u soċjali permezz ta' l-attivitajiet li jiġu organizzati mill-mexxejja u l-voluntieri ta' l-istess Ċentri u li huma mħarrġin regolarment mill-*Caritas.*

Fost l-attivitajiet li ġew organizzati fl-1995, kien hemm dawn:

Ċelebrazzjoni tal-Jum Dinji għall-Anzjani; laqgħat ta' spiritwalità; ikliet tal-Milied u ta' l-Għid; vaganzi ta' ftit jiem f'Malta u f'Għawdex; wirja ta' xogħlijiet magħmula mill-anzjani li jattendu ċ-Ċentri; ħarġiet f'Malta u barra minn Malta.

Bħalissa hawn 43 Ċentru Soċjali u fihom jattendu regolarment madwar 2000 anzjani.

### 3.2 La Vie Montante

Dan il-grupp ta' Spiritwalità għall-Anzjani għandu 8 animaturi li regolarment jilħqu diversi Ċentri kull xahar. Dawn l-animaturi jgħinu lil sħabhom anzjani jirriflettu fuq il-Kelma t'Alla u japplikawha għal ħajjithom.

### 3.3 L-Iskema ta' Ġirien Ħbieb

Il-voluntieri li jieħdu ħsieb din l-Iskema, li qiegħda f'16-il parroċċa, ikollhom laqgħat regolari ta' taħriġ u fejn jistgħu jiddiskutu l-problemi li jiltaqgħu magħhom fil-ħidma fdata lilhom.

Ix-xogħol prinċipali tas-sena 1995 sar fuq *VIDEOPACK* – li juri fid-dettal kif għandha titmexxa din l-Iskema. L-għan tal-*Videopack* huwa biex jintuża fil-parroċċi u permezz tiegħu tinħoloq aktar kuxjenza dwar persuni li jgħixu weħidhom speċjalment l-anzjani. Hemm żewġ verżjonijiet tal-kummentarju: wieħed sar bil-Malti u l-ieħor bl-Ingliż. Inħadmu wkoll il-fuljetti li se jakkumpanjaw il-*Videopack.*

### 3.4 Ċentru għal Ħajja Aktar Indipendenti (magħruf ukoll bħala ILAC)

Issuktajna b'dan is-servizz meħtieġ ta' pariri u apparat għall-persuni anzjani jew b'diżabiltà li jixtiequ jibqgħu kemm jista' jkun indipendenti permezz ta' għajnuniet li wieħed jista' jixtri minn dan iċ-Ċentru għal Ħajja Aktar Indipendenti li jinsab fil-*Caritas,* il-Furjana. Grupp ta' voluntieri regolarment jassiguraw il-ftuħ taċ-Ċentru filgħodu u filgħaxija.

Koppja voluntiera tieħu ħsieb it-tmexxija ta' dan iċ-Ċentru, u jagħtu dimostrazzjonijiet ta' kif jaħdem l-apparat li hemm għall-bejgħ. Matul l-1995, din il-koppja ġiet mitluba twassal is-servizzi ta' dan iċ-Ċentru anki f'Għawdex.

### 3.5 Żjajjar fid-Djar Residenzjali tal-Knisja għall-Anzjani

Għoxrin voluntiera komplew iż-żjajjar tagħhom regolari lill-anzjani fid-Djar Residenzjali tal-Knisja. Il-voluntiera huma mħeġġa biex jibnu relazzjoni ta' ħbiberija speċjalment ma' dawk li jħossuhom weħidhom. Jorganizzaw ukoll attitivitajiet soċjali u spiritwali għall-anzjani, bħal ħruġ

fil-kampanja, ġranet Għawdex, laqgħat ta' spiritwalità, u Quddiesa f'kull Dar fejn ġie amministrat is-Sagrament tal-Morda.

Minn Ġunju sa Diċembru '95 ġiet organizzata attività f'kull Dar. B'hekk intlaħqu wkoll dawk li huma morda u li ma jistgħux jipparteċipaw f'attivitajiet barra mid-Dar Residenzjali.

Il-voluntieri jingħataw taħriġ soċjali u spiritwali biex ikunu jistgħu jwieġbu aħjar għal dak li jitlob dan is-servizz.

## Id-djar tal-Knisja għall-Anzjani

Dawn id-Djar jaqgħu taħt il-*Caritas Malta* bħala Segretarjat tal-Knisja għall-Ħidma Soċjali u ta' Karità.

F'Malta hawn 15-il Dar għall-Anzjani u f'Għawdex hemm tlieta. B'kollox hemm 650 residenti. Persentaġġ għoli minnhom huma dipendenti.

It-tmexxija ta' dawn id-Djar mhiex faċli għal dawn ir-raġunijiet:

1. Il-pressjoni tax-xogħol: ħafna minn dawn id-Djar qed isiru *nursing homes;*

2. It-talba konsistenti ta' l-i*staff* għal żidiet fil-pagi;

3. Il-manutenzjoni u t-tagħmir (*refurbishment*) ta' dawn id-Djar jtiolbu kapitali kbar;

4. It-tnaqqis ta' *Staff* reliġjuż f'dawn id-Djar (tlitt idjar li qabel kienu f'idejn kongregazzjonijiet reliġjużi qed jitmexxew minn Movimenti Lajċi bi *Staff* lajk);

5. Id-*deficit* finanzjarju kbir li xi wħud minn dawn id-Djar qed ikollhom kull sena;

6. In-nuqqas ta' għajnuna finanzjarja mill-Gvern minkejja t-talbiet li saru.

Id-Direttur tad-Djar flimkien mal-Kummissjoni Superjuri tad-Djar tal-Knisja għall-Anzjani qed jagħmlu ħilithom biex ir-residenti jingħatalhom trattament xieraq.

L-i*staff* ta' dawn id-Djar qed ikollhom perjodikament *in-service training* filwaqt li l-persuni responsabbli għad-Djar attendew korsijiet gerjatriċi.

## 3.6 Programm Edukattiv għat-Tfal fl-Iskejjel

Il-Programm Edukattiv għat-Tfal fl-Iskejjel inbeda fl-1986 bil-għan li titqajjem kuxjenza fost it-tfal dwar il-ħtiġijiet, il-potenzjal u l-problemi ta' l-anzjani u biex it-tfal jitħajru jibnu relazzjoni ta' ħbiberija man-nanniet tagħhom u ma' anzjani ġirien tagħhom.

Fil-bidu tas-sena 1995, inħasset il-ħtieġa li dan il-Programm jieħu xejra aktar wiesa'. Barra l-Programm Favur l-Anzjani, inbeda ieħor: *"Be A Winner For Life"*. Dan l-iżvilupp intlaqa' b'entużjażmu kbir mit-tfal.

Ħassewhom konċernati fid-diskussjonijiet dwar is-sbuħija tal-ħajja, ir-rispett li għandu jkollna lejn il-ħajja, kif intejbu r-relazzjonijiet mal-familja u l-ħbieb, l-onestà.

F'dawn l-aħħar tliet snin, il-Programm kien qiegħed jitmexxa biss fl-iskejjel primarji tal-Gvern. Fl-1995, l-*Education Promoters* li huma responsabbli għal dan il-Programm tal-*Caritas* reġgħu daħlu fl-iskejjel tal-Knisja fejn iħossuhom milqugħin ħafna mit-tfal u l-għalliema. Fl-1996 se jidħlu għall-ewwel darba fi klassi sekondarja, u nittamaw inkomplu nifirxu l-Programm fuq dan il-livell.

4112 tifel u tifla minn 15-il skola u skola waħda tas-Sajf (*summer school*) ibbenefikaw minn dan il-Programm.

### 3.7 Attivitajiet marbutin mal-Programm Edukattiv għat-Tfal fl-Iskejjel

Tliet attivitajiet barra mill-Programm li saru b'suċċess fl-1995 kienu:

1. *Sportage Workout* – għan-nisa fl-*Eden Palladium*;
2. *Junior Swimathon* – għat-tfal fil-Pixxina Nazzjonali;
3. *Caritas Weekend* – Fiera li ttellgħet flimkien ma' grupp ta' żgħażagħ fix-Xatt ta' Buġibba.

### 3.8 Klabb ta' Subby (Subby's Club)

Dan huwa Klabb għat-tfal li jkunu segwew il-Programm Edukattiv għat-Tfal fl-Iskejjel. Fih, din is-sena, issoktaw l-attivitajiet edukattivi, rikreattivi u soċjali, bħal ħarġiet flimkien, taħdidiet, żjajjar lill-anzjani fi sptarijiet jew Djar residenzjali.

Il-Klabb twaqqaf fl-1991. Dawk it-tfal tal-bidu saru issa adolexxenti u għalhekk inbeda l-Klabb Adoloxxenti (*Teens Club* ).

### 3.9 SUBBY'S Magazine

Dan il-*magazine* għat-tfal ħareġ darbtejn din is-sena. F'Malta tqassmu 4000 kopja f'70 skola; u f'Għawdex intbagħtu 1000 fi 11-il skola. Huwa *magazine* mimli b'artikli, tagħlim u tpinġijiet interessanti ħafna għat-tfal.

### 3.10 Cassette "SUBBY, SUBBY"

Fis-sena 1995, reġgħu ġew ippubblikati 1000 kopja oħra tal-*cassette* SUBBY, SUBBY mimli stejjer u kanzunetti addatati għat-tfal. Dan il-*cassette* ġie ppublikat bil-għan li titrawwem fit-tfal imħabba lejn l-anzjani u lejn ħajja 'l bogħod mid-droga.

## 4. Programm ta' prevenzjoni kontra l-abbuż tad-droga

4.1 Matul is-sena 1995, il-Grupp Prvenzjoni u Azzjoni Kontra l-Abbuż tad-Droga, immexxi minn voluntieri mħarrġa fil-qasam, ħass il-ħtieġa li jiżviluppa l-istrateġija tiegħu. Mhux biss iqajjem kuxjenza pubblika permezz ta' informazzjoni u taħriġ dwar l-abbuż tad-droga, iżda wkoll jistduja l-kawżi li qed jikkaġunaw dan is-sintomu. Għalhekk, il-mira ta' l-azzjoni tal-Grupp hi li jintlaħqu dawn l-erba' oġġettivi:

*(i) Il-Ġenituri*

Tfassal kors għall-Ġenituri dwar it-Trobbija tat-Tfal, il-Komunikazzjoni fil-Familja, Kif Tittieħed Deċiżjoni, Kif Issolvi l-Konflitti (*Conflict Resolutions* ), Relazzjonijiet bejn il-Membri tal-Familja, eċċ. Dan il-Kors ta' ħames laqgħat gie mniedi f'Ottubru 1995 u s'issa tmexxa f'sitt parroċċi. Meta l-ħames laqgħat jintemmu, ma jispiċċax kollox hemm. Il-ġenituri fil-grupp (15-il koppja *maximum*) jissoktaw jagħmlu l-esperjenza ta' dak li jkunu semgħu dwar Trobbija Attiva (*Active Parenting*) u kultant żmien jerġgħu jiltaqgħu biex jagħmlu evalwazzjoni ta' dan il-proċess.

Qed jitħejja Kors ta' Taħriġ għall-Ġenituri li se jiġi mniedi fuq livell nazzjonali f'Jannar 1996.

*(ii) Il-Grupp tal-Caritas miż-Żgħażagħ għaż-Żgħażagħ (YFDY) li jaħdem fl-istess qasam*

Dan il-grupp ta' żgħażagħ li twaqqaf għaxar snin ilu biex ixerred fost żgħażagħ oħra attitudni pożittiva u rispett lejn il-ħajja, ġie ntegrat aktar fi ħdan il-Grupp Prevenzjoni u Azzjoni Kontra l-Abbuż tad-Droga. Il-membri ġew imħarrġin bħala kelliema u ntlaqgħu tajjeb ħafna minn żgħażagħ u ġenituri.

*(iii) L-Industrija*

L-oġġettivi tal-Programm ta' Prevenzjoni u Azzjoni fl-Industrija kienu dawn:

a. twaqqif ta' Grupp permanenti fuq il-post tax-xogħol;
b. tfassil ta' *policy* addatta għall-post tax-xogħol;
ċ. implimetazzjoni tal-*policy*
d. akkoppjament ma' industriji oħra biex permezz tal-Programm Edukazzjoni Preventiva jintlaħqu aktar industriji.

Il-programm twettaq f'Industrija Internazzjonali kbira f'Malta. Ingħata Kors lill-*Management* u lill-ħaddiema, b'riżultat li t-tim ta' Riżorsi Umani tad-ditta fassal *policy* dwar l-abbuż tad-droga u l-kawżi ta' din il-problema. Ġew identifikati wkoll il-ħtiġijiet biex din il-*policy* tiġi mplimentata.

Din id-Ditta qed taħseb biex timplimenta l-*policy* flimkien ma' ditta oħra internazzjonali fejn sar taħriġ simili.

(iv) Grupp kelliema u stħarriġ

Kelliema mħarrġa tal-Grupp Prevenzjoni taw diversi taħditiet fil-parroċi, fl-iskejjel, fl-industriji u fi Klabbs. Taw sensiela ta' taħditiet fil-mezzi tal-komunikazzjoni.

Il-Grupp Prevenzjoni, flimkien mas-Sedqa u l-*Guidance and Counselling Services* ikkollaboraw ma' l-*ESPAD (European School Project on Alcohol and Drugs*) biex sar stħarriġ fl-iskejjel għal żgħażagħ 'il fuq minn 15-il sena.

### 4.2 Riżorsi u Taħriġ

Huwa importanti ħafna li l-membri tal-grupp iżommu ruħhom aġġornati dwar żviluppi fil-kamp ta' prevenzjoni, u li jkunu midħla ta' ideat ġodda biex jissaħħaħ il-Programm Edukazzjoni Preventiva.

Għalhekk isiru korsijiet għall-kelliema u għall-membri tal-Grupp. Ta' kull sena wkoll rappreżentanti tal-Grupp jieħdu sehem fil-Konferenza tal-*Pride International* fl-Amerika. Din il-konferenza hija mezz fejn wieħed isib materjal u ideat ġodda, jaqsam l-esperjenzi tal-Grupp ma' ħaddieħor, u jitgħallem metodi oħra.

## 5 Programm ta' riabilitazzjoni mill-abbuż tad-droga

Il-programm ta' Riabilitazzjoni mill-Abbuż tad-Droga, fl-1995, ipprovda għajnuna lill-115 resident u lill-familji tagħhom.

Żewġ kordinaturi tal-Programm, Tim Kliniku, u *staff* imħarreġ jagħtu regolarment għajnuna speċjlizzata fit-tlett idjar ta' Riabilitazzjoni mmexxija mill-*Caritas*. Qed jitfassal Pjan ta' Kura għal kull resident.

Mijiet ta' żgħażagħ u ġenituri jersqu għall-għajnuna kull sena. Xi wħud minnhom ikollhom bżonn ta' *counselling*; oħrajn jidħlu f'*Support Groups*, u oħrajn ikollhom bżonn jidħlu f'Komunità Terapewtika.

It-Taħriġ *in-service* lill-i*staff* jiġi mogħti regolarment. Evalwazzjoni tal-Programm minn espert barrani din is-sena ġiet magħmula b'riżultat sodisfaċenti minn Dr Donald Ottenberg, speċjalista Amerikan fil-qasam tar-riabilitazzjoni.

L-iżvilupp spiritwali tal-personalità tar-residenti ngħata spinta kbira minn saċerdot impenjat fir-riabilitazzjoni.

Żvilupp ġdid tal-Programm kienu żewġ Gruppi ġodda:

1. Relapsers Support Group

Dan il-Grupp jgħin biex dawk li jerġgħu jabbużaw mid-droga wara li jtemmu l-Programm, isibu għajnuna f'waqtha.

2. Grupp għall-gradwati

Dan il-Grupp jgħin lil dawk li jkunu ggradwaw biex jibqgħu midħla tal-valuri li akkwistaw matul it-Terapija.

F'dawn l-aħħar 11-il sena li ilu mwaqqaf il-Programm, il-perċentwal ta' ex-residenti li baqgħu indaf kien għoli ħafna: 84 fil-mija.

## 6. Il-Kunsill Caritas Malta

Il-*Caritas Malta* għandha Kunsill li jħaddan organizzazzjonijiet ta' ispirazzjoni Nisranija li jaħdmu fil-kamp soċjali u karitattiv. Il-membri huma dawn: Kumitat Żvilupp Soċjali tal-*MAS,* Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-AK, Servizz Pariri għall-Miżżewġin ta' Kana, Soċjetà ta' San Vinċenz de Paule, Dami ta' Karità, Għaqda San Franġisk għall-Għomja, Djar tat-Tfal, Djar għall-Persuni b'Diżabiltà, Kummissjoni għall-Persuni b'Diżabiltà, Tliet Rappreżentanti mill-*Caritas* għall-*HelpAge.* Kummissjoni Djakonija, Familji bi Ħtiġijiet Speċjali, Programm ta' Riabilitazzjoni għal dawk li jabbużaw mid-Droga, u Programm ta' Prevenzjoni Kontra l-Abbuż tad-Droga. Fl-1995, dan il-Kunsill iltaqa' regolarment.

### 6.1 Kumitat Eżekuttiv

Fil-laqgħa ta' Frar 1995, ġie elett Kumitat Eżekuttiv, li wkoll iltaqa' separatament qabel u wara l-laqgħat tal-Kunsill, biex jgħin fit-twettiq tad-deċiżjonijiet jew konklużjonijiet li jsiru mill-Kunsill. Il-membri eletti kienu dawn: L-Arċipriet Dun Charles Attard, Ms. Carmelina Debono u s-Sur Joe Gatt. Id-Delegat ta' l-Arċisoqf, is-Segretarja u t-Teżorier tal-Kunsill jifformaw parti minn dan l-Eżekuttiv *ex ufficio.*

### 6.2 Ħidma tal-Kunsill

Il-ħidma prinċipali tal-Kunsill titfisser fil-kliem stess li qal Monsinjur Arċisqof, f'waħda mil-laqgħat tal-Kunsill li hu jippresjedi, meta ħeġġeġ lill-organizzazzjonijiet membri li jaħdmu fl-istess qasam biex jikkoperaw u jikkordinaw l-azzjoni tagħhom biex jagħtu xhieda ta' Knisja (komunità ta' Insara).

Intqal ukoll li tkun ħaġa tajba li jkun hawn armonija fix-xogħol volontarju. Matul l-1995, saru tentattivi biex il-Kunsill ikollu strateġija għall-Ħidma flimkien permezz tat-tfassil u twettiq ta' dawn il-proġetti:

### A. Osservatorju tal-Faqar

L-Osservatorju tal-Faqar (imsemmi f'Para 1.4) huwa proġett ta' stħarriġ dwar suriet ta' faqar f'Malta u azzjoni fuq il-prijoritajiet li fuqhom nistgħu naħdmu. Kif jintemm ir-rapport dwar it-Tielet Fażi jiġi organizzat Seminar biex l-organizzazzjonijiet membri tal-Kunsill jirriflettu fuq kif jistgħu

bir-riżorsi li għandhom jilħqu l-ħtiġijiet li joħorġu mill-istħarriġ; isemmgħu leħen ta' dawk li mgħandhomx (*advocacy* ); u x'servizzi ġodda hemm bżonn.

### B. Seminar dwar il-Volontarjat Soċjali

Qed issir tħejjija mill-membri tal-Kunsill biex jiġi organizzat Seminar dwar il-Volontarjat Soċjali. Dan is-Seminar għandu l-għan li nsiru nafu lil xulxin bħala għaqdiet li qed jaħdmu fil-qasam soċjali, biex insiru nafu fejn sejrin, u fejn irridu naslu.

### Ċ. Ġimgħa ta' Karità

L-għan tal-Ġimgħa ta' Karità hu li titqajjem kuxjenza pubblika dwar solidarjetà mal-bniedem fil-bżonn. Hija kampanja li ssir f'ħafna pajjiżi fejn hemm il-*Caritas* u li wieħed ma jassoċjahiex ma' ġbir ta' flus. Il-Kunsill waqqaf Kummissjoni għal dan il-Proġett li l-membri tagħha attendew Konferenza f'Ruma organizzata mill-Cor Unum dwar il-Kampanji ta' Karità fid-Dinja.

### D. Nominazzjoni ta' Assistent-Direttur għall-*Caritas* Malta

Ilha ħafna tinħass ukoll il-ħtieġa li jinħatar Assistent-Direttur fil-*Caritas*. Dan huwa importanti għall-kontinwità tal-ħidma li Mons Victor Grech ilu jwettaq mill-1977.

### E. Il-problema ta' l-*AIDS* u *Crisis Intervention Centre* se jkunu fuq l-Aġenda tas-sena 1996.

Fil-laqgħa ta' Settembru 1995, issemmiet il-problema ta' l-*AIDS*, Monsinjur Arċisqof qal li wieħed irid iħejji ħidma għall-persuni morda bl-*AIDS*, Mons. Grech diġà ħarreġ persuni mill-i*staff* taċ-Ċentri għar-Riabilitazzjoni mid-Droga dwar dan is-suġġett b'konnessjoni mal-ħidma tal-*Caritas* fost id-drogati.

Huwa jixtieq li, meta tinħass din il-ħtieġa, tinfetaħ Dar għall-persuni morda bl-*AIDS*.

Persuna mill-i*staff* tal-*Caritas* tattendi regolament laqgħa ta' Talb u Qsim ta' Esperjenzi relatati mal-problema *HIV/AIDS* (*Prayer-Sharing Sessions* ).

Il-*Caritas* hija rappreżentata fuq in-*National Advisory Committee on Aids* li reġa' tqajjem mid-Dipartiment tas-Saħħa f'Novembru 1995. Saru żewġ laqgħat.

## 7. Servizz pariri/counselling

Dan is-servizz ta' pariri u *counselling* huwa ħidma importanti fil-*Caritas*. Ħafna nies kuljum iċemplu, jiktbu jew jiġu jitolbu l-għajnuna biex xi ħadd jisma l-problemi ta' natura soċjali li jkunu għaddejjin minnhom u jagħtihom xaqq dawl u tama.

Meta wieħed jismagħhom u joffri l-għajnuna meħtieġa jgħinhom jiggwadanjaw il-forzi mill-ġdid biex jiffaċċjaw il-ħajja.

Dan is-servizz huwa mogħti minn tlett saċerdoti, *counsellor* u psikologu. Is-*Social Workers* tal-*Caritas* jaħdmu fuq *casework*, jiġifieri każijiet li jkunu relatati ma' problemi soċjali.

## 8. Relazzjonijiet pubbliċi/pubblikazzjonijiet

8.1 Minn dan is-settur ta' Relazzjonijiet Pubbliċi u Pubblikazzjonijiet toħroġ l-*INFORM* – bulettin mill-*Caritas* li ħareġ erba' darbiet fl-1995. Huwa tieqa li permezz tagħha, min jaqraha, isir jaf x'inhi l-*Caritas*, kif taħsibha fuq problemi soċjali attwali bħall-Iżvilupp, id-Droga, l-Anzjani, Problemi taż-Żgħażagħ.

8.2 Bil-għajnuna ta' żewġ voluntieri, ġie ppublikat NIĠĠEDDU FIL-MULEJ – kiteb ta' talb u riflessjoni għall-Insara ta' kull età.

8.3 Kemm l-i*staff* kif ukoll il-voluntieri jużaw il-mezzi kollha ta' komunikazzjoni biex iwasslu informazzjoni dwar is-servizzi li l-*Caritas* toffri, u jqajmu kuxjenza dwar ħtiġijiet u problemi soċjali attwali. Id-Direttur tal-*Caritas* imexxi Programm fuq ir-Radju ta' tliet kwarti nhar ta' Sibt (KELMA TA' KURAĠĠ) fejn permezz ta' ittri u parteċipazzjoni *live* tas-semmiegħa jissensibilizza l-komunità dwar valuri tal-ħajja, il-komunikazzjoni u r-relazzjonijiet fil-ħajja tal-familja.

## 9. Taħriġ

9.1 L-i*staff* kif ukoll il-voluntiera huma mħeġġin biex jieħdu sehem fil-laqgħat ta' taħriġ spiritwali, soċjo-pastorali, u speċjalizzat (skond il-ħidma li tkun qed titwettaq), f'*seminars,* konferenzi, u korsijiet li jiġu organizzati mill-*Caritas,* kif ukoll f'dawk li jsiru lokalment u, fejn hu possibbli, barra minn Malta.

9.2 Matul ir-Randan, il-*Caritas* torganizza Kors ta' ħames taħditiet minn Mons. Victor Grech. Mijiet ta' żgħażagħ jattendu dawn l-Eżerċizzi u jisimgħu l-Kelma t'Alla u kif jistgħu jwettquha fil-ħajja tagħhom. B'riżultat ta' dawn il-laqgħat, għadd kbir ta' żgħażagħ joffru servizzi volontarji f'għaqdiet li jaħdmu fil-qasam soċjali.

9.3 Isir sforz kontinwu biex il-voluntieri jiġu motivati għal ħidma effikaċi, kontinwa u organizzata fi ħdan il-*Caritas* fost in-nies fil-bżonn.

9.4 Il-persuna responsabbli għall-Mexxejja u Assistenti-Mexxejja tal-Gruppi ta' voluntieri tlaqqagħhom regolarment kull xahar u toffrilhom taħriġ adattat għalihom bħala għajnuna għar-rwol importanti li huma jwettqu.

9.5 Għas-sena 1996 hemm ħsieb li jitħejja Kors ta' Taħriġ li se jingħata lill-voluntieri kollha fis-sena 1996 fuq diversi aspetti: spiritwali, tekniku, u soċjali.

## 10. Xogħol tas-Sajf minn studenti

Ta' kull sena, il-*Caritas* tilqa' studenti, Maltin u barranin, matul ix-xhur tas-Sajf biex jagħmlu esperjenza fil-ħidma li hija twettaq.

Din is-sena kellna studenta-interpreta minn Pariġi; student mill-Amerika li għamel xogħol f'Dar tal-Knisja għall-Anzjani; erba' studenti tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl li ħadmu fiċ-Ċentri ta' Riabilitazzjoni għad-drogati; student ieħor ta' l-istess Soċjetà u seminarista ħadmu fil-Qasam Djakonija u ħadu sehem attiv fl-Intervisti li saru lill-organizzazzjonijiet fit-Tieni Fażi tal-Proġett Osservatorju tal-Faqar (imsemmi f'Para 1.4).

## 11. Ġbir ta' fondi

11.1 Grupp attiv ta' nisa jorganizzaw attività kull xahar, xi daqqiet aktar minn waħda, bil-għan li jiġbru fondi b'risq is-servizzi li jingħataw mill-*Caritas* lill-bniedem fil-bżonn. Ħafna minn dawn il-membri jieħdu b'impenn kbir din il-ħidma indiretta mal-bniedem batut.

11.2 F'Ottubru 1995, Dr Christopher Beer – *Chief Executive* tal-*HelpAge International* – għamel żjara lil Mons. Victor Grech li matulha ġie diskuss il-ġbir ta' fondi. Dr Beer offra li jibgħat persuna esperta fil-qasam biex tagħti t-taħriġ meħtieġ u taqsam l-esperjenza tagħha.

Mr David Wing se jiġi Malta fl-aħħar ta' Marzu 1996 għal dan il-għan.

## 12. Kummissjoni għajnuna emerġenza

12.1 Matul is-sena 1995, kien hemm okkażjoni waħda ta' emerġenza fejn il-Kummissjoni Għajnuna Emerġenza tal-*Caritas Malta* bagħtet lill-*Caritas* Greċja għotja ta' 1000 dollaru Amerikan bħala turija ta' solidarjetà mal-vittmi tat-terremot li sar fil-pajjiż f'Ġunju li għadda.

12.2 Intbagħtet ukoll is-somma ta' Lm5600 lill-*Caritas Internationalis* biex il-flus jitqassmu hekk: Lm4500 għall-*Winterisation Programme* fl-ex Yugoslavia, u Lm1200 għall-Fond Tfal bil-Ġuħ fid-Dinja (kien il-Papa

Giovanni Pawlu II li fl-1987 wera x-xewqa li jitwaqqaf dan il-Fond). Fondi għal dawn il-proġetti mibdija fis-snin ta' qabel baqgħu jidħlu din is-sena wkoll għax għada tinhass il-ħtieġa għall-għajnuna.

## 13. Affiljazzjonijiet tal-Caritas Malta

Il-*Caritas Malta* li ilha mwaqqfa 28 sena hija affiljata ma':

* *Caritas Internationalis*

Mons. Victor Grech huwa membru tal-Kumitat Eżekuttiv tal-*Caritas Internatinalis,* u membru wkoll tal-Kummissjoni Permanenti tal-*Caritas* Ewropa.

* *Helpage International,* u *FIAPA*

Barra l-affiljazzjoni li għandu s-Settur ta' l-Anzjani (*HelpAge*) mal-*HELPAGE INTERNATIONAL,* il-*Caritas Malta* hija affiljata mal-*FIAPA* (Federazzjoni Internazzjonali ta' l-Assoċjazzjonijiet tal-Persuni Anzjani).

* *Pride International*

Fil-kamp ta' Prevenzjoni kontra l-Abbuż tad-Droga, il-*Caritas* hija affiljata mal-*PRIDE INTERNATIONAL.*

* *World Federation of Therapeutic Communities*

Fil-qasam ta' Riabilitazzjoni mill-Abbuż tad-Droga, il-*Caritas* hija affiljata u tifforma parti mill-Bord Eżekuttiv tal-*WORLD FEDERATION OF THERAPEUTIC COMMUNITIES.*

* *Commonwealth Foundation*

Il-*Caritas Malta* hija affiljata mal-*Commonwealth Foundation.* Id-Direttur preżenti tal-*Caritas Malta* huwa ċ-*Chairman* tal-*Commonwealth Liaison Unit (CLU)* ta' Malta.

## 14. Konklużjoni

Nixtieq inrodd ħajr lil kulmin ta s-sehem tiegħu biex isseħħ u titwettaq il-ħidma msemmija hawn fuq. Ta' min jinnota li l-Membri tal-Kunsill iwettqu ħidma siewja fl-Assoċjazzjonijiet tagħhom f'oqsma differenti ta' animazzjoni u servizzi soċjali.

Rapporti dettaljati tal-ħidma fid-Djar tal-Knisja għall-Anzjani, fid-Djar għall-Persuni b'Diżabiltà Fiżika u Mentali (Dar tal-Provvidenza – Siġġiewi) tal-Kummissjoni Pastorali għal Persuni b'Diżabiltà, u fid-Djar tat-Tfal li waslulna fis-Segretarjat jagħtu xhieda ta' dedikazzjoni u impenn.

Marika Gabaretta
*Segretarja Kunsill Caritas Malta 6 ta' Frar 1996*

# Arti u Liturġija f'Malta

*Seminar organizzat mill-Fakultà tat-Teoloġija u s-Segretarjat tal-Liturġija (23-25 ta' Ottubru 1995)*

## Sinjali, simboli u ġesti fil-Liturġija fil-Kuntest Malti

## P Gwann Frendo OP

L-ewwel ħsieb li jiġik meta tisma' dan it-titlu tkun mistoqsija: x'inhi "liturġija" u x'rabta għandhom is-sinjali, simboli u ġesti mal-liturġija?

* Biex naslu għal tweġiba għal din il-mistoqsija l-aħjar ikun li nieħdu r-rakkont evanġeliku li nsibu fl-Evanġelju ta' S. Ġwann, Kap 20, vv. 19-29. Dan hu r-rakkont tad-dehra ta' Ġesù lill-appostli meta Tumas ma kienx hemm (vv. 19-25). Fl-ewwel dehra Ġesù wera lid-dixxipli s-*sinjali* ta' idejh u ġenbu. Fit-tieni dehra Tumas, li kien għadu ma emminx li Ġesù kien irxoxta, ried jara xi sinjali. U Ġesù sejjaħ lil Tumas biex dan jersaq, kellmu u qallu: "Ġib sebgħek... ġib idek..." Hawn Tumas resaq u għamel *ġest: mess is-sinjali.* Wara dan għamel stqarrija: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi." Din kienet stqarrija ta' fidi wara għemil sentimentali: wara s-sinjali u l-ġesti, jew aħjar flimkien magħhom, saret stqarrija ta' fidi. U din hi l-liturġija: għemil tal-bniedem, magħmul minn sinjali, simboli u ġesti, u dan jesprimi l-fidi u l-qima tagħna lil Alla. Mela l-liturġija mhijiex kliem biss, iżda wkoll *għemil simboliku.*

* Dan jidher ukoll mit-tifsira *etimoloġika* tal-kelma "Liturġija". Din hi kelma ta' nisel Grieg, magħmul minn żewġ kelmiet flimkien: *"Leitos"* u *"Ergon"*. Din ta' l-aħħar, *"Ergon",* tfisser għemil jew servizz-azzjoni. *"Leitos"* tfisser il-poplu. Mela "Liturġija", etimoloġikament, tfisser: għemil-servizz tal-poplu. Fl-użu reliġjuż u nisrani, il-kelma "Liturġija" tfisser servizz jew għemil li bih nikkomunikaw ma' Alla u bejnietna. Hi komunikazzjoni li biha nagħtu qima 'l Alla f'għemil ta' tifħir, radd il-ħajr, adorazzjoni, tpattija u interċessjoni. U f'dan l-għemil ta' komunikazzjoni ma' Alla, aħna l-bnedmin "niddakkru" mill-qdusija tiegħu. F'terminu aktar teoloġiku, fil-liturġija "nipparteċipaw" mill-essenza ta' Alla "Qaddis, Qaddis, Qaddis", u għalhekk ninbidlu u nitqaddsu.

* U kif issir din il-komunikazzjoni ma' Alla? Kif titfisser? Nibda biex ngħid li l-liturġija tagħna mhijiex biss għemil *spiritwali* li jolqot ir-ruħ,

imma wkoll *korporali,* għax jolqot il-ħajja tagħna ta' bnedmin li aħna. Għalhekk n itkellmu fuq il-valur "antropoloġiku" tal-liturġija. Għalhekk il-komunikazzjoni ma' Alla fil-liturġija ssir permezz ta' dawn l-elementi:

a) *Kliem*: il-qari, it-talb; dan ikun talb ta' tifħir, radd il-ħajr, interċessjoni lil Alla.

b) *Mużika u kant* li jgħinu biex it-talb isir aħjar u b'espressjoni li tiġbed, għax sabiħa.

ċ) *Arti,* għax l-espressjoni artistika toħloq ambjent ta' qima 'l Alla u talb.

d) *Sinjali u Simboli* li jfissru aħjar il-komunikazzjoni tagħna ma' Alla.

e) U fl-aħħarnett *il-ġesti* tagħna li bihom infissru aħjar dak li ngħidu bil-kliem u l-kant.

Hawnhekk, f'dan l-istudju, ma nitkellimx dwar il-qari u t-talb, li jolqtu l-kontenut tal-liturġija. Lanqas ma nitkellem dwar mużika, kant, arti u drama, għax dawn jittrattaw forom oħra tal-Liturġija li jolqtu l-espressjoni. Nitkellem biss dwar is-*Sinjali, Simboli* u *Ġesti* liturġiċi. X'ifissru dawn it-termini?

Tifsir tat-termini – Taqsim tas-suġġett

Hemm differenza bejn "sinjal" u 'simbolu" għalkemm it-tifsira tagħhom hija tassew qrib:

* *Sinjal* hu għemil, bħal għemil sagramentali jew devozzjonali: sinjal tas-salib, ħasil bl-ilma, dilka biż-żejt... Hu sinjal li jwassal għal verità oħra, spiritwali, sopranaturali.

* *Simbolu* hu oġġett jew fatt li jwasslek biex tifhem xi ħaġa oħra: bħal nar jew dawl fil-liturġija ta' Sibt il-Għid, inċens, ilma, żejt, xemgħat, ċrieket... li jintużaw fil-liturġija.

* *Ġesti* huma qagħdiet jew għemejjel tal-bniedem li, fil-liturġija, joqgħod bilqegħda, bilwieqfa, għarkobbtejh, jagħmel inkin, prostrazzjoni, jimxi fi proċessjoni, iqiegħed idejh, jiftaħhom, jgħollihom, iċapċap u ħafna għemejjel oħra bħall-bewsa ta' l-altar u tal-Vanġelu, elavazzjoni u l-ġest tal-paċi.

Jien hawnhekk se nittratta fuq dawn it-tliet kategoriji ta' għemejjel jew oġġetti liturġiċi:

A: Sinjali: (i) Is-Sinjal tas-Salib.
(ii) L-użu ta' l-ilma.
(iii) Id-dilkiet biż-żejt.

B: Simboli: (i) Iċ-ċrieket taż-żwieġ.
(ii) L-inċens.
(iii) Ix-Xemgħat.
(hawnhekk ma nittrattat fuq l-Altar)

Ċ: Ġesti:

(i) Il-bewsa ta' l-altar u tal-Vanġelu.
(ii) It-tqegħid u l-qagħda ta' l-idejn.
(iii) L-elevazzjoni fi tmiem it-Talba Ewkaristika.
(iv) Ir-Rit tal-Paċi.
(v) Il-Qagħda esterna

Billi s-suġġett hu vast ħafna, ikolli nittratta kull parti fil-qosor.

## A: Sinjali

(i) *Is-Sinjal tas-Salib: Is-Siġill ta' Kristu (n.1)*

Skond drawwa tal-liturġija, sa mis-seklu 3, meta tarbija titressaq għall-Magħmudija, fil-bidu tar-rit iċ-ċelebrant jagħmlilha s-sinjal tas-salib fuq moħħha. Warajh, il-ġenituri u wkoll il-parrini, jekk iridu, jagħmlu dan. X'ifisser dan is-sinjal tas-salib, u għaliex jagħmluh ukoll il-ġenituri?

Fiż-żminijiet tal-qedem, sinjal magħmul fuq il-moħħ juri ta' min wieħed ikun. Hekk l-ilsiera kellhom il-marka li turi min kien is-sid tagħhom. Fil-Magħmudija s-sinjal tas-salib ifisser li b'dan is-sagrament insiru ta' Kristu, anzi parti mill-Ġisem Mistiku tiegħu; għalhekk nissejħu "Insara – Kristjani". Kristu li miet u rxoxta għalina, jieħu pussess fuqna. Ma nsirux ilsiera, iżda wlied ħielsa marbutin miegħu bl-imħabba.

Hi ħaġa sabiħa ħafna li dan is-sinjal tas-salib, sinjal li Kristu jieħu pussess fuq it-tarbija, isir ukoll mill-ġenituri, speċjalment mill-omm. Għax skond drawwa antika, hi tibqa' tagħmel dan is-sinjal li bih tbierek lill-frott tal-ġuf tagħha qabel jorqod. B'hekk tiftakar fil-Magħmudija. Dan is-sinjal ikun tassew is-*siġill* tan-Nisrani.U Kristu jibqa' jħares lit-tarbija.

### Sinjal li jibqa' jħarisna

Meta t-tfal jikbru, jirċievu s-Siġill ta' l-Ispirtu s-Santu bit-tqegħid ta' l-idejn u d-dilka bil-Griżma, bis-sinjal tas-Salib. Hekk ukoll wara xi waqa' fid-dnub, jirċievu l-maħfra tal-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu bis-Sinjal tas-Salib, li minnu gejja kull qawwa sagramentali.

Barra dan, il-Liturġija tal-Quddiesa tibda bis-Sinjal tas-Salib u tagħlaq bil-barka tal-Missier, l-Iben u l-Ispirtu -Santu, forma ta' Salib. Anzi fil-Lvant hemm id-drawwa li din il-barka tingħata waqt li ċ-ċelebrant iżomm is-Salib f'idu. U dan is-Sinjal tas-Salib hu marbut mal-bidu u t-tmiem tal-qari tal-Vanġelu, u mal-bidu tal-Kantiċi meħudin mill-Vanġelu: *Benedictus, Magnificat u Nunc Dimittis.*

Skond tradizzjoni antika li nsibu fil-ktieb *"Traditio Apostolica"* ta' San Ippolitu, fis-sena 250, is-sinjal tas-Salib kien isir mill-Insara biex jibqgħu jiftakru fi Kristu u biex ikunu mħarsa mid-dnub fil-mument tat-tiġrib. Naqraw dan il-kliem: "Jekk tkun ittentat, agħmel is-Sinjal tas-Salib fuq

ġbinek bid-devozzjoni. Għax dan hu s-Sinjal tal-Passjoni, magħruf u ppruvat kontra x-xitan, diment li tagħmlu bil-fidi..."

Minn dan li għidt wieħed għandu jifhem it-tifsira sabiħa u spiritwali tas-Sinjal tas-Salib kemm fl-użu tal-Liturġija kif ukoll fid-devozzjoni Nisranija. Bih nuru li aħna "ta' Kristu", niftakru fih, nirċievu l-qawwa tal-misteru tal-Passjoni u l-Qawmien tiegħu, u nkunu mħarsa minn Kristu f'mument ta' tiġrib. Għalhekk wieħed irid jagħmel is-sinjal tas-Salib b'fidi sħiħa, bid-devozzjoni u bl-imħabba, b'xhieda ta' ħajja tassew Kristjana.

**(ii) L-użu ta' l-ilma: L-ilma tal-ħajja (n. 3)**

Għaliex jintuża l-ilma fil-Liturġija, speċjalment fil-Magħmudija? Għaliex Kristu għażel dan l-element naturali għas-sagrament li bih nidħlu fil-ħajja Nisranija?

Biex inwieġbu għal din il-mistoqsija rridu nifhmu li l-Magħmudija fil-Knisja tal-qedem kważi dejjem kienet issir b'immersjoni, jiġifieri billi dak li jkun se jitgħammed jinżel fl-ilma mingħajr ħwejjeġ, jogħdos fih għal tliet darbiet wara li jkun stqarr il-fidi: "Nemmen", f'Alla l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. Difatti l-kelma *"Baptizo"*, mill-Grieg, tfisser togħdos. Anki bil-Malti hekk tfisser il-kelma "magħmudija". Togħdos fl-ilma hu għemil simboliku ta' wieħed li jmut (mgħarraq) u jindifen, biex imbagħad iqum mill-ġdid. Mela l-ilma hawnhekk ifisser mewt u qawmien. Għax bil-Magħmudija mmutu, nindifnu u nqumu bħal Kristu u miegħu. (Rum 6, 4).

Iżda dan ma kienx l-uniku mod tal-Magħmudija fil-Knisja tal-bidu. Minn kitba tal-qedem u mill-għamla ta' diversi fonti tal-Magħmudija, jidher ċar li xi drabi l-ilma kien jissawwab fuq ir-ras ta' dak li jitgħammed waqt li dan ikun sa qaddu fl-ilma. Għalhekk il-Magħmudija kienet tissejjaħ "ħasil bl-ilma", u hekk tissejjaħ illum ukoll.

Iżda l-ilma tal-Magħmudija mhuwiex xi ilma li jneħħi xi ħmieġ tal-ġisem (1 Piet 3, 21), iżda ilma li jiffriska u jagħti ħajja ġdida, twelid ġdid. Difatti l-Magħmudija twellidna mill-ġdid bl-ilma u l-Ispirtu s-Santu. Mela l-ilma f'dan is-sens ifisser "ħajja", għax jagħti l-ħajja ta' wlied li twieldu mill-ġdid bħala wlied adottivi ta' Alla.

Hemm qawwa oħra ta' l-ilma tal-Magħmudija meta xxebbhuh, kif kienu jagħmlu kittieba tal-qedem, bħal S. Wistin, ma' l-ilma li ħareġ mill-kustat miftuħ ta' Kristu fuq is-Salib (Ġw 19, 24). Għalhekk jingħad li, meta wieħed jitgħammed ikun qed jogħdos fin-nixxiegħa ta' ilma li ħareġ mis-Salvatur. Huwa ilma li jagħti l-ħajja u jsalva. Hu l-ilma li ġie mis-Salib ta' Kristu. Għalhekk fil-battisteru tal-Bażilika tal-Lateran hemm iskrizzjoni li tgħid: "Hawn issib il-għajn tal-ħajja li ħarġet mill-ġerħat ta' Kristu u taħsel id-dinja kollha."

Fit-talba tal-konsagrazzjoni ta' l-ilma li hemm fir-rit tal-Magħmudija nsibu tifsiriet oħra ta' l-ilma. Hu element naturali li jirċievi ħelsien mill-jasar u ħajja ġdida (Esodu 14, 15-18). Barra dan, l-ilma tal-Magħmudija jagħti konsagrazzjoni speċjali lil dawk li jitgħammdu u jagħmilhom ulied li jitqaddsu u jsiru ulied Alla, inkorporati fil-Ġisem Mistiku ta' Kristu.

Ta' min jiftakar ukoll li dan l-ilma tal-Magħmudija jiġi mraxxax fuqna f'Sibt il-Għid u f'okkażjonijiet oħra, speċjalment nhar ta' Ħadd u fit-tberik tal-familji fi żmien il-Għid. Dan isir biex ifakkarna fil-Magħmduija. L-ilma jiġi mraxxax ukoll fuq persuni, oġġetti u postijiet fir-riti tal-barkiet għax dan l-ilma mbierek jirċievi minn Alla qawwa li tqaddes. Dan it-traxxix ta' l-ilma mbierek ikun dejjem akkumpanjat minn talba tal-Knisja.

Fl-aħħarnet insemmi d-drawwa qaddisa li meta wieħed jidħol fil-knisja jbill subgħajh fl-ilma mbierek u bih jagħmel sinjal tas-salib fuq moħħu. Hawnhekk dan ir-rit ifisser fl-istess ħin li niftakru fil-Magħmudija u nitolbu li dan l-ilma mbierek isaffina min-nuqqasijiet tagħna, aħna u nidħlu fid-Dar ta' Alla biex nagħtuh qima u nitqaddsu. Jingħad li darba, fi tmiem il-gwerrra, fl-1945, wieħed suldat Ġermaniż Kattoliku ried jidħol fi Knisja Ortodossa biex jieħu sehem fl-Ewkaristija. Is-saċerdot responsabbli ma ridux jidħol. Iżda s-suldat, bil-kuraġġ kollu, daħħal subgħajf fil-fonti ta' l-ilma mbierek u għamel sinjal fuq wiċċu kollu. Hemm il-qassis intebaħ li dak kien nisrani mgħammed, u ħallih jidħol.

### (iii) Id-Dilkiet biż-Żejt

Id-dilkiet biż-żejt isiru f'erba' sagramenti u f'riti oħra liturġiċi. Difatti hemm tliet Żjut differenti; it-tlieta jiġu kkonsagrat mill-Isqof f'Ħamis ix-Xirka filgħodu. Dawn huma: iż-Żejt tal-Katekumeni li jintuża fir-rit preparatorju tal-Magħmudija. Iż-Żejt tal-Griżma li jintuża fir-rit esplikattiv tal-Magħmudija, fil-Konfirmazzjoni, fl-ordinazzjoni ta' Isqof, u tal-presbiteri u fil-konsagrazzjoni ta' altar u ta' knisja. U ż-Żejt tal-Morda li jintuża fil-griżma tal-Morda.

* Id-dilka biż-Żejt tal-Katekumeni jew ta' dawk li qed iħejju ruħhom għall-Magħmudija, issir fuq is-sider. Din id-dilka fil-Knisja tal-qedem kienet issir fuq il-ġisem kollu tal-kandidat għall-Magħmudija u kienet tfisser id-dilka għall-kumbattiment. Bħalma l-atleti kienu jindilku biż-żejt qabel kull ġlieda fl-arena, hekk dak li jkun se jitgħammed jirċievi din id-dilka li tagħti s-saħħa spiritwali. Difatti wara l-Magħmudija t-taqbida max-xitan trid tissokta.

* Id-dilka li ssir wara l-Magħmudija hi rit esplikattiv għax jagħti tifsira ta' dak li jsir b'dan is-sagrament. Hi d-dilka tal-qorriegħa tar-ras u tfakkar id-dilka u l-konsagrazzjoni tas-Slaten fit-Testment il-Qadim. Dak li jitgħammed issa jissieħeb fis-saċerdozju regali ta' Kristu: bħal Kristu, għax imsieħeb miegħu, in-Nisrani jsir saċerdot, profeta u sultan. Id-dilka tal-qorriegħa tar-ras hi s-sinjal ta' dak li llum insejħu "is-saċerdozju komuni ta' l-imgħammdin."

*(Wara ż-żewġ dilkiet tal-Magħmudija tiġi t-tielet dilka, dik tal-Konfirmazzjoni. Din ukoll issir bil-Griżma li hi Żejt u Balzmu mħalltin flimkien dakinhar tal-konsagrazzjoni, f'Ħamis ix-Xirka. Iżda din id-dilka ssir fuq parti oħra tal-ġisem: issir fuq il-ġbin jew il-moħħ. Dan ifisser li l-Griżma hi xi ħaġa li tidher, manifestazzjoni ta' fidi u xhieda ta' Kristu. Għax bħalma Għid il-Ħamsin hu wirja fil-beraħ tal-ġrajja ta' l-Għid, hekk il-Griżma turi fid-dinja dak li jsir fil-Magħmudija. Id-dilka tal-Griżma ssir fuq il-moħħ, il-parti tal-ġisem li l-aktar tidher u ma tinħebiex, u dan ifisser li m'għandniex nistgħu nuru li aħna nies ta' Kristu. Għalhekk m'għandux ikun li wara d-dilka, xi ħadd ieħor, ħdejn l-Isqof, jixxotta b'tajjara ż-Żejt imqaddes.

U għaliex jintuża ż-Żejt? Fil-każ taż-Żejt tal-katekumeni u tal-morda, iż-żejt hu magħżul bħala l-element li jagħti s-saħħa. Fil-każ tal-Griżma u l-Ordinazzjonijiet, iż-Żejt hu mħallat mal-Balzmu, element li jfewwaħ, biex hekk it-taħlita tfisser il-fwieħa ta' l-Ispirtu s-Santu, u l-Insara jkunu, bl-imġiba tagħhom, il-fwieħa ta' Kristu (ara 2 Kor, 2, 4).

* Sagrament ieħor li fih issir id-dilka biż-Żejt imqaddes hu l-Griżma tal-Morda. Dan iż-Żejt għandu tifsira speċjali hawnhekk. Hu l-element li jserraħ u jtaffi l-uġigħ, u li jista' jfejjaq. Difatti, meta l-Isqof jikkonsagra dan iż-Żejt f'Ħamis ix-Xirka, jitlob biex jitbierek minn Alla, bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, ħalli "dawk kollha li jindilku bih... jeħilsu minn kull tbatija, minn kull nuqqas ta' saħħa u minn kull mard".

Id-dilka biż-Żejt Imqaddes fuq il-moħħ u l-idejn tista' ssir forma ta' Salib. Dan is-sinjal tas-Salib hawnhekk ifisser li s-sagramenti kollha, u dan inkluż, jieħdu l-qawwa tagħhom mis-Salib ta' Kristu. Fil-każ tagħna hawnhekk, il-qawwa tas-Salib hi dik li taħfer u tfejjaq il-ġrieħi tar-ruħ u tal-ġisem.

* L-aħħar sagrament li fih issir id-dilka biż-Żejt tal-Griżma hu l-Ordni Sagri, kemm fl-Ordinazzjoni ta' l-Isqof kemm f'dik tal-Presbiteri. Fl-Ordinazzjoni ta' l-Isqof dak li jordnah jidliklu rasu biż-Żejt tal-Griżma, fuq l-eżempju ta' dawk is-slaten u l-profeti tar-Rabta l-Qadima li b'dan il-mod kienu jirċievu l-konsagrazzjoni. Barra dan, l-Isqof għandu l-ħidma ta' mexxej li bid-dehen ta' moħħu, imdawwal mill-Ispirtu s-Santu, irid imexxi lill-Insara fdati f'idejh.

Fl-Ordinazzjoni tal-presbiteri l-Isqof jidilkilhom idejhom biż-Żejt tal-Griżma huwa u jgħid: "Il-Mulej Ġesù Kristu, li l-Missier dilku bl-Ispirtu s-Santu u l-qawwa, iħarsek ħa tqaddes il-poplu Nisrani u toffri s-sagrifiċċju lil Alla." Mela l-idejn midlukin biż-Żejt Imqaddes huma sinjali ta' qawwa li tinsab fis-saċerdot il-ġdid, is-setgħa li jqaddes il-poplu Nisrani u joffri sagrifiċċju lil Alla. Dawn l-idejn huma wkoll simbolu ta' dawk l-idejn "qaddisa u venerabbli" ta' l-Imgħallem Ġesù fuq il-mejda ta' l-Aħħar Ċena u msammrin fuq is-Salib. Huma wkoll is-sinjal ta' dak il-Midluk li hu l-presbiteru l-ġdid. U l-ewwel ħaġa li jagħmlu dawk l-idejn midlukin hi li jirċievu l-offerta tal-poplu qaddis t'Alla li aktar tard issir offerta ta' rikonċiljazzjoni.

## B: Simboli

### (i) Iċ-Ċrieket taż-Żwieġ (n. 9)

L-idejn tas-saċerdot, midlukin biż-Żejt tal-Griżma, idejn li jwettqu ħidma fost il-bnedmin flok dawk l-idejn minfudin bl-imsiemer ta' l-Imgħallem, setgħu jeżistu biss għax qabilhom kien hemm żewġ idejn oħra magħqudin flimkien b'sinjal ta' barka. Dawn huma l-idejn tal-ġenituri tas-saċerdot. Mill-mument taż-żwieġ tagħhom dawn jilbsu ċ-ċurkett imbierek taż-żwieġ, is-simbolu ta' l-imħabba u l-għotja tagħhom lil xulxin. Is-saċerdozju Nisrani għandu l-għeruq tiegħu fiż-żwieġ Nisrani u l-familja. Fl-Awstrija hemm drawwa li fl-ewwel Quddiesa ta' saċerdot, qabel il-funzjoni, żewġ idejn jintrefgħu 'l fuq, quddiem il-ġemgħa kollha, u juru ċ-ċurkett taż-żwieġ: l-ewwel il-missier jerfa' idu taċ-ċurkett, imbagħad l-omm, u t-tnejn jagħmlu s-sinjal tas-salib fuq il-ġbin ta' binhom saċerdot.

Iċ-ċrieket fiż-żwieġ huma simbolu tal-fedeltà bejn il-koppja miżżewġa u l-barka tagħhom hi rahan ta' l-għajnuna tas-sema. Għal żmien twil kien jitbierek ċurkett wieħed biss, dak ta' l-għarusa, u kien jagħtihulha l-għarus. Kienet il-fehma li l-għarusa, bħallikieku l-parti dgħajfa, kienet aktar teħtieġ li tiftakar f'din ir-rabta. Fiż-żminijiet tan-Nofs ħafna oġġezzjonaw għal din id-drawwa, u għalhekk, ċert li fis-seklu 17 huma żewġ ċrieket li jitbierku u jingħtaw lil xulxin mill-għarajjes, simbolu tal-kunsens u impenn miż-żewġ naħat.

Iċ-ċurkett taż-żwieġ jintlibes fir-raba' subgħa ta' l-id ix-xellugija għax, skond il-fehma medika, imma żbaljata, ta' l-imgħoddi, hemm arterja li twassal id-demm minn dan is-subgħa għall-qalb. Ċertament, iċ-ċurkett hu wkoll simbolu ta' l-imħabba li aħna nassoċjaw mal-qalb. Għalhekk fl-għoti taċ-ċrieket taż-żwieġ jngħad: "Ħu dan iċ-ċurkett bħala sinjal ta' mħabbti u tal-fedeltà tiegħi lejk. Fl-isem tal-Missier, u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu."

Ta' min jinnota li hu l-Isqof biss li jilbes iċ-ċurkett f'idu l-leminija, aktarx għaliex dan kien iservi ta' siġill li kien jagħmel jew jistampa fl-inċira fuq id-dokumenti. U dan kien isir b'id il-leminija.

**(ii) L-Inċens**

Ftit ilu kont Liverpool u kelli servizz ta' funeral (mingħajr Quddiesa) fi knisja tal-protestanti. Kien hemm saċerdot mara u ċċelebrajna flimkien. Jien fittixt l-ilma mbierek u l-inċens. Jeanne qaltli: "Jiddispjaċini li l-inċens ma nużawhx. Intom fil-Knisja Kattolika tiċċelebraw il-liturġija b'mod li jolqot is-sensi kollha, anki x-xamm. Dnub li aħna ma bqajniex nużaw l-inċens." Hu żball li tneħħi l-inċens bħalma hu żball kbir li tneħħi l-qaddisin.

Illum l-użu ta' l-inċens, mhuwiex obbligatorju, iżda mill-banda l-oħra jista' jintuża f'*kull* Quddies. Fost l-aħwa tal-Lvant, l-inċens għandu importanza kbira. U għalhekk għalina l-Insara tal-Punent, l-użu ta' l-inċens ifisser ukoll mezz ta' għaqda fost l-Insara kollha.

X'ifisser l-inċens?

* Meta bħal "sħaba ta' inċens" titla 'l fuq miċ-ċensier, malajr nistgħu nifhmu t-tifsira. Għax kif naqraw fis-Salm 140, 2: "Ikun it-talb tiegħi bħala inċens quddiemek." Mela l-inċens hu s-simbolu ta' dak it-talb tiegħi bħal inċens quddiemek." Mela l-inċens hu s-simbolu ta' dak it-talb li jitla' b'ħeffa quddiem Alla: "*sacrificium vespertinum*" Inħarsu lejn l-altar inċensat fil-bidu tal-Quddiesa, lejn l-offerti inċensati, lejn il-Ktieb tal-Vanġeli, dawn kollha huma stedina biex "nerfgħu qlubna 'l fuq". Għax "id-duħħan ta' l-inċens tela' minflok it-talb tal-qaddisin minn id l-anġlu quddiem Alla" (Apok 8, 4). Għal dan trid twassalna l-liturġija: li ninħallu mill-kobba mhabbla tal-ħsibijiet u rabtiet li jżommuna lsiera ta' l-art, u nagħmlu lilna nfusna bnedmin ħielsa għal Alla. L-inċens li jitla' 'l fuq hu s-simbolu tal-ħsibijiet, xewqat u t-talb tagħna li jintrefgħu lejn Alla.

* Fil-każ ta' l-inċensazzjoni waqt funeral jew difna, it-tifsira neħduha minn talba antika li tgħid: "Alla l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, iferrħu lil ruħek *bil-fwieħa tas-sema*". F'dan il-lingwaġġ simboliku, is-sema hi meqjusa bħal dik id-dar kbira ta' Alla mimlija bil-fwieħa ta' l-inċens. Din hi l-idea ewlenija ta' l-inċens li jfewwaħ id-dar ta' Alla fuq l-art biex jagħtina li ntegħmu minn qabel (*praegustatio*) il-fwieħa u l-hena ta' dejjem fis-sema.

* L-inċens hu, fl-aħħarnett, is-simbolu ta' adorazzjoni. F'dan i-sens hu għandu jibqa' jintuża fi żminijiet meta qed insiru aktar konxji li "adorazzjoni" hi n-nifs tal-ħajja.

**(iii) Ix-Xemgħat**

X'importanza għandhom ix-xemgħat, speċjalment illum, meta għandna d-dawl elettriku? Ukoll meta d-dawl tax-xemgħa kien meħtieġ ħafna, għax kellu jdawwal il-lejl, mill-banda l-oħra kellu wkoll tifsira simbolika.

* L-aktar tifsira profonda hi dik tal-Vġili ta' l-Għid meta x-Xemgħa mixgħula, il-Blandun, hi l-figura ta' Kristu Rxoxt: id-Dawl tad-Dinja. Imbagħad, fil-Magħmudija, dan id-dawl tax-Xemgħa l-Kbira, li hu Kristu, jagħti lilna d-dawl tal-fidi, idawwalna. U għalhekk mill-Blandun tinxtegħel ix-xemgħa ta' l-imgħammed il-ġdid u ta' l-Insara kollha.

* Hemm ukoll il-*"Lucernarium"*, jew it-talb ta' l-Għasar bid-dawl ta' l-imsiebaħ. Hawnhekk ix-xemgħat huma simbolu ta' Kristu Dawl li jdawwalna u jħeġġiġna fit-talb.

* Barra dan, ix-xemgħat huma simbolu ta' rispett u qima lejn il-Kelma t'Alla u l-Ewkaristija. Għalhekk jintużaw żewġ xemgħat waqt il-qari ta' l-Evanġelju, u jinxtegħlu żewġ xemgħat fuq l-altar, jew qribu, waqt iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija.

* U teżisti drawwa liturġika oħra, li jinxtegħlu żewġ xemgħat waqt iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Uffiċċju Divin, jew il-Liturġija tas-Sigħat, speċjalment waqt il-Lawdi u l-Għasar. U dawn huma simbolu ta' Kristu Dawl, u tal-fidi u l-imħabba tagħna waqt dan it-talb pubbliku tal-Knisja.

## Ċ: Ġesti

Bil-ġesti tagħna wkoll nagħtu qima 'l Alla. Għax aħna bnedmin, magħmulin minn ruħ u ġisem, inqimu 'l Alla mhux biss bil-ħsieb, bil-qalb, b'qima interna; imma wkoll bil-kliem, bil-kant, b'sinjali, simboli u ġesti umani: b'qima esterna. Insemmi hawn xi ftit minnhom.

**(i) Il-bewsa ta' l-altar u tal-Vanġelu**

Għaliex is-saċerdot ibus l-altar meta jasal fuq il-presbiterju u qabel jitlaq lura?

* Hu, qabel xejn, ġest ta' tislima. Is-saċerdot "ifaħħar" l-altar, ibusu, jinċensah, għax hu l-mejda l-aktar prezzjuża tad-dinja: hu l-Mejda tal-Mulej, il-Mejda tas-sagrifiċċju mistiku u l-Ikla Mqaddsa. U l-altar hu s-simbolu ta' Kristu.

* Il-bewsa ta' l-altar hu ġest mingħajr kliem u li tfisser ħafna fiż-żminijiet razzjonalisti li qed ngħixu fihom. Hi bewsa ta' apprezzament, għax l-altar mhuwiex biċċa għamara komuni tal-liturġija, iżda hu post qaddis li tixraqlu l-qima.

* Mill-banda l-oħra l-Ktieb tal-Vanġelu, Ktieb li fih insibu l-Kelma tal-Mulej, tixraqlu l-qima u l-adorazzjoni. Għalhekk ukoll il-ministru tal-qari

jbusu u jinċensah, u xi drabi wkoll ibierek il-poplu bih. U f'xi inħawi teżisti d-drawwa li, wara l-qari tal-Vanġelu, il-poplu kollu jbus il-Ktieb bil-Kelma ta' l-Imgħallem.

**(ii) It-tqegħid u l-qagħda ta' l-idejn**

* Fil-Liturġija, speċjalment fis-sagramenti, insibu t-tqegħid ta' l-idejn f'dawn l-okkażjonijiet:

– fil-Magħmudija, bħala rit preparatorju.

– fil-Konfirmazzjoni, waqt it-talba jew invokazzjoni lill-Ispirtu s-Santu u bħala rit essenzjali mad-dilka bil-Griżma.

– fl-Ewkaristija, fl-epiklesi jew sejħa lill-Ispirtu s-Santu qabel il-konsagrazzjoni.

– fis-sagrament tal-penitenza – rikonċiljazzjoni, waqt il-formola tal-maħfra.

– fil-griżma tal-morda, qabel id-dilka biż-żejt.

– u fl-ordinazzjoni ta' isqof, presbiteru u djaknu, bħala r-rit essenzjali qabel it-Talba ta' l-Ordinazzjoni.

F'dawn is-sitt sagramenti, it-tqegħid ta' l-idejn hu ġest jew għemil liturġiku li jfisser il-qawwa ta' Alla li tgħaddi bil-ħidma instrumentali tal-ministru tal-liturġija. Fil-każ taż-żwieġ u tal-professjoni reliġjuża, is-saċerdot jgħid talba speċjali ta' barka "b'idejh mifruxa lejn" l-għarajjes jew il-professi.

Hemm il-każ partikulari tal-qrar. Hawnhekk it-tqegħid ta' l-idejn tas-saċerdot fuq ir-ras tal-penitent ma tantx tidher ħlief meta l-qrar isir barra l-konfessjonarju u s-saċerdot ikun bilwieqfa. Fil-każi l-oħra s-saċerdot jifrex biss idejh "lejn il-penitent". U madankollu r-rit tat-tqegħid ta' l-idejn f'dan is-sagrament hu rit antik ħafna. Hu ġest li jfisser il-qawwa ta' Alla li jaħfer, iħenn u jfarraġ.

* Barra dan, is-saċerdot, waqt it-"talba presidenzjali" dejjem jitlob b'idejn miftuħin. Dan it-talb presidenzjali hu: il-kolletta jew talba tal-bidu, it-talba fuq l-offerti, it-talba wara t-tqarbin u, b'mod speċjali, it-Talba Ewkaristika. F'mumenti oħra, il-qagħda ta' l-idejn hi mod ieħor: huma magħqudin flimkiem, kważi ippressati.

Dawn iż-żewġ ġesti ma daħlux fl-użu fil-liturġija fl-istess żmien. L-użu tat-talb bl-idejn ma' xulxin daħal fiż-Żminijiet tan-Nofs, fl-Italja ta' Fuq u fil-Gallja. U t-tifsira tal-ġest hi li l-idejn qishom jieqfu mill-attività taghhom għal xi ħin; qishom jistrieħu, biex ikun ħin aktar adattat għat-talb fil-ġabra.

L-użu li nitolbu b'idejna miftuħin hu ġest ta' l-Insara tal-qedem kif kien isir fi żmien il-katakombi. Il-Knisja jew ir-ruħ titlob bl-idejn miftuħin. Hi

drawwa li ħaduha wkoll il-musulmani mingħand l-Insara tal-Lvant li kienu jżuru l-Islam.

**Għaliex nitolbu b'idejna miftuħin?**

* Hu qabel xejn il-ġest ta' wieħed li "jiftaħ qalbu" biex jitkellem ma' Alla, kif ngħidu fl-espressjoni Maltija: "iftaħ qabel" u itlob.

* Nifthu jdejna biex nintrefgħu lejn Alla, qisna qed intiru, biex infaħħruh u nroddulu ħajr.

* U fl-aħħarnett, nifthu jdejna, bil-pala ta' jdejna miftuħa, f'ġest ta' wieħed jittallab. Hu ġest li joqgħod ħafna tajjeb għal waqt il-"Missierna". Aħna lkoll nersqu b'idejna vojta quddiem Alla. Jingħad li Martin Luteru, fil-mument li kien qiegħed imut, qal hekk: "Aħna tallaba... dak li aħna".

**(iii) L-elevazzjoni fi tmiem it-Talba Ewkaristika**

Fil-quddiesa hemm żewġ elevazzjonijiet. Hemm dik li ssir wara l-konsagrazzjoni tal-ħobż, imbagħad ta' l-inbid: il-Ġisem u d-Demm ta' Kristu preżenti b'mod reali sagramentali. Kienet ix-xewqa ta' l-Insara, fl-1210 u fl-1240, li jaraw l-ispeċi ewkaristiċi wara l-bidla sagramentali, biex jagħmlu att ta' fidi, adorazzjoni u wkoll, forsi, att ta' tqarbina tax-xewqa.

It-tieni elevazzjoni, jidhirli jien, hi aktar importanti. Hi dik li ssir fi tmiem it-Talba Ewkaristika, waqt li jingħad il-kliem tad-dossoloġija: "Bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu jingħata lilek, Alla Missier li tista' kollox, flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, kull ġieħ u glorja għal dejjem ta' dejjem. Amen". Is-saċerdot f'dan il-waqt jgħolli l-Ostja kkonsagrata fl-id ix-xellugija, u l-Kalċi kkonsagrat fl-id il-leminija: jiġifieri l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. U jagħmel dan fi tmiem it-Talba l-Kbira Ewkaristika li bdiet bil-kliem: "Il-Mulej magħkom... Nerfgħu qlubna 'l fuq". Issa, fit-tmiem tat-Talba, mhux qlubna qed nerfgħu lejn Alla l-Missier, iżda l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. U l-Missier jilqagħhom bħala offerta għas-salvazzjoni tagħna, dik l-offerta li Kristu għamel għalina, darba għal dejjem, fuq il-kalvarju.

U hawnhekk kulħadd wieġeb "Amen", il-kelma kbira li tfisser "IVA – Hekk hu". Għax mhux is-saċerdot waħdu, iżda aħna lkoll miegħu li nressqu lejn Alla dan ir-rigal kbir biex infaħħruh u nagħtuh ġieħ: "Kull ġieħ u glorja huma tiegħek, o Alla, Missier li tista' kollox".

Kemm hi importanti din il-kelma żgħira: "Amen", f'dan il-mument kbir tal-Quddiesa! Għalhekk xi drabi din il-kelma – akklamazzjoni titkanta ħafna drabi. S. Ġrolmu, fis-seklu 4, jgħid li fi żmienu l-fidili f'Ruma kienu jkantawha b'tant qawwa u fervur li kienet tagħmel eku u qisha triegħed il-ħitan tal-knejjes qodma. In-nies qishom jgħidu: "Iva! dan hu s-sagrifiċċju

tagħna lkoll li jitla' 'l fuq quddiem wiċċ Alla; hu t-tifħir, radd il-ħajr u l-petizzjonijiet tagħna lkoll".

### (iv) Il-ġest tal-paċi

Fil-parti l-kbira tar-riti liturġiċi nsara, il-ġest tal-paċi: "Agħtu l-paċi lil xulxin. Il-paċi miegħek..." kien isir, fl-ewwel żminijiet, wara l-Liturġija tal-Kelma, qabel l-offertorju. Dan nafuh, fost l-oħrajn, minn Ċirillu ta' Ġerusalemm, fis-seklu 4. S. Ġustinu wkoll, qrib is-sena 150, isemmi l-bewsa tal-paċi qabel l-offertorju, fil-każ tal-Magħmudija. Wara l-Magħmudija, l-imgħammdin ġodda jingħaqdu ma' l-aħwa l-oħra, jagħtu l-bewsa tal-paċi, u jissoktaw bl-offertorju. L-istess ħaġa nsibu f'Ippolitu, qrib is-sena 250.

Imma fis-sena 416, il-Papa Innoċenz I jgħid li l-bewsa jew il-ġest tal-paċi jsir qabel it-tqarbin. Hekk kien isir Ruma żgur fi żmien il-Papa S. Girgor il-Kbir. Jista' jkun li f'Ruma dejjem hekk kien isir.

Il-ġest tal-paċi wara l-Liturġija tal-Kelma, qabel l-offertorju, hu bħal tweġiba għal kliem Kristu: "Jekk tkun qiegħed ittella' l-offerta tiegħek fuq l-altar u hemm tiftakar li ħuk għandu xi ħaġa kontra tiegħek, ħalli l-offerta tiegħek hemmhekk quddiem l-altar u mur l-ewwel irranga ma' ħuk, u mbagħad ejja tella' l-offerta tiegħek" (Matt 5, 23-24).

Il-paċi qabel it-tqarbin aktar tikseb tifsira qawwija. Għax qabel ma nagħmlu l-Ikla l-Kbira flimkien, nuru li aħna tassew aħwa, membri ta' familja waħda, billi nfissru permezz ta' xi ġest l-imħabba ta' bejnietna: Nitbissmu lil xulxin, nieħdu b'idejn xulxin, nagħtu bewsa ta' paċi... Inġibu quddiem għajnejna Quddiesa f'ġemgħa kbira, f'ambjent internazzjonali, fejn inkunu nies ta' lewn, pajjiż, età, qagħda soċjali differenti. Induru lejn il-lemin jew ix-xellug, infissru permezz ta' xi ġest li, għalkemm lanqas biss nafu lil xulxin, aħna aħwa, membri ta' familja waħda, magħqudin fl-imħabba ta' Kristu, ħuna lkoll, u għalhekk nieklu minn Ħobża waħda u nixorbu minn Kalċi wieħed. Din hi wirja biċ-ċar ta' dak li jgħid S. Pawl: "Aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda". (I Kor 10, 17).

### (v) Il-Qagħda esterna

Fil-Kostituzzjoni Liturġika tal-Konċilju Vatikan II, fl-art. 30, naqraw: "Biex wieħed iħeġġeġ is-sehem ħaj tal-poplu, għandu jieħu ħsieb sewwa l-akklamazzjonijiet, it-tweġibiet u l-kant tas-salmi, antifoni, innijiet, u wkoll azzjonijiet jew ġesti, u l-qagħda esterna ta' min jieħu sehem. Is-skiet imqaddes għandu jinżamm ukoll f'ħinu u f'waqtu". Mela l-ġesti esterni jiswew biex nieħdu sehem *ħaj* fil-liturġija.

Imbagħad, fl-Istruzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman, n. 20, naqraw dan: "Dawk li jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni (tal-Quddiesa) għandhom iġibu ruħhom *ilkoll xorta waħda* f'dik li hi pożizzjoni (bil-wieqfa, bilqegħda, għarkobtejhom) għax dan huwa sinjal kemm *ta' l-għaqda* tal-fidili miġbura f'ġemgħa waħda kif ukoll tad-*diżpożizzjoni spiritwali* tagħhom; u bis-saħħa ta' din l-uniformità jitħeġġu iżjed fis-sehem li jkunu jieħdu." Dan juri li għandu jkun hemm uniformità fil-qagħda esterna ta' dawk l-insara li jieħdu sehem fil-liturġija, f'għemil liturġiku wieħed, bħala ġemgħa waħda.

Għalhekk fit-tradizzjoni tal-liturġija minn dejjem kien hemm id-djaknu li jagħti l-ordni: "Oqogħdu għarkobbtejkom... qumu..." U l-kummentatur, għal ħafna snin, kellu l-ministeru li jagħti twissijiet biex kulħadd joqgħod għarkobbtejh, iqum jew joqgħod bilqegħda. Illum dan m'għadux isir wisq għax issa, suppost, kulħadd tgħallem jieħu l-qagħda esterna kif għandu jkun.

**Imma x'ifissru dawn il-qagħdiet esterni?**

a) *Bilwieqfa*: Il-qagħda "bilwieqfa" hi l-ewwelnett sinjal ta' rispett: inqumu bilwieqfa fil-preżenza ta' xi ħadd li rridu nqimuh u nagħtuh ġieħ. Għalhekk il-fidili fil-ġemgħa jqumu waqt il-proċessjoni tad-dħul u tal-ħruġ taċ-ċelebrant. Iqumu wkoll meta jwieġbu għat-tislimiet tiegħu. Iqumu meta jixxandar l-Evanġelju, bħalma l-Israelin kienu jqumu meta l-Mulej kien ikellimhom (Esodu 20, 21).

Bilwieqfa hi wkoll il-qagħda tat-talb tal-Lhud u l-karatteristika tat-talb nisrani. Għalhekk illum il-fidili jqumu meta jingħaqdu mas-saċerdoti fit-Talba Ewkaristika (barra waqt il-konsagrazzjoni, ġeneralment) u waqt talb ieħor solenni.

Bilwieqfa hu s-simbolu tal-Qawmien ta' Kristu. Għalhekk l-insara fl-ewwel żminijiet qatt ma kienu jitolbu għarkobbtejhom nhar ta' Ħadd u fi żmien l-Għid. U llum inqumu wara l-konsagrazzjoni bħala qima lil Kristu Rxoxt.

b) *Għarkobbtejna*: Il-qagħda għarkobbtejna hi sinjal ta' niket, umiltà, sogħba u penitenza. Għax id-dnub ibaxxina sa l-art. Għalhekk nitolbu għarkobbtejna fi żmien il-penitenza u fl-għemejjel penitenzjali.

Hi wkoll il-qagħda ta' adorazzjoni ta' l-Ewkaristija u ta' talb privat. Għalhekk noqogħdu għarkobbtejna waqt il-konsagrazzjoni tal-Quddiesa jew ċelebrazzjoni ewkaristika. U wieħed jista' wkoll joqgħod għarkobbtejh waqt ftit mumenti ta' talb privat u fis-skiet wara t-tqarbin.

ċ) *Bilqegħda:* Din hi l-qagħda ta' wieħed li qiegħed jisma' biex jitgħallem. Għalhekk illum noqogħdu bilqegħda waqt il-qari tal-Bibbja (barra l-

Evanġelju) u waqt il-priedka jew omelija. Noqogħdu wkoll bilqegħda waqt li ċ-ċelebrant iħejji l-offerti u jsir il-kant; u wkoll nistgħu noqogħdu bilqegħda wara t-tqarbin meta jkun hemm mumenti ta' skiet meditattiv.

d) *Proċessjonijiet fil-Quddiesa:* Irrid ukoll insemmi hawn il-mixja fi proċessjoni. Waqt il-Quddiesa hemm erba' proċessjonijiet:

– tad-dħul: meta ċ-ċelebrant u ministri oħra jimxu lejn l-altar;
– ta' l-Evanġelju: meta d-djaknu jmur biex jaqrah fuq l-ambone;
– ta' l-offertorju: meta jitressqu l-offerti lejn l-altar;
– tat-tqarbin: meta l-fidili jersqu biex jirċievu l-Ewkaristija. Waqt dawn il-proċessjonijiet ikun hemm kant adattat.

Dawn huma wħud mill-qagħdiet u ġesti fil-liturġija; semmejt biss dawk li jolqtu lill-fidili fil-Quddiesa. Importanti ħafna li kulħadd jifhimhom u jħarishom tajjeb biex ikun hemm uniformità u ordni fiċ-ċelebrazzjoni liturġika fl-istess knisja, parroċċa jew djoċesi. B'hekk is-sehem ħaj ikun ukoll devot u spiritwali.

# Il-biżantin f'Malta u l-ikona tad-Damaxxena

Paul Degabriele

## Magħqudin ma' Kostantinopli

Minn xi dokumenti ta' l-imperatur ta' Biżanzju Ljun Sitta, wieħed jintebaħ li d-djoċesijiet ta' Sqallija, Malta inkluża, inqatgħu mis-*Santa Sede* u ngħaqdu mal-Patrijarkat ta' Kostantinopli (1). Il-Kommendatur Abela jikkwota lill-Kardinal Baronju li jqiegħed din il-firda bejn Malta u l-Punent fis-sena 854. Jidher din il-qasma saret kontra l-volontà tal-Vatikan. Infatti l-Papa Nikola 1, fl-ewwel ittra tiegħu lill-Imperatur Mikiel fit-859 iddefenda d-dritt li jikkonsagra l-Arċisqof ta' Sirakuża (2).

Madankollu hu storikament magħruf li l-Afrika ta' Fuq u Sqallija (u magħhom, naturalment, Malta) waqgħu f'diejn il-Barbari fl-ewwel nofs tal-ħames seklu u nqatgħu mill-Imperu Ruman tal-Punent. Bejn is-snin 533 u 536 il-Ġeneral Ruman Belisarju (3) mill-ġdid rebaħhom lura u għaqqadhom ma' l-Imperu Ruman tal-Lvant għax dak tal-Punent kien spiċċa. Għalhekk Sqallija u Malta waqgħu taħt l-amministrazzjoni ta' l-Imperatur Biżantin Gustinajnu. Madankollu żammew id-dipendenza ekkleżjastika tagħhom fuq l-Isqof ta' Ruma.

Nafu li din il-ħakma Biżantina damet sew. Naqraw li l-Imperatur Ljun 3 (717-41) mifni bir-reżistenza li l-Italja u l-Vatikan offrewlu fil-gwerra ikonoklastika, ried ippatiħielhom. Fis-sena 731 bagħat flotta kontra l-Italja li nqerdet f'maltempata kbira. Offiż b'dan kollu għolla b'terz it-taxxa tas-suċċessjoni fuq il-proprjetà f'Kalabria u Sqallija, u kkonfiska l-patrimonju magħruf bħala ta' San PIetru billi tafa' fit-teżor imperjali d-dħul minnu li kien jammonta għal tliet talenti u nofs tad-deheb fis-sena. Fuq kollox l-imperatur qata' l-provinċji tal-Greċja, Kreta, Kalabrija, Sqallija u x'aktarx Sardenja mis-sede tal-punent u għaqqadhom ma' dak ta' Kostantinopli (4). B'dan il-mod Malta u Sqallija li kienu politikament mgħaqqdin mal-punent, issa ġew ukoll magħqudin ekkleżjastikament mal-Patrijarkat ta' Kostantinopli fl-733 (5). Din il-konklużjoni tiġġustifika l-ittra msemmija fuq tat-859 lill-Imperatur Mikiel, fejn intalab li jinżamm id-dritt li jiġi kkonsagrat bħal qabel l-Arċisqof ta' Sirakuża. Imma f'dan iż-żmien Malta kienet qrib ħakma oħra, dik tas-Saraċini jew Misilmin Aglabiti, fejn x'aktarx il-linja ta' Isqfijiet Maltin ġiet interrotta.

Għalhekk nistgħu ngħidu li l-ħakma Biżantina f'Malta damet mill-533 sat-870 meta s-Saraċini bdew jaħkmu din il-gżira.

## Ir-rit Biżantin f'Malta

Wieħed jistaqsi hawn, kemm kienet qawwija l-influwenza tal-ħakma Biżantina fuq il-Liturġija f'Malta. Kien jeżisti r-rit Biżantin f'Malta?

Il-Kommednatur Abela, il-missier ta' l-istorjografija ta' Malta, fix-xogħol tiegħu *Descrittione di Malta* jsemmi terminoloġija ekkleżjastika li daħlet dan iż-żmien bħala effett tal-ħakma Biżantina. Kliem mill-Grieg bħal *LITI (gr lite)* – talb; *LAPSI (gr analeopsis)*– tlugħ, fis-sema; *MIRU (gr myron)* – żejt tal-Griżma; *KONA (gr ikon)* – figura; *MALLUTA (gr meloti)* – ċoqqa wżata mill-patrijiet; *KOĊĊIJA (gr koliva)* – tisjira ta' qamħ u għasel. Abela jgħid ukoll li d-drawwa li wieħed ipiniġi salib fuq drieghu hi ta' oriġini Griega ([6]). Żewġ studjużi ta' żmienna jitkellmu wkoll dwar is-suġġett. Mons. Prof. P.P. Saydon biex juri l-influwenza tar-rit Biżantin fil-Liturġija tal-knisja f'Malta jsemmi eżempji oħra. Dawn huma *Għid il-Ħamiem* flok Epifanija; *Sibt Lazzru* flok Sibt il-Passjoni ([7]). Il-Profs Aquilina, it-tieni studjuż, jgħid li Malta kienet taħt l-influwenza ekkleżjastika tal-Lvant, x'aktar taħt il-Maroniti tas-Sirja. Minn dawn l-għejjun jislet lista ta' kliem mil-Lingwa Sirjaka bħal quddiesa, qassis, tqarbin, għasar, magħmudija, tewba ([8]).

Annetto Caruana jgħid ukoll li d-devozzjoni lejn qaddisin tal-Lvant, Ġorġ, Nikola, u Elena, li f'unurhom inbnew knejjes f'Malta, kienet iddaħħlet fi żmien il-ħakma Biżantina ([9]).

Il-kavallier Vinċens Bonello jsemmi influwenza ekkleżjastika orjentali li ġiet minn xi Nsara tal-Lvant wara l-invażjoni tal-Misilmin fis-Sirja, Eġittu u Ċirinajka fis-7 u t-8 seklu ([10]) u jemmen li l-knejjes żgħar qodma b'bibien fuq tlett naħat kienu wżati min-nies tal-Lvant għar-rit Biżantin.

Annetto Caruana ([11]) jgħid li l-knejjes qodma ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi, San Nikola fis-Siġġêwi u San Leonardu tal-Għargħur inbnew f'dan iż-żmien.

## Konflitt ta' Lealtajiet

Fil-533 il-ġeneral Ruman Belisarju reġa' rebaħ il-gżejjer Maltin minn taħt il-Barbari u tahom lill-Imperatur Gustinjanu, l-Imperatur tal-Lvant. Minn dak iż-żmien il-Biżantini ħakmuna sas-sena 870, meta l-gżejjer ġew mirbuħin mill-Arab. Kif diġà għedna s-*sede* ta' Malta baqgħet suġġetta għas-*Santa Sede* sas-sena 733.

Għandna xi evidenzi dwar dan iż-żmien?

Waqt li Malta kienet għal 200 sena (533-573) ekkleżjastikament magħquda ma' Ruma u politikament ma' Kostantinopli, ma' min żammu l-Isqfijiet ta' Malta waqt ix-Xiżma tal-Monteliti (633-680)? Ma' l-imperatur jew mal-Papa. U ladarba l-Maltin sa mis-733 kienu jagħmlu parti mill-

knisja tal-Lvant ma' min żammew waqt it-taqbida qalila ta' l-Ikonoklastiċi (726-842) u x-xiżma ta' Fotius (859-869)? ([12]). Ġuljanu, isqof ta' Malta, flimkien ma' l-Isqfijiet tal-Punent, iffirmaw l-istqarrija ta' fidi (*Costitutum)* miktuba mill-Papa Viġilju u kkundannata mill-Imperatur Ġustinjanu. Aħna nemmnu li l-Maltin dejjem żammu bis-sħiħ mat-tagħlim ta' Ruma ([13]).

Ir-riti u knejjes Biżantini sfumaw fix-xejn wara l-ħakma ta' l-Arab fis-sena 870.

**Taħt il-Kavallieri ta' San Ġwann**

Wara t-telfa tal-gżira ta' Rodi u l-vittorja ta' Soliman 2 fl-1522 madwar 4000 Rodjan ħallew arthom u segwew il-kavallieri. Fl-1530 dawn il-Griegi ġew Malta ma' l-Isle Adam. Marru joqogħdu l-Birgu u ngħataw erba' knejjes. Dawn kienu l-knisja ta' Santa Katerina, dedikata lill-Madonna ta' Damasku (għax ix-xbieha mirakluża tal-Madonna miġjuba minn Rodi tpoġġiet hemm); il-knisja ta' Sant Agata, aktar tard magħrufa bħala ta' San Nikola; oħra dedikata lil San Ġorġ u l-aħħar waħda lil Sant' Antnin.

Wara l-bini tal-Belt Valletta, il-kunvent ta' l-Ordni fl-1571 ġie trasferit mill-Birgu għall-Kapitali l-ġdida. Fl-1569 art ingħatat lill-ewwel żewġ kappillani Griegi, l-aħwa Anġelino u Emanwel Metaxi. Fuq din l-art bnew il-knisja ta' San Nikola, li tagħha nħatru kuraturi.

Nobbli Rodjan, Giovanni Calamia, ħalla xi flus għall-bini ta' knisja oħra fejn illum hemm il-knisja tal-Griegi. Il-bini beda fl-1575 u tlesta ħames snin wara. Fl-1857 saret knisja parrokkjali għall-Griegi minn Mgr Gargallo. L-ikona ta' Damasku tpoġġiet hemm fl-1587, fejn għadha sa llum.

Mistoqsija relevanti ħafna f'dan l-istadju hi din: Il-Komunità Biżantina tas-16-il seklu kienet Ortodossa jew Kattolika? Ir-rit segwit kien Biżantin jew Roman? X'kienu r-relazzjonijiet bejn il-Maltin u dawn il-Griegi? It-tweġiba tahielna Patri Ġwann Frendo Professur tal-Liturġija fl-Università ta' Malta, meta waqt seminar fuq is-suġġett li sar fil-Kurja fl-24 ta' Ottubru 1995 ikkummenta li l-Kavallieri ġabu magħhom ktieb tar-Rit Ruman biex jintuża minnhom u l-komunità li ġiet magħhom. Nafu wkoll li l-komunità li ġiet mal-kavallieri żgur li kienet tuża r-rit Ruman, jekk mhux għal ħaġ'oħra, biex turi rispett u ammirazzjoni lejn il-Kavallieri. Interessanti wkoll dak li jikteb S.L. Varnalidis fl-artiklu tiegħu *"Le Implicazioni del breve 'Accepimus Nuper' di Papa Leone X (1521) e del breve 'Romanus Pontifex' di Pio IV (1564) nella vita dei Greci e degli Albanesi dell'Italia Meridionale, Nicolaus, IX, 2, 1981,* fejn l-awtur isemmi wkoll artikli oħra bil-Grieg u Albaniż fuq il-Griegi f'Malta li kienu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Isqfijiet Ortodossi ta' Achrida li kienu jappartjenu lill-Patrijarkat ta' Kostantinopli Dawn iż-żewġ brevi minn żewġ papiet differenti juru

simpatija lejn l-ortodossi u fi spirtu ekumeniku jaraw kompatibbiltà kbira bejn il-knejjes Kattoliċi u Ortodossi.

**It-teżori ta' Arti u Qima li l-Kavallieri ġabu magħhom**

Meta l-kavallieri ta' San Ġwann waslu Malta fl-1530, huma kellhom fil-pussess tagħhom tlieta jew erba' ikoni ta' valur artistiku u devozzjonali kbir. Dawn kienu l-Madonna ta' Damasku, il-Madonna ta' l-Eleimonitria, il-Madonna ta' Filermos u x'aktarx il-Madonna magħrufa bħala Odigitria. ([14])

Huwa ferm interessanti li wieħed jagħti ħarsa fil-qosor lejn l-istorja u l-valur ta' dawn l-ikoni qabel ngħaddu biex ninvestigaw u nistudjaw il-magħrufa ikona ta' Damasku.

**L-Odiġitrija**

Din il-kelma tfisser "dik li turi t-triq" u tirreferi għall-ikoni u xi pitturi tal-Madonna bil-Bambin Ġesù. F'dawn l-ikoni l-Madonna għandha waħda minn idejha indirizzata lejn Ġesù f'ġest li jindika li Ġesù hu t-triq, il-verità u l-ħajja. Minħabba f'dan id-dettall il-Madonna bdiet tissejjaħ ta' l-Indirizz ([15]). Knejjes li jissejħu ta' l-Indirizz jinsabu f'Messina u Ħaż-Żabbar ([16]). L-ikona ta' l-Odigitria li hi ta' l-14 jew bidu tal-15-il seklu hi magħmula minn żebgħa fuq l-injam, hi kbira 24 b'31 ċentimetru u tinsab fil-Mużew tal-Knisja Konkattidrali ta' San Ġwann, il-Belt.

L-ikona tal-Madonna bil-Bambin Ġesù jbierek lill-bnedmin, għandha mertu artistiku qawwi u wieħed jista' jinnota fiha delikatezza lineari u dinamiżmu ta' kulur. Fi sfond ta' kulur deħbi, il-ħlewwa tal-ħarsa tal-Madonna titħallat mal-ħarsa awstera ta' Ġesù u waqt li hi simpatika, hi wkoll umana u spiritwali. L-oriġini mhix magħrufa imma l-istoriku Mario Buhagiar jaħseb li din x'aktarx kienet wieħed mit-teżori tal-kavallieri qabel ġew Malta ([17]).

Fil-bidu tad-19-il seklu, l-ikon twaħħlet f'bieb ta' tabernaklu (40ċm b'31ċm) għall-altar tal-Kappella ta' l-Italja fil-Konkattidral minflok bieb tal-fidda li Napuljun kien ħaj fl-1798. Ġiet trasferita għall-Mużew tal-Knisja ta' San Ġwann fl-1960 ([18]).

**Il-Madonna ta' Filermos**

Din l-ikona ġabuha magħhom il-Kavallieri fl-1530 u kienet meqjusa minnhom bħala l-aktar teżor kbir tagħhom. Id-data ta' meta saret mhix magħrufa, hi maħduma bit-'tempera' fuq l-injam u llum ma nafux fejn tinsab. L-isem ta' l-Ikona ġej mis-santwarju fuq il-muntanja ta' Filermos f'Rodi. Il-kavallieri kienu jqimuha bħala *'Theotokos Phileremou'*. Ix-xbieha mirakluża kienet magħrufa tul l-Eġew kollu.

Wara t-telfa ta' Rodi fl-1522, il-kavallieri ġarrew magħhom għal tmien snin din ix-xbieha. F'Malta din tqegħdet fil-knisja ta' San Lawrenz, fil-Birgu. Wara l-bini tal-Belt Valletta ġiet trasferita l-ewwel għall-Knisja tal-Vitorja u wara għall-knisja konventwali ta' San Ġwann.

Wara r-rebħa ta' Napuljun fl-1789, il-Gran Mastru Hompesch, tħalla jieħu miegħu 'l barra minn din il-gżira din l-ikona flimkien ma' relikwi oħra. Fit-12 ta' Ottubru 1799 din ġiet regalta lill-Kzar Pawlu 1. Wara mewtu din ittieħdet lejn il-*'Winter Palace '* ta' San Pietruborgu. Minn hemm tpoġġiet f'Berlin fl-1929, wara fil-Jugoslavja sakemm fl-1941 intilef kull ħjiel tagħha.

Madankollu kopja ta' l-ikona kienet ġiet ikkommissjunata mill-Kzar Nikola 1 biex tiġi venerata waqt proċessjonijiet u manifestazzjonijiet reliġjużi f'Pietruborgu. Din il-kopja llum tinsab fil-bażilika ta' Santa Marija ta' l-Anġli f'Assisi.

Skond Mario Buhagiar ([19]) l-uniku ritratt ċert ta' l-ikona ttieħed fl-1932 meta din l-ikona kienet fil-Jugoslavja. Din il-kopja waslet f'Rodi fl-1925 wara li l-gvern Taljan talabha minħabba l-okkupazzjoni ta' Rodi fl-1912. Dan kien beda jibni mill-ġdid is-Santwarju ta' Filermos. It-talba kienet għall-ikona oriġinali, imma billi din kienet mitlufa, minflokha ntbagħtet kopja. Din il-kopja ġiet meħudha l-Italja wara t-tieni gwerra dinjija.

Mill-kopja wieħed jikkonkludi li din l-ikona kienet tifforma parti minn Deosi fuq l-ikonostasi tal-knisja Biżantina. Fi kliem ieħor kienet tifforma parti minn kompożizzjoni akbar fejn Kristu Msallab kien imdawwar b'ommu u San Ġwann Battista jew San Ġwann l-evanġelista. L-istat tal-kopja huwa fqir wisq biex wieħed jikkonsidra d-data u l-istil.

## Il-Madonna ta' l-Eleimonitria

Din l-ikona li l-kavallieri ġabu magħhom tinsab fil-knisja Kattolika Griega tal-Belt. Din ix-xbieha maħduma *'a tempera'* fuq l-injam, tappartjeni għat-13 jew l-14-il seklu u fiha 100 b'70 ċentimetru.

F'Rodi l-ikona tal-Madonna ta' l-Eleimonitria kienet venerata fi Knisja antika barra mil-ħitan tal-belt. Fit-2 ta' Diċembru 1588 Johannes Calamia li ġie joqgħod Malta, xehed b'ġurament li l-familja tiegħu kellha ġurisdizzjoni fuq l-ikoni ta' l-Eleimonitria u Damasku u l-knejjes rispettivi tagħhom. Id-dritt tiegħu kien imsaħħah bix-xhieda ta' 18-il persuna li kienu jinkldu Rodjani Latini kif ukoll Griegi. Dawn stqarrew kif l-ikoni kienu meħlusin mill-qerda tal-gwerra tat-Torok ta' l-1552.

F'Malta l-ikoni bdew jiġu venerati f'żewġ knejjes separati fil-Birgu. Dawn tpoġġew għad-diżpożizzjoni tal-Komunità Rodjana fil-Birgu, dik ta' l-Eleimonitria fil-knisja ta' San Anton Abbati u dik ta' Damasku fil-

kappella taċ-ċimiterju ta' Santa Katerina. Sadattant Calamia ġie Malta u fl-1558 talab lill-Gran Mastru u l-Kapitlu Ġenerali ta' l-Ordni biex jagħarrfu l-*'jus patronatus'* tiegħu fuq iż-żewġ ikoni, waqt li wiegħed li jibni knisja jew tnejn għall-ikoni.

L-assedju ta' l-1565 żamm lura l-bini tal-Knisja l-ġdida u li tlestiet fl-1580 meta Calamia kien ġa mejjet. L-Eleimonitria ġiet trasferita fil-knisja ġdida immedjatament.

L-ikona miksija b'libsa tal-fidda, kienet, skond Chetta Schirò 1930, xogħol Rodjan. Din baqgħet venerata sat-Tieni Gwerra, meta l-knisja tkissret fl-24 ta' Marzu 1942. L-ikona tant sofriet li kulħadd ħaseb li ma tissewwiex. Għalhekk il-fdal inġabar f'kaxxa u ġie merfugħ fis-sagristija annessa magħha. Intalbet l-għajnuna tad-Dipartiment tal-Mużew biex isir ir-restawr. Ix-xogħol kien aktar diffiċli milli nħaseb. Madankollu dan sar fl-1989. Billi ma kienu ttieħdu l-ebda ritratti qabel il-gwerra, dan li naraw illum hu x'aktar stħajjil tal-verità u rikostruzzjoni ipotetika. Il-fdal juri li din l-ikona kienet xogħol sofistikat ġej mil-14-il seklu meta l-arti Biżantina rat ċaqlieq u enfasi fid-direzzjoni ta' l-eleganza u ġmiel tal-figura. Skond Mario Buhagiar l-ikona tappartjeni għall-klassi magħrufa bħala "odiġitria", jiġifieri lk-Madonna bil-bambin Ġesù, b'idejha turi t-triq lejh. Skond dawn l-awtur kien ikun aħjar kieku r-restawr qatt ma sar ([20]).

## Il-Madonna ta' Damasku

Din hi ikona ġejja minn Kostantinopli u maħduma fil-bidu tas-seklu 12. Hi mpittra *'a tempera'* fuq l-injam, b'qisien ta' 147.5 '102.5 ċentimetri. Tinsab fil-knisja Kattolika Griega tal-belt.

Din l-opra ta' kwalità eċċezzjonali, li tispikka fl-espressjoni umana kif ukoll dik mistika ġejja mill-istess xeħta artistika tal-magħrufa Madonna ta' Vladimir li tinsab fil-Gallerija Tretjakov ta' Moska. Id-Damaxena tista' tkun ukoll ta' żmien qabel, u tappartjeni lil dik il-klassi ta' ikonografija Biżantina msejħa *Eleousa* jew tal-Ħniena.

L-ikona ġġib isimha mit-twemmin li din bdiet tiġi venerata f'Damasku. Wara din sabet ruħha f'idejn il-kavallieri taħt ċirkustanzi mirakolużi fl-1475. Il-komunità Rodjana li akkompanjaw lill-kavallieri ta' Malta fl-1530 poġġew l-ikona fil-knisja ta' Santa Katerina fil-Birgu. Fl-1587 ġiet meħuda fil-Knisja Kattolika Griega tal-belt Valletta minn Joannes Calamia li kif rajna kien diġà assuma r-responsabbiltà għall-kustodja ta' l-immaġini. Din il-knisja reġgħet inbniet fl-1678 mill-Gran Mastru Nikola Cotoner, waqt li s-suċċessur tiegħu Gregorju Caraffa, bena altar għall-ikona fin-naħa ta' nofsinhar tan-nava ċentrali jew kursija.

Fil-Belt Valletta l-ikona kienet iċ-Ċentru ta' devozzjoni qawwija. Kellha

libsa jew *riza* ta' fidda martellata. Din ġiet inkurunata b'kuruna tad-deheb u ħaġar prezjuż fl-1931.

Fit-Tieni Gwerra Dinjija, fis-17 ta' Diċembru 1941 l-ikona ttieħdet f'xelter maqtugħ fil-blat mil-librar tal-biblijoteka Hannibal P Scicluna. Aktar tard ġiet trasferita għand il-Brothers ta' De La Salle, fil-Kulleġġ tagħhom ta' *Stella Maris* fil-Gżira. B'hekk ħelset mir-riskji tal-gwerra. Wara ġiet meħudha fil-knisja ta' San Nikola fil-Belt ([21]). Din damet hemm sakemm il-knisja kattolika Griega ġiet mibnija mill-ġdid bejn l-1948-51 taħt il-Perit Orazio Diacono. Fl-1931, Vincenzo Bonello, kuratur tal-Mużew, wera t-tħassib tiegħu fuq il-kundizjoni ta' l-ikona. Ġiet restawrata fl-Istitut Ċentrali tar-Restawr ta' Ruma bejn l-1963-66 bi spejjeż tal-Gvern Taljan.

Fl-1962 ġiet riprodotta fuq waħda minn set ta' bolli maħruġa mill-Uffiċċju tal-Posta ta' Malta biex tikkommemora l-Assedju l-Kbir.

Fl-4 ta' Diċembru dehret fuq bolla tal-Milied stampata f'Ruma mill-Ordni ta' San Ġwann.

Fl-1980 inbniet knisja f'Damasku b'ordni tal-Patrijarka Maximos V, biex tivvenera ġewwa fiha kopja ta' l-ikona (100 b'65 ċentimetri). Fl-1989 ġiet inkluża f'esibizzjoni magħrufa bħala "Il-Wirt ta' l-Ordni f'Malta" fl-okkażjoni ta' l-Assemblea Ġenerali tal-Kavallieri bejn il-15 u l-31 ta' Ottubru.

Fl-1989 ġiet minquxa fuq medalja maħruġa mill-Kavallieri ta' San Ġwann b'messaġġ ekumeniku bil-Latin fuq naħa (*Ave Virgo Damascena Omnes Christifidelis Aduna* – Sliem, Verġni Damaxxena, għaqqad il-fidili kollha fi Kristu) u bil-Grieg fuq in-naħa ta' wara.

## Tifsira Spiritwali, Teoloġika u Artistika

M'hemmx dubju li l-mirakli abbundanti u qawwija li seħħew bl-interċessjoni ta' l-ikona għamlu din il-figura ferm popolari speċjalment mal-Kavallieri. Wara r-rebħa ta' l-Assedju l-Kbir fit-8 ta' Settembru 1565, La Vallette flimkien ma' kavallieri, Maltin u Griegi qiegħed ix-xabla u l-elmu tiegħu fuq it-taraġ ta' l-altar b'sinjal ta' ringrazzjament.

Fl-1779, il-Gran Mastru Manwel de Rohan, fl-okkażjoni tar-restawr tal-kappella, fakkar b'lapida ta' l-irħam din il-ġrajja. Kavallieri oħra li kellhom devozzjoni speċjali lejn il-Madonna kienu Pietro del Monte li ta' l-art għall-bini tal-knisja ġdida fil-belt; Nikola Cotoner li ried knisja akbar u isbaħ u Greogrju Carafa li assikura għajnuna finanzjarja għaċ-ċelebrazzjoni tal-Kult Divin f'ġieħ il-Madonna. Il-Gran Mastru attwali ta' l-Ordni Fr Andrew Bertie meta kien Malta ma ommu Lady Jean, kien jiffrekkwenta kull nhar ta' Ħadd il-knisja tal-Madonna fil-Belt.

Kif diġà ċċennajna hemm xebh kbir bejn il-Madonna tad-Damaxxena

u l-Madonna ta' Vladimir f'Mosca. Kemm-il Madonna ta' Vladimir kif ukoll dik ta' Damasku huma magħrufa bħala tal-ħniena. Infatti jekk inħarsu lejn l-ikoni naraw wiċċ il-bambin Ġesù iserraħ bi ħlewwa fuq dak ta' ommu Marija waqt li b'dirgħajh qed jgħannaq bi mħabba lil ommu. Fl-ikona ta' Damasku t-tfajjel Ġesù jidher merfugħ fuq id-driegħ tax-xellug tal-Madonna waqt li fl-ikona ta' Vladimir huwa jinsab fuq id-driegħ tal-lemin tagħha. Fit-tnejn jidhru l-istilel fuq ras u spallejn il-Madonna; fit-tnejn tidher il-ħarsa mistika fuq wiċċ il-Madonna, u dik matura fuq wiċċ il-bambin, li fiż-żewġ każi huwa tfajjel imfarfar u mhux tarbija. Fl-ikona ta' Vladimir ma jidhrux iż-żewġ anġli li jidhru fl-ikona Damaxxena. David Talbot Rice ta' l-Università ta' Edinburgh u awtur tal-ktieb *Arti Biżantina* hu ta' l-opinjoni li d-Damaxxena hi aktar antika mill-Verġni ta' Vladimir b'xi mija u ħamsin sena; jiġifieri qabel is-seklu 12. Dawn iż-żewġ ikoni huma meqjusa bħala aħwa. ([22]).

Fl-ikona tad-Damaxxena l-Madonna tidher liebsa l-mantell ta' l-imperatriċi Biżantini ta' kulur aħmar skur lewn iċ-ċirasa (ilbies tipiku tal-Madonna fl-arti Biżantina) waqt li l-kulur tal-libsa li tagħha tidher biss parti mill-komma hu blu skur. Fl-arti Biżantina l-blu jfisser is-sema, fejn il-Madonna hi nkurunata reġina ta' l-Anġli u omm tal-bnedmin. Fuqha għandha tliet stilel: waħda fuq moħħha; l-oħra fuq spallitha tal-lemin u l-oħra fuq spallitha tax-xellug li ma tidhirx għax moħbija mill-Bambin. Il-mantell u t-tliet stilel ifissru r-regalità u l-verġinità tal-Madonna qabel, waqt u wara t-twelid ta' Kristu. Libset il-Bambin fin-nofs tagħha hi marbuta b'faxxa ħamra. L-aħmar fil-Biżantin ifisser id-Divinità: Kristu hu Alla. Fin-naħa ta' fuq, qrib ras il-Madonna, jidhru mhux sħaħ żewġ figuri bil-wieqfa li x'aktar huma dawk ta' l-Arkanġlu Mikiel (fuq ix-xellug) u l-Arkanġlu Gabriel (fuq il-lemin) ta' ras il-Madonna. Dawn l-Arkanġli għandhom tifsira: b'rashom ftit inklinata lejn il-Bambin jidhru jxandru l-Inkarnazzjoni.

Fl-isfond ta' l-ikona jiddomina l-lewn tad-deheb li jidher fil-maġġoranza ta' l-ikoni. Fil-Biżantin id-deheb ifisser dawl: id-dawl ta' linkarnazzjoni u l-Maternità jisboq iż-żmien u l-ispazju.

Wiċċ il-Madonna jiddomina l-ikona. Għajnejha kbar u penetranti, iħarsu 'l bogħod mid-dinja lejn eternità f'ħajja oħra. Fl-arti Biżantina tispikka ħafna l-kontemplazzjoni u l-mistiċiżmu, li tgħaqqad il-bniedem m'Alla. Persunet il-Madonna hi stabbli. Fl-arti Biżantina huma biss ix-xjaten u l-midinbin li huma rappreżentati f'moviment tal-ġenn u mingħajr kwiet.

Però l-aktar karatteristika qawwija f'din l-ikona hi l-intimità tal-Madonna ma' binha Ġesù. Ġesù jgħannaq 'l ommu b'mod li jidher ħaġa waħda magħha kif għandu jkun kull nisrani.

X'kien is-siwi prattiku għall-kavallieri u dawk devoti tal-Madonna ta' Damasku? Għall-kavallieri l-Madonna kienet ir-*raison d'etre* ta' ħajjithom. Kienu jitolbuha u hi tismagħhom. Kienu jqimuha u jgħixu l-ħajja nisranija li kienet titlob minnhom. Kienet għalihom l-ispirazzjoni ta' dak kollu li kienu jagħmlu. Kienet tnissel fihom paċi interjuri u spiritwali. Kienet tressaqhom ukoll lejn Alla. Kienet għalihom gwida għal ħajjithom. Hekk ukoll għandha tkun għalina. Il-Madonna ma tinsiniex fid-diffikultajiet ta' ħajjitna. Però aħna rridu nagħtu sehemna billi ngħixu l-ħajja li titlob minna Hi u Binha Ġesù.

## Noti

1. A. Bonnici, *History of the Church in Malta,* vol 1, 1968, p. 25.
2. Abela – Ciantar, *Malta Illustrata,* 2, 91-92.
3. *An Encyclopaedia of World History,* pp 145; 172.
4. *Ibid.*, pp 151-152.
5. Fliche-Martin, *Storia della Chiesa,* V, 475-476.
6. Abela – Ciantar: Op cit., 1, 704-5.
7. Saydon P.P.: in *Melita Theologika,* VII, 1, pp. 47-8.
8. Aquilina G.: in *Scientia,* VIII. 135.
9. Caruana A.A. *Monografia Critica della Catedrale Apostolica di Malta* pp. 6
10. Bonello Vinc: *La Chiesa Siculo Bizantina di S. Ciro* pp. 6-11.
11. Caruana A.A., *Monografia Critica della Catedrale,* pp. 5-6.
12. Bezzina Jos, *Church History,* Gaulitana 1994, pp. 53-55.
13. A. Bonnici, *History of the Church in Malta, vol 1, 1968* pp. 57-58.
14. Canon J. Azzopardi, *The Order's Early Legacy in Malta,* 1989, pp. 18-23.
15. Vincent Borg, *Marian Devotions in the Islands of St Paul,* 1983, p. 197.
16. Ibid., p. 197.
17. Canon J. Azzopardi, *The Order's Early Legacy in Malta,* 1989, p. 23.
18. Scicluna, 1955, 92, 95.
19. Canon J. Azzopardi, *The Order's Early Legacy in Malta,* 1989, p. 22.
20. Ibid., p. 20.
21. Ibid., p 18.
22. Previ Frans, *Bejn l-Ahwa,* April-Ġunju 1993, p4.

Biblijografija

GUMMPENBERG, G. *Atlas Marianus de Imaginibus Deiparae per Orbem Chistianum Miraculosis,* Monschii 1657.

L'ABBE DE BRANTOME, *Oeuvres du Seigneur de Brentôme,* Paris 1740 (cited by Ernle Bradford, *The Great Siege,* London 1961).

P.P. RODOTA, *Dell'origine, progresso, e stato presente del rito greco in Italia,* Lib. 111, Roma 1763, re-edited Cosenza 1961.

1. BEAUFAYS, *La Sainte Vierge Marie à Rhode,* Malines 1911.

F. CHETTA-SCIRÒ, *Rito Greco in Malta,* Melita 1, 1921, pp. 209-220.

*Memorie su le Chiese ed il Rito Greco in Malta,* Archivium Melitense IV, 4, 1921, pp.165-198.

*Memorie su le Chiese di Rito Greco in Malta,* Valletta 1930.

P.P. SAYDON, *Traces of the Byzantine Rite in the Church of Malta,* Melita Theologica VII, 1954.

G. LUPI, *Il rito greco a Malta,* Padova 1973.

D. CUTAJAR, *Ancient Byzantine Icons: Icon of the Damascene Madonna,* Times of Malta 22-5-78.

D. CUTAJAR, *The Eleimonitria Icon,* Times of Malta 29.5.78.

G. PORSELLA FLORES, *L'Icona di Nostra Signora di Damasco e la Chiesa di Rito Greco alla Valletta,* Il Delfino, 92, 1987.

V. BORGIA, *L'Icona della Damascena,* Oriente Cristiano XXXII, 1, 1992.

*Our Lady of Damascus: the Story of an Icon,* London 1992.

S.L. VARNALIDIS, *Le implicazioni del breve 'Accepimus Nuper' di Papa Leone X e del breve 'Romanus Pontifex' di Pio IV nella vita religiosa dei Greci e degli Albanesi dell'Italia Meridionale,* Nicolusas, IX, 2, 1981.

Buhagiar Mario, *Iconography of the Malt. Islands, 1400-1900,* Prog. Pr. 1987

Can. I Azzopardi, *The Order's Early Legacy in Malta,* Said, 1989.

Bonnici A, *History of the Church in Malta,* Empire Press, 1968.

Bezzina J, *Church History,* Gaulitana, 1994.

Borg Vincent, *Marian Devotions in the Islands of St Paul,* Malt. Hist. Soc. 83.

# L-Altar, fl-imgħoddi u llum

P Frank Borg OP

Ma nistgħux nifhmu x'inhu l-altar mingħajr ma, qabel xejn, nifhmu x'inhija l-Knisja. Meta ngħidu "Knisja" nifhmu l-ewwel u qabel kollox: "l-għaqda qaddisa mwaqqfa minn Kristu, ta' l-Insara kollha li, flimkien mar-Ras u l-Kap, Ġesù Kristu, jiffurmaw Ġisem Mistiku wieħed". U għalhekk id-Dar fejn jinġabru l-fidili ġiet imsejħa, sa mill-ewwel żminijiet, *"Domus Ecclesiae"* (bil-Grieg: *'oikoi ekklesias'*) id-Dar tal-Knisja, għaliex hija dak l-imkien fejn l-Insara, li jiffurmaw il-Ġisem Mistiku ta' Kristu, li hija l-Knisja, jinġabru biex jitolbu. F'din id-Dar tal-Knisja, l-aktar oġġett li jixraqlu l-akbar qima, u li huwa ċ-ċentru tagħha, huwa l-artal. Il-Kelma altar ġejja mil-latin "altare", li tfisser post jew struttra fejn jiġi offrut is-sagrifiċċju.

## L-għamla ta' l-altar:

Fost il-pagani, l-altar kellu forma ta' blokka tal-ġebel, sħiħa ċkejkna, biżżejjed għas-sagrifiċċju ta' l-allat. Kien imsejjaħ "ara" bil-Latin, u "bombos" bil-Grieg. Għall-kuntrarju, l-altar ta' l-Insara minn dejjem kellu l-forma ta' mejda. Kien jissejjaħ bil-Grieg "trapesa" jiġifieri mejda, u bil-latin "mensa dominica", il-mejda tal-Mulej (trapeża Kurion), li tagħti l-idea ta' l-Ikla Spiritwali, li hi l-Ewkaristija, waqt li żżomm il-forma ta' mejda materjali

Din il-mejda kellha minn xi daqqiet il-forma ta' "Sigma" (ittra Griega li kienet tinkiteb bħal C kbira tagħna). L-istess mejda li fuqha kienu jagħmlu l-ikla ta' l-aħwa (l-Agape) kienet tintuża għaċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija. Għalhekk fil-bidunett tal-Knisja ma kienx jeżisti "altar" fil-veru sens tal-kelma, bħalma kien użat u mifhum fost il-pagani. Infatti l-Insara kienu jiġu akkużati minn dawn ta' l-aħħar bħala atei. Iżda aktar tard, iċ-ċelebrazzjoni tal-Misteru ta' l-Ewkaristija beda jiġi ċċelebrat fuq mejda proprja – "mensa dominica", kif isejħilha San Pawl fl-ittra lill-Korintin, 10, 21: *"ma tistgħux taqsmu fil-mejda tal-Mulej u fil-Mejda tad-demonji"*.

Il-forma ta' l-altar mejda nsibuha kemm fil-Knisja Kopta tal-Lvant (Orjentali), kif ukoll fl-Afrika ta' Fuq (Rumana) fuq il-ġebel ta' l-oqbra. Wara l-ikla funerarja kienet tiġi ċċelebrata l-Ewkaristija, ħdejn il-qabar stess. Fil-kappella tas-Sagrament fiċ-ċimiterju ta' San Kallistu*nsibu tip ta' Altar Kristjan, magħruf bħala "Tribadion", speċi ta' mejda bi tlett saqajn).* Hawn, għandna figura simbolika ta' l-ikla Ewkaristika. Iċ-ċelebrant, libes

il-*Pallium* qiegħed idejh il-leminija fuq l-offerti (ħobża u ħuta) waqt il-konsagrazzjoni.

Din it-tip ta' mejda huwa simili għal dawk l-imwejjed bit-tlett saqajn (*tribadion*) li kienu jintużaw fil-kmamar ta' l-ikel ta' dak iż-żmien. L-altar-mensa, fl-ewwel tlett sekli, żviluppa mill-mensa agapico-ewkaristika primittiva. Fl-ewwel tlett sekli, l-altar (forma tonda jew kwadra) kien ta' l-injam, ma kienx ikun fiss fil-Knisja, iżda f'ħin opportun kienu joħorġuh id-djakni għaċ-ċelebrazzjoni liturġika ta' l-Ewkaristija. Kienu jqegħdu fuqu l-offerti tal-ħobż u l-inbid li fuqhom is-saċerdot ċelebrant jgħid il-kliem tal-konsagrazzjoni.

## L-altar fiss, tal-ġebel, fuq l-oqbra tal-martri

Iżda, għall-ħabta tar-raba' seklu l-altar beda jsir tal-ġebel, dejjem forma ta' mejda. Jingħad li dan sar l-ordni tal-Papa Silvestru I (314-335). Dan id-digriet insibuh fil-Liber Pontificialis. F'dan l-istess seklu, barra li nsibu altar fiss, dan beda jitqiegħed fuq l-oqbra tal-martri. U minn din l-għaqda bejn il-ġisem tal-martri u ċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija daħal l-użu li f'kull altar jitqiegħdu l-għadam tal-qaddisin martri. Mal-Paċi ta' l-Imperatur Konstantinu, l-altar daħal ġo fażi ġdida, immarkat bi tlett karatteristiċi:

1. *L-altari ma baqgħux ta' l-injam, iżda ġew mibnija b'materjal aktar solidu (bħal ġebel, irħam jew metal prezzjuż).*
2. *Bdew ikunu fissi, jiġifieri jinbnew fuq l-art.*
3. *Bdew jitqiegħdu fuq l-oqbra tal-martri.*

Din id-drawwa li jinbena l-altar fuq il-qabar tal-martri, infirxet sewwa sa nofs is-seklu IV, kemm fil-Punent kif ukoll fil-Lvant – għandna diversi Padri tal-Knisja li jagħtu xhieda dwar dan.

*Kif l-altar mejda inbidel f'artal fiss, tal-ġebel (jiġifieri solidu) u assoċjat mar-relikwi tal-martri?*

Indikazzjonijiet:

1. L-altar mejda (mensa dominica), fid-*"domus Ecclesiae"*, li kien ta' l-injam, fil-Knisja tal-bidu, ma kienx fiss, minħabba li kienu żminijiet ta' persekuzzjoni u kienet teżisti l-biża' ta' profanazzjoni. Iżda wara l-Paċi ta' Kostantinu, dan il-biża' spiċċa.

2. Din il-paċi ta' Kostantinu, ġabet magħha bini ta' bażiliċi kbar u sbiħ bi stil arkitettoniku għalihom, u b'hekk l-altar tal-ġebel beda aktar jaqbel ma' dan l-istil.

Nistgħu ngħidu wkoll li l-istil ta' l-altari Pagani, taw spinta għat-tip ta' altari tal-ġebel, b'forma ta' lapida. Insibu wkoll eżempji ta' altari pagani li ġew mibdula fl-altari Nsara: l-altar ta' Loia, fi Spanja; u f'Ruma, insibu dak ta' Santa Marija in Portico.

3. L-idea tal-Knisja tal-bidu, li tqis l-altar is-simbolu ta' Kristu, il-ġebla (ara. I Kor. 10.4) tax-Xewka (ara I Pt. 2, 7; Ef. 2, 20) li fuqha jinbena t-tempju spiritwali tal-fidili, "ġebel spiritwali" (ara IPt. 2, 4; Ps. 117, 22; Mt. 21, 42; Atti 4, 11) wasslet biex l-altar tal-ġebel jitqies fil-fatt bħala s-simbolu ħaj ta' Kristu.

Insibu diversi fatturi storiċi oħra li kkontribew biex l-altar beda jinbena fuq l-oqbra tal-martri:

1. Il-qima kbira li l-Insara fit-tielet seklu kellhom fil-kult tal-martri.

2. L-għaqda mistika tal-martri ma' Kristu: jekk l-altar jirrappreżenta lil Kristu, Kristu ma jistax jidher sħiħ mingħajr il-membri tiegħu, li huma l-martri.

3. Li wieħed jgħaqqad l-idea tas-sagrifiċċju ta' Kristu ma' dak imwettaq mill-istess martri tal-Knisja. San Pawl fl-Ittra lill-Kolossin 1.24 jgħid hekk: "Jiena issa nifraħ bit-tbatijiet minħabba fikom, għax bihom jiena ntemm f'ġismi dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu għall-ġisem (Mistiku) tiegħu li hu l-Knisja.

4. Wara l-ikla funerarja (ir-rit tar-*refrigerium* ) kienet tiġi ċċelbrata l-ikla ewkaristika, ħdejn il-qabar stess.

Ir-relikwi ma baqgħux biss tal-Martri, iżda wkoll tal-Konfessuri, tal-Verġni eċċ. Id-drawwa li jitpoġġew ir-relikwi tal-qaddisin fl-altar, xterdet sewwa. Fis-seklu IX niltaqgħu ma' "drawwa" kurjuża, li tissemma għall-ewwel darba minn kanonku fil-Konċilju ta' Celchyth (sena 816) fl-Ingilterra. Dan issuġġerixxa li titpoġġa, bħala relikwa, l-Ewkaristija Mqaddsa (jiġifieri l-ostja kkonsagrata): *"Et si alias reliquias intimare non potest, tamen hac maxime proficere potest, quia Corpus et Sanguis est D.N.J.C."* "U jekk ma jkunx jista' jsib relikwi oħra, din tkun l-aqwa waħda li tiswa ta' ġid, għax hija l-Ġisem u d-Demm ta' Sidna Ġesù Kristu."

It-tlett partikoli ta' l-Ewkaristija kienu jitqiegħdu wkoll meta jitpoġġew ir-relikwi fl-altar. Bdew ukoll jiġu midfuna fl-altar, tliet biċċiet ta' inċens. Dan l-inċens li jinħaraq fuq l-altar huwa simbolu ta' Kristu li offra lilu nnifsu lill-Missier bħala "offerta u sagrifiċċju jfuħu quddiem Alla". Din id-drawwa xterdet sewwa fil-Punent, u fil-Kotba Liturġiċi ta' dawk iż-żminijiet, insibu fihom rubriki dwarhom, iżda fis-seklu XIV din id-drawwa li titqiegħed ostja kkonsagrata ġiet prjobita.

## X'ifisser l-altar:

Minn dak kollu li għadni kemm għidt jidher li l-ewwel tifsira ta' l-altar hija dik ta' "mejda" (*mensa dominica:* il-mejda tal-Mulej), għax fuqha tiġi ċċelbrata l-Ewkaristija li ġiet imwaqqfa minn Kristu waqt l-ikla Mqaddsa. F'din l-ikla Mqaddsa Kristu uża s-sinjali li jidhru ta' ikla, jiġifieri l-ħobż

u l-inbid, li mal-kliem tal-konsagrazzjoni jitqaddsu u jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm Tiegħu u dawn fit-Tqarbin jittieħdu bħala ikel u xorb tar-ruħ. Għalhekk l-ewwel altari kienu mwejjed ta' l-injam li kienu jitqiegħdu fil-Knisja waqt il-Quddiesa. Iżda hija ħaġa ovvja li ma nistgħux nerġgħu lura għal dan. Il-Knisja stess għarfet, mal-medda taż-żmien (diġà fir-raba' seklu), li l-mejda ta' l-Ikla Mqaddsa hija wkoll altar tas-sagrifiċċju, u riedet li dan ikun tal-ġebel. Tant hu hekk li l-ġebla għandha simboliżmu sabiħ, imwaqqaf fuq il-Kotba Mqaddsa. San Pawl jgħidilna li l-blata, li minnha ħareġ l-ilma u ta jixrob lill-poplu ta' Alla, hija Kristu (ara I Kor. 10, 4). Hija l-ġebla tax-xewka jew tar-rokna tal-bini (Atti 4, 11; Salm 117, 22; Matt. 21, 42; I Pt 2, 4-7; Is. 28, 16; Ef. 2, 20; I Kor. 3. 14). Kristu huwa l-altar waħdieni u t-tempju waħdieni. Din l-idea li l-altar huwa Kristu (ix-Xbiha ta' Kristu), turi d-dinjità kbira ta' l-altar u l-idea li kellhom l-ewwel Insara: jiġifieri, il-qima kbira li kellhom lejn is-sagrifiċċju ta' Kristu, li kien jiġi ċċelebrat fuq l-altar: *"Quid est enim altare, nisi sedes corporis et sanguinis Christi?" "Għax x'inhu l-altar jekk mhux il-mejda tal-ġisem u d-Demm ta' Kristu?" (Ottato di Milevi). San Ambrog, fil-Ktieb tiegħu {De Sacramentis" jgħid wkoll: "Quid est enim altare nisi forma corporis Christi?"... "Għax x'inhu l-altar jekk mhux il-figura tal-Ġisem ta' Kristu?"*

L-altar bħala s-simbolu ta' Kristu, hija idea antika u li kienet miżmuma komunement fi ħdan il-Knisja. Sant Injazju jenfasizza dwar l-uniċità ta' l-altar, biex hekk tidher aktar l-għaqda fost l-Insara fidili: *"Studeatis igitur una eucharistia uti; una enim est caro D.N.J.C. et unus calix in unitatem sanguinis ipsius, unum altare, sicut unus epsicopus" (Epist. XL, 5). "Fittxu mela li tissieħbu f'Ewkaristija waħda: wieħed hu l-Ġisem ta' Sidna Ġesù Kristu, wieħed hu l-kalċi li hu xirka mad-Demm tiegħu, wieħed l-altar, kif wieħed ukoll hu l-Isqof mal-presbiteri tiegħu u mad-djakni, qaddejja sħabi". (Epist. XL, 5;* ara wkoll l-ittra lill-insara ta' Filadelfia, ta' San Injazju Isqof u martri: *Inscriptio 1: 1-2. 1).*

Aktar tard San Ċiprijanu jagħtina l-istess ħsieb: *"Deus unus est et Christus unus et una Ecclesea et Cathedra una super petram Domini voce fundatam. Aliud altare constitui aut sacerdotium, non potest". "Alla wieħed, Knisja waħda u Katedra waħda fuq ġebla mwaqqfa fuq il-kelma tal-Mulej. Ma tistax twaqqaf altar ieħor jew saċerdozju ieħor".*

Din l-idea tant sabiħa ta' altar wieħed u Quddiesa waħda, hija miżmuma sa llum fil-Knisja Griega fir-riti Orjentali. Fil-Punent din l-idea bdiet tiddgħajjef sa minn żmien il-Papa Simmaco (+513) u forsi anki qabel.

Insibu diversi fatturi li kkontribew biex ikun hemm aktar minn altar wieħed fl-istess knisja:

(1) Il-Kristjaneżmu beda jinfirex ukoll fil-Kampanja.

(2) In-numru tas-saċerdoti kiber enormi u bdew jiċċelebraw aktar minn quddiesa waħda kuljum.

(3) Il-qima lejn il-fdalijiet tal-Qaddisin martri u konfessuri xterdet tant li bdew jiġu dedikati lilhom diversi altari.

(4) Il-multiplikazzjoni ta' quddies privat b'suffraġju għall-mejtin.

Dawn il-ħwejjeġ laqtu b'mod ħażin din id-dixxiplina antika dwar li jkun hemm altar wiehed (uniċità ta' l-altar). Għalhekk mis-seklu sitta diġà bdew jiżdiedu l-altari fl-istess knisja: per eżempju fis-seklu disgħa l-knisja ta' San Gallo fl-Isvizzera ġiet imfassla biex tilqa fiha 17-il altar.

Lejn it-tmiem tas-seklu IX żdied element ġdid fuq l-altari: il-fdalijiet tal-Qaddisin. Dawn tneħħew miċ-ċimiterji u ġew saħansitra trasportati fil-knejjes. Saħansitra inġiebu mil-Lvant lejn il-Patrija tagħhom: *"elevare in altum"*: per eżempju San Nikola. Aktar tard, il-Knisja bdiet tifhem u tagħraf aktar l-importanza u l-valur ta' l-altar. Għalhekk dan beda jiġi armat u mżejjen bħalma tiżżejjen mejda ta' l-ikel, billi jitpoġġew tvalji prezzjużi. Mal-11-il seklu naraw l-altar imqiegħed fuq taraġ għoli u fuq l-altar taraġ ieħor fejn jitqiegħdu gandlieri u xama', kif ukll statwi li m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' l-Ewkaristija. Żdied ukoll is-salib – drawwa li saret obbligu fil-Missal ta' l-1570. Mis-16-il seklu 'l quddiem l-altar maġġur kellu fuqu, kif sejrin naraw it-tabernaklu.

B'hekk ġiet mogħtija importanza dejjem akbar lill-altar, iżda fl-istess ħin intilfet l-idea ta' l-altar bħala "mejda tas-sagrifiċċju". Dak li hu essenzjali fl-altar jiġifieri li jkun mejda mqaddsa tas-sagrifiċċju, intilef kważi għal kollox meta ngħatat aktar importanza lit-taraġ ta' fuq l-altar, u lill-oġġetti prezzjużi li jitqegħdu fuqu.

Nistgħu ngħidu li bl-espansjoni ta' l-istil Gotiku u dak Barokk, l-altar wasal għall-istadju teatrali. F'dan l-iżvilupp nilmhu li diversi elementi sekondarji għall-altar iddeterminaw diversi forom tal-Liturġija u dan kif se naraw sar bi ħsara għat-tifsira oriġinali ta' l-altar.

(1) L-altar tilef l-awtonomija tiegħu, u ħadet ferm aktar importanza t-tiżjin u l-urna tal-Qaddis.

(2) L-altar tilef l-iskop ewlieni tiegħu li jkun "il-mejda tal-Mulej", għaliex it-tiżjin madwar u fuq l-altar sar iċ-ċentru ta' l-attrazzjoni għall-fidili.

(3) Il-qis ta' l-altar kiber u sar rettangulari, u bit-tribuna.

(4) L-altar li kien jokkupa il-post ċentrali fil-knisja ġie mressaq mal-ħajt ġewwa l-kor – insibu devozzjoni esaġerata lejn il-Qaddis – per eżempju l-*Knisja ta' San Martin ta' Tours* (seklu X).

(5) Is-saċerdot kif se naraw beda jiċċelebra l-Quddies daru lejn in-nies.

**L-aħħar għamla ta' l-altar:**

L-altar, minn "mejda Ewkaristika" u "mejda tal-Mulej" sar spettaklu, fejn beda jingħata iktar importanza lilll-qaddis u lill-oġġetti sbiħ u prezzjużi li jitqegħdu fuqu. Kif nafu, qabel is-seklu tmienja, l-Ewkaristija, barra l-Quddiesa, kienet tinżamm kemm *fi djar privati,* kif ukoll fis-*sagristija.* Din kienet tinżamm fid-dar l-ewwel nett biex ikunu jistgħu jitqarbnu l-morda u t-tieni raġuni kienet biex il-fidili setgħu jitqarbnu kuljum fid-dar, ladarba l-Quddiesa kienet tiġi ċċelebrata nhar ta' Ħadd biss. F'xi knejjes kif għidna, kienet ukoll tinżamm l-Ewkaristija. Dan l-użu l-aktar li nxtered kien wara t-tmien seklu. Kienet tinżamm fil-*"capsa"* jew kaxxa, jew fit-*"turris ",* aktarx ukoll fis-sagristija. F'xi knejjes daħal ukoll l-użu wara t-tmien seklu, li l-Ewkaristija tinżamm fuq l-altar. Fil-11-il seklu dehru fl-Italja t-tabernakli fil-ħajt.

Fis-16-il seklu t-tabernaklu beda jitwaħħal ma' l-altar. Fl-aħħarnett qrib id-19-il seklu, it-tabernaklu bl-Ewkaristija beda jitqiegħed fuq l-altar maġġur. X'aktarx li Matteo Giberti, Isqof ta' Verona (1524-1543) beda l-moviment biex l-Ewkaristija tibda titqiegħed fit-tabernaklu li għandu jinżamm fuq l-altar maġġur. Huwa bena altar maġġur ġdid, b'tabernaklu fin-nofs tiegħu: *"tamquam cor in pectore et mentem in anima: bħal qalb fis-sider u l-moħħ fir-ruħ".* Kemm ir-*Ritwal ta' Pawlu* V, l-edizzjoni ta' l-1614, kif ukoll id-*digriet* tal-*Kongregazzjoni* tal-21 ta' Awissu ta' l-1863, ordnaw formalment li t-tabernaklu għandu jitqiegħed fuq l-altar. L-*Istruzzjoni fuq* il-Liturġija tas-26 ta' Settembru 1964 tgħid li t-tabernaklu jista' jitqiegħed jew fuq l-altar maġġur, jew fuq altar ieħor żgħir jew ukoll, bil-permess ta' l-isqof, f'xi parti oħra xierqa tal-Knisja, imżejna sewwa.

L-altar, sa minn dejjem, kien jitqiegħed f'post ċentrali tal-Knsija. Minn fuqu, iċ-ċelebrant kien iqaddes dahru fejn wiċċu lejn in-nis. Fil-bażiliċi antiki ta' Ruma (dik ta' Santa Sabina, fl-Aventino, f'Ruma; Ta' Pinu f'Għawdex; tal-Karmnu fil-Belt, Valletta), l-ewwel użu, jiġifieri li ċ-ċelebrant iqaddes wiċċu lejn in-nies qatt ma nqata' sa llum. Fi knejjes oħra ma kienx dejjem hekk. Għaliex? Fil-qedem kien hemm l-użu li t-talb tagħna jsir lejn il-Lvant "biex ir-ruħ tkun imdawra lejn id-dehra tal-veru Dawl". Fit-tlugħ tax-xemx, mela, l-insara kienu jilmħu s-simbolu ta' Kristu. Hekk ukoll fil-Quddiesa. It-talb kien isir lejn il-Lvant. Għalhekk insibu li l-eqdem knejjes kellhom il-faċċata u l-bieb iħarsu lejn il-Lvant, u l-apsidi lejn il-Punent. B'hekk iċ-ċelebrant fuq l-altar kien iħares lejn il-fidili. Dan l-użu tat-talb "lejn il-Lvant" (*Versus ad Orientem*) ma ġiex imħares mill-Knisja ta' Ruma, iżda hawnhekk iċ-ċelebrant, fil-qedem, dejjem kien iqaddes wiċċu lejn in-nies.

Iżda barra minn Ruma, qrib is-sena 450, insibu tip ieħor ta' knejjes.

Dawn kellhom il-faċċata u l-bieb lejn il-Punent, l-apsidi lejn il-Lvant, biex meta l-Insara jidħlu jitolbu fil-Knisja, ikunu lejn il-Lvant. F'dan il-każ iċ-ċelebrant iħares huwa wkoll waqt il-Quddiesa, lejn il-Lvant u b'hekk jagħti dahru lin-nies.

Minn dawn il-fatti jidher ċar li jekk fl-Istorja tal-Liturġija nsibu li fi żmien antik iċ-ċelebrant fuq l-altar kien jagħti dahru lill-fidili, dan sar għal raġuni waħda biss: biex huwa, flimkien mal-fidili, ikunu jistgħu jitolbu, waqt il-Quddiesa, iħarsu lejn il-Lvant (*Versus ad Orientem).*

Iżda ċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa *"versus populum"* jiġifieri lejn il-poplu, minn dejjem kienet u baqgħet permessa; ara l-*"Ordo Servandus in Celebratione Missae: v. 3"* : hawn jingħad li dan jista' jsir sakemm l-altar ikun iħares lejn il-Lvant. Fil-fatt dan il-mod taċ-ċelebrazzjoni ftit li xejn ġie mħares, taqta' l-Bażiliċi. Iżda minn xi 20 sena 'l hawn reġa' beda jidher, f'xi knejjes, l-altar imdawwar u ċ-ċelebrant reġa' beda jqaddes wiċċu lejn in-nies.

## L-altar illum

Il-Konċilju Vatikan II, waqt li jwarrab għal kollox is-simboliżmu tat-talb lejn il-Lvant (simboliżmu li fil-Knisja tal-Punent ilu ħafna sekli li spiċċa għal kollox), u mqanqal minn raġunijiet pastorali, jagħti l-permess anzi jħeġġeġ ħafna biex l-altar ikun b'mod li ċ-ċelebrant iqaddes wiċċu lejn in-nies.

Kif jista' ċ-ċelebrant iżomm djalogu mal-fidili, jistedinhom biex jitolbu u jitlob magħhom waqt li jkun daru lejhom?... Is-sens veru ta' Pastorali-Liturġika jitlob li ċ-ċelebrant, li qiegħed jippresjedi l-laqgħa liturġika tal-fidili, jitlob magħhom wiċċu lejhom. Għalhekk l-*Istruzzjoni Liturġika fil-Kapitlu ħamsa,* fejn tittratta fuq il-knejjes u l-altari, tgħid li dawn għandhom ikunu b'mod li jinkiseb aktar faċilment *is-sehem ħaj u sħiħ tal-fidili.* U għalhekk tgħid ukoll li "jkun tajjeb li l-altar maġġur jitqiegħed maqtugħ mill-ħajt b'mod li wieħed ikun jista' jdur miegħu u li ċ-ċelebrant ikun jista' jqaddes iħares lejn in-nies" *(art. 91).*

## Attenzjoni

F'dan l-aħħar snin, f'xi knejjes tagħna, fuq l-altar mejda tant tpoġġew affarijiet, li rriduċejnih għall-Pedestall. X'ġara? Tpoġġew sett Gandlieri twal u sbiħ bix-xema, salib, fjuri, leġiju ta' l-injam, mikrofonu eċċ u dan barra naturalment il-kalċi, il-patena, il-pissidi. B'hekk inkunu qegħdin nerġgħu noħolqu paraventu bejn l-altar u ċ-ċelebrant u l-poplu.

Jidhirli li fuq l-altar, li huwa "il-mejda tal-Mulej" għandhom jitpoġġew biss l-offerti, u l-Missal. Xejn iżjed. Issa x-xemgħa, il-fjuri, is-salib, dawn għandhom jitqegħdu ħdejn jew ma' ġenb l-altar.

## Konklużjoni

Mela jekk irridu li nżommu t-tifsira prinċipali u d-dinjità ta' l-altar, bħala "il-Mejda tal-Mulej" u "iċ-Ċentru ta' ringrazzjament", jeħtieġ li fil-Knejjes moderni:

(1) Ikun hemm altar wieħed: "għax l-Ewkaristija hija waħda; għax wieħed hu l-ġisem ta' Sidna Ġesù Kristu, u wieħed hu l-Kalċi bid-Demm tiegħu għall-għaqda, bħalma wieħed hu l-Isqof" (S. Injazju).

(2) Li dan l-altar maġġur jitqiegħed f'post ċentrali tal-Knisja, biex ikun verament iċ-ċentru ta' l-attenzjoni tal-komunità kollha li tinġabar għaċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija (GIRM 26). L-altar irid ikun il-post li "madwaru" tiltaqa' l-komunità tal-fidili biex tiċċelebra l-Ewkaristija.

(3) Min-natura tiegħu stess, l-altar huwa s-simbolu ta' Kristu u għalhekk għandu jkun iddedikat lilu biss bħala Alla. Mela, fi Knejjes Moderni, ma għandhomx jitqegħdu fuq l-altar statwi tal-Qaddisin, u oġġetti oħra li jtellfu s-sens oriġinali tiegħu.

(4) Illum permezz ta' riċerka teoloġika u biblika aktar miftuħa, inqisu li s-sagrifiċċju ta' Kristu fl-Ewkaristija, li niċċelebraw fuq l-altar, jilħaq il-quċċata tiegħu fis-salib ta' Kristu, il-Qawmien tiegħu mill-Imwiet u t-tlugħ tiegħu fis-sema.

# Mużika sagra b'identità Maltija B'ħarsa lejn it-Tielet Millenju

P Anton Briffa OFM Cap

## Daħla:

Din it-tema ġiet assenjata biex fuqha mhux biss isiru riflessjonijiet, imma l-iktar biex jiġu mġedda x-xewqat tal-knisja miġbura fil-Konċilju Ekumeniku Vatikan it-tieni, (1) nanalizzaw is-sitwazzjoni preżenti tal-Liturġija fil-kuntest lokali, insiru nafu dwar realtajiet 'ġodda' aħna u nersqu lejn it-tielet millenju; kif ukoll biex niddiskutu din it-tema billi nisimgħu l-ideat ta' xulxin b'qalb dejjem miftuħa għar-rieda ta' l-Ispirtu.

U nibda bil-mistoqsija, x'nifhmu b'mużika sagra? Jew aħjar x'tifhem il-Knisja meta fid-dokumenti tagħha titkellem minn mużika sagra?

F'dan l-aħħar kważi 100 sena ġew ippubblikat diversi dokumenti dwar x'inhi l-mużika sagra fil-ħsieb tal-Knisja. Aħna għażilna fost l-oħrajn tlett dokumenti ta' importanza ewlenija: il-Motu Proprio tal-Papa Piju X *Tra Le Sollecitudini,* li jitkellem dwar it-tiġdid tal-mużika sagra; (2) il-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija *Sacrosanctum Concilium;* (3) L-*Instructio De Musica in Sacra Liturgia.* (4).

F'dawn it-tlett dokumenti l-istess bħal dokumenti oħrajn li ma semmejniex, hemm linja ta' ħsieb wieħed u definizzjoni unika ta' l-istess ħaġa. Anki t-terminoloġija wżata hija identika fihom ilkoll.

Jinbidlu d-dati tal-pubblikazzjoni, jinbidlu l-protagonisti li ħejjew id-dokumenti iżda tibqa' l-istess linja ta' ħsieb fid-dokumenti kollha kemm huma.

## Il-Post tal-Liturġija u l-Mużika fil-ħajja tal-Knisja

Il-Konċilju miġbur f'Ruma fehem l-importanza tal-Liturġija u l-mużika liturġika. U għażel li jiftaħ ix-xogħlijiet tiegħu b'diskussjoni u votazzjoni dwar skema mħejjija tal-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija. In-numru ta' voti favur kien 2,162 mentri 46 kienu voti kontra. (5)

Għalhekk l-isqfijiet għaddew biex jistudjaw u jħejju pjan ta' riforma u tiġdid meħtieġ fil-liturġija, li hi, fi kliem il-Papa Pawlu VI f'għeluq it-tieni sessjoni tal-Konċilju, "l-aqwa ħaġa li għandha l-Knisja u l-aktar ħaġa importanti fil-ħajja tal-Knisja". (6).

## L-Għan, Definizzjoni u Forom ta' kant u mużika sagra

Riżultat finali kienet il-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija *Sacrosanctum*

*Concilium.* It-test jitkellem mill-mużika sagra f'kapitlu VI, minn paragrafu 112 sa paragrafu 121.

F'paragrafu 112 il-Kostituzzjoni titkellem mill-għan tal-mużika sagra: "Għalhekk il-Konċilju Mqaddes, filwaqt li jibqa' jżomm id-drawwiet u l-liġijiet tat-tradizzjoni ekkleżjastika u tad-dixxiplina, jibqa' jħares lejn l-għan tal-mużika sagra, li hu l-ġieħ ta' Alla u l-qdusija ta' l-erwieħ." (7) Kliem imtenni mill-Papa Piju X sittin sena qabel fil-Motu Proprio *Tra le Sollecitudni.*

Tlett snin wara l-promulgazzjoni tal-Kostituzzjoni ġiet pubblikata l-Instructio *De Musica in Sacra Liturgia.* Hija tiddefinixxi l-mużika sagra bħala "dik il-mużika komposta għaċ-ċelebrazzjoni tal-kult divin, mogħnija b'forom li jnisslu tjieba u qdusija." (9).

Il-Kostituzzjoni Konċiljari tagħtina lista ta' forom ta' kant u mużika li l-Knisja tagħrafhom bħala sagri.

i) Il-Kant Gregorjan – il-Knisja tagħraf il-kant Gregorjan bħala l-kant proprju tal-liturġija rumana.

ii) Il-Polifonija Sagra Antika u Moderna – dawn ma għandhom bl-ebda mod ma jitħallew barra; sakemm ikunu jaqblu ma' l-Ispirtu ta' l-għemil liturġiku.

iii) Il-Kant Reliġjuż Popolari – dan għandu jiġi mħeġġeġ bil-għaqal b'mod li fl-għemejjel ta' tjieba, u ta' qdusija, kif ukoll fl-għemejjel liturġiċi nfushom... il-fidili jkunu jistgħu jsemmgħu leħinhom.

iv) Billi f'xi artijiet, l-aktar dawk tal-missjoni, hemm nies li għandhom mużika tradizzjonali tagħhom, u għandha siwi kbir fil-ħajja reliġjuża u soċjali tagħhom, din il-mużika għandha tiġi magħrufa u għandu jkollha post xieraq, kemm biex is-sens reliġjuż jitrawwem fihom, kif ukoll biex il-qima tiġi marbuta mad-drawwiet tagħhom.

v) Mużika Sagra għall-Orgni u strumenti oħra permessi fil-Liturġija (skond il-fehma u l-kunsens tas-setgħa kompetenti tal-post). (10)

Hawnhekk mhux ta' min iħalli għaddej kollox bla ma nikkummentaw dwar il-kliem 'ġdid' li nsibu f'numru iv. L-għarfien uffiċċjali li mużika tradizzjonali f'artijiet tal-missjoni tagħmel parti mill-forom aċċettati mill-knisja hija novità assoluta. Dan l-għarfien ikompli jissaħħaħ bl-eku ta' l-istess kliem fl-*Instructio* numru 61 meta titkellem mill-użu ta' melodiji ġodda u l-użu tal-lingwa vernakulari fil-postijiet tal-missjoni. (11).

Issa li ġiet stabbilita d-definizzjoni ta' mużika sagra u liema huma l-forom ta' kant, mużika u strumenti li l-knisja tagħraf bħala adattati biex jintużaw fil-qadi tal-kult divin, ngħaddi issa, biex niddiskuti l-mużika sagra minn angolu partikulari ħafna: mużika sagra b'identità Maltija.

## L-identità Maltija

Fil-bidu bdejt b'mistoqsija. U beħsiebni nkompli b'mistoqsijiet oħra. Insaqsi lilkom u anki lili nnifsi jekk il-ġnus li ħakmuna, il-kulturi li żaruna, l-kuntatti kummerċjali mal-pajjiżi mediterranji u pajjiżi oħra mill-Ewropa ħallewx influwenzi determinanti fil-kultura u l-identità tagħna bħala ġens.

Teżisti identità Maltija? X'inhi l-identità tagħna li tagħmilna Maltin? L-identità ta' ġens, minbarra li tista' tkun waħda fiżika, hija fuq kollox u qabel kollox waħda kulturali, Din titgħaġen u tidher f'ħafna elementi: ta' min isemmi fost dawn, l-ilsien ta' poplu; li tħossok Malti u mogħni bi drawwiet dawn il-gżejjer; l-istess storja ta' dawn il-gżejjer; it-twemmin u t-tagħlim li ngħata. ([12]).

L-identità Maltija sostniet ruħha minn ħafna sorsi: it-tempji ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra, il-ħakma rumana, il-miġja tat-twemmin Kristjan permezz ta' Pawlu ta' Tarsu, iż-żmien twil li Malta damet taħt il-ħakma Għarbija, id-dominazzjoni Spanjola, żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann, żmien l-Ingliżi f'Malta, l-influwenza tar-Risorġiment Taljan fuq il-klassi intellettwali Maltija, dan kollu u iktar minn hekk jagħtina ħjiel ta' xi fatturi li setgħu sawru l-identità tagħna bħala sens Malti ([13]).

Madankollu, minkejja li dawn il-gżejjer ġew f'kuntatt ma' din id-diversità ta kulturi, il-ġens Malti baqa' dejjem fidil lejn żewġ għażliet li għamlu missirijietna eluf ta' snin ilu.

Minkejja li l-ilsien tagħna għandu għeruqu jxenxlu lejn fonti medjo-orjentali u nord-afrikani, il-ġens Malti baqa' dejjem iħoss sejħa ewropea u sejħa kristjana; f'kuntrast ma' kulturi u twemmin ta' ispirazzjoni Ġudajka u ma' kulturi u twemmin ta' ispirazzjoni Iżlamika. ([14]).

## Il-Mużika Sagra fil-Kultura Maltija

Fis-snin ta' l-epoka pre-kristjana wieħed jimmaġina l-użu tat-tnabar sagrifikali tan-Neolitiċi, u strumenti tan-nifs bħal ngħidu aħna l-lira Griega; filwaqt li fi żmien il-ħakma rumana, wieħed għandu għax jaħseb dwar l-użu ta' trombi marzjali waqt ir-rit kultwali lil allat pagani.

Fil-bidu ta' l-epoka kristjana, bil-miġja ta' Pawlu u ta' l-awtur ta' l-Atti ta' l-Appostli, San Luqa, żgur li l-ewwel Maltin li ħaddnu t-tagħlim ġdid tal-Bxara t-Tajba, segwew struzzjonijiet mogħtija lilhom minn Pawlu u Luqa. U wieħed għandu għalfejn jaħseb u jemmen li l-użanza li jżommu kuntatt mal-komunitajiet ġodda b'ittri jew viżti jew mezzi oħra, tkompliet anki mal-ġens ta' dawn il-gżejjer.

Peress li Malta kienet parti mill-imperu Ruman u kien jeżisti mezz ta' trasport ħieles, ma nistagħġbux li l-ewwel Insara Maltin żammew kuntatt

ma' komunitajiet oħra f'Ruma jew f'postijiet oħra fil-penisola Taljana. Kien x'kin il-kuntatt, wieħed għandu għax jemmen bis-sħiħ li d-drawwiet ta' talb, ta' kant u l-forma ta' rit kienu kollha ta' ispirazzjoni sinagogali; kif kienu jafu Pawlu u Luqa. U kif kienu jafu l-ewwel insara konvertiti f'Ruma. ([15])

Ma nistgħux neskludu l-possibiltà li f'Malta seta' tkanta l-kant Ruman antik qabel ir-riforma gregorjana. Hija ħaġa żgura li f'Malta tkanta l-kant mistiku Biżantin u l-għana għarbija.

Il-mużika li spikkat l-aktar fl-użu waqt ir-rit tal-kult divin wara s-seklu seba' hija bla dubju l-melodija gregorjana u l-polifonija ta' skejjel diversi skond iż-żmien. Il-mużika li dejjem indaqqet u tkantat fil-knejjes Maltin kienet dik in użu fil-knejjes kattedrali u l-knejjes tal-monasteri ewropej. Dan kollu joħroġ minn xhieda mmensa ta' manoskritti fil-mużew tal-Kattidral ta' l-Imdina. ([16])

Il-mużika sagra f'dawn l-aħħar 400 sena tista' faċilment tiġi definita bħala repertorju sagru tal-knisja kattolika Rumana. Kien żmien bħal żminijiet oħra fejn l-universalità tal-Knisja kienet tidher ukoll fl-uniformità ta' lingwa, rit, kotba liturġiċi u kant sagru.

Kull tentattiv li xi hadd seta' ħolom li jintroduċi xi ħaġa differenti minn dak diġà stabbilit kien ifisser li ħaġa qrib awto-distruzzjoni u atteġġjament kontro-produttiv.

Il-konċilju Ekumeniku Vatikan it-tieni kien xokk kbir għall-kleru u l-poplu Malti li kien imdorri jesprimi t-twemmin tiegħu b'aċċent qawwi fuq dak kollu li hu ritwali u dommatiku, flimkien ma' taħlita qawwija ta' folklore lokali.

Il-Konċilju Vatikan it-tieni kien xokk kbir u daqqa mortali għal kompożitur sagru ta' dak iż-żmien. Inħoloq moviment reazzjonarju li baqa' jirreżisti għat-tiġdid. Studenti fil-formazzjoni mużikali b'ambizzjoni li xi darba jkunu maestri di cappella baqgħu jingħataw taħriġ imsejjes fuq stil ta' liturġija pre-konċiljari.

Ix-xogħlijiet mużikali sagri miktuba fuq test latin u mużikati skond l-istil tas-sekli tmintax u dsatax sabu ruħhom mhedda mis-suq popolari li kien għatxan għall-użu tal-lingwa vernakulari u mhedda minn ċertu fanatiżmu sfrenat minn x'uħud li jintroduċu stil ta' kant sekulari in voga fis-suq kummerċjali fis-sittinijiet.

## L-influwenzi ta' l-impressjoniżmu fuq il-mużika sagra

Id-daqqa mortali għall-mużika sagra ġiet ukoll minn sorsi estraneji għall-Knisja. Fi Franza nibet il-moviment impressjonista li ġab miegħu bidla fundamentali fl-idjoma mużikali u stil ta' mużika bażat fuq l-assenza ta' linja meolodika u kontrappuntistika, l-elementi vitali tal-

polifonija sagra.

Dan l-istil 'ġdid' magħġun fil-mużika ta' Claude Debussy (1862-1918) u iktar tard fl-epoka sperimentali (biex ma nħallu lil ħadd barra) fetaħ triq li wasslet l-idjoma mużikali f'livell estrem ta' dissonanzi, forzi vokali u strumentali ta' proporzjonjiet kbar, ritmi irregulari u spustjati. Il-mużika saret ritmi u ħsejjes.

Il-kompożitur sagru sab ruħu jikteb fi stil antikwat u għal kollox barra minn żmienu. Ħafna ħadu atteġġament negattiv; iddeċidew li ma jipproduċux xogħlijiet fil-lingwa vernakulari. Beda żmien ta' kontestazzjoni, reżistenza passiva għal 'ġdid' beda żmien ta' vojt.

Ħafna baqgħu isibu rifuġju fil-mużika barokka, romantika-reliġjuża li dejjem baqgħet popolari waqt ir-riti liturġiċi fl-aqwa ta' l-istaġun tal-festi titulari. Oħrajn baqgħu indifferenti għal dak kollu li kien qiegħed iseħħ.

Poplu u kleru ffurmati f'kultura oħra sabu ruħhom diżorjentati minħabba nuqqas ta' stil aċċettabbli għall-gosti li kienu mdorrijin bihom. Ma kienx faċli li jinfatmu minn epoka. Anki għaliex ma kellhom xejn ġdid fuq xhiex iserrħu rashom.

## Epoka li spiċċat u epoka li għad qiegħda titwieled

It-traduzzjoni tal-Kotba Mqaddsa fil-lingwa Maltija, it-twaqqif ta' l-Akkademja tal-Malti, il-kant ta' l-Innu Nazzjonali fl-iskejjel governattivi u l-kant ta' innijiet ewkaristiċi popolari bil-Malti, kienu kollha sinjali profetiċi jħabbru qawmien ġdid fost il-klassi intellettwali Maltija li jippromovi identità Maltija. ([17])

Beda jinħass fil-Knisja kattolika l-bżonn ta' aġġornament. L-ispirtu ġdid li jirrenja fid-dokumenti konċiljarji huwa xhieda ħajja ta' dan it-tiġdid. L-epoka ta' wara l-Motu Proprio ta' Piju X bdiet titbiegħed. Għalina li għixna fiha u għadna mimlijin bl-għomor inħarsu lejha b'ċerta nostalġija bħala epoka li għaddiet. Il-ġdid twieled u qiegħed jitfarfar ġmielu.

## Ħarsa lejn it-Tielet Millenju

It-tielet millenju se jsibna bħalma aħna bħalissa. Biex inkunu aħjar mil-lum iridu naħdmu, infasslu pjan ta' azzjoni u nħeġġu; żgur minna nfusna li nafu x'irridu u fejn irridu naslu. L-iskop ta' dan il-Kungress dwar l-Arti u l-Liturġija huwa li jinħoloq tim li jaħdem fuq dan il-pjan. Li fuq kollox għandu jkun frott ta' sforz kollettiv u li jsir b'kunsens ta' l-awtorità. Stil partikulari ma huwiex l-għan primarju.

Qabel il-Konċilju Vatikan it-tieni kienu saru xi tentattivi iżolati biex innijiet popolari bil-Malti jiġu mmużikati u kantati waqt funzjonijiet liturġiċi; ta' min isemmi l-każ tal-Poeta Nazzjonali Dun Karm li ħadem

f'kollaborazzjoni mal-mużiċista Ġużeppi Caruana. ([18]).

Wara l-Konċilju bdiet ħidma biex tiġi ffurmata kuxjenza Maltija. Xhieda ta' hekk huma l-laqgħat li saru għall-kleru u reliġjużi li jaħdmu fid-djoċesi. It-tiġdid kien beda. Bdew jinkitbu quddies u innijiet bil-Malti. Bdiet kollaborazzjoni bejn il-Professur Oliver Friggieri u Patri Albert Borg, *Brother* Henry ta' l-Ordni tal-*Freres* u Dun Karm Scerri, biex insemmi żewġ eżempji fost kontributuri oħrajn b'xogħlijiet limitati. ([19])

Imma għad qatt ma sar sforz kollettiv fi ħdan id-djoċesi biex jiġi organizzat repertorju li jħaddan fih id-diversi mumenti fil-kalendarju ekklezjastiku. Wara iktar minn tletin sena mill-għeluq tal-Konċilju, il-kompożitur Malti għad irid jibda t-triq li twassal lill-Knisja Maltija tistabbilixxi ruħha b'repertorju sagru Malti mill-Maltin għall-Maltin.

## Żmien ta' tranżizzjoni lejn Rinaxximent

Is-sitwazzjoni preżenti għandha xebh parallel fl-istorja. Qiegħed nalludi għas-seklu imsejjaħ bħala l-perjodu rinaxximentali u meqjus bħala żmien ta' tranżizzjoni li wassalna għall-ogħla espressjoni tal-mużika polifonika mitkuba minn Palestrina, Victoria u oħrajn.

Is-seklu 16 kien żmien ta' konflitti u taqlib politiku u soċjali. Din l-inċertezza u tensjoni tinħass fil-mużika mill-aktar dissonanti ta' l-epoka. Ir-rinaxximent tana lil John Dunstable li saffa l-istil ta' żmienu minn elementi ta' tensjoni u ħoloq mużika deskritta fi żmienu bħala 'ta' ħlewwa anġelika'. ([20]).

Anki llum huwa żmien ta' tranżizzjoni, ta' riflessjoni, żmien ta' stennija, biex jinbet 'il-ġdid' li jwassalna fi żmien iktar feliċi. Il-ġdid li aħna nipproponu huwa li niskopru għal darb'oħra stil diġà eżistenti fl-istorja mibni fuq eżekuzzjoni antifonali u responsorjali b'mod u majiera li l-poplu t'Alla miġbur fit-tempju jiddjaloga ma' l-i*Schola Cantorum* f'tifħir, radd il-ħajr u suppliki lil Alla ħaj. Allura l-kant ikun *talba* u mhux *performance.* Nippropnu għalhekk:

i) testi Maltin immużikati fuq stil gregorjan: mibnija fuq monodija, ritmu liberu, modalità. ([21])

ii) testi Maltin immużikati fuq stil ta' koral-luteran (polifoniku jew kif qegħdin jitkantaw preżentament b'vuċi waħda).

iii) testi Maltin immużikati fuq stil polifoniku antik, b'melodiji ta' għanjiet u innijiet li l-poplu huwa diġà familjari magħhom u esegwiti f'alternanza mal-kant tal-ġemgħa. ([22]).

iv) dawn il-proposti jagħtuna bażi infinita għal forom ohrajn.

v) nikkolvitaw, ninkoraġixxu u nxerrdu l-kant popolari sagru li għandna bħalissa u nadottaw stili ta' kant prattikat fil-gruppi ta' talb, partikularment fost in-Neo-Katekumenali, Kariżmatiċi u oħrajn li huma ispirati minn

użanzi fil-liturġija sinagogali u liturġija oħra tal-punent bħalma huma, il-liturġija Gallikana, Franka, Mozarbika, illum soppressi.

vi) 'sehem iktar sħiħ mill-poplu' – isir studju dwar il-kelma parteċipazzjoni *attiva* u *passiva* fil-kuntest kulturali Malti.

## Għeluq

Tema dominanti fid-diskorsi tal-Papa Ġwanni Pawlu II f'dawn l-aħħar snin hija l-kelma ri-Evanġelizzazzjoni. Fl-aħħar viżsta li għamel fis-Sede tan-Nazzjonijiet Uniti dan l-aħħar huwa tkellem minn rebbiegħa ġdida. Jiena wkoll noħlom bħalu minn rebbiegħa ġdida, anzi biex nuża terminoloġija mużikali, jien noħlom minn Rinaxximent fil-knisja kollha u partikularment f'dik lokali fir-rigward ta' mużika sagra.

X'se jkun ir-riżultat aħħari wara dan is-seminar u wara l-proposti li għamilna jiddependi biss minn kemm il-materjal li nippreżentaw ikun *appealing* għall-udjenza. U jiddependi wkoll minn kemm mużiċisti oħrajn ikunu lesti li jadottaw u l-istil ta' kitba tagħhom fuq dik mibdija.

Iż-żmien huwa l-barometru li jkejjel dak li għamilna. Wieħed irid ikun ħafna ottimist u kuraġġuż. Repertorju ġdid qatt ma ħonoq repertorju antik jew aħjar diġà stabbilit. L-istorja tgħallimna li l-ġdid dejjem għex f'konvivenza paċifika ma' l-antik. Kien iż-żmien, li wara kollox wera x'għandu jieqaf u x'għandu jitkompla.

## Noti

1) Ix-xewqat tal-Knisja jinsabu miġbura fid-Dokumenti tal-Konċilju Vatikan ipplikati fost l-oħrajn fil-perjodiku uffiċċjali tas-Santa Sede, *Acta Apostolicae Sedis.*

2) Cfr. S. Pius X, Motu proprio *Tra le sollecitudini* (22 Nov. 1903), n. 2; A.S.S. 36 (1903-1904),

3) Cfr. Conc. Vat. II, Const. de Sacra Liturgia, *Sacrosanctum Concilium,* A.A.S. 56 (1964).

4) Cfr. S.C. Rituum, *Instr. de Musica in Sacra Liturgia,* n. 1: A.A.S. 59 (1967).

5) Cfr. C.J. McNaspy, S.J., *Introduction to Constitution on the Sacred Liturgy,* The Documents of Vatican II, Guild-Press (1966), p. 134.

6) Ibid. p .133

**P. Anton Briffa OFM Cap.**

## Nota

*1) L-artiklu kellu noti oħra (nru 7-22) li ma waslux mal-manuskritt.*
*2) Il-konferenzi ta' Dun Gino Gauci u tal-Prof Dun Peter Serracino Inglott ma waslux.*

*Eżempju ta' omeliji*

**Il-ħdax-il Ħadd tas-sena**

# Saltna ta' qassisin, nazzjon qaddis

## Kristu miet għalina li konna bla Alla

Waslu għat-tmiem tagħhom iċ-ċelebrazzjonijiet kbar li l-Knisja, tul is-sena, tistedinna nissieħbu fihom biex niftakru fl-opra tas-salvazzjoni tad-dinja li seħħet bil-passjoni u l-mewt u l-qawmien għall-ħajja ta' l-Iben ta' Alla magħmul bniedem għalina; għalhekk tul iż-żmien li għad fadal, sa kemm nerġgħu nibdew ngħixu mill-ġdid il-ġrajja tas-salvazzjoni tagħna, il-Knisja tistedinna nimmeditaw fuq kull ma għamel u għallem il-Mulej Ġesù tul it-tliet snin tal-ħajja pubblika tiegħu, biex insaħħu fina l-misteru tas-salvazzjoni, li bdejna ngħixu dakinhar li twelidna mill-ġdid fi Kristu bl-ilma u l-Ispirtu s-Santu fil-Magħmudija tagħna.

F'dan fakkarna San Pawl fit-tieni qari ta' llum, meta qalilna li aħna konna bla saħħa, ma niswew għalxejn, sakemm Kristu bata u miet għalina: konna bla saħħa, għax konna midinbin, imjassrin taħt is-setgħa tad-dnub u l-mewt, imma Alla, fil-kobor ta' mħabbtu għalina, bagħtilna lil Ibnu stess biex imut għalina. Dan, jgħidilna San Pawl, kien għemil kbir ta' mħabba, għaliex wieħed bilkemm lest biex imut għal bniedem ġust, bilkemm jagħmel il-qalb biex imut għal min hu tajjeb, waqt li Kristu miet għalina li konna nġusti, midinbin, għedewwa ta' Alla minħabba dnubietna.

San Pawl ikompli jgħidilna li dan għandu jimliena b'tama kbira għas-salvazzjoni tagħna, għax jekk Alla tant uriena mħabba meta konna għedewwa tiegħu, kemm aktar jurina mħabba issa li ksibna s-salvazzjoni permezz ta' Kristu billi bil-Magħmudija tagħna twelidna mill-ġdid u ksibna d-dinjità ta' wlied Alla.

## Saltna ta' qassisin, nazzjon qaddis

Xi tfisser għalina din id-dinjità ta' wlied Alla? It-tifsir nistgħu nsibuh fil-kliem tal-Ktieb ta' l-Eżodu li tħabbrilna llum. Alla, lill-poplu li għażel għalih fi żmien il-Patt il-Qadim, ħelsu mill-jasar ta' l-Eġittu, għamel patt miegħu, u wegħdu li jkun il-wirt tiegħu jekk iħares il-liġi tal-Patt – il-kmandamenti li Alla tah permezz ta' Mosè fuq is-Sinaj, biex hekk dan il-poplu jkun għal Alla nazzjon qaddis, saltna ta' qassisin. Jekk din il-wegħda ta' Alla lill-poplu tiegħu tal-Patt il-Qadim kienet hekk ta' ġieħ għalih, kemm aktar hi ta' ġieħ għalina l-wegħda li nkunu nazzjon qaddis, saltna ta' qassisin għal Alla tagħna, aħna li ġejna meħlusin mhux mill-jasar ta' l-Eġittu, imma mill-jasar tad-dnub tax-xitan, u ħlisna mhux bil-

ħila ta' bniedem, imma bil-ħidma ta' l-Iben ta' Alla stess li sar bniedem bħalna u kien jixbaħna f'kollox minbarra d-dnub: għall-imħabba tagħna ċekken lilu nnifsu sal-mewt tas-salib, biex inkunu għalih nazzjon qaddis u saltna ta' qassisin, magħmula mhux minn ġens wieħed, imma mill-ġnus kollha ta' l-art li jilqgħu l-kelma ta' Alla li jwasslilhom Kristu l-Mulej.

*Saltna ta' qassisin,* għax ilkoll konsagrati għas-servizz ta' Alla biex nagħtuh il-qima li tistħoqqlu bit-tisħib tagħna fis-sagramenti mqaddsa u bl-għemejjel ta' ħniena ma' ħutna fil-bżonn.

*Nazzjon qaddis* għax twelidna mill-ġdid bl-ilma u l-Ispirtu s-Santu ħa nkunu l-poplu qaddis ta' Alla, imsejjaħ biex jgħix bla tebgħa u l-qdusija quddiem Alla fl-imħabba.

## Imsejħin biex inkomplu l-missjoni ta' l-Appostli

Inkunu nazzjon qaddis u saltna ta' qassisin jekk fid-dinja ta' llum, inkomplu l-missjoni li l-Mulej ried jafda lill-Appostli. Il-ħsad kbir, jgħidilna Ġesù, imma l-ħaddiema ftit, għalhekk hu dmir tagħna, bħala Nsara, li nħabirku fil-ħsad tal-Mulej. Is-setgħet li l-Mulej ta lill-Appostli meta bagħathom ixandru l-Bxara t-Tajba, jagħtihom lilna wkoll. Lill-Appostli tahom is-setgħa li jfejqu minn kull xorta ta' mard, u lilna jsejħilna biex inqawwu l-qalb ta' min hu marid u nistednuh isieħeb it-tbatijiet tiegħu ma' dawk ta' Kristu għas-salvazzjoni tad-dinja; mhux biss, imma wkoll jilqa' bis-sabar it-tiġrib tad-dinja, għax Kristu hu dejjem qrib tiegħu fi tbatijietu. U kif lill-Appostli tahom is-setgħa fuq l-ispirti ħżiena, hekk lilna jagħtina s-setgħa biex nirbħu l-ispirti tal-ħażen tad-dinja ta' llum, l-egoiżmu, il-konsumiżmu, il-materjaliżmu; nirbħuhom billi ngħixu bil-qjies u bir-rażan il-ħiem kollha ta' ħajjitna, fil-ħarsien tal-kmandamenti ta' Alla kif tgħallimna l-Knisja. L-Ispirti tal-ħażen, jgħidilna Ġesù, jintrebħu biss bis-sawm u bit-talb, jiġifieri bis-sagrifiċċji u t-talb tagħna. Lill-Appostli Ġesù qalilhom ma jaqbdux it-triq tal-pagani u ma jidħlux fil-belt tas-Samaritani, u lilna jgħidilna biex inżommu ruħna 'l bogħod mill-paganeżmu tad-dinja ta' llum, b'fedeltà sħiħa lejn it-tagħlim tal-Knisja, u nżommu 'l bogħod minna kull tagħlim li ma jaqbilx ma' dak li tgħidilna l-Knisja permezz tal-Papa u l-Isqfijiet tagħna.

Jekk dan, aħna nkunu tassew Appostli tal-Mulej fid-dinja ta' llum għax inkunu qegħdin inkomplu l-missjoni li hu ried jafda lill-Appostli tiegħu: din il-missjoni rridu nagħmluha bl-istess spirtu li għamluha l-Appostli, kif ried Ġesù meta qalilhom: "B'xejn ħadtu, b'xejn agħtu". Sirna wlied Alla fil-Magħmudija bla ebda mertu tagħna, u b'radd ta' ħajr għal dan, għandna nagħmlu ħilitna kollha biex nagħtu xhieda xierqa ta' Kristu fid-dinja ta' llum.

### It-12-il Ħadd tas-sena

# It-tiġrib ta' l-Appostlu tal-Mulej

## Id-diżubbidjenza ta' bniedem wieħed, l-ubbidjenza ta' bniedem ieħor

"Permezz ta' bniedem wieħed", ħabbritilna l-Knisja llum bi kliem Missierna San Pawl, "daħal id-dnub fid-dinja, u permezz tad-dnub il-mewt." Kien dnub ta' diżubbidjenza id-dnub li bih daħlet il-mewt fid-dinja, id-dnub tad-diżubijdenza ta' Adam għall-kmand ta' Alla, li ma jiekolx mill-frott tas-siġra li kien hemm f'nofs il-ġnien ta' l-Għeden. Bid-dnub tiegħu, Adam ċaħħad il-ġens kollu tal-bnedmin mill-ħbiberija ma' Alla u waqqa' l-bnedmin kollha f'miżerja u f'kundanna li ebda bniedem, qaddis kemm seta' jkun qaddis, ma seta' qatt jeħles lill-bniedem.

Iżda jekk kienet id-diżubbijdenza ta' bniedem wiehed li daħħlet id-dnub fid-dinja, kellha tkun l-ubbidjenza ta'bniedem ieħor li sewwiet il-ħsara li seħħet bid-dnub ta' Adam: kellha tkun l-ubbidjenza ta' Kristu, l-Iben ta' Alla magħmul bniedem għalina, li pattiet għad-diżubbidjenza ta' l-ewwel bniedem, u hekk tat bidu għall-ħolqien ġdid aqwa minn dak ta' qabel, tant li San Pawl jgħid li fejn kotor id-dnub kotrot fuq li kotrot il-grazzja.

## Ubbidjenza sal-mewt tas-Salib

Ebda bniedem ma seta' jpatti għad-diżubbidjenza ta' l-ewwel bniedem, iżda seta' jpatti għalina l-Bniedem Alla, għax bħala bniedem seta' jidher għall-bnedmin kollha u jpatti għan-nuqqasijiet tagħhom billi jitgħabba bihom kollha, u bħala Alla, bħala l-Iben ta' Alla, it-tpattija tiegħu kienet tpattija li tixraq lill-ġustizzja ta' Alla.

B'liema mod bl-ubbidjenza tiegħu l-Bniedem Alla patta' għad-diżubbidjenza ta' Adam? Bl-ubbidjenza tiegħu għall-pjan ta' Alla li ried li l-ħbiberija mill-ġdid tal-bnedmin miegħu sseħħ permezz tal-mewt fuq is-Salib, biex, kif minn fuq l-għuda tas-siġra f'nofs il-ġenna ta' l-art fl-Għeden, hareġ il-velenu tas-serp ta' l-infern, li waqqa' l-bniedem fid-dnub, hekk minn fuq għuda oħra, l-għuda tas-Salib, tiġi l-grazzja tas-salvazzjoni għad-dinja. Ġesù patta bl-ubbidjenza tiegħu għad-diżubbidjenza ta' Adam, billi obda għar-rieda tal-Missier, u obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-Salib.

Lil Ġesù fittxewh għall-mewt għax il-bnedmin ma ridux ikunu mdawwlin minn Alla u għażlu d-dlamijiet tad-dinja flok id-dawl tal-Mulej Ġesù, li hu d-dawl tassew li jdawwal kull bniedem li jiġi fid-dinja.

## Ġeremija, xbieha ta' Kristu jbati

F'Ġeremija għandna x-xbieha ta' Kristu fit-tiġrib li minnu għadda biex jagħti s-salvazzjoni lid-dinja. Ġeremija, fi żmien tassew ikrah għall-poplu ta' Alla tal-Patt il-Qadim, imnebbaħ minn Alla biex ibiegħed il-poplu mill-ħajja ħażina tiegħu, heddu b'kastigi ħorox, iżda l-poplu ma riedx jisma' u ħadha kontra Ġeremija, tefgħuh fil-ħabs, fittxewh għall-mewt, iżda Ġeremija, għalkemm ma felaħx iżjed għat-tkasbir u l-mibegħda tan-nies, ma qatax qalbu, mimli kif kien bil-fiduċja fl-għajnuna ta' Alla.

It-tiġrib li minnu għadda Ġeremija hu t-tiġrib li minnu jgħaddu dawk kollha li huma ta' Kristu, li fid-dinja, tul iż-żminijiet kollha, taw, qed jagħtu, u għad jagħtu xhieda għal Kristu, bl-ubbidjenza tagħhom għar-rieda ta' Alla. Dan Kristu stess ħabbru.

## Il-bniedem ġust jittama fl-għajnuna ta' Alla

Kliem Ġesù jqawwilna qalbna meta ninsabu mġarrbin minħabba l-fidi li nistqarru, ma mmorrux mal-kurrent tad-dinja u nżommu ruħna 'l bogħod mill-frugħat u l-qerq tagħha waqt li nfittxu dejjem dak li hu verità, ġustizzja u sliem. Id-dinja tobgħod lil dawk li m'humiex tagħha u tippersegwitahom, għax l-imġiba tagħhom hi ċanfira għaliha. Kbir kemm jista' jkun kbir it-tiġrib tal-bniedem tajjeb, qatt ma għandu jaqta' qalbu. Il-persekuzzjonijiet ma għandhomx ibeżżgħuna u għandna nibqgħu nżommu sħiħ sal-mewt, għalkemm id-don tal-martirju, hu grazzja speċjali li Alla jagħtiha biss lil min hu tassew imkebbes b'imħabba liema bħala għall-Mulej. Iżda l-ġusti, għall-imħabba ta' Kristu, iridu jkunu lesti jbatu diskriminazzjoni, it-telf ta' drittijiethom, iġarrbu sikkaturi kbar, iċ-ċanfir tan-nies tad-dinja, jekk flimkien mal-Knisja jridu jikkundannaw l-abort, l-isterilizzazzjoni, il-kontraċezzjoni u l-ewtanasja, u jxandru l-qdusija taż-żwieġ li ma jinħall qatt, il-faqar fl-ispirtu, il-maħfra ta' l-għedewwa.

Il-persekuzzjonijiet m'humiex xi ħaġa ta' l-imgħoddi biss; illum ukoll il-Knisja qed iġġarrab persekuzzjoni f'dawk li huma fidili għat-tagħlim tagħha, persekuzzjoni aktar fina li ma turix ruħha x'inhi tassew, imma hi dejjem persekuzzjoni. Biżżejjed niftakru f'dak li ġarrbu ħutna fil-fidi f'dawn l-aħħar ħamsin sena fejn kienu jaħkmu setgħat li kienu jiċħdu lil Alla. Għarfu jirbħu t-tiġrib tal-persekuzzjoni għax emmnu fi kliem il-Mulej: "Kull min jistqarr li huwa miegħi quddiem il-bnedmin, jiena wkoll nistqarr li jiena miegħu quddiem il-Missier li hu fis-smewwiet".

Imqawwijin b'din il-verità ta' l-Evanġelju, aħna wkoll nistgħu noħorġu rebbieħa fuq it-tiġrib kollu tad-dinja flimkien ma' Kristu, li bil-mewt u l-qawmien tiegħu tana ħajja ġdida li tilħaq il-milja kollha tagħha fis-Saltna tas-smewwiet.

**It-tlettax-il Ħadd ta-sena**

# Mgħobbijin bis-salib tagħna

## Frott il-Magħmudija tagħna

San Pawl fit-tieni qari ta' llum ifakkarna fid-dinjità għolja li aħna ksibna meta tgħammidna fi Kristu, meta rċevejna s-sagrament tal-Magħmudija fil-bidu tal-ħajja tagħna f'din id-dinja: tnaddafna mit-tniġġis tad-dnub tan-nisel, sirna ulied adottivi ta' Alla u aħwa ma' Kristu, u flimkien miegħu, werrieta tas-Saltna tas-sema. San Pawl jgħidilna li aħna li tgħammidna fi Kristu, tgħammidna fil-mewt tiegħu: għaliex? Iwieġeb l-Appostlu stess. Fil-Magħmudija, jgħidilna San Pawl, aħna ndfinna ma' Kristu fil-mewt tiegħu, jiġifieri mitna għad-dnub, biex ma' Kristu nqumu għall-ħajja ġdida: kif Kristu qam mill-imwiet, rebbiħ fuq il-mewt u d-dnub, hekk aħna fil-Magħmudija tagħna qomna għall-ħajja ġdida, għax il-Magħmudija neħħiet minna t-tinġis tad-dnub u tatna r-rahan tal-ħajja ta' dejjem.

Din il-ħajja ta' dejjem għad niksbuha jekk, kif mitna ma' Kristu fil-Magħmudija, nibqgħu ngħixu ma' Kristu tul il-ħajja tagħna fuq l-art. Kif se jseħħ dan? Billi mmutu dejjem għad-dnub, billi, fi kliem ieħor, inżommu ruħna 'l bogħod minn kull xorta ta' ħażen u nfittxu dejjem dak li veru, ġust, tajjeb u sabiħ; billi jkollna dejjem l-istess sentimenti li kellu Kristu Ġesù, sentimenti ta' tjieba, mogħdrija, ħniena, sabar, maħfra u fuq kollox, imħabba: f'kelma waħda, ħajjitna trid tkun dejjem xebh ma' Kristu.

## Xebh ma' Kristu

Kif se nkunu nixbhu 'l Kristu tul ħajjitna kollha? Billi nixmu warajh mgħobbijin bis-salib tagħna. Kristu ma jieqaf qatt isejħilna biex nimxu warajh. L-istedina: "Ejja, imxi warajja", Ġesù jagħmilha lil kull Nisrani, izda l-mixi wara Kristu mhux l-istess għal kulħadd; hemm mixi u mixi wara Kristu, imma s-suriet kollha tal-mixi wara Kristu, jitolbu dejjem l-irfigħ tas-salib warajh. Għal dan stedinna Ġesù fl-Evanġelju ta' llum: "Min ma jerfax salibu u jimxi warajja, ma jistħoqqlux ikun dixxiplu tiegħi."

## Is-salib tagħna

Ġesù stess jgħidilna liema hu s-salib li rridu nerfgħu warajh: huma s-sagrifiċċji kollha li rridu nagħmlu biex inkunu dejjem fidili għas-sejħa tagħna bħala dixxipli tal-Mulej; għall-imħabba ta' Kristu għandna nkunu lesti nissagrifikaw l-għeżież rabtiet ta' mħabba, dawk ta' l-imħabba għall-ġenituri tagħna, għal ħutna, għal qrabatna, għal uliedna. Hawn Ġesù mhux qed jgħidilna niksru r-raba' kmandament, li jridna nagħtu ġieħ u

nuru mħabba lill-bnedmin kollha, ibda minn dawk l-aktar qrib tagħna, imma jrid jgħidilna li għandna nkunu lesti mmorru kontra r-rabtiet l-aktar qawwija tad-demm, jekk dan se jkun ta' tfixkil fil-mixi tagħna wara Kristu. Il-Mulej innifsu, meta ħabbar il-persekuzzjonijiet li minnhom kellhom jgħaddu d-dixxipli tiegħu, qal li jista' jiġi żmien meta l-missier ikun kontra l-iben u l-iben kontra l-missier, u l-omm kontra l-bint, u l-bint kontra l-omm, u ħames nisa minn dar waħda jkunu mifrudin bejniethom. Għall-imħabba ta' Kristu, għandna nkunu dejjem lesti nissagrifikaw l-imħabbiet l-oħra kollha biex nagħmlu dak li l-Mulej qed isejħilna nagħmlu f'ismu u għalih. Iżda mhux hawn biss jinsab is-salib tagħna; insibuh ukoll fl-għajnuna li aħna fid-dmir nagħtu lil kull min hu fil-bżonn, għax f'kull wieħed li hu fil-bżonn għandna naraw lil Kristu nnifsu fit-tbatijiet tiegħu.

## Is-sagrifiċċji tagħna

Iżda s-sagrifiċċji tagħna rridu nagħmluhom ukoll biex nagħmlu l-ġid lil min għamlilna d-deni? X'se jiswielna sagrifiċċju li nagħmlu biex ngħinu lil min ma għandux biex jgħix? Kull sagrifiċċju, żgħir kemm ikun żgħir, hu dejjem mixi wara l-Mulej, kif jgħidilna hu stess fl-Evanġelju: "Min jagħti mqar tazza ilma frisk lil min hu bil-għatx, il-ħlas tiegħu ma jitilfux." Hemm xi sagrifiċċju iżgħar minn dak li trid tagħmel biex tagħti tazza friska lil xi ħadd bil-għatx? Iżda dan is-sagrifiċċju żgħir ukoll, dan il-ftit skomdu li nieħdu biex nagħtu jixrob lil min hu bil-għatx, hu dejjem mixi wara l-Mulej u għalhekk jistħoqqlu l-premju tal-ħajja ta' dejjem, premju tassew kbir bħal dak li ngħata lill-mara ta' Sunem.

## Il-mara ta' Sunem

Din il-mara, flimkien ma' żewġha, kienet ħejjiet f'darha kamra għall-profeta biex ikollu fejn jistrieħ kull darba li kien jgħaddi mill-belt, u għal din it-tjieba tagħha Alla ppremjaha, għaliex ta d-don li tkun omm, hi li ma setax ikollha tfal.

Kull sagrifiċċju li nagħmlu għal Ġesù, kull sagrifiċċju li nagħmlu, biex wara li nkunu bdejna mexjin wara Ġesù, ma nharsux lura, għandu l-ħlas tiegħu, kif qalilna Ġesù. Min jilqa' profeta, ħlas ta' profeta jkollu: hekk kien il-ħlas li ħadet il-mara ta' Sunem; iżda min jilqa' lil Ġesù u jimxi warajh jikseb ħlas akbar, għax jikseb lil dak li bagħat lil Ġesù fid-dinja, jikseb lil Alla bħala Missier, u jkun jista' jsejjaħlu mhux biss "Mulej u Sid tiegħi", imma wkoll "Abba, Missier", Missier kollu tjieba u ħlewwa, idum biex jagħdab u kollu mogħdrija, Missier għani fil-ħniena, li jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu għall-glorja ta' dejjem. Kull sagrifiċċju, żgħir kemm ikun żgħir, ma għandniex inqisuh xejn jekk magħmul għall-imħabba ta' Alla, il-Missier tagħna tas-sema.

L-erbatax-il Ħadd tas-sena

# Jien ta' qalb ħelwa u umli

## Fi Kristu naraw il-Missier

Nissieħbu llum mat-talba li għamel il-Mulej Ġesù lill-Missier tagħna tasema biex infaħħruh u nroddulu ħajr għax, fil-kobor tat-tjieba tiegħu, għoġbu jgħarrafna l-misteri tas-sema permezz ta' Ibnu Ġesù Kristu Sidna. X'inhuma dawn il-misteri tas-sema li Alla ma għarrafhomx lill-għorrief u lis-setgħanin tad-dinja, imma ried jgħarrafhom lil min hu umli u ċkejken? Huma l-misteri ta' l-imħabba bla qjies ta' Alla l-Missier, li tant ħabbna li lanqas lil ibnu stess ma ħelisha u tah għas-salvazzjoni tagħna, billi bil-mewt tiegħu jeqred il-mewt tagħna u bil-qawmien tiegħu mill-imwiet jagħtina ħajja ġdida. Meta Ġesù għarrafna bl-imħabba bla qjies tal-Missier għalina, kien qed jirrivelalna, lil Alla nnifsu, lil Alla li hu Mħabba. Lil Alla ħadd ma rah u lanqas jista' qatt jarawh, tgħidilna l-Iskrittura, imma uriehulna Ġesù, l-Iben ta' Alla stess magħmul bniedem għalina. "Jiena u l-Missier", jgħidilna Ġesù, "aħna ħaġa waħda, u min jara lili jkun jara 'l Missieri wkoll." Hekk wieġeb Ġesù fl-Aħħar Ikla tiegħu ma' l-Appostli, wara li Filippu talbu u qallu: "Urina l-Missier." U Ġesù wieġbu: "Ili daqshekk magħkom, Filippu, u għadek ma għaraftnix? Min ra lili, ra l-Missier. Ma temminx li jiena fil-Missier, u l-Missier fija" Għalhekk Ġesù jgħidilna li ħadd ma jagħraf l-Iben ħlief il-Missier, u ħadd ma jagħraf lil Missier ħlief l-Iben u dak li l-Iben irid jgħarrafhulu.

## Il-madmad ħelu ta' Ġesù

Dan hu don kbir li l-Mulej Ġesù qed jagħtina, id-don li nagħarfu l-Missier; iżda biex nagħarfu l-Missier irridu nkunu nixbhu lil Ġesù, għax l-Iben jgħarrafna l-Missier jekk inkunu bħalu. Għalhekk Ġesù llum jistedinna biex nitgħallmu minnu ħa nkunu ta' qalb ħelwa u umli, jekk irridu niksbu l-hena tal-qalb fost it-taqlib u t-taħwid tad-dinja ta' llum. "Tgħallmu minni", jgħidilna Ġesù, "intom li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin mill-hemm u l-ħażen tad-dinja; taqtgħux qalbkom għax fija ssibu l-mistrieħ għax-xewqat kollha tagħkom."

Dan il-mistrieħ tal-qalb niksbuh, jekk nilqgħu fuqna l-madmad ta' Ġesù. U x'inhu dan il-madmad? Huma l-kmandamenti, huwa dak li Alla jridna nagħmlu biex inharsu d-dinjità tagħna bħala bnedmin, maħluqin fuq is-sura u x-xbieha ta' Alla. Il-kmandamenti huma madmad ħelu għal min jgħożż id-dinjità tiegħu ta' iben adottiv ta' Alla, imsejjaħ biex jagħmel dejjem ir-rieda ta' Alla l-Missier li hu fis-smewwiet; huma toqol ħelu

għaliex ma humiex ħlief dak li titlob minna l-istess natura tagħna ta' bnedmin maħluqin xbieha ta' Alla. Iżda l-kmandamenti jistgħu jkunu madmad kiefer u toqol iebes għal min jinsab imjassar mill-ħażen li għandu fih u madwaru, u ma għarafx jegħleb id-dgħufija tiegħu, bl-għajnuna tal-grazzja, li Alla qatt ma jċaħdu minnha, biex jgħix skond ma tgħidlu l-kuxjenza tiegħu, il-leħen ta' Alla fih li bla heda jistiednu biex jagħmel it-tajjeb u jaħrab il-ħażin.

## Ta' qalb ħelwa u umli bħal Ġesù

Tul ħajtu kollha Ġesù wriena kemm kien tassew ta' qalb ħelwa u umli: l-imġiba kollha tiegħu kienet xhieda ta' dan: għalhekk in-nies kienu jmorru warajh bil-folol. Kemm Ġesù kien ta' qalb ħelwa u umli deher fid-daħla trijonfali tiegħu f'Ġerusalemm, kif ħabbar il-profeta Zakkarija: "Ara, is-sultan tiegħek ġej għandek, ġust u rebbieħ, umli u riekeb fuq ħmar, fuq felu ta' ħmara". Hu b'din it-tjieba u din l-umiltà tiegħu, li Ġesù rebaħ id-dinja, xandar kliemu sat-truf kollha ta' l-art, u waqqaf is-saltna tiegħu ta' paċi u sliem, ta' grazzja u ġustizzja u mħabba, minn tarf għall-ieħor tad-dinja.

Aħna ġejna msejħin għal din is-saltna ta' Kristu, iżda biex inkunu veri ċittadini ta' din is-saltna rridu nagħtu widen għal dak li qalilna San Pawl illum: "Tgħixux skond il-ġisem, imma skond l-Ispirtu, biex bil-qawwa ta' l-Ispirtu tmewtu fikom l-għemejjel tal-ġisem." L-Ispirtu hu l-Ispirtu li rċevejna fil-Magħmudija tagħna u permezz tiegħu ssawwbet fina l-imħabba ta' Alla; huwa l-Ispirtu li qajjem lil Ġesù mill-imwiet, u li għad iqajjem il-ġisem imsejken tagħna għall-ħajja ġdida fis-sema.

X'għandna nagħmlu biex ngħixu skond l-Ispirtu? Inkunu xebh ma' Kristu, inkunu ta' qalb ħelwa u umli bħal Kristu; ikollna l-istess sentimenti li kellu Ġesù, sentimenti ta' ħniena, mogħdrija, tjieba, sabar, u fuq kollox imħabba. Huwa permezz ta' dawn is-sentimenti li aħna neqirdu fina l-għemejjel tal-ġisem, il-mibegħda, l-għira, is-suppervja, iż-żina, il-kburija u kull xorta ta' ħażen ieħør. Jekk ngħixu skond l-Ispirtu aħna nkunu nixbhu lil Ġesù, għax inkunu qed insallbu ġisimna bil-ġibdiet u l-ħajriet kollha tiegħu, ħa nkunu offerta safja li togħġob lil Alla.

**Il-ħmistax-il Ħadd tas-sena**

# Il-qawwa tal-kelma ta' Alla

## Il-qawwa tal-Kelma ta' Alla

Fil-Ħdud li ġejjin, Ġesù se jħabbrilna xi wħud mill-parabboli tiegħu, stejjer qsar u sempliċi li bihom il-Mulej Ġesù ried iwassal lill-umli u liċ-ċkejknin tad-dinja l-misteri tas-Saltna tas-smewwiet. Bħal Ġesù, l-Appostli, meta xterdu fid-dinja jħabbru l-Bxara t-Tajba, ma użawx il-kliem tqil ta' l-għorrief tad-dinja, imma l-kliem sempliċi tal-fqar u l-umli, kif jgħidilna San Pawl stess fl-Ittra tiegħu lill-Korintin: "Jiena ma ġejtx għandkom inxandar il-misteru ta' Alla bi kliem kbir jew għaref... il-kelma u l-aħbar tiegħi ma kenux imlibbsa bi kliem qawwi ta' l-għerf..." L-Evanġelju, San Pawl u l-Appostli l-oħra, ħabbruh bi kliem dgħajjef u nieqes għal kollox mit-tiżjin ta' l-għerf tad-dinja. U jekk dan, għaliex il-kelma ta' Kristu, ix-xandir ta' l-Appostli, f'inqas minn tliet mitt sena irnexxilhom iġibu bidla kbira fid-dinja pagana li fiha twieldet il-Knisja? It-tweġiba jagħtihielna l-profeta Isaija fl-ewwel qari ta' llum: il-profeta jxebbah il-Kelma ta' Alla max-xita u s-silġ u jinzlu fuq l-art u jsaqquha biex tagħti kotra ta' frott f'waqtu. Hekk il-Kelma ta' Alla toħroġ minn fommu u tagħmel dak kollu li jridha tagħmel, dak kollu jogħġob lilu.

Veru li l-Kelma ta' Alla hi setgħana u qawwija, imma lilna taslilna permezz tal-bnedmin: x'qawwa għalhekk jista' jkollha? Ikollha dejjem il-qawwa tagħha, jekk aħna nilqgħuha mhux bħala kelma ta' bniedem, imma bħala l-Kelma ta' Alla kif tassew hi; meta dan, tagħmel fina dak li Alla jridha tagħmel. Eżempji ta' dan għandna kemm irridu, speċjalment jekk naraw kif jaħdmu fina s-sagramenti tal-Mulej; iżda eżempju wieħed hu biżżejjed għalina llum. Is-saċerdot fil-qrar jgħidlek: "Jiena naħfirlek dnubietek", iżda huwa u jgħidlek dawn it-tliet kelmiet ikun qed jitkellem fil-persuna ta' Kristu, bħala ministru tiegħu; huwa Kristu nnifsu li qed jinqeda b'fomm il-ministru tiegħu biex iħabbarlek li dnubietek maħfura.

## Xi tħabbrilna l-Kelma ta' Alla

Il-Kelma ta' Alla bla ħeda tħabbrilna l-ħelsien mill-jasar tat-taħsir, meta jasal għalina l-waqt li nidħlu fis-sebħ bla tmiem tal-ħajja ta' dejjem. Issa f'din id-dinja rridu nbatu u nithiedu nistennew il-ħelsien tagħna mill-jasar tat-taħsir, iżda t-tbatijiet li nġarrbu f'din id-dinja, il-mard, id-dispjaċiri, l-azzjonijiet ħżiena tan-nies, ma huma xejn ħdejn is-sebħ li għad ingawdu fis-sema. U San Pawl ikompli jgħidilna li mhux il-bnedmin biss huma mxennqin għal dan il-ħelsien; imma l-ħolqien kollu, għax id-dnub mhux biss ġab diżordni fil-bniedem innifsu, meta l-ispirtu tiegħu minħabba d-

dnub ma setax irażżan aktar il-ġibdiet tal-ġisem, imma d-diżordni li ġab il-bniedem fih innifsu nxtered ukoll fil-ħolqien kollu, għax il-bniedem ma baqax juża l-ħlejjaq li Alla ħalaq skond ir-rieda ta' Alla, u għalhekk mill-ġmiel tal-ħolqien għamel, u għadu sa llum jagħmel, ħerba sħiħa u minflok wasal għall-għarfien ta' Alla mill-ġmiel tal-ħolqien, tah il-qima li tistħoqq biss lil Alla; il-bniedem "biddel lil dak Alla li ma jintemmx, ma' sura u xbieha ta' bniedem li jintemm, ta' għasafar, ta' bhejjem b'erba' saqajn, ta' sriep."

Dan seħħ tul iż-żminijiet kollha, u għadu jseħħ sa llum għax il-bnedmin li jagħlqu widnejhom għall-Kelma ta' Alla, joħolqu allat oħra għalihom, u l-allat ta' llum huma l-flus, is-setgħa, is-sess. Dan qed jiġri għax mhux kulħadd qed jilqa' l-Kelma ta' Alla kif għandu jilqagħha, kif jurina Ġesù bil-parabbola li tħabbritilna fl-Evanġelju.

## Kif nilqgħu l-Kelma ta' Alla

Mhux kulħadd jilqa' l-Kelma ta' Alla bl-istess mod, u dan tgħidulna mhux biss il-parabbola ta' llum imma wkoll il-ħajja pubblika kollha tal-Mulej. Lil Ġesù kien jmorru jisimgħuh kull xorta ta' nies, ilkoll kienu jisimgħu l-istess kliem iżda xi wħud il-kliem ta' Ġesù kienu jarawh iebes wisq u telquh, oħrajn qisuh dagħa u għalhekk riedu jikkundannawh għall-mewt u oħrajn baqgħu mexjin warajh għax għarfu li kliemu kien kliem tal-ħajja ta' dejjem. Dan qalu Gesù permezz tal-parabbola ta' dak li ħareġ jiżra', waqt li qalilna wkoll għaliex kien jitkellem bil-parabboli ħalli jseħħ dak li darba ħabbar il-profeta Isaija.

Ġesù tkellem bil-parabboli biex bi kliem sempliċi jirrivela l-misteri tas-Saltna tas-smewwiet: iċ-ċkejknin u l-umli, li kienu ta' qalb ħelwa u umli bħal Ġesù, fehmu dak li Ġesù ġie jħabbar lid-dinja; imma għall-kburin, għal dawk li kienu jqisu ruħhom l-għorrief u s-setgħanin tad-dinja, il-parabboli ta' Ġesù ma fehmuhomx; is-suppervja tagħhom għamiethom u "ħarsu kemm ħarsu ma raw xejn, u semgħu kemm semgħu ma fehmu xejn, għax kienu nies ta' qalb iebsa u għalqu widnejhom għall-verità."

Issa jekk aħna bħall-Fariżej, ma ridux jagħarfu min kien Ġesù, għalkemm inkunu smajna l-kelma ta' Alla, jista' jiġi x-xitan u jisirqilna dak li Ġesù żera' fi qlubna; jekk il-Kelma ta' Alla nilqugħa bil-ferħ iżda ma ngħożżuhiex f'qalbna hekk li mad-diffikultajiet li nibdew niltaqgħu magħhom malajr ninsewha għal kollox u nitfixklu fil-mixi tagħna; jekk inħallu l-inkwiet żejjed għall-ħwejjeġ tad-dinja ir-rabta żejda mal-ġid li jgħaddi, it-tfittix bla rażan tax-xalar u d-divertimenti, il-Kelma ta' Alla tħallina fejn inkunu; iżda jekk nilqgħuha bil-qalb, il-Kelma ta' Alla tagħmel kotra ta' frott fina, għax hi setgħana u qawwija u tagħmel dejjem dak li Alla jibgħatha tagħmel.

**Is-sittax-il Ħadd tas-sena**

# Int tagħti lill-midinbin żmien għall-indiema

## Il-ħniena bla qjies ta' Alla

Fl-Evanġelju ta' llum, il-Mulej iħabbrilna tliet parabboli, iżda l-Knisja llum trid naħsbu l-aktar fuq l-ewwel parabbola u nħallu ż-żewġ parabboli l-oħra għall-Ħadd li ġej. Għaliex qed tagħmel dan il-Knisja?

Ġesù, permezz ta' ħames parabboli qsar, jew aħjar permezz ta' ħames tixbihat ried iħabrilna l-misteru tal-Knisja tiegħu; tnejn minn dawn il-parabboli smajnihom illum, it-tlieta l-oħra jitħabbrulna l-Ħadd li ġej, meta nkunu nistgħu nimmeditaw flimkien fuq il-misteru tal-Knisja permezz ta' dawn il-ħames parabboli.

Illum Il-Knisja, fl-ewwel parabbola li ħabbrilna l-Evanġelju, tridna nimmeditaw fuq il-misteru tal-ħniena bla qjies li Alla juri magħna midinbin. It-tifsir tal-parabbola jagħtihulna l-ewwel qari tal-Quddiesa mill-Ktieb ta' l-Għerf: il-kittieb ifaħħar lil Alla għas-setgħa u l-qawwa tiegħu, għall-ġustizzja u l-ħniena tiegħu. Alla, jgħidilna l-Ktieb ta' l-Għerf, juri l-qawwa tiegħu huwa u jmexxi kollox skond il-ġustizzja, imma jrażżan lil min jitkabbar miegħu u jaħseb li Alla ma jistax għalih waqt li jkompli miexi 'l quddiem jagħmel dak li hu ħażin, jaħqar l-iltim u l-armla u jqarraq b'min hu dgħajjef u ma jiflaħx għalih. Alla lil min hu ħażin jiqaflu, iva, u jagħmel ħaqq miegħu, iżda l-ħaqq jagħmlu bil-ħniena, biex hekk jiġbed il-bniedem il-ħażin ħa jagħraf in-nuqqasijiet tiegħu u jerġa' lura mill-ħażen tiegħu. Alla ma jridx li l-bniedem ħażin jintilef, imma jridu jindem u jisgħob bih minn ħtijietu, u jerġa' lura għat-triq tas-sewwa, għax Alla jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw, u għalhekk irid li dawk li jridu jkunu dixxipli tiegħu juru huma wkoll ħniena mal-bniedem midneb biex jiġbduh għat-triq it-tajba. Alla, jgħidilna l-Ktieb ta' l-Għerf, irid li l-bniedem ġust ikun ħanin.

## It-tifsir tal-parabbola tas-sikrana

Dan kollu tgħidulna l-ewwel parabbola ta' l-Evanġelju ta' llum, il-parabbola ta' l-għalqa li fiha sidha żera' żerriegħa tajba, iżda bil-lejl ġie l-għadu tiegħu u żera s-sikrana. Il-qaddejja tas-sid, meta raw is-sikrana tinbet flimkien mal-qamħ, riedu jmorru jaqilgħuha, iżda s-sid ma ħallihomx. "Ħalluha tikber sa żmien il-ħsad", qalilhom, "u mbagħad iġbruha f'qatet u itfgħuha fin-nar, waqt li l-qamħ qegħduh fl-imħażen tiegħi."

L-Appostli ma fehmux il-parabbola, u talbu 'l Ġesù ifissrilhom; qalilhom li bil-parabbola tiegħu ried iħabbar li fid-dinja, fil-Knisja tiegħu wkoll, tul iż-żminijiet kollha, sa l-aħħar taż-żmien, it-tajbin u l-ġusti se jkollhom

fosthom l-inġusti u l-ħżiena; biss fl-aħħar żminijiet issir il-firda bejn it-tajbin u l-ħżiena u t-tajbin imorru fil-glorja ta' dejjem u l-ħżiena fin-nar bla tmiem.

Għaliex Alla ried li tul iż-żminijiet kollha l-ħżiena jitħalltu mat-tajbin, saħansitra fil-Knisja tiegħu wkoll? Iħallihom l-ewwelnett biex, kif qalilna l-Ktieb ta' l-Għerf, ikollhom żmien għall-indiema għax Alla jrid li huma wkoll isalvaw; iħalli wkoll il-ħżiena jitħalltu mat-tajbin biex dawn, bit-tiġrib tal-ħżiena, jitgħallmu s-sabar u hekk jimmeritaw glorja aqwa; u wkoll biex il-ġusti jkollhom mezz ieħor ħa juru l-ġustizzja tagħhom, billi jħabriku bl-għajnuna ta' Alla għall-konverżjoni tal-midinbin.

## L-imġiba tagħna mal-midinbin

Ħafna minna aħna bħall-qaddejja ta' sid il-għalqa li fiha nżergħet is-sikrana: li kien minn għalina l-ħżiena kollha jinqerdu minn fostna biex ma jġarrbuniex iżjed; ma nafux nuru ħniena magħhom, nagħdruhom, u nħajruhom jerġgħu lura għat-triq it-tajba, imma nistmerruhom u nikkundannawhom bla ħniena – mhux bħall-Mulej, twajjeb u ħanin, li jagħti lill-midinbin kollha żmien biex jindmu ħalli ma jintilfux għal dejjem.

Għax bnedmin dgħajfa, m'għandniex il-ħila nuru mogħdrija u ħniena ma' min jidneb, nikkundannawh minnufih u ninsew li jista' jasal il-waqt għalih li, imqanqal mill-grazzja ta' Alla, jerġa' lura minn triqtu l-ħażina. Għalhekk il-Knisja llum tqawwilna qalbna f'dan in-nuqqas ta' ħila tagħna bi kliem San Pawl Missierna. L-Appostlu jgħidilna li hemm dejjem l-Ispirtu s-Santu li jidħol għalina fin-nuqqas ta' ħila tagħna; aħna ma nafux nitolbu għall-midinbin, ma nafux nixtiequ l-konverżjoni tagħhom, imma l-Ispirtu ta' Alla jidħol għalina f'dan in-nuqqas ta' ħila tagħna bit-talb tiegħu, u jnebbaħna biex nitolbu għall-midinbin. It-tnehid li nitnehdu quddiem il-ħażen tad-dinja, m'huwiex ħlief it-tnehid ta' l-Ispirtu s-Santu fina: dan it-tnehid juri lil Alla li fl-aħħar mill-aħħar fil-fond ta' qalbna hemm xi xrara ta' ħniena għal min jiżbalja; hu l-Ispirtu s-Santu li jkun jaħdem fina bil-grazzja tiegħu, biex nitolbu għall-bnedmin kollha ħalli lkoll niksbu s-salvazzjoni u ma jiġrilniex bħas-sikrana u fl-aħħar taż-żminijiet immorru fin-nar ta' dejjem.

**Is-sbatax-il Ħadd tas-sena**

# Il-Misteru tal-Knisja

## Il-parabboli tas-saltna

L-Evanġelju ta' llum iħabbrilna tliet parabboli dwar is-Saltna tas-smewwiet, tliet parabboli li jorbtu ma' żewġ parabboli li tħabbrulna l-Ħadd li għadda, il-parabbola taż-żerriegħa tal-mustarda li meta tinbet u tikber issir siġra u fiha jsibu kenn l-għasafar kollha ta' l-ajru u l-parabbola tal-ħmira li mara tad-dar tħallat ma' tliet sigħan dqiq sakemm tkun għoliet l-għaġna kollha. X'irid iħabbrilna Ġesù dwar il-misteru tal-Knisja b'dawn il-ħames parabboli?

Naraw l-ewwel iż-żewġ parabboli tal-Ħadd li għadda: x'jgħidulna dwar il-misteru tal-Knisja? Il-parabbola taż-żerriegħa tal-mustarda, l-iżgħar fost iż-żrieragħ kollha, tħabbrilna li l-Knisja kellha bidu żgħir ħafna, "merħla żgħira" sejħilhom il-Mulej dawk id-dixxipli li baqgħu jemmnu fih sa l-aħħar, iżda din il-merħla żgħira xterdet ma' kullimkien fid-dinja u ġabret fi ħdanha dixxipli minn kull poplu u ġens, minn kull ilsien u nazzjon, u ħaddnet l-art kollha, minn tlugħ ix-xemx sa nżulha; u mhux biss xterdet ma' kullimkien imma, bħall-parabbola tal-ħmira, f'inqas minn tliet mitt sena biddlet id-drawwiet u l-fehmiet tan-nies li fosthom xterdet.

## It-tajbin u l-ħżiena fil-Knisja

Niġu issa għall-parabboli ta' l-Evanġelju ta' llum. It-tielet parabbola li tħabbritilna llum tħabbrilna l-istess verità li ħabbar Ġesù l-Ħadd li għadda bil-parabbola tas-sikrana. Il-Ħadd li għadda l-Mulej Ġesù qalilna li t-tajbin se jkunu mħalltin mal-ħżiena sa l-aħħar taż-żminijiet; illum jgħidilna li fil-Knisja wkoll it-tajbin u l-ħżiena jkunu mħalltin flimkien; dan jgħidulna bil-parabbola tax-xibka li taqbad kull xorta ta' ħut; biss meta s-sajjieda jinżlu fix-xatt issir l-għażla bejn il-ħut tajjeb u l-ħażin, kif fl-aħħar tad-dinja l-anġli tal-Mulej jifirdu t-tajbin mill-ħżiena, biex it-tajbin jidħlu fil-hena ta' dejjem u l-ħżiena jmorru fin-nar bla tmiem. Il-Ħadd li għadda rajna wkoll għaliex Alla jippermetti li jkun hemm il-ħżiena fost it-tajbin: Alla jippermettih biex it-tajbin juru mħabbithom għall-ħżiena billi jħabirku għall-konverżjoni tagħhom, jitgħallmu jistabru bihom, u jitolbu għalihom, u mhux jistmerruhom u jmaqdruhom – imaqdru iva l-ħażen tagħhom, iżda mhux lilhom, għax huma wkoll, għalkemm midinbin, huma msejħin għall-ħajja ta' dejjem, u t-tajbin għalhekk huma fid-dmir jgħinuhom ħa jsibu t-triq li twassal għall-ħajja ta' dejjem.

## Ġawhra ta' siwi kbir

Dan jagħmluh billi juruhom is-siwi kbir tal-grazzja li għandhom bħala membri tal-Knisja; għalkemm midinbin huma membri tal-Knisja u sakemm għadhom fid-dinja jistgħu jaslu, bl-għajnuna tat-tajbin, jifhmu s-siwi kbir tad-dinjità tagħhom ta' Nsara, dinjità li huma qed ikasbru bil-ħażen tagħhom. Il-Knisja hi ġawhra fina, teżor kbir li wieħed għandu jiċċaħħad minn kollox biex ikun membru tagħha.

Iżda aħna mhux dejjem nifhmu x'inhi l-Knisja għalina: xi drabi naraw iebes it-tagħlim tagħha, tqil il-ħarsien tal-liġijiet tagħha, xkiel il-kundanna tagħha ta' l-abort, ta' l-isterilizzazjzoni, tad-divorzju, tfixkil għal-libertà tagħna l-ħarsien tal-kmandamenti u tal-preċetti tagħha.

Hu għalhekk dmir tagħna li ntennu ta' spiss it-talba li għamel Salamun lil Alla meta laħaq sultan ta' Israel wara l-mewt ta' missieru David: ma talabx l-għana u l-ġid tad-dinja, ma talabx il-qerda ta' l-għedewwa tiegħu, imma talab biex Alla jagħtih moħħ għaref u għaqli biex jagħraf jaqdi dmirijietu skond ir-rieda ta' Alla. Aħna wkoll neħtieġu moħħ għaref u għaqli biex nagħrfu nimxu kif irid Alla fost it-taħwid u t-taqlib kollu tad-dinja ta' llum, biex nibqgħu dejjem fidili għas-sejħa tagħna li nkunu dixxipli tal-Mulej, għax għalhekk ġejna predestinati, kif ħabbrilna San Pawl fit-tieni qari ta' llum.

## Ngħixu bil-għaqal tul ħajjitna kollha

Għax Alla predestinana biex nieħdu sura xbieha ta' Ibnu, biex inkunu wlied adotitivi tiegħu, aħwa ma' Kristu, u werrieta miegħu tal-wirt tas-sema, Alla jagħtina l-għerf u l-għaqal kollu li neħtieġu biex ngħixu skond ma jridna hu; iżda l-Mulej iħallina fil-libertà tagħna, u għax liberi jista' jiġrilna dak li ġralu Salamun fi xjuħitu; bl-għerf u l-għaqal kollu li bihom żejnu Alla ma għarafx jirbaħ lilu nnifsu, twarrab minn Alla u waqa' fid-dnub. Hekk jiġri lilna wkoll jekk nafdaw fil-ħila tagħna biss, u ma nagħmlux użu mill-għerf u l-għaqal li Alla jagħtina permezz ta' l-Ispirtu s-Santu. Aħna presdestinati għas-sebħ tal-ħajja ta' dejjem, iżda aħna dan is-sebħ inwarrbuh fil-ġenb, u flok nissagrifikaw kull ma għandna u niċċaħdu minnu, ħa ngħożżu dejjem il-ġawhra ta' siwi kbir li hi għalina l-Knisja, bl-imġiba u l-egoiżmu tagħna, bl-abbuż tad-don tal-libertà li tana Alla, nistgħu nitilfu kull ma tana Alla u flok nidħlu fis-sebħ ta' dejjem, insibu ruħna kundannati għan-nar bla tmiem li nħalaq,mhux għalina, imma għax-xitan u l-ispirti ħżiena kollha.

**It-tmintax-il Ħadd tas-sena**

# L-Ewkaristija

## L-Ewkaristija

Fil-miraklu tat-tkattir tal-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet, li tħabbrilna fil-qari ta' l-Evanġelju ta' llum, għandna ħjiel tal-miraklu li kuljum isir fil-knejjes tagħna waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, il-miraklu ta' l-Ewkaristija, l-ikel tas-sema li l-Mulej ħallielna bħala tifkira tiegħu, fl-Aħħar Ikla li għamel mad-dixxipli qabel bata u miet għalina. Hi ikla sagrifiċjali li ġġedded is-sagrifiċċju li l-Mulej offra darba għal dejjem lill-Missier fuq is-Salib għall-maħfra tad-dnubiet; hi ikla sagrifiċjali li biha r-ruħ tagħna timtela bil-grazzja u jingħatalna r-rahan tal-ħajja ta' dejjem, għax, kif qal il-Mulej: "Kulmin jiekol ġismi u jixrob demmi jkollu l-ħajja ta' dejjem u ma jmut qatt."

## Il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż u l-Ewkaristija

B'liema mod il-miraklu li tħabbrilna llum jagħtina ħjiel ta' dak li jsir kuljum fil-knejjes kollha waqt is-sagrifiċċju tal-Quddiesa? Il-ġesti li għamel Ġesù biex b'ħames ħobżiet u żewġ ħutiet jitma' ħamest elef raġel, barra n-nisa u t-tfal, li marru warajh imxenqin biex jisimgħu l-kliem tal-ħajja ta' dejjem, huma l-istess ġesti li jagħmel kull saċerdot waqt il-liturġija ewkaristika tal-Quddiesa. X'għamel Ġesù? Ħa l-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet, refa' għajnejh lejn is-sema, bierek, qasam il-ħobżiet u tahom lid-dixxipli biex iqassmuhom lin-nies, u kulħadd kiel u xaba. U x'jagħmel Ġesù f'kull Quddiesa, permezz tas-saċerdot ministru tiegħu? L-istess ġesti li għamel fil-miraklu tat-tkattir tal-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet, l-istess ġesti li għamel ukoll fl-Aħħar Ikla tiegħu mad-dixxipli. Kull saċerdot, fit-Talba ewkaristika tal-Quddiesa, f'isem Ġesù u fil-persuna ta' Ġesù – *in persona Christi* – jgħid talba ta' barka u matulha jgħid u jagħmel dak li għamel Ġesù, u bi kliem Ġesù stess isir il-miraklu ta' l-Ewkaristija, il-ħobż jinbidel fil-Ġisem ta' Ġesù u l-inbid fid-Demm ta' Kristu, għalkemm jibqgħu x-xbihat tal-ħobż u l-inbid, u hekk jiġġedded is-sagrifiċċju tas-Salib. Iżda waqt li s-saċerdot ikun qed jgħid it-Talba Ewkaristika, ma narawx ebda qsim ta' ħobż: inħalluh barra? Fir-rit tagħna l-qsim tal-ħobż isir biss simbolikament, għax l-ostji li bihom isir it-tqarbin ikunu ġa mħejjijin minn qabel, iżda biex ma jintilifx għal kollox is-sinjal tal-qsim tal-ħobż, li fl-ewwel żminijiet tal-Knisja kellu importanza kbira, is-saċerdot qabel it-tqarbin jaqsam l-ostja tiegħu fi tliet biċċiet. Illum ukoll, f'ħafna postijiet, meta għall-Quddiesa ikun hemm grupp żgħir ta' nies, tintuża

ostja kbira, li mbagħad tinqasam f'ħafna biċċiet daqskemm ikun hemm nies għat-tqarbin u hekk is-simboliżmu tal-qsim tal-ħobż jidher sewwa. Iżda x'inhu dan is-simboliżmu? Ifissirulna San Pawl meta jgħidilna li f'kull Quddiesa aħna lkoll nieħdu sehem minn ħobża waħda, li hi l-Ġisem ta' Kristu. Dan jurih il-miraklu ta' l-Evanġelju ta' llum: b'ħames ħobżiet Ġesù tama ħamest elef raġel barra n-nisa u t-tfal; b'ħobża waħda ewkaristika – il-Ġisem ta' Kristu – maqsuma, jitmantnu eluf ta' eluf ta' dixxipli tal-Mulej tul iż-żminijiet kollha. U kif Ġesù qabbad lill-Appostli jqassmu l-ħames ħobżiet li tkattru lill-folla tan-nies li marret wara Ġesù, hekk tul iż-żminijiet f'kull Quddiesa, is-saċerdot, bħala ministru u appostlu ta' Kristu, jqassam lill-poplu ta' Alla l-ħobż ħaj li niżel mis-sema, Ġisem Kristu għall-ħajja ta' dejjem.

U kif il-Mulej ħejja ikla għall-folol kbar li marru warajh, wara li tħassarhom u fejjaqhom mill-mard kollu tagħhom, hekk tul iż-żminijiet jipprovdi ikel tas-sema għad-dixxipli tiegħu, wara li jfejjaqhom mill-ħażen kollu tagħhom bis-sagrament tar-rikonċiljazzjoni.

## L-ikel tal-poplu ta' Alla

L-Ewkaristija hi l-ikel tal-poplu ġdid ta' Alla, u għal dan il-poplu hi l-istedina li għamlilna l-profeta Isaija fl-ewwel qari tal-Quddiesa ta' llum; hi stedina biex infittxu l-ikel veru ta' ruħna, l-ikel li jtaffi x-xewqat kollha tagħna, flok infittxu l-ikel li toffri d-dinja bil-frugħat kollha tagħha, ikel li forsi għall-mument jagħtina pjaċir, iżda wara jħalli ħafna mrar u qrusa. L-ikel li jagħtina Ġesù hu ikel kollu ħlewwa u benna, ikel li bla heda jsaħħaħ fina l-imħabba li ssawwbet fi qlubna permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li ngħata lilna fil-Magħmudija tagħna. L-ikel bnin li jagħtina l-Mulej isaħħaħ fina r-rabta tagħna miegħu, tant li xejn ma jkun jista' jifridna minnu, kif jgħidilna San Pawl: la taħbit, la dwejjaq, la persekuzzjonijiet, la ġuħ, la għera u lanqas tiġrib, għax ebda ħliqa ma tista' tifridna mill-imħabba ta' Alla fi Kristu Ġesù.

**Id-dstatax-il Ħadd tas-sena**

# Il-qawwa tal-fidi

## San Pietru

"Bniedem ta' fidi żgħira, għaliex iddubitajt?" Dan il-kliem li Ġesù qal lil San Pietru, jista' jgħidu lilna wkoll, għaliex aħna wkoll, meta nsibu ruħna f'xi tiġrib nibdew niddubitaw mill-għajnuna ta' Alla, u naslu wkoll biex ngħidu li Alla nsiena. Ma nkunux neqsin mill-fidi, iżda l-fidi tagħna tkun dgħajfa ħafna, u għalhekk meta joktor it-tiġrib nibdew naqtgħu qalbna u niddubitaw bħal San Pietru. Għaliex? xi ġralu san Pietru? Wara li Ġesù għamel il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż, lill-Appostli bagħathom bid-dgħajsa lejn ix-xatt l-ieħor tal-baħar tal-Galilija, biex hu jibqa' waħdu u jgħaddi l-lejl jitlob fuq l-għolja. L-Appostli, huma u jaqsmu l-baħar, kellhom ir-riħ kontra tagħhom u kienu qed jitħabtu ħafna kontra l-ħalel, meta f'daqqa waħda raw lil Ġesù miexi fuq il-mewġ, u ħasbuh xi fantażma, iżda Ġesù qawwielhom qalbhom. San Pietru, meta għaraf li kien Ġesù tassew miexi fuq il-baħar, qallu biex jordnalu jmur ħdejh fuq l-ilma. Hawn San Pietru wera li ma kienx nieqes mill-fidi f'Ġesù, emmen li Ġesù se jieqaf miegħu huwa u miexi fuq l-ilma, iżda l-qawwa tar-riħ imlietu bil-biża' u beda jiddubita mill-għajnuna ta' Ġesù: sab ruħu qed iħabbat wiċċu ma' tiġrib kbir - ir-riħ qawwi – u naqsitu l-fidi. Hekk jiġri lilna wkoll kemm-il darba fil-ħajja tagħna ta' kuljum fid-dinja.

## Il-profeta Elija

Hekk ġara wkoll lill-profeta Elija fi żmien il-Patt il-Qadim. Il-profeta, bl-għajnuna ta' Alla, kien ġab rebħa sħiħa fuq is-saċerdoti ta' Bagħal fuq l-għolja tal-Karmelu. Imwettaq minn fidi qawwija fl-għajnuna ta'Alla, sfida lis-saċerdoti ta' Bagħal biex iħejju vittma għas-sagrifiċċju u jitolbu nar mis-sema biex jikkonsma s-sagrifiċċju tagħhom: għamlu l-jum kollu jitolbu u jgħajtu lil Bagħal biex jibagħtilhom nar mis-sema u kien kollu għalxejn; filgħaxija Elija ħejja l-vittma għas-sagrifiċċju tiegħu u talab lil Alla jibagħtlu nar mis-sema ħa jikkonsma s-sagrifiċċju tiegħu, u minnufh in-nar niżel mis-sema. Quddiem dan il-miraklu ta' l-għaġeb il-poplu kollu ħalla l-qima ta' Bagħal u reġa' lura għall-qima tal-veru Alla. Iżda dan kien biss għall-mument għax il-poplu lil Alla reġa' nsih u Elija ġie mfittex għall-mewt għax wara l-isfida kien qatel is-saċerdoti kollha ta' Bagħal b'xifer is-sejf.

Kollu mnikket minħabba l-imġiba tal-poplu, Elija telaq lejn id-deżert u xtaq imut; iżda Alla sejjaħlu waqt li kien rieqed, ipprovdilu l-ikel u qallu li dak l-ikel kien se jservih għal 40 jum u 40 lejl sa ma jasal fl-għolja tal-

Mulej, fil-Horeb. Hemm Alla kellem lil Elija, iżda ma kellmux f'wiri ta' qawwa u ta' setgħa, ma kellmux f'riefnu jofrok il-muntanja u jfarrak il-blat, ma kellmux f'theżżiża ta' l-art u fin-nar li ġie warajha, imma kellmu permezz ta' żiffa ħelwa, biex jurih li biss bil-kelma t-tajba kien jista' jsaħħaħ il-fidi tal-poplu fil-veru Alla; għalhekk Elija reġa' lura lejn Israel biex jaqdi l-missjoni tiegħu kif riedu Alla.

## San Pawl

Hekk qeda l-missjoni tiegħu San Pawl, kif juruna l-ittri kollha tiegħu: ma xandarx lil Kristu bil-kliem qawwi ta' l-għerf tad-dinja, imma umli u beżgħan u kollu mriegħed, ħabbar fost il-pagani dak li kien skandlu għalihom, is-Salib ta' Kristu, u dak li ma setgħux jifhmuh, il-qawmien mill-imwiet. Iżda l-fidi tiegħu fi Kristu kienet qawwija, għax kienet fidi mibnija fuq l-imħabba – xejn ma jista' jifridna mill-imħabba ta' Kristu qalilna l-Ħadd li għadda.

Alla lil San Pawl sejjaħlu biex ikun Appostlu tal-ġnus, kif sejjaħ lil San PIetru biex jibda jxandar l-Evanġelju fost il-Lhud, iżda San Pawl qatt ma nesa' lill-ġensu u kellu fidi qawwija li għad jasal żmien li fih il-Lhud ukoll għad jagħarfu lil Kristu bħala l-Messija mwiegħed mill-profeti. San Pawl kien imnikket ħafna jara lil ġensu jwebbes rasu u jiċħad lil Kristu, iżda fl-istess waqt kien żgur li ġensu wkoll għad jemmen fi Kristu. Minn fejn kienet ġejja din il-konvinzjoni, li l-Appostlu jsejħilha x-xhieda tal-kuxjenza tiegħu fl-Ispirtu s-Santu?

Mill-fidi tiegħu li Alla qatt ma kien se jonqos mill-wegħdiet tiegħu: Alla għażel lill-Israelin biex ikunu l-poplu tiegħu, għamel patt magħhom fis-Sinaj, tahom il-liġijiet u l-preċetti tiegħu, tahom il-liturġija tagħhom u qalilhom b'liema mod riedhom iqimuh, u Alla ried isir bniedem f'dan il-poplu li Alla kiseb għalih – kif jista' jkun għalhekk, jgħid San Pawl, li ma temminx li għad jasal żmien meta l-Lhud ukoll għad jemmnu? Tant kienet qawwija l-fidi ta' San Pawl f'din il-ħaġa, li jgħid li kien lest imut mifrud minn Kristu biex jara l-ġensu marbut ma' Kristu – fi kliem ieħor jgħid li kien lest jagħmel dak li hu għal kollox impossibbli, għall-konverżjoni ta' ġensu, meta Alla jrid u kif irid.

Wara li San Pawl iltaqa' ma' Kristu fit-triq ta' Damasku, qatt ma naqsitu l-fidi fih, iżda dejjem saħħaħha aktar bit-tiġrib li minnu għadda minħabba Kristu. Kemm għandna għalhekk x'nitgħallmu minn San Pawl biex, minkejja t-tiġrib kollu li ngħaddu minnu fil-ħajja tagħna fid-dinja ta' llum, ma niddubitawx bħal San Pietru quddiem l-irwiefen tal-ħażen li qed jonfħu madwarna, u ma naqtgħux qalbna bħall-profeta Elija quddiem l-imġiba tan-nies ta' llum, imma bħal San Pawl inkunu sħaħ fil-fidi tagħna, mibnija fuq is-Salib ta' Kristu.

**15 ta' Awissu**

# Il-Verġni Marija mtella' fis-sema

## Il-festi tal-Madonna

Fil-kalendarju liturġiku tal-Knisja nsibu mniżżlin ħafna festi u tifkiriet tal-Madonna; ħafna minn dawn il-festi huma festi ta' devozzjoni lejn il-Verġni Marija, oħrajn huma tifkira tal-manifestazzjoni tal-Verġni Marija f'xi mkien fid-dinja (Lourdes, Fatima), u oħrajn marbutin mal-pjan tas-salvazzjoni tad-dinja li sseħħ permezz ta' l-Iben ta' Alla magħmul bniedem għalina. Dawn ta' l-aħħar huma l-festi l-aktar importanti fil-kalendarju liturġiku tal-Knisja, għax juru s-sehem li kellha l-Verġni Marija fil-pjan tas-salvazzjoni: nagħtuha ġieħ bħal Omm Alla, għax bħala Omm Alla ġiet meħlusa minn kull tinġis tad-dnub sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha, u t-twelid tagħha ħabbar il-bidu ta' żminijiet ġodda għad-dinja; meta wasal il-waqt l-anġlu tal-Mulej ħabbrilha li fil-ġuf safi tagħha l-Iben ta' Alla kellu jsir bniedem bħalna, u li qaribtha Eliżabetta kienet saret omm fi xjuħitha, għalhekk marret toqgħod magħha għal xi xhur; tul il-ħajja ta' Ġesù fid-dinja, issieħbet fin-niket u l-ferħ kollu tiegħu, fin-niket tiegħu li laħaq kobor sħiħ ħdejn is-Salib, u fil-ferħ bla qjies fil-qawmien tiegħu mill-imwiet; u wara li temmet il-missjoni li Binha fdalha minn fuq is-Salib, ġiet imtella' fis-sema bir-ruħ u l-ġisem, ħdejn Binha fil-glorja tiegħu, u ġiet inkurunata sultana tal-ħolqien kollu.

## Il-misteru tat-tlugħ fis-sema

Għall-Knisja din hi l-akbar festa tal-Madonna. Hu proprju f'dan il-misteru tal-glorifikazzjoni tal-Verġni Marija, tat-tlugħ ta' Marija bir-ruħ u l-ġisem fis-sema, li l-Knisja tara dak li tixtieq u tittama li tikseb fl-aħħar taż-żmien. San Pawl fl-Ittra tiegħu lill-Korintin, jgħidilna li kif Kristu qam mill-imwiet l-ewwel fost dawk li raqdu, aħna lkoll li aħna ta' Kristu, għad inqumu mill-imwiet, imma mhux minnufih, iżda fl-aħħar taż-żmien meta l-aħħar għadu tagħna, il-Mewt, jiġi megħlub. Iżda Alla ried li din ir-regola jkollha eċċezzjoni li twettaqha, u din l-eċċezzjoni kienet il-Verġni Marija. Alla ma riedx li Omm Ibnu tistenna l-glorifikazzjoni tagħha sa l-aħħar taż-żmien, iżda riedha tgawdiha minnufih: ma kienx jixraq li dik li fil-ġuf safi tagħha ġabet l-Iben ta' Alla magħmul bniedem, dik li lanqas għall-mument wieħed biss ma kienet qatt taħt is-setgħa tax-xitan, tara t-taħsir tal-qabar; hekk il-Verġni Marija ġiet imtella' fis-sema bir-ruħ u l-ġisem: malli għalqet għajnejha għal din id-dinja, qisha daħlet f'raqda ħelwa, saret għall-Knisja, għall-ġemgħa kollha ta' dawk li jemmnu, sinjal ta' dak li jittamaw u jemmnu li għad ikunu fl-aħħar taż-żmien.

## Marija: arka tal-Patt il-Ġdid - il-Mara liebsa x-xemx

Din id-dinjità tal-Verġni Marija ġiet imħabbra taħt ix-xbihat fi żmien il-Patt il-Qadim u ġiet imfissra simbolikament fl-Apokalissi tal-Patt il-Ġdid. L-Arka tal-Patt fit-Testment il-Qadim li kienet tfisser il-preżenza ta' Alla fost il-poplu, kienet magħmulha mill-injam tal-gazzi, injam li ma jitħassar qatt, u kellha sehem sħiħ fil-ġrajja mqallba kollha tal-poplu tal-Patt il-Qadim. Dan kollu hu xbieha tal-Verġni Marija: permezz tagħha Alla ġie jgħammar fost il-poplu tiegħu għax fil-ġuf safi tagħha sar bniedem bħalna; u mħabba f'hekk ġisimha ma rax it-taħsir tal-qabar għax minnufih ġiet imtella' fis-sema bir-ruħ u l-ġisem, u għalkemm qiegħda ħdejn Binha fis-sema, tinsab fostna u tieħu ħsiebna.

San Ġwann f'dehra ra l-Arka tal-Patt fit-tempju ta' Alla fis-sema, raha bħala Mara liebsa bix-xemx u bil-qamar taħt riġlejha u bi tnax-il kewkba ma' rasha: kienet mhedda mid-dragun ta' l-infern hi u Binha li wildet. Kliem San Ġwann fl-Apokalissi nistgħu nifhmuh kemm għall-Verġni Marija u kemm għall-Knisja, u dan iwettaq li ġa għedna li f'Marija mtella' s-sema l-Knisja tara dak li tixtieq u tittama li tkun fl-aħħar taż-żmien, meta tgħaddi s-sura ta' din id-dinja.

## Inroddu ħajr għall-ħwejjeġ kbar li s-Setgħani għamel ma' Marija

F'din il-festa kbira ta' llum ma għandniex nagħmlu ħaġ'oħra ħlief nissieħbu fl-innu ta' tifħir u ta' radd il-ħajr li lissnet Marija wara li qaribtha Eliżabetta selmitilha: "Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-salvatur tiegħi". B'dan l-innu ta' tifħir u radd il-ħajr lil Alla, Marija tgħallimna kif għandna nkunu nixbħuha fl-umiltà tagħha: ma ħbietx id-dinjità li għaliha Alla għoġbu jgħolliha; għarfet li din id-dinjità tahielha s-Setgħani; l-għeġubijiet li seħħu fiha u madwarha ma għamlithomx hi, imma s-Setgħani għax għaraf iċ-ċokon tagħha u ried li tkun mogħtija ġieħ tul iż-żminijiet bħala l-Omm l-aktar sabiħa ta' Alla. Aħna wkoll illum irridu nagħtuha ġieħ, għax qatt ma naqasna l-ħarsien tagħha, mhux biss fl-imgħoddi, imma wkoll fi żminijietna. Rajna b'għajnejna u ħassejna l-ħarsien tal-Verġni Marija, speċjalment fil-ġranet tal-gwerra; jalla tkompli tħarisna fost it-taqlib u t-taħwid tad-dinja ta' llum biex nibqgħu ngħożżu d-dinjità tagħna ta' poplu Nisrani, minkejja li xi wħud minna llum ma għadhomx jifhmu din id-dinjità u warrbuha fil-ġenb; iżda l-Verġni Marija mhux se tonqosna qatt u tgħinna nġibu rebħa sħiħa fuq is-setgħat tal-ħażen.

**L-għoxrin Ħadd tas-sena**

# Is-sejħa tal-ġnus

## Il-konverżjoni tal-Lhud

Il-Ħadd li għadda rajna x'qawwa ta' fidi kellu San Pawl li għad jasal żmien li fih ġensu wkoll, l-Israelin, jemmnu li l-Mulej Ġesù, l-Iben ta' Alla magħmul bniedem għalina, hu verament il-Messija mwiegħed mill-profeti. Illum ukoll San Pawl jgħidilna b'din il-konvinzjoni tiegħu, mibnija fuq il-fidi f'Alla li qatt ma jonqos mill-wegħdiet tiegħu, għax il-fedeltà ta' Alla tibqa' għal dejjem.

Bħala Appostlu tal-ġnus San Pawl kien jifraħ jara l-ġnus, li fosthom kien iħabbar lil Kristu, jilqgħu bil-qalb il-Kelma tiegħu. Iżda San Pawl kull fejn mar, fil-vjaġġi missjunarji tiegħu, kien dejjem l-ewwel ifittex lil Lhud fis-sinagogi tagħhom għax lilhom, bħala l-poplu li Alla għażel għalih, kien jixraq li l-ewwel jitħabbar l-Evanġelju tas-salvazzjoni; iżda l-Lhud ma kinux iridu jisimgħu kliem San Pawl, għalhekk San Pawl kien idur lejn il-pagani li kienu jilqgħu bil-ferħ il-kelma tiegħu. It-twarrib tal-Lhud, jgħidilna San Pawl, kien ta' siwi għad-dinja kollha, għax il-pagani laqgħu l-bxara t-tajba tas-salvazzjoni u emmnuha. Dan kompla wettaq lil San Pawl fil-fidi tiegħu fil-provvidenza ta' Alla: jekk it-twarrib tal-Lhud, jgħid San Pawl, kien għajn ta' ġid għall-pagani, kemm aktar ikun għajn ta' ġid għad-dinja kollha meta l-Lhud ukoll jibdew jemmnu fi Kristu. Dan iseħħ żgur għax Alla qatt ma jerġa' lura mid-doni u s-sejħat tiegħu: kif Alla ħenn għall-pagani minkejja d-diżubbidjenza tagħhom meta warrbu 'l Alla biex iqimu l-ħlejjaq tiegħu, hekk ukoll il-Lhud għad isibu ħniena minkejja d-diżubbidjenza tagħhom li ma ridux jagħarfu 'l Ġesù bħala l-Messija mwiegħed.

## Is-sejħa tal-pagani

San Pawl kien iħoss li l-ministeru tiegħu fost il-pagani kien se jkun ta' siwi għal ġensu: kien jittama li l-ħeġġa li biha l-pagani kienu jilqgħu l-Bxara t-Tajba ta' Kristu (li bħala bniedem kien ta' ġens Lhudi, kif Lhud ukoll kienu l-Appostli) tasal biex tqanqal fil-Lhud l-għira u huma wkoll fl-aħħar jemmnu fl-Evanġelju. Hekk iseħħ dak li kemm-il darba ħabbru l-profeti, li għad ikun hemm żmien li fih ulied il-frustier, jiġifieri l-pagani, huma wkoll għad jitilgħu fuq l-għolja tal-Mulej u jingħaqdu mal-Lhud ħa jagħtu qima lill-veru Alla.

Dan ħabbru l-profeta Isaija, li ħeġġeġ lil-Lhud biex jagħmlu dak li hu sewwa u skond il-ġustizzja, għax fost il-pagani wkoll, fost ulied il-frustier,

kien hemm min qed jaqdi l-Mulej, iħares il-patt tiegħu u jagħtih qima: għalhekk dawn ulied il-frustier għad jitwasslu fuq l-għolja mqaddsa tal-Mulej, jidħlu fit-tempju tiegħu, joffrulu sagrifiċċji li jogħġbuh fuq l-artal tiegħu: hekk għad jiġi żmien li t-tempju tal-Mulej ikun id-dar tat-talb għall-ġnus u għall-popli kollha.

## Il-fidi tal-mara Kangħanija

Il-verità tal-kliem tal-profeta narawha sseħħ fl-episodju ta' l-Evanġelju ta' llum. Mara Kangħanija, u għalhekk pagana, resqet lejn Ġesù titolbu l-fejqan ta' bintha maħkuma mix-xitan. Ġesù ma weġibhiex kelma u meta d-dixxipli talbuh jeħles minnha għax kienet iddejjaqhom, qalilhom: "Jien ma ġejtx mibgħtu ħlief għan-nagħaġ li ntilfu tad-dar ta' Israel." Kliem Gesù seta' jiftiehem li hu ma kienx jimpurtah xejn mill-konverżjoni tal-pagani, iżda mhux hekk. Il-missjoni ta' Ġesù kellha sseħħ fost il-Lhud, iżda meta Ġesù temm il-missjoni tiegħu fuq l-art, bagħat l-Appostli jwasslu l-Bxara t-Tajba tas-salvazzjoni lill-ġnus kollha tad-dinja, sa truf l-art.

L-Evanġelju ta' llum mhux jgħidilna li l-pagani huma mwarrbin mill-pjan tas-salvazzjoni, imma qed jurina biss li l-pagani biex jiksbu s-salvazzjoni jridu jemmnu, għax mingħajr il-fidi ma jistgħux jogħġbu lil Alla. L-episodju kollu jurina l-ħtieġa tal-fidi. Ġesù għamel il-miraklu mal-Kangħanija għax il-fidi tagħha kienet kbira. "Mur", qalilha, "għax il-fidi tiegħek kbira: ħa jsirlek kif tixtieq". Il-mara wriet il-fidi tagħha bil-mod kif wieġbet għall-kliem Ġesù meta qalilha li mhux sewwa tagħti ħobż l-ulied lill-klieb.

Il-ħtieġa tal-fidi għas-salvazzjoni wrieha wkoll il-profeta Isaija meta ħabbar li wlied il-frustier ukoll għad jitilgħu fuq l-għolja tal-Mulej jekk jintrabtu li jaqduh u jħobbu l-isem qaddis tiegħu, jiġifieri jekk jemmnu fih. Iżda din il-fidi trid tkun mhux bil-kliem biss: il-pagani, iħabbar il-profeta, jitilgħu fuq l-għolja tal-Mulej jekk ikunu qaddejja tiegħu u jħarsu s-Sibt, u jżommu sħiħ il-patt tiegħu, jiġifieri l-kmandamenti.

Aħna lkoll, li aħna minn nisel il-ġnus, ilqajna li ngħożżu l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni: jalla ma nonqsu qatt mill-fidi tagħna fil-Mulej u nħarsu bir-reqqa kollha l-kmandamenti tiegħu, kif tfissirihomlna l-Knisja, ħalli qatt ma tonqosna l-għajnuna tal-Mulej, kif ma naqsitx lill-mara Kangħanija minħabba l-fidi kbira tagħha.

**Il-wieħed u għoxrin Ħadd tas-sena**

# Is-setgħa ta' l-imfietaħ

## Sebna u Eljaqim

Il-fatt li l-profeta Isaija jsemmi fil-qari ta' llum, jgħinna nifhmu aħjar kliem Ġesù lil San Pietru: "Jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-smewwiet."

Dwar il-fatt li jsemmi Isaija ma nafu xejn ħlief dak li tħabbar lilna llum; la nafu min kien Sebna u lanqas min kien Eljaqim, bin Elqija, li ħadlu postu. Sebna kellu setgħa sħiħa fil-palazz tas-sultan, imma għaliex Alla warrbu mill-uffiċċju tiegħu ma nafux; iżda kienet x'kienet ir-raġuni għaliex Sebna ġie mwarrab mill-uffiċċju tiegħu lilna ftit jimpurtana, kif ukoll ftit jimpurtana għaliex Eljaqim ħadlu postu. Importanti għalina hu l-kliem li bih il-profeta Isaija fisser is-setgħa li ngħatat lil Eljaqim: Alla, jgħid il-profeta, lil Eljaqim se jqegħdlu fuq spallejh il-muftieħ tad-dar ta' David. Minn kliem il-profeta nifhmu li Eljaqim kien se jkollu setgħa sħiħa fuq is-saltna kollha ta' Israel, setgħa hekk assoluta li ħadd ma kien jista' jindaħallu, setgħa li se tkun tiegħu għal dejjem: "u nwaħħlu bħal musmar fis-sod, u jkun tron glorjuż għall-familja ta' missieru", jiġifieri s-setgħa li se jkollu se tkun ta' ġieħ kbir għalih u għal ġensu kollu; u din is-setgħa kienet se tkun ta' ġid ukoll għall-poplu kollu ta' Alla, għaliex se jkun missier in-nies kollha ta' Ġerusalemm, in-nies kolha tal-Lhudija, u se juri s-setgħa tiegħu fuqhom mhux bħala tirann imma bħala missier, bħal Alla, il-Missier ta' kulħadd.

## Is-setgħa ta' San Pietru

Dan il-kliem tal-profeta narawh iseħħ fil-milja kollha tiegħu f'San Pietru: lilu l-Mulej qal: "Jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-smewwiet, u kull ma torbot fuq l-art ikun marbut fis-smewwiet, u kull ma tħoll fuq l-art ikun maħlul fis-smewwiet". Is-setgħa li l-Mulej ta lil San Pietru ma kenitx setgħa ta' din id-dinja, iżda setgħa sħiħa fis-Saltna tas-smewwiet, jiġifieri setgħa sħiħa fil-Knisja, li Kristu riedha, għall-bnedmin kollha, il-bieb li jwassal għas-saltna tas-sema, għas-salvazzjoni ta' dejjem għaliex ma hemmx salvazzjoni barra mill-Knisja. Permezz tal-Knisja biss wieħed jista' jsalva, u San Pietru għandu s-setgħa jgħid kif il-bnedmin isalvaw permezz tal-Knisja, billi jxandrilhom f'isem Kristu t-tagħlim tal-Mulej u jfissru skond il-ħsieb tal-Mulej, li jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu għall-ħajja ta' dejjem. San Pietru jiftaħ għall-bnedmin kollha ta' rieda tajba l-bieb tas-sema u jagħalqu għall-ħżiena. Din is-setgħa San Pietru jaqdiha

bil-mod kif hu stess fissru fl-ewwel ittra tiegħu: jaqdiha mhux bilfors, imma minn qalbu, mhux għall-qligħ baxx imma bil-ħeġġa ta' l-imħabba, mhux bħallikieku jaħkem bil-qawwa imma billi jkun ta' eżempju għall-merħla tal-Mulej.

## Mibnijin fuq il-blata tal-fidi

Din is-setgħa San Pietru rċeviha għall-fidi tiegħu fi Kristu l-Mulej: imnebbaħ mill-Ispirtu s-Santu, hu, f'isem l-Appostli l-oħra, stqarr li Kristu hu l-Messija, l-Iben ta' Alla l-ħaj; u kien għal din il-fidi tiegħu, minkejja li fil-lejl tal-passjoni ċaħad lil Kristu tliet darbiet, il-Mulej qallu biex meta jerġa' lura għas-sewwa, meta jpatti għat-tliet ċaħdiet tiegħu bi tliet stqarrijiet ta' fidi u ta' mħabba fi Kristu, hu jwettaq lil sħabu fis-sewwa.

San Pietru jaqdi l-missjoni tiegħu bħala missier, bħala ragħaj li jagħraf in-nagħaġ tiegħu kollha b'isimhom, u bil-ħlewwa jmexxihom lejn il-mergħat ta' dejjem mill-widien mudlama tad-dinja tad-dnub, u jara li jkollhom ikel bnin għas-saħħa tagħhom, l-ikel tal-Kelma ta' Alla u l-ikel ewkaristiku.

Alla ried li kull setgħa tingħata lil San Pietru biex imexxi li-Knisja tiegħu fuq l-art: setgħa tal-biża', iżda San Pietru jħaddimha bil-qawwa ta' Alla, ta' l-Ispirtu ta' Alla li hu dejjem miegħu biex qatt ma tonqoslu l-fidi mibnija fuq il-blata li hu Kristu.

## Min jifhem ħsieb il-Mulej?

Quddiem din is-setgħa ta' l-għaġeb li l-Mulej ried jafda lil bniedem dgħajjef, li kien wasal ukoll biex jiċħad lill-Mulej f'mument ta' tiġrib, u li beka biki ta' mrar għan-nuqqas tiegħu, u patta għalih billi għal tliet darbiet stqarr l-imħabba tiegħu għall-Mulej; quddiem setgħa bħal din, ma nistgħux nagħmlu ħlief nissieħbu ma' San Pawl u nfaħħru l-għana, l-għerf u l-għaqal ta' Alla. Min jista' jifhem ħsieb il-Mulej li bħala kap tal-Knisja tiegħu ma għażilx id-dixxiplu maħbub, li medd rasu fuq sider il-Mulej fl-Aħħar Ikla u li kien hu biss mill-Appostli kollha ssieħeb mal-Madonna u mal-Maddalena ħdejn is-Salib, imma għażel wieħed li ċaħdu għax beża', bniedem li kien ċanfar għan-nuqqas ta' fidi tiegħu u għax ipprova jlumu biex ma jitlax Ġerusalemm ħa jagħmel dak li riedu jagħmel il-Missier għas-salvazzjoni tad-dinja.

Ma nistgħu qatt nifhmu x'inhuma l-ġudizzji ta' Alla, qatt ma nistgħu nkunu nafu x'inhuma l-ħsibijiet tiegħu: għalhekk quddiem din is-setgħa hekk kbira ta' San Pietru u tas-suċċessuri tiegħu fil-Knisja ma nistgħux nagħmlu ħaġ'oħra ħlief ngħidu għal Alla: "kollox ġej minnu, kollox għalih, kollox permezz tiegħu: lilu glorja u sebħ għal dejjem ta' dejjem."

It-tnejn u għoxrin Ħadd tas-sena

# Nerfgħu salibna wara Ġesù

## Is-slaleb tagħna

"Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu u jimxi warajja." Aħna naraw dan il-kliem ta' Ġesù iebes wisq, għaliex Ġesù qed jgħidilna li biex inkunu tassew dixxipli tiegħu rridu niċħdu lilna nfusna, immutu għalina nfusna, nitilfu l-istess ħajja tagħna f'din id-dinja biex niksbu l-ħajja ta' dejjem. Titlef ħajtek f'din id-dinja jfisser li tiċħad li tgħix skond il-fehmiet tad-dinja, tmur kontra l-fehmiet tan-nies tad-dinja. U x'inhuma dawn il-fehmiet? M'humiex fehmiet ta' mħabba għal min jagħmillek id-deni, m'humiex fehmiet ta' maħfra għal min jagħmillek xi ħsara, m'humiex fehmiet ta' solidarjetà u ta' għajnuna għal min hu fil-bżonn; il-fehmiet ta' mħabba, ta' maħfra ta' solidarjetà, jekk aħna neqsin mill-imħabba ta' Alla, jekk aħna ma għandniex l-Ispirtu ta' Alla, narawhom fehmiet iebsin wisq, toqol u madmad li ma nifilħux għalihom, għax in-natura dgħajfa tagħna ma tiflaħhomx. Iżda dawn huma s-slaleb li rridu nerfgħu fuq spallejna biex nimxu wara Ġesù, huma l-għemejjel ta' ħniena u ta' tjieba li juru li aħna tassew dixxipli tal-Mulej, għaliex bihom inkunu qed nippruvaw nixbhu l-Mulej fit-tjieba u l-imħabba tiegħu għalina l-bnedmin, għaliex aħna u nagħmlu dawn l-għemejjel ta' tjieba u ħniena ma' ħutna fil-bżonn, il-Mulej iqishom magħmulin lilu stess.

## Il-biża' tas-slaleb tagħna

F'għajnejn in-nies tad-dinja, meta aħna nagħmlu dawn l-għemejjel ta' tjieba u ta' ħniena, aħna nkunu qed naħlu ħajjitna, qed nitilfu u qed niċċaħdu minn qagħda tajba, minn qagħda liema bħalha fid-dinja ta' llum. Imma, jgħidilna Ġesù, x'jiswielna li jkollna l-ġid u l-ġieħ kollu tad-dinja u mbagħad nitilfu l-ħajja ta' dejjem li għaliha ġejna maħluqin? Ħsibijiet bħal dawn, aħna ndumu biex nifhmuhom, għax ħsibijietna aktar jmorru fuq l-iskomdu li dawn l-għemejjel joħolqulna milli fil-ġid li jagħmlulna għall-ħajja ta' dejjem. L-istess natural tagħna l-bnedmin natural imdgħajjef minħabba d-dnub, iwassalna biex nibżgħu minn kull għemil li se jkun ta' skomdu għalina, u jwassalna wkoll biex, meta naraw xi ħadd għażiż għalina fi ħsiebu jidħol għal dawn l-għemejjel tal-ħniena, ma naħsbuhiex darbtejn u nippruvaw inbiddlulu fehmtu. Bħalma għamel San Pietru ma' Ġesù meta semgħu jgħid li kien jeħtieġlu jitla' Ġerusalemm biex hemm ibati u jmut: beda jlumu lil Ġesù San Pietru biex ma jitlax Ġerusalemm għax ma ridux ibati, tant kien iħobbu: imma San Pietru kien qed jaħsibha

bħala bniedem u ma kienx qed jagħraf il-ħsieb ta' Alla, u għalhekk ħaqqu ċanfira mingħand il-Mulej: "Itlaq minn quddiemi xitan; inti tfixkil għalija għax m'intix tqis il-ħwejjeġ ta' Alla."

## L-eżempju ta' Ġeremija

Din iċ-ċanfira tistħoqq lilna wkoll għax bħal San Pietru aħna nibżgħu mis-sagrifiċċji u t-taħbit li aħna u l-għeżież tagħna jridu jgħaddu minnhom biex jibqgħu fidili għas-sejħat ta' Alla. Quddiem is-sagrifiċċji li l-Mulej isejħilna nagħmlu biex inkunu tassew dixxipli tiegħu, kemm-il darba nġibu ruħna bħall-profeta Ġeremija li meta sab ruħu f'tiġrib kbir, huwa u jaqdi l-missjoni li għaliha sejjaħlu l-Mulej, u ma felaħx aktar għall-persekuzzjonijiet u l-mibegħda tan-nies, ħadha kontra Alla, u qal: "Qarraqtni u jiena tqarraqt... sirt żeblih tan-nies, u ħlief tgħajjir u tmaqdir ma nismax kuljum". Xtaq jiċħad il-missjoni li għaliha Alla sejjaħlu, imma l-qawwa ta' l-Ispirtu ta' Alla li kienet twettqu, ma ħallitux; ħass nar imkebbes ġewwa fih, in-nar ta' l-Ispritu ta' Alla, li ma ħallihx kwiet, u Ġeremija kompla jaqdi l-missjoni li għaliha Alla kien sejjaħlu, għax il-fidi tiegħu f'Alla kienet kbira u setgħet tegħleb kull tfixkil. Hekk jiġri lilna wkoll. Aħna msejħin biex inkunu veri dixxipli ta' Kristu, mexjin warajh, mgħobbijin bis-slaleb tagħna, bit-tiġrib u l-inkwiet u t-taħbit kollu tagħna biex nagħtu xhieda ta' mħabba tassew nisranija, xhieda vera ta' Kristu, u dan imsallab.

## It-twissijiet ta' San Pawl

Din kienet ix-xhieda li ta San Pawl, u din ix-xhieda nistgħu nagħtuha aħna wkoll jekk nilqgħu t-twissijiet tiegħu: "Nitlobkom, ħuti," qed jgħidilna San Pawl, "għall-ħniena ta' Alla, offru ġisimkom bħala vittma ħajja, qaddisa li togħġob lil Alla, b'qima spiritwali". Din l-offerta tagħna nfusna biex inkunu vittmi ta' mħabba għal Kristu, nagħmluha kull darba li aħna nissieħbu fis-sagrifiċċju tal-Quddiesa, billi nissieħbu ma' Ġesù fl-offerta tiegħu lill-Missier għas-salvazzjoni tad-dinja. F'hiex tikkonsisti din l-offerta tagħna? Ikompli jgħidulna San Pawl: "Timxux max-xejra ta' din id-dinja, għarfu x'inhi s-sewwa". Aħna u nkunu nagħmlu dak li qed jgħidilna San Pawl, inkunu qed nerfgħu s-salib tagħna wara l-Mulej, inkunu qed nitilfu u niċċaħdu mill-ħajja komda tad-dinja, imma nkunu qed nirbħu l-ħajja ta' hena u sliem bla qjies li tibqa' għal dejjem, fis-Saltna tas-smewwiet.

# Il-korrezzjoni ta' l-aħwa

## L-imħabba tal-proxxmu

"Qisu li ma jkollkom ebda obbligazzjoni lejn ħadd, ħlief li tħobbu lil xulxin... għax l-imħabba hi l-milja tal-liġi." Meta aħna nuru mħabba għall-proxxmu tagħna, aħna nkunu qed inħarsu l-aħħar seba' kmandamenti ta' Alla, "il-kmandamenti la tiżniż, la toqtolx, la tisraqx, la tkunx rgħib, u kull preċett ieħor", kif smajna lil San Pawl jgħidilna llum. Huma preċetti, ikompli jgħidilna l-Appostlu, li jinġabru f'kelma waħda: "Ħobb lil għajrek bħalek innifsek". Dak l-għemil li ma rridux li jsir lilna, lanqas aħna ma għandna nagħmluh lil ħaddieħor.

Iżda mhux dan biss jitlob il-kmandament ta' l-imħabba: ma jitlobx biss li ma nagħmlux deni u ħsara, imma jordnalna wkoll li nagħmlu l-ġid lill-proxxmu tagħna; u tagħmel il-ġid lil għajrek ifisser ukoll li tagħmel ħbieb miegħu, taħfirlu l-ħtijiet li jagħmillek, tinsiehom qishom qatt ma kienu; ifisser ukoll li għandek tagħmel ħiltek kollha biex treġġa' lura għat-triq it-tajba lil min tarah qabad triq ħażina.

Dan qed tħabbrilna l-Knisja llum: bħala nsara, bħala membri tal-Ġisem ta' Kristu li hu l-Knisja, aħna niffurmaw xirka waħda ta' mħabba u għalhekk aħna fid-dmir li din ix-xirka ma nħalluhiex tiddgħajjef, imma nsaħħuha dejjem iżjed.

## Ngħassu fuq ix-xirka ta' l-imħabba

Ix-xirka ta' l-imħabba tiddgħajjef bid-dnub, u għalhekk mhux biss irridu noqogħdu attenti li ma nagħmlux dnubiet aħna stess, imma għandna nfittxu wkoll li nbiegħdu mid-dnub lil xi ħadd minn ħutna fi Kristu li qed idgħajjef ix-xirka ta' l-imħabba bl-imġiba u l-għemil tiegħu.

Aħna, jgħidilna l-profeta Eżekjel, aħna għassiesa fuq id-dar ta' Israel; fi kliem ieħor, aħna, bħala nsara, irridu ngħassu biex ma jsir xejn li jista' jdgħajjef ix-xirka ta' l-imħabba li hemm bejn dawk kollha li jemmnu fi Kristu l-Mulej; għalhekk, jgħidilna l-profeta, jekk naraw lil xi ħadd qed jidneb, għandna nwissuh biex jerġa' lura minn ħżunitu, u jekk dan ma nagħmluhx u l-midneb imur fit-telfien ta' dejjem, aħna jkollna sehem mill-ħtija u l-kundanna tiegħu; iżda jekk aħna nagħmlu ħilitna u nwiddbuh, imma hu jibqa' jagħmel dak li hu ħażin, hu jmur fit-telfien ta' dejjem, imma aħna nkunu salvajna ruħna.

## Kif inbiegħdu mid-dnub lill-midneb

Iżda kif għandna nwiddbu lill-ħażin biex jerġa' lura mit-triq il-ħażina li jkun qabad? Jgħidulna Ġesù: bil-kelma t-tajba, mingħajr ma noqogħdu nxandruh; u jekk ma jismax minna ma għandniex naqtgħu qalbna imma nfittxu l-għajnuna ta' xi ħadd ieħør biex dan bil-kelma t-tajba tiegħu jasal fejn ma waslniex aħna; u dan għandna nagħmluh sakemm ikun hemm it-tama li dak il-midneb xi darba se jisma'; meta mbagħad narawh iwebbes rasu fid-dnub, ma għandniex nagħmlu ħaġ'oħra ħlief nitolbu għalih biex l-Ispirtu ta' Alla jagħtih il-grazzja tal-konverżjoni.

## Il-ħtieġa tat-talb

Dan jgħidulna Ġesù nnifsu meta jkellimna fuq il-qawwa tat-talb. Il-ħidma li nagħmlu biex inbiegħdu lil xi ħadd minn ħutna mit-triq il-ħażina, jekk irriduha tirnexxi, irridu nsieħbuha mat-talb lil Alla: u wisq aktar tirnexxi jekk it-talb tagħna jkun imsieħeb ukoll bit-talb ta' l-oħrajn, u aktar u aktar jekk imwettaq mit-talb tal-Knisja kollha.

Il-Knisja ma tieqaf qatt titlob għall-konverżjoni tal-midinbin; f'kull Quddiesa titlob 'l Alla biex iħenn għalina u jaħfrilna dnubietna, għax fl-aħħar mill-aħħar aħna lkoll midinbin; imbagħad hemm dawk ir-reliġjużi klawstrali li ma jieqfu qatt mit-talb tagħhom għall-midinbin, u l-qawwa ta' dan it-talb narawh mill-ħajja ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù: mill-kunvent fejn kienet tgħix bħala soru tereżjana klawstrali, semgħet b'wieħed qattiel ikkundannat għall-mewt li l-bl-ebda mod ma rid jagħmel ħbieb ma' Alla; ħennet għalih u talbet għall-konverżjoni tiegħu, u l-Mulej ta l-grazzja li talbitu u dak il-midneb resaq għall-mewt ħabib ma' Alla li ħalqu.

Aħna wkoll fid-dmir li ngħinu lil ħutna li jinsabu f'xi tiġrib nistgħu nkunu żguri li jekk meta nippruvaw inbiegħdu lil xi ħadd li nafu minn triq ħażina u ma nafdawx fil-ħila tagħna, u fil-kliem li ngħidulu, imma nafdaw biss fil-qawwa tal-grazzja ta' Alla, li nitolbuha bil-ħerqa kollha għalih, nistgħu nkunu żguri li l-grazzja tal-konverżjoni tingħata lill-midneb u dan mhux bil-ħila tagħna imma b'don mill-Ispirtu s-Santu. Kemm-il darba l-kelma t-tajba li ngħidu lil xi ħadd biex jerġa' lura mit-triq tad-dnub ittir mar-riħ għax inkunu qed nafdaw iżżejjed fil-ħila tagħna, u ninsew nitolbu l-għajnuna ta' Alla għall-konverżjoni tal-midneb.

Għalkemm il-Knisja tħeġġiġna għal talb aktar fit-tul u aktar ħerqan fil-ġranet qawwija tas-sena liturġika, it-talb qatt ma għandu jonqos f'ħajjitna: jekk tassew inħobbu lil ħutna, jekk tassew ngħożżu x-xirka ta' mħabba li torbot flimkien lil dawk li huma ta' Kristu, ma għandniex qatt nieqfu mit-talb, mimlijin fiduċja fi kliem il-Mulej li qalilna: "Itolbu u taqilgħu, ħabbtu u jiftħulkom, fittxu u ssibu".